ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea — C 132

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — Volum 54 — 3 ta' Mejju 2011

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

**L-470 sessjoni plenarja fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011**

2011/C 132/01 — Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Is-sitwazzjoni fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran" ........ 1

OPINJONIJIET

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

**L-470 sessjoni plenarja fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011**

2011/C 132/02 — Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-konsumaturi u l-possibbiltajiet transkonfinali fis-suq intern" *(Opinjoni esploratorja fuq talba tal-Presidenza Ungeriża)* ........ 3

2011/C 132/03 — Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Futur tal-Fond Soċjali Ewropew wara l-2013" *(opinjoni esploratorja)* ........ 8

2011/C 132/04 — Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-provvista tal-enerġija: x'tip ta' politika ta' viċinat għandna bżonn biex niggarantixxu s-sigurtà tal-provvista għall-UE?" *(opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Ungeriża)* ........ 15

MT

**Prezz: EUR 7**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

2011/C 132/05 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Postijiet tax-xogħol innovattivi bħala sorsi ta’ produttività u ta’ impjiegi ta’ kwalità tajba” (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) ..................... 22

III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

**L-470 sessjoni plenarja fil-15 u s-16 ta’ Marzu 2011**

2011/C 132/06 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi” *COM(2011) 11 finali* ............................. 26

2011/C 132/07 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 – Unjoni tal-Innovazzjoni” *COM(2010) 546 finali* ................. 39

2011/C 132/08 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Lejn Att dwar is-Suq Uniku – Għal ekonomija tas-suq kompetittiva ħafna – 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma’ xulxin” *COM(2010) 608 finali* .................................. 47

2011/C 132/09 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/25/KE għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-istadji tal-emissjonijiet għal tratturi b’karreġġjata dejqa” *COM(2011) 1 finali – 2011/0002 (COD)* ... 53

2011/C 132/10 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni Żgħażagħ mobbli Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażagħ biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea” *COM(2010) 477 finali* ....................................... 55

2011/C 132/11 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-PAK fid-dawl tas-sena 2020: Nindirizzaw l-isfidi tal-futur fl-ambitu tal-ikel, tar-riżorsi naturali u dak territorjali” *COM(2010) 672 finali* ............................................................ 63

2011/C 132/12 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament (KE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-fosfati u komposti ta’ fosfru oħra fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ” *COM(2010) 597 finali – 2010/0298 (COD)* ........................................................................ 71

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta’ wara minn ġewwa)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## L-470 SESSJONI PLENARJA FIL-15 U S-16 TA' MARZU 2011

### Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Is-sitwazzjoni fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran"

(2011/C 132/01)

Matul is-sessjoni plenarja tal-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu 2011), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din ir-riżoluzzjoni b'149 vot favur, 11-il vot kontra u 10 astensjonijiet.

1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-popli tal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran li qed jissieltu b'mod paċifiku għad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tagħhom, u jappoġġja l-għan leġittimu tagħhom li jwaqqfu demokraziji stabbli fil-pajjiżi tagħhom.

2. Il-KESE jitlob li tintemm kull vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili u jirrispettaw ix-xewqa tan-nies għal transizzjoni demokratika u għad-dritt tagħhom għal-libertà tal-kelma u li jipprotestaw b'mod paċifiku.

3. Il-KESE jappella għal transizzjoni paċifika u demokratika, mingħajr skużi, li twassal għall-istat tad-dritt, għal demokrazija stabbli bbażata fuq elezzjonijiet ħielsa u ġusti, għad-dritt sħiħ ta' assoċjazzjoni u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

4. F'dan il-mument storiku, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, tal-ħaddiema u ta' rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fl-oqsma soċjoekonomiċi, ċivili, professjonali u kulturali b'vokazzjoni demokratika ċara – antiki jew li twaqqfu reċentement – fil-pajjiżi tal-Mediterran qegħdin jassumu rwol fundamentali biex jinbidlu r-reġimi politiċi u qegħdin jintalbu jaqdu rwol fundamentali fil-ġejjieni ta' pajjiżhom. Sabiex it-transizzjoni twassal għal sistemi totalment demokratiċi, ser ikun essenzjali li jitwaqqaf djalogu kostruttiv u li jħalli l-frott bejn dawn l-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet politiċi li jmexxu l-proċessi ta' transizzjoni. Ser ikun tal-istess importanza wkoll il-kontribut mis-soċjetà ċivili għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet ta' viċinat, inklużi l-kuntatti diretti bejn il-popli.

5. Il-KESE jilqa' d-dikjarazzjonijiet reċenti tar-Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera favur dawn il-proċessi demokratiċi u s-sejħa għal pjan ta' għajnuna umanitarja għar-reġjun. Barra minn hekk, il-KESE jitlob impenn Ewropew ċar, kif jinsab inkluż f'dawn id-dikjarazzjonijiet, mas-soċjetà ċivili fir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran. Is-servizz estern tal-UE wera li diġà qed jieħu passi biex dan l-impenn politiku jkun effettiv. Min-naħa tiegħu, il-KESE huwa lest li jsostni dan l-impenn politiku permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità, l-appoġġ għat-trawwim tal-kunsens u għall-iżvilupp mis-soċjetà ċivili tad-diversi pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran, u ta' djalogu strutturat u rappreżentattiv. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li jiġi żviluppat dan l-approċċ il-ġdid: l-irvelli ċivili fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran joħorġu fid-dieher b'mod ċar id-dgħufijiet tal-politika tar-relazzjonijiet esterni tal-UE li twettqet sal-lum il-ġurnata fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi.

6. Għal dan il-għan, il-KESE qiegħed ikun disponibbli għall-kuntatti li diġà huma eżistenti u għal dawk ġodda, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, tal-ħaddiema u l-organizzazzjonijiet l-oħra tas-soċjetà ċivili li għandhom rabtiet mal-kontropartijiet tas-soċjetà ċivili Ewropea, u l-Pjattaforma Mhux Governattiva Ewro-Mediterranja. Il-KESE qed jimmira għal azzjonijiet konġunti fir-reġjun favur transizzjoni paċifika lejn id-demokrazija.

7. Il-KESE jappella għall-involviment tal-forzi demokratiċi kollha fil-proċess ta' transizzjoni. L-involviment tal-organizzazzjonijiet demokratiċi u indipendenti ta' min iħaddem, tal-ħaddiema u ta' organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, ser ikun essenzjali matul il-fażi ta' transizzjoni.

8. Il-KESE jappella biex l-UE tieħu miżuri ambizzjużi, li jirrevedu l-missjoni tal-Unjoni għall-Mediterran, biex tipprovdi assistenza politika u istituzzjonali, ekonomika, soċjali, teknika u umanitarja lill-pajjiżi tal-Mediterran li diġà qegħdin fit-triq lejn it-transizzjoni demokratika. Il-KESE jiddispjaċih li hemm nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet. Għalhekk iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom fir-reġjun u sabiex iġeddu profondament l-istrateġija tagħhom lejn il-Mediterran. F'dan l-approċċ il-ġdid, l-appoġġ tas-soċjetà ċivili għandu jkun komponent strateġiku sabiex jiġi żgurat li l-appoġġ tal-UE għall-pajjiżi tar-reġjun iwassal għall-ogħla benefiċċji possibbli. Kemm il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, kif ukoll il-Kumitat tar-Reġjuni (KtR), huma lesti li jiġu involuti f'dawn l-azzjonijiet.

9. Il-KESE u l-KtR qablu li jgħaqqdu l-azzjonijiet futuri tagħhom, fir-rigward tal-proċessi ta' transizzjoni demokratika fil-pajjiżi tax-xatt tan-Nofsinhar tal-Mediterran. Il-KESE u l-KtR jappellaw għal pjan ta' azzjoni konġunt mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, li jistabbilixxi kif kull wieħed u waħda minnhom għandhom jikkontribwixxu għal politika ġenerali tal-UE fir-reġjun.

10. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjoni l-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tal-11 ta' Marzu li jappoġġjaw l-iżvilupp demokratiku, ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi tal-Mediterran.

11. Il-KESE jitlob lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex jaħdmu b'ħeffa u b'mod effettiv favur intervent koordinat immirat tal-komunità internazzjonali fil-Libja bil-għan li jiġu provduti s-sigurtà lill-popolazzjoni, għajnuna umanitarja u l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi appoġġjata t-transizzjoni lejn id-demokrazija.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

# OPINJONIJIET

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## L-470 SESSJONI PLENARJA FIL-15 U S-16 TA' MARZU 2011

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-konsumaturi u l-possibbiltajiet transkonfinali fis-suq intern"

*(Opinjoni esploratorja fuq talba tal-Presidenza Ungeriża)*

(2011/C 132/02)

Relatur: **Is-Sur PEGADO LIZ**

F'ittra tal-15 ta' Novembru 2010, is-Sur Péter Györkös, f'isem il-Presidenza Ungeriża tal-Kunsill, talab lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iħejji opinjoni esploratorja dwar

*Il-konsumaturi u l-possibbiltajiet transkonfinali fis-suq intern.*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-4 ta' Marzu 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'175 vot favur, 2 voti kontra u 8 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet għall-attenzjoni tal-Presidenza Ungeriża**

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jirringrazzja lill-Presidenza Ungeriża talli tatu l-opportunità jħejji opinjoni dwar il-kwistjonijiet prinċipali relatati mal-iżviluppi tal-possibbiltajiet tal-konsumaturi Ewropej fil-kuntest tas-suq intern u b'hekk jikkontribwixxi għall-ħidmiet tal-Presidenza tal-UE matul l-ewwel sitt xhur tal-2011.

1.2 Il-KESE jqis indispensabbli li terġa' titnieda d-diskussjoni fuq il-bażi ta' approċċ ġdid tal-politika tal-konsumaturi sal-2030 u jixtieq li l-Presidenza Ungeriża, l-istituzzjonijiet l-oħra u l-imsieħba soċjali jaċċettaw l-isfida.

1.3 Il-Kumitat japprezza li fl-24 ta' Jannar 2011 il-Kunsill approva approċċ komuni dwar id-drittijiet tal-konsumatur, iżda jinsab imħasseb dwar l-iżviluppi li saru wara fil-Parlament Ewropew, u għalhekk iħeġġeġ lill-Presidenza Ungeriża żżomm mal-approċċ li stabblixxa l-Kunsill, billi tiżgura li r-riżultat finali jkun jista' jerġa' jrawwem il-fiduċja tal-konsumaturi.

1.4 Fir-rigward tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-prattiki kummerċjali żleali, il-KESE jirrakkomanda lill-Presidenza Ungeriża tirrifletti aktar fuq il-problema tal-armonizzazzjoni totali sa mill-bidu tad-diskussjonijiet, wara li jitwettaq studju tal-impatt u li jitqies il-fatt li l-protezzjoni tal-konsumatur iddgħajfet b'mod konsiderevoli fl-Istati Membri li għamlu traspożizzjoni tad-Direttiva.

1.5 Fir-rigward ta' strument legali għal azzjoni kollettiva fil-livell tal-UE, il-KESE jitlob lill-Presidenza Ungeriża turi kuraġġ politiku sabiex dan l-istrument jiġi adottat mill-aktar fis possibbli, partikularment minħabba l-fatt li ħafna studji diġà wrew li dan il-proġett huwa adegwat u fattibbli.

1.6 Fir-rigward tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-vjaġġi kollox inkluż u tal-leġislazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tat-trasport bl-ajru, il-KESE jirrakkomanda lill-Presidenza Ungeriża li tindirizzahom flimkien u tiddefinixxi d-drittijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet f'każ ta' kunflitt jew ta' mġiba mhux sodisfaċenti jew qarrieqa.

1.7 Fil-kuntest tas-suq intern tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur, il-KESE jirrakkomanda lill-Presidenza Ungeriża biex tipproċedi bil-kwistjonijiet relatati mas-servizzi bankarji minimi għaċ-ċittadini Ewropej kollha, mas-sistema ta' ħlas elettroniku affidabbli u identika fl-Istati Membri kollha, mad-definizzjoni stretta tar-responsabbiltajiet tal-banek fl-għoti ta' kreditu, mas-sistema uniformi ta' assigurazzjoni fit-territorju Ewropew kollu, mal-klassifikazzjoni ta' klawżoli abbużivi u ta' prattiki kummerċjali żleali speċifiċi għas-servizzi finanzjarji, mal-komparabilità tal-ispejjeż bankarji, il-garanzija tad-depożiti, u mal-obbligu li jiġi pprovdut parir dwar is-servizzi finanzjarji kumplessi. It-tisħiħ tas-superviżjoni finanzjarja huwa l-minimu li għandu jsir fid-dawl tal-kriżi finanzjarja li għadha għaddejja.

1.8 Fil-kuntest tal-Aġenda Diġitali, il-Presidenza Ungeriża ser tintalab tieħu deċiżjonijiet urġenti fir-rigward ta' definizzjoni preċiża tad-drittijiet fundamentali tal-konsumaturi fid-dinja diġitali u tar-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar il-protezzjoni tad-data u l-protezzjoni tad-dritt tal-awtur fil-qasam diġitali.

1.9 Fl-aħħar nett, dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-Trattat u tal-Karta tad-drittijiet fundamentali dwar is-servizzi ta' interess ġenerali (SIĠ), il-KESE jappella lill-Presidenza Ungeriża biex issegwi b'mod attiv it-triq li nfetħet permezz tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 u s-7 ta' Diċembru 2010 b'mod li s-SIĠ ma jintesewx fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija 2020.

1.10 B'mod partikulari, il-Presidenza Ungeriża qajmet il-każ tal-kummerċ transkonfinali lokali, fejn s'issa ma sar l-ebda studju biex jiġu analizzati l-konsegwenzi fl-Istati Membri. L-ewwel rakkomandazzjoni tal-KESE lill-Presidenza Ungeriża hija li titlob lill-Kummissjoni għal analiżi statistika preċiża ta' dawn it-transazzjonijiet, u mbagħad li tikkummissjona l-istudji neċessarji biex jiġi determinat jekk dan it-tip ta' kummerċ huwiex ta' natura speċifika li jeħtieġlu approċċ legali fil-livell Ewropew. Fl-aħħar għandhom jiġu evalwati l-bżonnijiet tal-konsumaturi f'dan it-tip ta' kummerċ (informazzjoni, lingwa tal-kuntratti, komparabilità tal-prezzijiet jekk waħda mill-valuti mhix l-euro, rati tal-kambju, kummissjonijiet u imposti bankarji, eċċ.) kif ukoll l-aħjar mod biex jintlaħqu dawn il-bżonnijiet fil-livell lokali.

## 2. Introduzzjoni

2.1 Il-KESE jinsab kuntent li l-Presidenza Ungeriża talbitu opinjoni esploratorja fuq wieħed mis-suġġetti li għandu għal qalbu u li indirizza ta' spiss f'dawn l-aħħar għoxrin sena. Fil-fatt, fl-opinjoni tiegħu fuq inizjattiva proprja tas-7 ta' Novembru 1995 dwar "Is-suq uniku u l-protezzjoni tal-konsumaturi: opportunitajiet u ostakli" [1], il-KESE pprovda sommarju tal-opinjonijiet preċedenti kollha li diġà indirizzaw is-suġġett, filwaqt li ddiskuta din il-problema u t-tħassib prinċipali kif ukoll l-ostakli u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-konsumaturi biex jibbenefikaw bis-sħiħ mis-suq uniku. Sfortunatament, il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet li tqajmu f'dik l-opinjoni għadhom attwali llum.

2.2 It-twettiq tas-suq uniku, wieħed mill-akbar proġetti strateġiċi għall-Ewropa, imniedi minn Jacques Delors b'data preċiża għall-ksib tiegħu, għadu għaddej, minkejja li għaddew aktar minn 30 sena, u l-pubblikazzjoni reċenti ta' "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" juri dan il-fatt. Il-Kumitat minn dejjem wera li kien favur suq uniku li jkun strument għall-benefiċċju taċ-ċittadin-konsumatur. Barra minn hekk, għadha trid tiġi adottata politika Ewropa tal-konsumatur li tkun ċara, koerenti u kompleta.

2.3 It-talba tal-Presidenza Ungeriża, li l-KESE huwa onorat li rċeviha, għalhekk hija totalment ġustifikata u tippermettilu jikkontribwixxi għall-ħidma prevista fil-kuntest tal-Programm tal-Kummissjoni għall-ewwel sitt xhur tal-2011, b'konformità mal-ħidma mwettqa mill-aħħar Presidenzi, b'mod partikulari mill-Presidenza Belġjana.

2.4 Din l-opinjoni esploratorja ser tkun ta' opportunità għall-KESE biex jagħti tislima lill-membru Ungeriż, is-Sur István Garai, direttur ta' assoċjazzjoni Ungeriża prestiġġjuża tal-konsumaturi, difensur kbir tal-interessi u d-drittijiet tal-konsumaturi u relatur ta' opinjonijiet importanti f'dan il-qasam, li miet fl-2008 waqt li kien għadu bil-kariga.

## 3. Għan prinċipali

3.1 Presidenza waħda mhix twila biżżejjed biex tħejji l-linji gwida ta' kwalunkwe politika b'mod trasparenti u parteċipattiv, biex twettaq l-evalwazzjoni minn qabel tal-impatt tagħha, biex il-politika tiġi adottata b'mod demokratiku mill-istituzzjonijiet tal-UE, biex tiġi implimentata mill-Istati Membri u biex wara titwettaq evalwazzjoni tagħha.

3.2 Il-programmi strateġiċi ta' ħames snin, li fil-maġġoranza jkunu influwenzati minn raġunijiet purament ekonomiċi, ukoll mhumiex biżżejjed jekk dawn ma jiffurmawx parti minn politika aktar wiesgħa. L-Istrateġija 2007-2013, adottata fit-13 ta' Lulju 2007 u li qiegħda tiġi implimentata, hija eżempju tajjeb ta' dak li l-KESE kkritika diġà.

3.3 L-Istrateġija 2020 nnifisha għandha tiffoka prinċipalment fuq il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-konsumaturi, iżda bħalissa dan mhuwiex il-każ.

3.4 L-uniku abbozz ta' approċċ politiku ta' dan it-tip imur lura għall-1985, bit-titolu "Impetu Ġdid", imniedi minn Jacques Delors, li ttieħed u ġie żviluppat mill-Kummissarju Emma Bonino (1995-1999). Madankollu, minħabba nuqqas ta' rieda politika u apparti xi azzjonijiet simboliċi, l-għanijiet previsti ma ntlaħqux.

[1] ĠU C 39 tat-12.2.1996, p. 55.

3.5 L-isfida l-aktar ambizzjuża għal presidenza tal-UE tikkonsisti f'li jinxteħtu l-pedamenti u l-linji gwida ta' politika li tippromovi u tipproteġi l-konsumaturi sal-2030, fuq l-eżempju tar-rapport Gonzalez, iżda fl-istess hin irid jiġi rikonoxxut li diġà ninsabu tard fir-rigward ta' inizjattivi strateġiċi oħra, bħall-Istrateġija 2020, Lejn Att dwar is-Suq Uniku, Regolamentazzjoni Intelliġenti, eċċ.

3.6 Il-linji prinċipali ta' din il-politika fuq il-perjodu medju u fit-tul huma:

a) Tiġi sfidata u definita mill-ġdid il-bażi legali prevista fit-Trattat (Artikolu 169, fid-dawl tal-Artikolu 12 TFUE) ([2]);

b) Il-politika tal-konsumaturi titqiegħed fil-qalba tal-politiki tal-UE bħala politika ta' ċittadinanza, waqt li ssir il-fulkru u l-benefiċjarja aħħarija tal-politiki l-oħra kollha;

c) Jerġgħu jiġu definiti, fid-dawl ta' dan l-approċċ ġdid, id-drittijiet tal-konsumaturi, waqt li ssir referenza b'mod sistematiku għat-Trattati u għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

d) Tiġi enfasizzata n-natura orizzontali tal-politika tal-konsumaturi, bil-konsegwenzi kollha li ġġib magħha, waqt li tiġi garantita l-effiċjenza ta' din it-trasversalità, fis-servizzi interni tal-Kummissjoni, fir-relazzjonijiet tagħha mal-istituzzjonijiet l-oħra kif ukoll fil-livelli kollha tal-Istati Membri;

e) Issir kodifikazzjoni ġenwina tal-liġi Komunitarja tal-konsum, waqt li jittieħed vantaġġ mill-ħidma akkademika eċċellenti li saret fil-kuntest tal-Qafas Komuni ta' Riferiment (QKR) u jinsiltu l-konsegwenzi kollha – b'mod partikulari l-użu raġonevoli u adegwat tal-iskemi opzjonali – skont il-metodu tal-approċċ proattiv tal-liġi;

f) Jiġu aċċettati b'mod ċar u definit in-natura strumentali u r-rwol sussidjarju tal-politika tas-suq uniku, waqt li, mingħajr ambigwità, dan jitqiegħed għas-servizz taċ-ċittadini bħala konsumaturi, bħala l-benefiċjarji finali;

g) Jiġu definiti prinċipji komuni għall-organizzazzjoni u r-rappreżentazzjoni parteċipattiva tal-konsumaturi fl-UE, bħala fattur indispensabbli u deċiżiv għall-implimentazzjoni tal-politiki li jikkonċernawhom.

3.7 Dan l-aħħar punt jisthoqqlu attenzjoni partikulari, peress li ma ġiex diskuss b'mod sistematiku fil-livell Ewropew. Fil-fatt, kemm l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri responsabbli mill-protezzjoni tal-konsumaturi, kif ukoll l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet li jiddefendu l-konsumaturi, ilhom jitolbu għal definizzjoni tal-prinċipji ġenerali u tal-linji gwida għall-organizzazzjoni u r-rappreżentazzjoni parteċipattiva tal-konsumaturi. Approċċ sistematiku skont prinċipji uniformi għar-rappreżentazzjoni tal-konsumaturi fl-Istati Membri kollha, b'mod partikulari fost ir-regolaturi tas-setturi differenti, jikkontribwixxi kemm għall-kredibilità tal-organizzazzjonijiet ikkonċernati kif ukoll għall-effiċjenza tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

## 4. **Xi kwistjonijiet ta' attwalità fil-qasam tal-politika tal-protezzjoni tal-konsumaturi**

4.1 F'suq uniku totalment komplut, il-konsumatur għandu jkun jista' jeżerċita b'mod sħiħ id-drittijiet li għandu skont l-"acquis communautaire" ikun fejn ikun fl-UE, u dan bl-istess kundizzjonijiet ta' pajjiżu. Madankollu, la l-politiki differenti tal-konsumaturi u lanqas l-inizjattivi attwali ma jagħtu risposta sodisfaċenti fir-rigward tal-istennijiet leġittimi tal-konsumaturi.

4.2 L-aġenda politika tal-Presidenza Ungeriża tinkludi għanijiet importanti li xi wħud minnhom żgur ser jitkomplew matul il-presidenzi futuri.

4.3 L-ewwel nett, fir-rigward tal-**proposta għal Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumaturi**, il-KESE kien ikkunsidra ([3]) li għandu jinbidel il-kliem tagħha sabiex jiġu indirizzati biss ċerti prinċipji fundamentali dwar id-drittijiet għall-informazzjoni u d-dritt tal-irtirar fil-każ ta' bejgħ barra l-istabbilimenti kummerċjali u bejgħ mill-bogħod u jitħassru l-punti relatati mal-klawżoli abbużivi u mal-bejgħ u l-garanziji tal-oġġetti.

4.4 Fid-dawl tal-iżvilupp tal-approċċ tal-Kummissjoni, muri mid-dikjarazzjonijiet pubbliċi reċenti tal-Kummissarju Reding, il-KESE jinnota li fl-24 ta' Jannar li għadda, il-Kunsill adotta pożizzjoni konformi eżattament mal-opinjoni tiegħu, u jilqa' b'ferħ dan il-fatt. Minkejja dan, fid-dawl tal-iżviluppi riċenti dwar din il-kwistjoni fil-PE, tal-pożizzjoni kontradittorja li ħadu l-Kumitati IMCO u JURI u tal-konklużjoni skedata għax-xhur li ġejjin, il-KESE jħeġġeġ lill-Presidenza Ungeriża żżomm sod mal-approċċ li stabbilixxa l-Kunsill AGRI f'Jannar, waqt li tikkoordinah b'mod realistiku mal-Qafas Komuni ta' Riferiment (QKR) tal-ġejjieni għall-kuntratti Ewropej, kif rakkomandat fl-opinjoni tal-KESE ([4])

4.5 Fir-rigward tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-prattiċi kummerċjali żleali, il-KESE jinnota li t-traspożizzjoni bil-mod tagħha fil-maġġoranza tal-Istati Membri kellha konsegwenzi gravi, bħalma kien ippreveda fl-opinjoni tiegħu ([5]). Anke l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-istess fehma.

([2]) ĠU C 185 tat-8.8.2006 p. 71.

([3]) ĠU C 317 tat-23.12.2009, p.9.

([4]) ĠU C 84 tat-17.3.2011, p.1.

([5]) ĠU C 108 tat-30.4.2004, p. 81

4.6 Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda lill-Presidenza Ungeriża sabiex, abbażi tal-istudji li juru li fl-Istati Membri li għamlu traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-prattiki żleali l-livell tal-protezzjoni tal-konsumaturi ddgħajjef b'mod konsiderevoli u kien hemm konsegwenzi fil-qasam tal-kompetizzjoni, taħdem biex issir aktar riflessjoni dwar kemm hu ġġustifikat l-użu mhux immirat tal-prinċipju tal-armonizzazzjoni totali, u dan sa millbidu tad-diskussjonijiet dwar ir-reviżjoni ta' din id-Direttiva.

4.7 Fir-rigward ta' **strument legali għal azzjoni kollettiva fil-livell Komunitarju**, il-KESE jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li terġa' tniedi d-dibattitu permezz ta' konsultazzjoni ġdida tal-partijiet interessati, iżda jistaqsi lilu nnifsu jekk teżistix rieda politika ġenwina biex jinkiseb riżultat konkret, wara tletin sena ta' dibattiti, konsultazzjonijiet, rapporti, opinjonijiet, Green Papers u White Papers, komunikazzjonijiet u riżoluzzjonijiet, studji, konferenzi u simpożji ta' kull tip.

4.8 F'diversi opinjonijiet, kemm antiki kif ukoll reċenti, il-KESE adotta pożizzjoni ċara ħafna favur strument legali Ewropew li jippermetti lill-konsumaturi li jħossuhom vittmi ta' preġudizzju kollettiv biex flimkien ifittxu rimedju legali għad-danni. Strument ta' dan it-tip ikun totalment konformi mal-liġi ġudizzjarja Ewropea u għandu jippermetti l-ħlas għad-danni kollettivi materjali u/jew morali (sistema opt-out) ikkawżati lill-konsumaturi minn kwalunkwe Stat Membru, u dan bl-istess kundizzjonijiet. Jekk il-Presidenza Ungeriża tadotta din il-pożizzjoni, il-konsumaturi, kif ukoll benefiċjarji oħra tad-drittijiet kollettivi, jistgħu jibbenefikaw immensament, u minn dan igawdu wkoll it-twettiq tas-suq uniku u l-kompetizzjoni ġusta.

4.9 Fir-rigward tar-reviżjoni tad-**Direttiva dwar il-vjaġġi kollox inkluż**, il-KESE għadu ma ntalabx iħejji opinjoni dwarha. Il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta proposta fil-bidu tal-2011 u diġà bdiet tiġbor l-ideat għar-reviżjoni eventwali tal-leġislazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġieri tat-trasport bl-ajru.

4.10 Mingħajr ma jesprimi opinjonijiet antiċipati fuq dawn iż-żewġ suġġetti, il-KESE jirrakkomanda lill-Presidenza Ungeriża li tindirizzahom flimkien sabiex jiġi garantit approċċ koerenti, jiġi estiż l-ambitu ta' applikazzjoni tad-Direttiva għall-kuntratti ta' servizzi tat-trasport individwali jew kollettiv, b'servizzi assoċjati jew mingħajrhom u jiġu definiti d-drittijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet f'każ ta' kunflitt jew ta' mġiba mhux sodisfaċenti jew qarrieqa. Barra minn hekk, il-klawżoli abbużivi u l-prattiki kummerċjali żleali speċifiċi f'dan is-settur għandhom jingħataw attenzjoni partikulari. Il-konsegwenzi tal-fallimenti tal-aġenziji, it-tour operators, u l-kumpaniji tal-ajru wkoll jistħoqqilhom qafas regolatorju strett ħafna.

4.11 It-twettiq tas-**suq intern fis-servizzi finanzjarji għall-konsumatur** mexa ftit 'il quddiem – nistgħu nfakkru d-Direttiva SEPA, wara l-adozzjoni tal-Euro, id-Direttiva MiFID, id-Direttiva CAD, kif ukoll il-proposti reċenti tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2010 dwar is-sistemi ta' garanzija tad-depożiti u s-sistemi ta' kumpens tal-investituri ([6]) – iżda għad fadal ħafna xi jsir: m'hemmx direzzjoni politika globali kapaċi tippermetti lill-konsumaturi u lill-SMEs jibbenefikaw mis-suq uniku. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni identifikat is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur bħala settur fejn il-konsumaturi jiffaċċjaw numru sinifikanti ta' problemi ([7]).

4.12 Dan huwa qasam fejn il-KESE ntalab jesprimi ruħu diversi drabi kemm fil-kuntest ta' konsultazzjoni kif ukoll ta' opinjonijiet fuq inizjattiva proprja, iżda għad iridu jinstabu soluzzjonijiet dejjiema, prattiċi u effiċjenti. Xi eżempji li nistgħu nfakkru jinkludu l-kreditu responsabbli u d-dejn żejjed ([8]) li għalihom id-Direttiva dwar il-kreditu lill-konsumaturi ma kinitx kapaċi tipprovdi risposti; il-fallimenti tal-proposti dwar il-kreditu ipotekarju minkejja li l-idea li jiġi armonizzat ilha aċċettata ħafna; il-fraġilità tad-dispożizzjonijiet relatati mal-ħlas transkonfinali u mal-użu tal-karti tad-debitu/kreditu; in-nuqqas ta' ċaqliq reali tal-kontijiet bankarji u tas-servizzi bankarji minimi universali; id-dgħufija tal-istandards biex jiġu ffaċċjati l-kriżijiet finanzjarji u jiġi assigurat kumpens immedjat għat-telf u għad-danni tal-klijenti tal-banek.

4.13 Il-kriżi ekonomika u finanzjarja għad għandha impatt serju fuq il-konsumaturi u l-investituri żgħar. Għalhekk, miżuri prattiċi bħall-ħolqien ta' kont bankarju universali, servizzi bankarji minimi għaċ-ċittadini Ewropej kollha, sistema ta' ħlas elettroniku affidabbli u identika fl-Istati Membri kollha, definizzjoni stretta tar-responsabbiltajiet tal-banek fl-għoti ta' kreditu, kollha jistgħu jkunu soluzzjonijiet possibbli, mingħajr ma jintesew sistema uniformi ta' assigurazzjoni fit-territorju Ewropew kollu, klassifikazzjoni ta' klawżoli abbużivi u ta' prattiki kummerċjali żleali speċifiċi għas-servizzi finanzjarji, il-komparabilità tal-imposti bankarji u l-obbligu msaħħaħ li jiġi pprovdut parir dwar is-servizzi finanzjarji kumplessi. Barra minn hekk, is-superviżjoni finanzjarja għandha tkun orjentata lejn il-bżonnijiet tal-konsumaturi u għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi li jsolvu t-tilwim u jipprovdu kumpens f'każ ta' telf jew ta' danni jekk is-sistemi finanzjarji (banek u assigurazzjonijiet) ma jiffunzjonawx tajjeb.

4.14 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ tal-Kummissjoni lejn id-**drittijiet tal-konsumaturi fl-ambjent diġitali**, muri mill-"Aġenda Diġitali" fil-kuntest tal-Istrateġija 2020 ([9]), iżda għad fadal ħafna xi jsir biex kulħadd igawdi minn servizz universali fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet u l-informazzjoni. L-adozzjoni rapida ta' komunikazzjoni ġdida tal-Kummissjoni tintlaqa' tajjeb u tkun l-opportunità għall-Presidenza Ungeriża li tadotta pożizzjoni deċiżiva fir-rigward tan-newtralità tal-Internet u l-inklużjoni tal-broadband bħala parti mis-servizz universali, kif diġà talab il-KESE fil-passat.

([6]) COM(2010) 368 finali.
([7]) SEC(2009)1251 finali tat-22.09.2009.
([8]) ĠU C 149 tal-21.6.2002, p. 1-4.
([9]) ĠU C 54 tad-19.2.2011, p. 58.

4.15 Il-KESE għandu interess partikulari fir-rikonoxximent u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi fl-ambjent diġitali b'mod ġenerali u mhux biss fil-kuntest tal-kummerċ elettroniku. Jeħtieġ li malajr kemm jista' jkun mhux biss tiġi prevista r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-aspetti legali tal-kummerċ elettroniku, iżda li jinstabu wkoll is-soluzzjonijiet għall-problema tal-iżvilupp dgħajjef ta' dan il-kummerċ.

4.16 Il-Presidenza Ungeriża ser tintalab tieħu deċiżjonijiet urġenti fir-rigward ta' definizzjoni preċiża tad-drittijiet fundamentali tal-konsumaturi fid-dinja diġitali kif ukoll tar-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar il-protezzjoni tad-data, u l-protezzjoni tad-dritt tal-awtur, fil-qasam diġitali.

4.17 Fl-aħħar, il-KESE jappella bil-qawwi biex il-Presidenza Ungeriża tagħti segwitu lill-Konklużjonijiet tal-Kunsill EPSCO tas-6 u s-7 ta' Diċembru 2010 dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, sabiex ir-rakkomandazzjonijiet tat-Tielet Forum dwar is-Servizzi Soċjali ta' Interess Ġenerali organizzat mill-Presidenza Belġjana tas-26 u s-27 ta' Ottubru jitqiesu b'mod sħiħ u li b'hekk tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-Trattat ta' Lisbona u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali dwar is-servizzi ta' interess ġenerali.

## 5. **Il-każ partikulari tal-kummerċ transkonfinali lokali**

5.1 Il-Presidenza Ungeriża talbet lill-KESE għal opinjoni dwar kwistjoni li minkejja li hi importanti għadha ma ġietx studjata fil-fond fil-livell Komunitarju. Din hija l-kummerċ transkonfinali lokali, jiġifieri x-xiri tal-oġġetti u s-servizzi mill-konsumaturi fuq kull naħa tal-fruntieri ġeografiċi ta' pajjiżhom, kemm bejn l-Istati Membri tal-UE, kif ukoll ma' pajjiżi terzi.

5.2 Xi Stati Membri diġà kienu studjaw dan il-fenomenu, ħafna qabel ma ġie introdott l-euro, sabiex jidentifikaw it-tip ta' skambji, il-fluss tal-muniti u tal-prezzijiet u l-konsegwenzi tagħhom fuq ir-reġjuni transkonfinali u fuq il-kompetizzjoni, eċċ.

5.3 Madankollu, l-ebda studju fil-livell Ewropew ma jippermetti li jiġu evalwati l-kwantità u l-konsegwenzi tat-transazzjonijiet interreġjonali transkonfinali għall-Istati Membri. Fil-fatt, la l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1991 ([10]), la l-Green Paper dwar il-kummerċ tal-1996 ([11]) u lanqas il-White Paper tal-1999 ([12]) ma jsemmu dan it-tip ta' kummerċ. Għalhekk, l-ewwel ħaġa li l-Kummissjoni għandha tintalab hija klassifikazzjoni u analiżi statistika preċiża ta' dawn it-transazzjonijiet.

5.4 Madankollu, fil-bidu tas-snin 90, il-Kummissjoni u numru ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-konsumaturi ħolqu netwerk ta' ċentri ta' informazzjoni u ta' parir bil-għan li jassistu lill-konsumaturi li jiffaċċjaw diffikultajiet fil-kummerċ transkonfinali: l-"Euroguichets." Dawn iffokaw speċjalment fuq l-informazzjoni għall-konsumaturi u kienu jinsabu fil-bliet mal-fruntieri.

5.5 Fl-2001, il-Kummissjoni nediet in-Netwerk Ekstra-Ġudizzjarju Ewropew (EEJ-Net), għas-soluzzjoni ekstraġudizzjarja tat-tilwim. Dak iż-żmien, ħdax-il Euroguichet f'disa' Stati Membri ntalbu jipprovdu parir legali lill-konsumaturi, apparti r-responsabbiltajiet tradizzjonali tagħhom.

5.6 Wara nħoloq in-Netwerk ta' Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net) attwali f'Jannar 2005 permezz tal-inkorporazzjoni tal-EEJ Net u l-Euroguichets.

5.7 Kien loġiku li ż-żewġ netwerks jingħaqdu flimkien minħabba l-introduzzjoni tal-euro u l-iżvilupp mistenni tal-kummerċ elettroniku u l-bejgħ fuq distanza. Iżda din l-inkorporazzjoni temmet il-pożizzjoni reġjonali tal-Euroguichets u l-funzjonijiet tagħhom marbuta mal-kummerċ transkonfinali lokali.

5.8 Għalhekk tqum il-mistoqsija jekk illum il-ġurnata dan it-tip ta' kummerċ għadux ta' natura speċifika li tiġġustifika azzjoni partikulari mill-Unjoni.

5.9 Għandhom jitqiesu wkoll il-bżonnijiet tal-konsumaturi f'dan it-tip ta' kummerċ (informazzjoni, lingwa tal-kuntratti, komparabilità tal-prezzijiet jekk waħda mill-valuti mhix l-Euro, rati tal-kambju, kummissjonijiet u imposti bankarji, eċċ.) kif ukoll l-aħjar mod biex dawn il-bżonnijiet jintlaħqu fil-livell lokali.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

([10]) COM 1991/0041 finali tal-11 ta' Marzu 1991.
([11]) COM(96) 530 finali tal-20 ta' Novembru 1996.
([12]) COM(99) 6 finali tas-27 ta' Jannar 1999.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Futur tal-Fond Soċjali Ewropew wara l-2013"**

*(opinjoni esploratorja)*

(2011/C 132/03)

Relatur: **is-Sur VERBOVEN**

Korelatur: **is-Sur CABRA DE LUNA**

Nhar is-7 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Futur tal-Fond Soċjali Ewropew wara l-2013*

(opinjoni esploratorja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar dan is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-24 ta' Frar 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu 2011), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'172 voti favur, vot kontra u 7 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew huwa tal-fehma li:

1.1 Il-prinċipji tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll tas-solidarjetà huma stabbiliti fit-Trattat u huma tnejn mill-iktar pilastri importanti għall-integrazzjoni taċ-ċittadini u t-territorji. Għalhekk dawn il-prinċipji għandhom ikunu fil-qalba tad-dibattiti dwar il-baġit li jmiss tal-Unjoni Ewropea.

1.2 Il-politika ta' koeżjoni m'għandhiex biss telimina d-differenzi bejn ir-reġjuni iżda għandha tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali li jolqtu lil gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni billi tħeġġeġ soċjetà ċċentrata fuq l-impjieg sħiħ, l-opportunitajiet indaqs, l-integrazzjoni u l-koeżjoni soċjali, jiġifieri fuq livell iktar ġenerali, il-mudell soċjali Ewropew. Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jibqa' jkun fond strutturali li jagħmel parti mill-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni Ewropea.

1.3 Il-FSE huwa l-istrument maħsub b'mod speċifiku biex jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi u jeħtieġ li fil-futur jibqa' strument effikaċi sabiex isir investiment fir-riżorsi umani u jinkiseb livell għola ta' impjiegi ta' kwalità u ta' inklużjoni soċjali fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020. Konsegwentement, fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika attwali, il-FSE għandu jibqa' strument strateġiku u finanzjarju importanti u għandu jiġi allokat iktar riżorsi skont l-isfidi li żdiedu u li ser ikollu jiffaċċja (rati ta' qgħad għola), li għandhom jirriflettu ruħhom f'żieda fil-baġit ġenerali tal-UE b'minn tal-anqas 5,9 % b'konformità maż-żieda globali proposta mill-Kummissjoni Ewropea fil-baġit tal-UE għall-2011.

1.4 F'dan iż-żmien ta' kriżi ekonomika, id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jsaħħaħ ir-rwol tal-FSE hija partikolarment importanti. Il-politiki tas-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali għandhom ikomplu jkunu l-qafas globali tal-FSE. L-investimenti għandhom ikunu mmirati kemm fuq l-iżvilupp tar-riżorsi umani, it-titjib tal-kompetenzi kif ukoll fuq l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema li tilfu xogħolhom. Madanakollu l-prijorità għandha tingħata lill-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, it-tkabbir sostenibbli u l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà tal-gruppi soċjali vulnerabbli, fost oħrajn iż-żgħażagħ, in-nisa, il-migranti, dawk li ilhom żmien twil qiegħda, dawk li huma l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, il-persuni avvanzati fl-età, il-persuni b'diżabilità u l-minoranzi etniċi sabiex titjieb il-kompetittività tal-UE u jinkisbu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020.

1.5 Għandhom jinsiltu tagħlimiet mill-użu tal-FSE sabiex jiġi appoġġjat kemm l-irkupru kif ukoll it-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni Ewropea u dan permezz tat-titjib fl-appoġġ tal-SMEs, tal-intrapriżi żgħar ħafna (VSEs) u tal-atturi tal-ekonomija soċjali b'konformità mal-għanijiet tal-FSE kif ukoll permezz tat-titjib soċjali kemm f'termini taż-żamma u l-ħolqien tal-impjiegi ta' kwalità kif ukoll l-inklużjoni soċjali permezz tax-xogħol.

1.6 Il-FSE, bħala strument tal-UE għall-investiment fir-riżorsi umani, għandu jappoġġja t-tliet prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020: it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ. Fil-fatt l-impjieg, it-taħriġ, l-edukazzjoni, l-inklużjoni attiva u l-politiki li jappoġġjaw l-opportunitajiet indaqs huma elementi ċentrali li jsaħħu l-kapaċiajiet tan-nies bl-iżvilupp tal-għarfien u l-kwalifiki tagħhom filwaqt li jippromovu kultura tal-innovazzjoni billi jżidu l-livell tal-impjieg u jħeġġu suq tax-xogħol inkluživ.

1.7 Il-prinċipju tas-sħubija, li jinvolvi l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili organizzata, huwa l-garanzija essenzjali ta' tħaddim tajjeb tal-miżuri marbuta mal-fondi strutturali u b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew.

1.8 Huwa importanti li jinsiltu t-tagħlimiet meħtieġa mir-rwol tal-imsieħba soċjali fil-qafas tad-djalogu soċjali u mir-rwol tal-NGOs fil-qafas tas-sħubija sabiex ikunu jistgħu jiġu miġġielda l-effetti tal-kriżi u jinkisbu r-riżultati.

1.9 Il-prinċipji tas-sħubija, tan-nondiskriminazzjoni, tal-aċċessibbiltà u tal-iżvilupp sostenibbli ([1]) għandhom jinżammu u jissaħħu sabiex ikomplu jibnu fuq ir-riżultati tajbin li nkisbu matul l-aħħar perjodu ta' programmazzjoni.

1.10 Ir-regoli tal-fondi strutturali għandhom jiddefinixxu b'mod ċar il-prinċipju tas-sħubija kif ukoll il-prinċipji li ssemmew hawn fuq milli jirreferu biss għar-"regoli u l-prattiki nazzjonali attwali", u għandu jiġi definit ukoll ir-rwol ta' kull imsieħeb. Jeħtieġ li tissaħħaħ tajjeb il-pożizzjoni tal-kumitat ta' segwitu mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali kompetenti fil-qafas tal-kompiti tagħhom tal-programmazzjoni, tal-impliment-azzjoni u ta' segwitu.

1.11 Il-KESE huwa tal-fehma li għandhom jittejbu l-eval-wazzjoni, l-effiċjenza u r-riżultati tal-użu tal-fondi. Madanakollu sabiex dan ikun jista' jseħħ jeħtieġ li jiġu identifikati l-indikaturi u li jiġu stabbiliti standards kwantitattivi u kwalitattivi bħala parti minn qafas usa' li jkopri l-proċedura sħiħa ta' impliment-azzjoni tal-politika ta' koeżjoni.

1.12 Għandha tiġi żgurata l-koerenza bejn il-prijoritajiet defi-niti fid-diversi livelli: Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali.

1.13 Għandhom jissaħħu s-sinerġiji mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u fondi oħra fi ħdan liema għandhom jissaħħu l-prinċipji tas-sħubija, tan-nondiskriminazzjoni u tas-sostenibbiltà. Għandu jiġi evitat ix-xogħol doppju bejn il-FSE u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEAG) u għandha tiġi żgurata l-koerenza peress li fid-dawl tar-ristrut-turar, il-miżuri tal-FSE huma ta' prevenzjoni u tal-FEAG huma ta' natura kurattiva.

1.14 Hemm bżonn ta' titjib fl-implimentazzjoni tal-proċeduri u l-aspetti prattiċi tal-aċċess għall-finanzjament tal-FSE, l-ewwel u qabel kollox billi titnaqqas b'mod konsiderevoli l-burokrazija, billi s-sistema tal-ħlas issir iktar rapida sabiex jitnaqqas il-piż finanzjarju għal dawk li jimplimentaw il-programmi, u billi jiġu semplifikati l-proċeduri tal-fatturazzjoni u tar-regolarizzaz-zjoni tal-kontijiet, pereżempju permezz tal-lump sums.

1.15 Il-FSE li jmiss għandu jiggarantixxi biżżejjed riżorsi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 permezz ta' mezzi innovattivi ta' finanzjament ([2]) bħal pereżempju l-allo-kazzjoni diretta tal-fondi għall-interventi mmirati fl-oqsma tal-impjieg u l-inklużjoni soċjali tal-gruppi l-iktar vulnerabbli u dawk fir-riskju tal-esklużjoni.

1.16 L-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili għandhom rwol essenzjali x'jaqdu fil-proċess tar-reviżjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-FSE. Konsegwentement, fil-futur il-KESE ser jiżgura segwitu permanenti tal-użu tal-FSE u hekk kif meħtieġ ser jikkontribwixxi għat-titjib ta' dan l-element essenzjali tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jikkonsisti f'komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej, l-imsieħba soċjali u l-atturi tas-soċjetà ċivili.

## 2. Kuntest: id-dibattitu mniedi mill-Kummissjoni dwar il-ġejjieni tal-Fond Soċjali Ewropew

2.1 L-implimentazzjoni tal-programmi finanzjati mill-FSE għall-perjodu 2007-2013 waslet f'nofs it-triq.

2.2 Il-Kummissjoni preżentat il-linji gwida prinċipali tagħha dwar il-ġejjieni tal-qafas finanzjarju tal-UE fil-Komunikazzjoni dwar "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", (COM(2010) 700) u dwar il-fondi strutturali fil-"Konklużjonijiet tal-ħames rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" (COM (2010) 642).

2.3 Il-ġejjieni tal-FSE għandu jitfassal b'kunsiderazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona. B'konformità mal-Artikolu 9 l-ġdid, l-Unjoni "*għandha tieħu kont tal-ħtiġijieti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazz-joni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.*"

([1]) Hekk kif stipulat fl-Artikoli 11, 16 u 17 tar-Regolament (KE) 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond tal-Koeżjoni.

([2]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Parlamenti Nazzjonali dwar "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE" (COM(2010) 700 finali) tad-19 ta' Ottubru 2010.

2.4 L-Artikolu 175 emendat issa jkopri l-koeżjoni territorjali. Il-FSE, bħala strument finanzjarju Ewropew prinċipali maħsub biex jappoġġja r-riżorsi umani ser ikompli jikkontribwixxi sabiex tinkiseb il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali hekk kif stipulat fl-Artikolu 162 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2.5 Nhar is-17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew adotta l-qafas politiku ġdid għall-għaxar snin li ġejjin, jiġifieri l-Istrateġija Ewropa 2020. B'rabta ma' dan, l-UE impenjat ruħha sabiex tilħaq livell ta' impjieg ta' 75 % fost il-popolazzjoni ta' bejn 20 u 64 sena, li tnaqqas ir-rati ta' dawk li jħallu l-iskola qabel iż-żmien għal taħt l-10 %, li tiggarantixxi li minn tal-anqas 40 % taż-żgħażagħ ikollhom diploma minn istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja, li tnaqqas in-numru ta' nies fir-riskju tal-faqar b'20 miljun u li żżid l-investiment pubbliku u privat fir-riċerka u l-iżvilupp b'3 % tal-PDG ([3]).

2.6 Fl-2011, il-Kummissjoni ser tipproponi qafas baġitarju ġdid għal wara l-2013 li ser jiġi akkumpanjat minn proposti leġislattivi dwar il-fondi strutturali, inkluż il-FSE. Dwar dan il-Kummissjoni preżentat, nhar id-19 ta' Ottubru 2010, Komunikazzjoni intitolata "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE". Din għandha tkun l-okkażjoni sabiex il-FSE jingħata ħajja ġdida u jsiru xi tibdiliet. Għandhom jissaħħu l-viżibilità u n-natura unika tal-FSE fil-qafas baġitarju l-ġdid tal-UE.

2.7 Il-ħames rapport tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, li ġie ppublikat fl-10 ta' Novembru 2010, jippreżenta xi għażliet għall-futur politiku tal-koeżjoni.

2.8 F'dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-futur tal-FSE, ir-riflessjonijiet tnedew permezz ta' studji speċifiċi.

2.9 Min-naħa tiegħu, il-Kumitat tal-FSE adotta opinjoni nhar it-3 ta' Ġunju 2010 u l-Kummissjoni organizzat konferenzi relatati fit-23 u l-24 ta' Ġunju 2010.

2.10 Nhar is-7 ta' Ottubru 2010 il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għal opinjoni esploratorja li tanalizza l-kwistjonijiet li tqajmu fl-opinjoni tal-Kumitat tal-FSE.

2.11 Dawn ir-riflessjonijiet differenti jiffukaw fuq ħames temi:

— X'inhu l-valur miżjud tal-FSE meta mqabbel mal-valur li għandhom l-istrumenti finanzjarji nazzjonali?

— X'għandhom ikunu l-missjonijiet u l-prijoritajiet tal-FSE fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020?

— Kif jista' jiġi żgurat li l-FSE jiffoka fuq żoni ġeografiċi u fuq għanijiet partikolari?

— Kif tista' tiġi żviluppata sinerġija massima mal-fondi l-oħra, b'mod partikolari l-fondi Ewropej għall-iżvilupp reġjonali?

— Liema sistema ta' implimentazzjoni għandha tiġi stabbilita għal ġestjoni iktar effikaċi u sempliċi?

2.12 Barra minn hekk fid-dawl tat-tendenzi attwali fl-Unjoni Ewropea li jintilfu l-impjiegi, il-FSE huwa mitlub jaqdi rwol iktar prominenti fil-kuntest tal-politika tal-koeżjoni Ewropea. Huwa għalhekk li għandu jiżdiedlu l-baġit b'mod konsiderevoli, jiġifieri b'minn tal-inqas 5,9 % hekk kif ipproponiet il-Kummissjoni Ewropea għall-baġit sħiħ tal-UE għall-2011.

## 3. Osservazzjonijiet ġenerali dwar il-futur tal-Fond Soċjali Ewropew

3.1 Il-prinċipji tal-koeżjoni u tas-solidarjetà huma stabbiliti fit-Trattat u huma tnejn mill-iktar pilastri importanti għall-integrazzjoni taċ-ċittadini u t-territorji. Għalhekk dawn il-prinċipji għandhom ikunu fil-qalba tad-dibattiti dwar il-baġit li jmiss tal-Unjoni Ewropea.

3.2 It-Trattat ta' Lisbona jikkonferma mill-ġdid dawn il-prinċipji u b'konformità mal-Artikolu 174 jgħid li "Sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż tagħha in ġenerali, il-Komunità għandha tiżviluppa u tfittex li twettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha."

3.3 B'mod partikolari, it-Trattat jenfasizza li *"l-Unjoni għandha jkollha l-għan li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma anqas favoriti"*. Dan l-għan kiseb iktar importanza wara l-aħħar żewġ proċessi ta' tkabbir tal-Unjoni Ewropea.

3.4 Min-naħa l-oħra, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li saret vinkolanti wara li ġiet inkorporata fit-Trattat, tiddikjara li flimkien mal-koeżjoni territorjali, l-UE għandha tippromovi l-koeżjoni soċjali billi tiggarantixxi d-drittijiet soċjali taċ-ċittadini kollha indipendentement mir-reġjun jew in-nazzjonalità tagħhom billi tipprojbixxi d-diskriminazzjoni u tieħu azzjonijiet favur, fost kwistjonijiet oħra, l-opportunitajiet indaqs.

3.5 Il-politika ta' koeżjoni m'għandhiex biss tnaqqas id-differenzi bejn ir-reġjuni iżda għandha tippromovi wkoll, permezz ta' approċċ ibbażat fuq in-nies, soċjetà ikkaratterizzata minn impjieg sħiħ, l-opportunitajiet indaqs, l-integrazzjoni u l-koeżjoni soċjali tal-UE, jiġifieri fuq livell iktar ġenerali, il-mudell soċjali Ewropew.

([3]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010: "Ewropa 2020 – Strateġija għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010) 2020 finali).

3.6 Il-Kunsill Ewropew iddeċieda li l-fondi strutturali kienu l-istrumenti finanzjari neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Lisbona li ffukat il-ħidma tagħha fuq il-persuni l-inqas kwalifikati u dawk li jiffaċċjaw l-iktar problemi biex jaċċessaw il-politiki nazzjonali attivi tal-impjieg ([4]). F'dan il-kuntest, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) huwa l-istrument maħsub b'mod speċifiku biex jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi u jeħtieġ li fil-futur jibqa' strument effikaċi sabiex jiżgura livell għoli ta' impjiegi ta' kwalità u ta' inklużjoni soċjali fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020.

3.7 Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għandha tibqa' fiċ-ċentru tal-Istrateġija Ewropa 2020 sabiex tiżgura li l-enerġiji u l-kapaċitajiet kollha jiġu mobilizzati u jintużaw għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija. Il-fondi strutturali huma l-istrumenti ċentrali sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet tal-hekk imsejjaħ "tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" fl-Istati Membri, ir-reġjuni u t-territorji. F'dan ir-rigward, il-FSE għandu jibqa' jkun strument strateġiku u finanzjarju importanti sabiex jiżdiedu l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali.

3.8 Il-prinċipju tas-sħubija, li jinvolvi lill-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili organizzata ([5]), huwa l-garanzija essenzjali ta' tħaddim tajjeb tal-miżuri marbuta mal-fondi strutturali u b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew.

3.9 Huwa importanti li jinsiltu t-tagħlimiet meħtieġa mir-rwol tal-imsieħba soċjali fil-qafas tad-djalogu soċjali u mir-rwol tal-NGOs fil-qafas tas-sħubija sabiex ikunu jistgħu jiġu miġġielda l-effetti tal-kriżi u jinkisbu r-riżultati.

3.10 Hemm bżonn li jittejbu l-evalwazzjoni, l-effiċjenza u r-riżultati tal-użu tal-fondi. Madanakollu sabiex dan ikun jista' jseħħ jeħtieġ li jiġu identifikati l-indikaturi u li jiġu stabbiliti standards kwantitattivi u kwalitattivi bħala parti minn qafas usa' li jkopri l-proċedura sħiħa ta' implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni. Attwalment, il-proċedura tiffoka fuq li tiżgura nefqa regolari iktar milli waħda effiċjenti. Jeħtieġ li dawn iż-żewġ approċċi jiġu rikonċiljati u li l-piż amministrattiv jitnaqqas għal livell raġonevoli b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

3.11 Fil-kuntest attwali tal-kriżi ekonomika, l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi għandha terġa' titpoġġa fiċ-ċentru tal-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea u jeħtieġ li jkun hemm iktar fondi disponibbli għall-ħolqien u ż-żamma ta' iktar impjiegi u ta' impjiegi aħjar għal kulħadd. Il-politiki tas-suq tax-xogħol għandhom jibqgħu l-qafas globali tal-FSE.

3.12 Id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-kontribut tal-politika ta' koeżjoni fil-pjan tal-irkupru ekonomiku hija sinjal pożittiv. Il-fondi strutturali li jirrappreżentaw iktar minn terz tal-baġit Ewropew għandhom ikunu sors finanzjarju li permezz tiegħu jiġu ffaċjati l-isfidi fuq perjodu qasir, medju u twil.

3.13 Id-dimensjoni transnazzjonali, li hija karatteristika tal-inizjattivi ta' qabel tal-UE (b'mod partikolari EQUAL), għandha tiġi introdotta mill-ġdid bħala prinċipju fundamentali tal-politika ta' koeżjoni sabiex ma jiġix żgurat biss approċċ Ewropew iżda fuq kollox approċċ li huwa bbażat iktar fuq is-solidarjetà, b'mod partikolari minħabba l-fatt li dan l-aspett ma ġiex ikkunsidrat biżżejjed matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, b'konformità mal-approċċ transversali l-ġdid (mainstreaming). B'rabta ma' dan, jeħtieġ li terġa' tiġi introdotta l-possibbiltà li jiġu allokati l-finanzi għal proġetti Ewropej b'mod partikolari l-proġetti innovattivi li jolqtu lin-netwerks transnazzjonali.

## 4. **Osservazzjonijiet speċifiċi u proposti dwar il-kwistjonijiet indirizzati**

4.1 *Valur miżjud tal-FSE*

4.1.1 Sa minn meta nħoloq, il-FSE ta prova tal-valur miżjud tiegħu u dan jgħodd iktar u iktar issa fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u sabiex jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku fl-UE.

4.1.2 Il-FSE huwa l-fond strutturali li jolqot b'mod dirett lill-individwi: ħaddiema, qiegħda, dawk esklużi mis-soċjetà, dawk li jiffaċċjaw diffikultajiet kbar sabiex jaċċessaw is-suq tax-xogħol, żgħażagħ, persuni avvanzati fl-età u gruppi oħra ta' persuni vulnerabbli.

4.1.3 Il-FSE huwa l-istrument prinċipali li jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi. Konsegwentement dan għandu jiġi integrat b'mod konkret fil-politiki nazzjonali, reġjonali u lokali tas-suq tax-xogħol kif ukoll fl-għanijiet tal-FSE.

4.1.4 L-Ewropa għandha bżonn tinvesti mmens fir-riżorsi umani li huma valur importanti għall-kompetittività tas-soċjetà kollha. Dan l-investiment għandu jantiċipa bidliet soċjali, u fl-istess waqt, jirrispondi għall-problemi taż-żamma u l-ħolqien tal-impjiegi permezz tal-iżvilupp tal-kwalifiki u l-kompetenzi tal-ħaddiema, billi jiżdiedu l-livelli tal-produzzjoni tal-intrapriżi Ewropej u jinstabu mezzi innovattivi u iktar effikaċji tal-organizzazzjoni tax-xogħol permezz ta' investimenti ġenwini fl-iżvilupp tal-kompetenzi tal-ħaddiema, l-integrazzjoni soċjali u l-promozzjoni tal-opportuntaijiet indaqs u tal-inizjattivi tal-ekonomija soċjali.

---

([4]) Opinjoni tal-KESE dwar "L-impjieg tal-kategoriji ta' prijorità (l-Istrateġija ta' Lisbona)", ĠU C 256, 27.10.2007.

([5]) Hekk kif jistipula l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond tal-Koeżjoni.

4.1.5 F'dan iż-żmien ta' kriżi ekonomika, id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jsaħħaħ ir-rwol tal-FSE hija partikolarment importanti.

4.1.6 L-investimenti għandhom ikunu mmirati kemm fuq l-iżvilupp tar-riżorsi umani kif ukoll fuq l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema li tilfu xogħolhom fis-suq tax-xogħol u fuq il-ħolqien ta' impjiegi u tkabbir sostenibbli sabiex jiġu żgurati sinerġiji u interazzjoni bejn iż-żewġ proċessi. Konsegwentement, għandhom jitqiesu l-kontributi li l-koeżjoni soċjali effettiva ser tagħti għall-kompetittività Ewropea. Permezz tal-FSE, il-finanzjament immirat għall-integrazzjoni tal-gruppi l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol (bħal fil-każ tal-persuni b'diżabilità, iż-żgħażagħ bi problemi speċifiċi ta' impjegabilità, il-persuni avvanzati fl-età fir-riskju li jibqgħu qiegħda u oħrajn f'sitwazzjoni ta' esklużjoni soċjali) ser jikkontribwixxu b'mod sinifikanti sabiex iżidu l-kompetittività tal-UE u fil-perjodu medju sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020.

4.1.7 Il-prinċipju tas-sħubija huwa garanzija essenzjali għat-tħaddim tajjeb tal-miżuri marbuta mal-fondi strutturali.

4.1.8 Ir-regoli tal-fondi strutturali għandhom jiddefinixxu b'mod ċar il-prinċipju tas-sħubija iktar milli jirrikorru għar-regoli u l-prattiki nazzjonali attwali u r-rwol ta' kull imsieħeb għandu jiġi definit ukoll.

4.1.9 L-imsieħba, inklużi l-organizzazzjonijiet fil-qasam tal-ekonomija soċjali għandu jkollhom aċċess għall-għajnuna teknika u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom (capacity building) għandu jkompli jiżdied permezz ta' organizzazzonijiet speċifiċi għal kull settur bl-appoġġ tal-FES.

4.1.10 Jeħtieġ li jiġu implimentati sħubijiet ta' kwalità għolja li jinvolvu lill-imsieħba soċjali u lis-soċjetà ċivili organizzata f'kull fażi ta' implimentazzjoni tal-fondi, b'mod partikolari fid-dawl tar-rwol ċentrali tagħhom sabiex jilqgħu għall-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika.

4.1.11 Il-prinċipji fundamentali l-oħra sabiex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-FSE huma t-tkabbir sostenibbli għall-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-età, l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali matul l-implimentazzjoni tal-fondi kif ukoll l-aċċess għalih b'mod partikolari għall-persuni b'diżabilità jew dawk li jgħixu fil-marġni tas-soċjetà [6] .

[6] Hekk kif jistipulaw l-Artikoli 11, 16 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni.

4.2 *Il-missjonijiet u l-prijoritajiet tal-FSE fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020*

4.2.1 Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għandha tkun fil-qalba tal-Istrateġija Ewropa 2020 hekk kif tistipula d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew.

4.2.2 Il-livell ta' allinjament bejn il-FSE u l-Istrateġija Ewropa 2020 jiddependi minn kemm jeżistu jew ma jeżistux linji gwida strateġiċi sabiex il-prijoritajiet strateġiċi jinbidlu fi programmi operattivi.

4.2.3 F'dan il-qafas, il-FSE għandu jibqa' l-istrument għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi. B'rabta ma' dan, il-FSE għandu jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, element essenzjali sabiex jiġi żgurat it-tkabbir ekonomiku tal-UE. Jekk għandha tingħata prijorità lill-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-ħolqien ta' tipi oħra ta' impjiegi bħall-impjiegi ekoloġiċi fid-dawl tal-bidla fil-mudell tal-produzzjoni, kif ukoll lil tkabbir sostenibbli u inklużiv.

4.2.4 Il-FSE jirrappreżenta l-istrument finanzjarju prinċipali tal-UE għall-investiment fir-riżorsi umani b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' integrazzjoni attiva, ta' miżuri ta' attivazzjoni, ta' riċiklaġġ u ta' taħriġ avvanzat.

4.2.5 Għandhom jinsiltu tagħlimiet mill-użu tal-FSE sabiex jappoġġjaw l-irkupru ekonomiku tal-Unjoni Ewropea.

4.2.6 Dan jinvolvi miżuri u prijoritajiet bħal:

— l-appoġġ għall-inklużjoni attiva u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol b'mod partikolari taż-żgħażagħ, il-ħaddiema avvanzati fl-età, il-persuni b'diżabilità u gruppi vulnerabbli oħra bħall-migranti, kif ukoll il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

— iż-żieda fir-rata ta' impjieg tan-nisa u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fis-salarji

— it-twaqqif ta' osservatorju tas-suq tax-xogħol u l-użu ta' fondi strutturali

— it-tħeġġiġ tar-riċiklaġġ u tat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, iċċentrati fuq l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju

— it-titjib fl-appoġġ tal-SMEs, tal-VSEsu tal-atturi tal-ekonomija soċjali li jirrappreżentaw minn 80 % sa 90 % tal-qasam industrijali tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jinħolqu impjiegi ta' kwalità

— id-definizzjoni ta' "taħriġ fi żmien ta' kriżi" abbażi tad-diskussjonijiet dwar l-evoluzzjoni tas-setturi u tar-reġjuni

— id-disseminazzjoni mtejba tal-prattiki tajba bħall-investiment fix-xogħol b'ħin imnaqqas assoċjat mat-taħriġ tal-ħaddiema

— it-tisħiħ tad-djalogu soċjali permezz ta' taħriġ konġunt tal-imsieħba soċjali

— l-appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ tul il-ħajja

— l-appoġġ għall-parteċipazzjoni diretta fil-programmazzjoni, il-ġestjoni u l-evalwazzjoni tal-fondi b'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) 1083/2006 b'mod partikolari billi jkomplu jissaħħu l-kapaċitajiet (capacity building)

— l-iżgurar tal-kwalità tal-impjiegi u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol

— il-promozzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fil-post tax-xogħol

— l-iżgurar tad-disponibbiltà tas-servizzi ta' akkoljenza aċċessibbli f'termini kemm fiżiċi kif ukoll finanzjarji u t-teħid ta' miżuri biex il-persuni li jirċievu servizz miċ-ċentri tal-kura, pereżempju l-persuni b'diżabbiltà, ma jibqgħux " istituzzjonalizzati"

— il-modernizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjieg.

4.3 *Il-prijoritajiet ġeografiċi u tematiċi tal-FSE*

4.3.1 Il-fondi strutturali huma l-istrument prinċipali tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Istati Membri, li jappoġġjaw iż-żoni l-iktar żvantaġġati tal-Unjoni u l-gruppi soċjali l-iktar vulnerabbli sabiex jitnaqqsu d-differenżi soċjoekonomiċi bejn l-Istati Membri u ż-żoni territorjali differenti. Dan l-għan għandu jinżamm.

4.3.2 Barra minn hekk, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, permezz tat-tnaqqis tad-disparitajiet soċjoekonomiċi fir-reġjuni u bejn ir-reġjuni (bħall-inugwaljanżi bejn il-gruppi soċjali differenti) għandhom ikunu prijoritajiet għall-FSE li jmiss bil-għan li l-Istrateġija Ewropa 2020 tiġi implimentata b'mod effettiv. L-Istati Membri kollha għandhom problemi f'oqsma differenti. Konsegwentement, ir-reġjuni kollha li jbatu minn rata ta' qgħad li hija ogħla mill-medja komunitarja jew inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol li jolqtu lill-gruppi l-iktar vulnerabbli għandhom jibbenefikaw mill-FSE inklużi r-reġjuni bi PDG ogħla bħar-reġjuni metropolitani jew dawk konfinali.

4.3.3 Il-FSE, li huwa ffukat fuq l-impjiegi, l-iżvilupp tar-riżorsi umani u l-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali, għandu jibqa' l-istrument li jolqot b'mod dirett l-individwi u b'mod partikolari l-ħaddiema, l-persuni qiegħda, lil dawk esklużi mis-soċjetà, iż-żgħażagħ, il-persuni avvanzati fl-età u l-persuni vulnerabbli l-oħra.

4.3.4 Għandha tiġi żgurata l-koerenza bejn il-prijoritajiet definiti fid-diversi livelli: Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali.

4.3.5 Din il-koerenza għandha tiġi riflessa fil-qafas tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi

4.3.6 Kull Stat Membru għandu jiddefinixxi l-prijoritajiet u l-metodi ta' tħaddim tiegħu b'konformità mal-kundizzjonijiet u l-potenzjal speċifiku tar-reġjuni tiegħu. Il-prijorijiet għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri b'konformità mal-pjani ta' riforma nazzjonali rispettivi, il-kundizzjonijiet u l-potenzjal rispettiv tagħhom u għalhekk b'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020 u b'mod iktar speċifiku fl-oqsma li jikkonċernaw l-impjieg, it-taħriġ u l-inklużjoni soċjali.

4.3.7 Barra minn hekk għandhom jiġu studjati mekkaniżmi ta' għajnuna finanzjarja oħra bħall-allokazzjoni diretta tal-fondi għall-miżuri mmirati lejn gruppi vulnerabbli bħall-persuni b'diżabilità ([7]) sabiex il-politika ta' koeżjoni tkun orjentata lejn numru limitat ta' prijoritajiet ([8]). Il-KESE fil-passat diġà stqarr li għandu jkun hemm fondi għall-għanijiet partikolari fil-qafas tal-inklużjoni soċjali ([9]).

4.4 *Sinerġiji ma' fondi strutturali oħra*

4.4.1 Il-FSE huwa l-istrument prinċipali li jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi u dan għandu jibqa' r-rwol tiegħu.

([7]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli" – (COM(2010) 636 finali) tal-15 ta' Novembru 2010.

([8]) Opinjoni tal-KESE dwar "il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew", ĠU C 234, 22.9.2005
(mhux disponibbli bil-Malti) Opinjoni tal-KESE dwar il"Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-Politika tal-Impjiegi tal-Istati Membri (skont Artikolu 128 tat-Trattat tal-KE)", ĠU C 162, 25.6.2008, p. 92
Opinjoni tal-KESE dwar "Persuni b'diżabilità: l-impjieg u l-aċċessibbiltà fi stadji għal persuni b'diżabilità fl-UE. L-Istrateġija ta' Lisbona wara l-2010" ĠU C 354, 28.12.2010, p. 8
Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-15.11.2010 dwar Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli, COM 2010(636).

([9]) Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-Raba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali", ĠU C 120, 16.5.2008, p. 73 & 4.5.2.

4.4.2 Madanakollu, għandhom jiżdiedu s-sinerġiji mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fi ħdan liema għandhom jissaħħu l-prinċipji tas-sħubija, tal-ugwaljanza, tan-nondiskriminazzjoni u tas-sostenibbiltà, kif ukoll l-għanijiet tal-impjieg u l-inklużjoni soċjali. Għalhekk il-prinċipju tal-flessibbiltà għandu jiġi infurzat sabiex jittejbu kemm jista' jkun il-komplementaritajiet u l-koordinazzjoni bejn il-FSE, il-FEŻR u fondi oħrajn (bħall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, FAEG), sabiex b'hekk ikun hemm finanzjament għal inizjattivi komplementari, bħal dawk imfassla biex jippromovu l-aċċess għat-taħriġ professjonali għall-persuni b'diżabbiltà kif ukoll l-aċċess għall-infrastrutturi għal dan il-grupp soċjali.

4.4.3 Għandu jiġi evitat ix-xogħol doppju bejn il-FSE u l-FEAG u għandha tiġi żgurata l-koerenza peress li fid-dawl tar-ristrutturar, il-miżuri tal-FSE huma ta' prevenzjoni filwaqt li tal-FEAG huma ta' natura kurattiva.

4.5 *Sistema ta' ġestjoni*

4.5.1 Għandu jsir bosta titjib fl-implimentazzjoni tal-proċeduri u fl-aspetti prattiċi u l-aċċess għall-finanzjament tal-FSE.

4.5.2 Sabiex jiġi garantit dan it-titjib, għandu jinżamm u jissaħħaħ fil-FSE tal-futur il-prinċipju tas-sħubija. Hemm bżonn li tingħibed attenzjoni għall-fatt li l-prinċipju tas-sħubija huwa strument fundamentali għall-implimentazzjoni effettiva tal-FSE fid-dawl tal-fatt li dan jippermetti l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi addizzjonali, fattur li ser ikun importanti ħafna matul il-promozzjoni tiegħu, fil-kuntest tat-tnaqqis fl-ispiża pubblika fl-Unjoni Ewropea.

4.5.3 Dan it-titjib jikkonsisti f':

— tnaqqis konsiderevoli tal-burokrazija qabel u matul l-implimentazzjoni tal-programm operattiv, billi l-proċedura għall-aċċess tal-fondi ssir iktar flessibbli, is-sistema tal-ħlas issir iktar rapida sabiex jitnaqqas il-piż finanzjarju għal dawk li jimplimentaw il-programmi u billi jiġu semplifikati l-proċeduri tal-fatturazzjoni u tar-regolarizzazzjoni tal-kontijiet, permezz ta' pereżempju l-lump sums kif ukoll permezz tas-semplifikazzjoni tal-kontabilità għall-proġetti bbażati fuq riżultati speċifiċi iktar milli dokumenti finanzjarji;

— limitazzjoni tal-possibbiltà li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi jew kundizzjonijiet amministrattivi addizzjonali li jfixklu l-aċċess għall-fondi tal-FSE;

— tixrid aħjar tal-informazzjonali dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament billi, fost affarijiet oħra, jiġu stabbiliti standards minimi Ewropej dwar it-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-possibiltajiet ta' finanzjament fil-qafas tal-FSE, b'mod partikolari billi jiġi semplifikat il-lingwaġġ użat;

— it-titjib tat-trasparenza u l-effikaċja tal-proċeduri ta' għażla tal-proġetti li ser jiġu ffinanzjati, kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll fir-reġjuni billi jiġi żgurat li l-proġetti innovattivi jingħataw attenzjoni speċjali;

— Attenzjoni partikolari għandha tingħata wkoll lill-ambjent mibni, lit-teknoloġiji l-ġodda u lit-trasport (inklużi l-prodotti, is-servizzi u l-infrastrutturi) sabiex jitneħħew l-ostakli għall-aċċess sħiħ tal-azzjonijiet kollha kofinanzjati mill-FSE.

4.5.4 L-użu effikaċi tal-fondi għandu jiġi żgurat u evalwat f'termini ta' riżultati kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi.

4.5.5 Jeħtieġ li jiġu definiti l-indikaturi marbuta mal-finanzjament.

4.5.6 L-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili għandhom rwol essenzjali x'jaqdu f'dan il-proċess.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-provvista tal-enerġija: x'tip ta' politika ta' viċinat għandna bżonn biex niggarantixxu s-sigurtà tal-provvista għall-UE?"**

*(opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Ungeriża)*

(2011/C 132/04)

Relatur: **is-Sur IOZIA**

Nhar il-15 ta' Novembru 2010, il-Presidenza tal-UE Ungeriża futura ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*Il-provvista tal-enerġija: x'tip ta' politika ta' viċinat għandna bżonn biex niggarantixxu s-sigurtà tal-provvista għall-UE?*

(opinjoni esploratorja)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-1 ta' Marzu 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b' 86 vot favur, 4 voti kontra u 8 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jitlob:

1.1.1 tisħiħ rapidu u gradwali ta' politika estera komuni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista, il-kooperazzjoni mal-pajjiżi produtturi, ta' tranżitu u l-pajjiżi konsumaturi, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, marbuta u integrata mal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tqis l-importanza strateġika tal-provvista tal-enerġija;

1.1.2 li jinħatar Rappreżentant Għoli għall-Politika tal-Enerġija, flimkien mar-Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà, peress li s-suġġett tas-sigurtà tal-enerġija għandu jagħmel parti minn dawn il-politiki. Il-Kummissarju għall-Enerġija jista' jiġi inkarigat formalment biex jaqdi dan ir-rwol;

1.1.3 l-adozzjoni ta' approċċ integrat bejn il-politiki interni u esteri u l-politiki relatati bħal dawk tal-viċinat u l-prossimità u dawk marbutin mal-ħarsien tal-ambjent;

1.1.4 tmiem l-unilateraliżmu fl-enerġija, li jhedded fundamentalment il-prinċipju tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, u jesponi lil dawk il-pajjiżi li m'għandhomx saħħa adegwata biex jinnegozjaw għal diffikultajiet serji biex jiżguraw il-provvista tagħhom bi prezzijiet ġusti u sostenibbli;

1.1.5 l-iżvilupp tal-Komunità tal-Enerġija, u t-twessigħ tal-mudell ta' din is-sħubija għall-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran, b'mandat partikolari għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, tal-enerġiji rinnovabbli, tal-interkonnessjonijiet u l-interoperabbiltà tan-netwerks. L-għan tal-Komunità tal-Enerġija l-ġdida għandu jkun il-promozzjoni ta' Karta tal-Enerġija ġdida u ta'Protokoll ġdid dwar l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija.

1.1.6 li jkollu aċċess għall-pjattaforma 3 dwar is-sigurtà tal-enerġija tas-Sħubija tal-Lvant u l-inklużjoni sistematika f'din il-pjattaforma, ta' rappreżentanti tal-grupp ta' ħidma 3 dwar "L-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u s-Sigurtà tal-Enerġija" tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant, peress li leħen is-soċjetà ċivili, inkluż tal-imsieħba soċjali, ta' sikwit għadu marġinalizzat jew saħansitra mwaqqaf;

1.1.7 impenn istituzzjonali ġdid fil-qasam tal-enerġija; bla dubju t-trattati attwali saħħew il-kompetenza tal-Unjoni f'dan il-qasam, iżda għadhom iżommu l-enerġija f'ambitu komplementari għall-politiki fil-livell nazzjonali, fejn trid tinżamm ir-responsabbiltà dwar l-għażla tat-taħlita interna ta' enerġiji differenti. Għaldaqstant, jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-fattibbiltà ta' trattat tal-Unjoni dwar l-enerġija bbażat fuq il-mudell tat-Trattat Euratom;

1.1.8 li jsiru sforzi biex jintlaħaq ftehim multilaterali u kumplessiv mar-Russja bil-għan li jitħarsu l-interessi ġenerali tal-Unjoni. Din il-politika għandha tindirizza wkoll il-pajjiżi tal-Kawkażu, li fil-futur ser jiksbu dejjem aktar importanza fil-provvista tal-enerġija tal-Ewropa;

1.1.9 l-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi mal-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Brażil, l-Indja u ċ-Ċina dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u bil-għan li, fid-dawl tal-ġlieda kontra l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, jintlaħaq ftehim globali għal wara Kyoto; it-tiġdid tal-ftehimiet eżistenti mad-demokraziji emerġenti tal-Afrika ta' Fuq u tal-Lvant Nofsani, billi jitqiesu l-bżonnijiet tagħhom marbutin mal-iżvilupp;

1.1.10 li titqies it-tħejjija ta' konferenza internazzjonali dwar is-suġġett, bil-għan li jiġu definiti karta tal-enerġija u protokoll dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija li tkun aktar effikaċi, aktar parteċipattiva, imxerrda u marbuta mal-iżviluppi ekonomiċi u politiċi li kiseb il-qasam tal-enerġija;

1.1.11 it-tnaqqis gradwali tad-dipendenza enerġetika tal-Ewropa, permezz ta' politiki aktar sodi u vinkolanti fil-qasam tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, u ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' sorsi tal-enerġija alternattivi u sostenibbli, b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju;

1.1.12 li tingħata prijorità lill-proġetti ta' diversifikazzjoni enerġetika mwettqa fil-pajjiżi ġirien, bħall-kuritur enerġetiku tal-UE li jmur mill-Baħar Kaspju sal-Baħar l-Iswed, u b'mod partikolari l-pajp tal-gass Nabucco, l-infrastruttura tal-gass naturali f'forma likwida (LNG), l-interkonnessjoni tan-netwerks tal-elettriku u għat-tlestija tal-konnessjonijiet Ewro-Mediterranji tal-infrastruttura elettrika (Med-ring) u tal-gass, kif ukoll it-twettiq ta' proġetti ġodda ta' infrastruttura taż-żejt ta' interess Ewropew, bħall-proġetti Odessa-Gdańsk, Costanza-Trieste u n-"Nord Stream", li huwa pajp importanti ħafna għall-Finlandja, u li għalih ser ikun hemm bżonn ta' negozjar mill-ġdid tal-possibbiltajiet ta' interkonnessjoni mal-pajjiżi Baltiċi u l-Polonja;

1.1.13 li l-istituzzjonijiet Ewropej ikunu mħejjija biex jiffaċċjaw b'mod serju u bi spirtu ta' solidarjetà s-suġġett tal-provvista tal-enerġija; il-KESE jistieden lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni biex jieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jużaw id-diplomazija enerġetika bħala strument għall-ħarsien u l-protezzjoni tal-ħaddiema, tal-intrapriżi u tal-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej.

## 2. **Daħla**

2.1 It-talba tal-Presidenza tal-Unjoni lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tikkonċerna wieħed mill-aktar punti sensittivi u fundamentali tal-istrateġija tal-Ewropa ta' 27 pajjiż fil-qasam tal-enerġija: is-sigurtà tal-provvista bl-użu ta' wieħed mill-istrumenti ta' kooperazzjoni tal-Unjoni, il-Politika tal-Viċinat.

2.2 Sa minn xi snin ilu, is-suġġett tal-enerġija sar wieħed mis-suġġetti kruċjali u prijoritarji tal-politiki ekonomiċi, soċjali u ambjentali. L-iżvilupp sostenibbli tal-preżent u tal-futur jiddependi mid-disponibbiltà tal-enerġija, mill-użu b'attenzjoni u kuxjenzjuż tagħha, mir-riċerka dwar l-enerġiji ġodda u b'rabta mal-għan ta' soċjetà b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju.

### 2.3 *Il-qafas legali*

2.3.1 It-Trattat ta' Lisbona dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE) wassal għall-approvazzjoni ta' Artikolu ġdid, l-Artikolu 194, li jistabbilixxi li "il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija għandha timmira li, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri:

— tassigura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija;

— tassigura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni;

— tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; u,

— tippromwovi l-interkonnessjoni ta' netwerks tal-enerġija."

2.3.2 L-Artikolu 4(2)(i) tat-TFUE jipprevedi kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fis-settur tal-enerġija.

2.3.3 Fil-qasam tal-ftehimiet internazzjonali, l-Artikolu 216 tat-TFUE jagħti lill-Unjoni s-setgħat meħtieġa biex jiġu definiti ftehimiet maħsuba biex tkompli l-ħidma għall-ksib tal-għanijiet tal-Unjoni.

### 2.4 *Id-dipendenza tal-Unjoni mill-fornituri minn pajjiżi terzi.*

2.4.1 Fir-rigward tal-enerġija, l-Unjoni Ewropea kienet tiddependi b'mod qawwi mill-provvisti mill-pajjiżi terzi fil-perjodu 1997-2007 (Eurostat, indikaturi dwar l-enerġija, it-trasport u l-ambjent, Ed. 2009), u minkejja li l-intensità tal-enerġija naqset bi 17-il punt perċentwali, id-dipendenza minn pajjiżi terzi telgħet minn 45 % għal 53,1 %. Hija biss id-Danimarka li baqgħet esportatur nett tal-enerġija, b'25,4 % ta' dak li għandha bżonn. Id-dipendenza tal-Polonja żdiedet minn 6,4 % fl-1997 għal 25,5 % fl-2007.

2.4.2 Malta, il-Lussemburgu, Ċipru, l-Irlanda, l-Italja u l-Portugall huma l-pajjiżi li għandhom l-ogħla persentaġġ ta' dipendenza, b'rati li jvarjaw bejn it-82 % u l-100 %.

2.4.3 Fir-rigward tas-sorsi, id-dipendenza tal-UE ta' 27 pajjiż fil-każ taż-żejt telgħet minn 75,8 % għal 82,6 % għaż-żejt. Id-Danimarka hija l-uniku pajjiż li żied notevolment l-esportazzjoni tiegħu, filwaqt li l-pajjiżi l-oħra kollha huma importaturi netti.

2.4.4 Fir-rigward tal-gass naturali, id-dipendenza kibret notevolment bi 33 %, meta minn 45,2 % telgħet għal 60,3 %. Id-Danimarka u l-Pajjiżi l-Baxxi huma l-uniċi żewġ pajjiżi esportaturi filwaqt li l-Irlanda għandha l-ogħla rata ta' tkabbir, peress li bejn l-1997 u l-2007 telgħet minn 31,2 % għal 91,4 %.

2.4.5 Il-produzzjoni primarja tal-enerġija fl-Ewropa niżlet minn 962 384 (ktoe) fl-1997 għal 849 592 (ktoe) fl-2007, b'distribuzzjoni bejn is-sorsi differenti li tvarja: 10 % faħam, 12 % linjite (faħam artab), 14 % żejt, 20 % gass naturali u 28 % enerġija nukleari. Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jgħoddu għal 16 %.

2.4.6 Il-konsum domestiku gross żdied b'6 % u għadda minn 1 704 473 (ktoe) għal 1 806 378 (ktoe) b'kontribut ta' 13 % mill-faħam, 6 % mil-linjite, 36 % miż-żejt, 24 % mill-gass naturali, 13 % mill-enerġija nukleari u 8 % mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. F'dawn l-aħħar għaxar snin, fid-dawl tal-istabbiltà sostanzjali taż-żejt, tan-nukleari u tal-linjite, u t-tnaqqis ta' 7 % fl-użu tal-faħam, il-gass naturali żdied b'20 % u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli b'50 %, iżda r-rata – ta' 8 % – meta mqabbla mat-total xorta waħda għadha baxxa ħafna.

2.5 *L-importazzjonijiet skont il-pajjiż tal-oriġini*

2.5.1 Il-fornituri ewlenin tal-fjuwil għall-produzzjoni tal-enerġija huma (fl-2007):

| Għall-gass naturali: | Għaż-żejt: | Għall-faħam: | Għall-uranju (2009) |
|---|---|---|---|
| Ir-Russja 39 % | Ir-Russja 33 % | Ir-Russja 25 % | L-Awstralja 22 % |
| In-Norveġja 26 % | In-Norveġja 15 % | L-Afrika t'Isfel 21 % | Ir-Russja 21 % |
| Algeria 16 % | Il-Libja 10 % | L-Awstralja 13 % | Il-Kanada 19 % |
| Il-Libja 5 % | L-Arabja Sawdija 7 % | Il-Kolombja 13 % | In-Niġer 11 % |
| | L-Iran 6 % | l-Istati Uniti 9 % | Il-Kazakistan 9 % |
| | | L-Indonesja 8 % | L-Afrika t'Isfel-in-Namibja 5 % |

2.5.2 Mill-evalwazzjoni ta' din it-tabella joħroġ li hemm konċentrazzjoni għolja ta' importazzjonijiet minn ftit pajjiżi. Hemm 86 % tal-gass naturali li jiġi minn 4 pajjiżi, 71 % taż-żejt minn 5 pajjiżi, 89 % tal-karbonju minn 6 pajjiżi u 87 % tal-uranju minn 6 pajjiżi.

2.5.3 L-imsieħeb ewlieni għall-fjuwil kważi kollu hija r-Russja, li mingħandha l-UE timporta madwar 30 % tal-bżonn ta' enerġija tagħha, u l-importazzjonijiet qed jiżdiedu b'mod kostanti. L-imsieħba l-oħra li jipprovdu l-ikbar parti tal-provvista tal-enerġija huma n-Norveġja, l-Alġerija u l-Libja għall-idrokarburi likwidi, u l-Awstralja, il-Kanada, il-Kolombja u n-Niġer għall-faħam u l-uranju.

2.5.4 L-elettriku jippreżenta fluttwazzjonijiet sostanzjali. Fl-għaxar snin evalwati fir-rapport tal-Eurostat 2009, kien hemm tliet snin li fihom saru esportazzjonijiet netti, tliet snin fejn kien hemm suq sostanzjalment ibbilanċjat bejn domanda u offerta u ħames snin fejn kien hemm żidiet fid-domanda lejn il-fornituri ta' pajjiżi terzi. L-Italja hija l-akbar importatur b'46 283 GWh u Franza hija l-akbar esportatur b'56 813 GWh. Fl-2007, il-kwota tal-elettriku importat mill-UE ta' 27 pajjiż kienet ta' 10,5 TWh.

## 3. **Il-politika tal-Unjoni**

3.1 Fl-2008, iż-żieda kontinwa fil-prezzijiet taż-żejt u tal-idrokarburi marbutin magħhom wasslet biex il-kwotazzjoni fis-swieq telgħet minn USD 90 fi Frar għal USD 147,27 fil-11 ta' Lulju bħala l-ogħla prezz fl-istorja. Xi snin ilu, il-kriżijiet tal-provvista tal-gass, li laħqu l-quċċata tagħhom f'Jannar 2006 bl-imblukkar tal-provvista tal-gass minn Gazprom għall-kontroparti Ukraina tiegħu Naftogaz, wasslu biex is-suġġett tal-enerġija u tas-sigurtà tal-provvista ikun fiċ-ċentru tad-dibattitu politiku. Il-kriżi tal-2009 kienet saħansitra agħar għall-pajjiżi tal-Lvant tal-Ewropa. Il-Kummissarju Ewropew għall-Enerġija, Andris Piebalgs, għaraf jaffronta l-kriżi b'mod sod u intelliġenti u rnexxielu jipproteġi r-regolarità tal-provvista, minkejja li f'dak iż-żmien ġie rreġistrat tnaqqis fil-provvista lejn il-pajjiżi tal-Unjoni ta' madwar 30 %, biex b'hekk tnaqqset il-pressjoni tal-pajpijiet tal-gass.

3.2 L-enerġija diġà kienet fil-qalba kemm tat-Trattati KEFA (Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar) sa mill-1952 kif ukoll tal-Euratom fl-1957, u fid-diskussjonijiet li saru qabel it-Trattat ta' Ruma, xi wħud qiesu li l-enerġija kellha tidħol b'mod sħiħ fl-attivitajiet tas-suq komuni u tkun ankrata b'mod sod ma' kompetenza Ewropea.

3.3 Huwa biss wara diversi snin, issa li qed niffaċċjaw kriżi serja ħafna, li ndunajna li d-dipendenza enerġetika tal-Ewropa kellha valur importanti ħafna mhux biss mil-lat ekonomiku, iżda fuq kollox, li l-provvista tal-enerġija setgħet tintuża faċilment bħala arma ta' pressjoni politika.

3.4 Joħroġ b'mod ċar li d-dipendenza li qed tikber tal-provvista tal-UE fuq provvista li ġejja minn żoni u pajjiżi mhux demokratiċi u instabbli fejn ta' sikwit ma jiġux rispettati d-drittijiet umani u soċjali, u d-dipendenza fuq il-provvista Russa, l-aktar tal-gass, huma inkwetanti ħafna u jistgħu, fuq tul ta' żmien, joħolqu ħafna diffikultajiet għall-Istati Membri, iżda l-aktar għas-sigurtà globali tal-Unjoni.

3.5 Ix-xenarju internazzjonali nbidel profondament. Ir-rwol ekonomiku u politiku taċ-Ċina, l-Indja u l-Brażil, l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Uniti biex iżommu r-riżervi interni tagħhom għall-aktar żmien twil possibbli, biex b'hekk iżidu d-domanda tagħhom għall-enerġija fis-swieq internazzjonali, l-instabbiltà li qed tikber u r-radikalizzazzjoni tal-kunflitti fir-reġjuni li jesportaw joħolqu bżonn assolut ta' bidla kbira fil-politiki Ewropej. Is-sigurtà tal-enerġija saret fattur li jmur id f'id mas-sigurtà nazzjonali u mal-iżvilupp ekonomiku.

## 4. **Xenarji ġodda**

4.1 Meta tiġi kkunsidrata r-rilevanza strateġika tas-sigurtà tal-enerġija, ix-xenarju l-ġdid għandu jqis kull alternattiva possibbli fil-pajjiżi ġirien fil-Lvant, fin-Nofsinhar, fil-Mediterran u fil-Lvant Nofsani. Hemm bżonn li nħabirku iżjed biex is-sħubija fl-enerġija bejn l-UE u l-Afrika tiġi implimentata bis-sħiħ, u li tinbeda t-tħejjija ta' konferenza internazzjonali ewlenija dwar l-aċċess għall-enerġija u s-sigurtà tal-enerġija bil-għan li jitfasslu regoli komuni ġodda. F'każ li jintlaħaq patt globali ġdid dwar is-sigurtà tal-enerġija, l-aġenziji internazzjonali speċjalizzati għandhom ikunu inkarigati jikkontrollaw l-applikazzjoni tiegħu. Fid-dawl tal-importanza vitali tas-suġġett, l-istituzzjonijiet internazzjonali l-kbar għandhom ikunu parti fundamentali mill-proċess.

4.2 L-UE għandha tqis is-sigurtà tal-provvista bħala waħda mill-prijoritajiet tal-politika estera u tas-sigurtà tagħha, billi toħloq rwol ġdid ta' Rappreżentant Għoli għall-Politiki tal-Enerġija flimkien ma' dak tar-Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera. Minkejja li fil-qasam tal-politika komuni diġà saru xi passi 'l quddiem, għadha għaddejja t-tendenza min-naħa tal-Istati Membri li jżommu magħfusa sew f'idejhom ir-riedni permezz ta' relazzjonijiet bilaterali mal-pajjiżi produtturi.

4.3 Minkejja l-modifiki li saru lit-Trattat u lill-Artikolu 194 il-ġdid tat-TFUE, għadu mhux ċar kif l-Unjoni ser teżerċita l-kompetenzi tagħha u fuq kollox kif l-"ispirtu ta' solidarjetà" ser jiġi implimentat fil-prattika. Saru xi passi 'l quddiem, pereżempju fil-qasam tar-riżervi strateġiċi tal-gass fejn għall-ewwel darba qed jidher impenn solidali. Il-Kummissjoni qed tipprova tistabbilixxi politika estera serja. Din is-sena, ser tiġi ppubblikata komunikazzjoni dwar il-politiki internazzjonali u s-sigurtà tal-enerġija. Minkejja dan, xi Stati Membri xorta waħda qed jiżviluppaw politika estera awtonoma għall-provvista tal-enerġija, b'mod partikolari mar-Russja u ma' xi pajjiżi tal-baċir tal-Mediterran, li jpoġġi lil pajjiżi oħra f'diffikultajiet serji, billi tiddgħajjef il-kapaċità li l-Unjoni teżerċita l-influwenza tagħha b'mod kollettiv.

4.4 Joħroġ biċ-ċar li l-formulazzjoni attwali tat-Trattat hija kompromess utli iżda mhux biżżejjed biex jiġu ffaċċjati l-isfidi futuri. Il-politika tal-enerġija kollha għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid fi trattat speċifiku bbażat fuq il-mudell Euratom, b'enfasi istituzzjonali qawwija fuq il-politika ta' sigurtà li tkun tinkludi anke l-politika ta' sigurtà tal-enerġija. Għandu jintemm l-unilateraliżmu fl-enerġija permezz ta' politika komuni b'saħħitha dwar is-solidarjetà tal-enerġija, ibbażata fuq id-diversifikazzjoni, fuq taħlita ta' tipi ta' enerġija adattata għall-kundizzjonijiet u l-karatteristiċi ta' kull Stat Membru, iżda l-aktar fuq is-sostenibbiltà ambjentali, peress li s-setturi ewlenin marbutin mal-ħtiġijiet tal-enerġija, bħall-produzzjoni, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-elettriku, tat-trasport u t-tisħin huma dawk li b'mod assolut jikkontribwixxu l-ogħla emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.

### 4.5 *Id-dimensjoni tal-Lvant tal-politika estera tal-UE*

4.5.1 Fl-ambitu tal-politika tal-viċinat, pereżempju, fir-rigward tal-pajjiżi tal-Lvant, bħall-Moldova, l-Ukraina u l-Bjelorussja, minkejja d-diffikultajiet politiċi magħrufin, hemm bżonn jiġu intensifikati l-kooperazzjoni u s-sehem ta' dawn il-pajjiżi f'politiki komuni, naturalment f'qafas ta' garanzija u rispett tar-regoli demokratiċi u tad-drittijiet umani, li dan l-aħħar sfaw taħt pressjoni kbira fil-Bjelorussja fid-dawl tar-repressjoni vjolenti tal-opponenti. L-esperjenza tal-Komunità tal-Enerġija mal-pajjiżi tal-Balkani u tal-Lvant kienet waħda pożittiva. Il-Komunità nħolqot bħala għajnuna għall-integrazzjoni potenzjali tal-pajjiżi tal-eks-Jugoslavja, u kibret gradwalment, u d-dħul riċenti tal-Ukraina ser iqarreb il-proġett iżjed lejn il-ġirien tagħna u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali bħall-Uzbekistan u l-Kirgiżistan.

4.5.2 Fl-2008, il-Polonja u l-Isvezja ssuġġerew li titwaqqaf Sħubija tal-Lvant bħala inizjattiva tal-UE mmirata lejn sitt pajjiżi ġirien (l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Bjelorussja, il-Ġeorġja, il-Moldova u l-Ukraina), bil-għan li jissaħħu l-kooperazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika u jinħolqu strutturi ta' kooperazzjoni multilaterali fir-reġjun. L-ewwel laqgħa għolja uffiċjali tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li nediet l-attivitajiet tas-sħubija, saret fi Praga fis-7 ta' Mejju 2009.

4.5.3 Il-KESE kien involut fi tlieta mill-erbgħa pjattaformi tematiċi tas-Sħubija tal-Lvant u jitlob b'urġenza li jkollu aċċess għall-pjattaforma 3 dwar is-sigurtà tal-enerġija li tindirizza t-tisħiħ tal-Komunità tal-Enerġija u l-Karta tal-Enerġija, żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-rwol tar-riżorsi rinnovabbli. It-tisħiħ tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fl-ekonomiji tal-imsieħba tal-Lvant tal-UE u l-promozzjoni tal-użu tar-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-pajjiżi ġirien għandhom ikunu tnejn mill-azzjonijiet prinċipali fil-qafas tas-sħubija. Hemm bżonn ukoll li jittieħdu aktar passi biex tiġi promossa l-kooperazzjoni, tiġi modernizzata l-infrastruttura tad-distribuzzjoni tal-enerġija u jitheġġu rabtiet reċiproċi oħra bejn in-netwerks għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija.

4.5.4 Dawn il-kwistjonijiet huma ta' importanza vitali għas-soċjetà ċivili u m'għandhomx jitħallew jitqiesu biss mill-awtoritajiet pubbliċi u l-istituzzjonijiet finanzjarji. Il-KESE jitlob li l-pjattaforma 3 tas-Sħubija tal-Lvant tinkludi b'mod sistematiku, u mhux fuq bażi ad-hoc biss, rappreżentanti tal-grupp ta' ħidma 3 dwar "L-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u s-Sigurtà tal-Enerġija" tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant, peress li leħen is-soċjetà ċivili, inkluż tal-imsieħba soċjali, ta' sikwit għadu marġinalizzat jew saħansitra mwaqqaf. L-inizjattiva biex jinħoloq forum tal-intrapriża fi ħdan il-qafas tas-Sħubija tal-Lvant hija sforz biex jissaħħaħ id-djalogu soċjali dwar l-ekonomija u għalhekk dwar l-enerġija.

4.6 *Id-dimensjoni Euromed tal-politika estera tal-UE*

4.6.1 It-tibdil politiku li għaddej f'ħafna pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran jiddetta li dawk li jfasslu l-politika jridu jikkonsultaw u jinvolvu lis-soċjetà ċivili fuq iż-żewġ xtut tal-Mediterran fil-politiki komuni tal-enerġija tal-futur sabiex jiżguraw li dawn il-politiki ma jitqisux li ġew imposti minn fuq jew minn barra, iżda li, minflok, dawn ikunu ġenwinament appoġġjati mill-pubbliku in ġenerali. Il-KESE qed jaħdem biex jistabbilixxi Assemblea ta' Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali mir-reġjun tal-Mediterran sal-Ħarifa 2011. Din l-Assemblea tista' tipprovdi forum vitali għall-iskambji tas-soċjetà ċivili dwar il-politika tal-enerġija.

4.6.2 L-Unjoni għandha tipproponi s-sħubija f'Komunità tal-Enerġija speċifika anke lill-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran. It-tlestija tal-Med-ring, iċ-ċirku tan-netwerk tal-elettriku, il-proġetti li għadhom qed jitħejjew bħad-Desertec, il-Pjan Solari Mediterranju, u l-kooperazzjoni Mediterranja nnifisha għandhom iwasslu biex, fil-Magreb pereżempju, tinbeda kooperazzjoni msaħħa fl-oqsma tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, tas-sorsi rinnovabbli, tat-trasport u tal-interkonnessjoni tan-netwerks, tal-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' ġenerazzjoni u ta' distribuzzjoni.

4.6.3 Il-benefiċċji għall-Unjoni huma ovvji. It-tisħiħ infrastrutturali tal-imsieħba Mediterranji tagħna ser jgħinhom ikomplu jsegwu għadd kbir ta' għanijiet komuni: żvilupp sostenibbli, tnaqqis fid-domanda ġenerali għall-enerġija (li għandu jgħin fl-istabilizzazzjoni tas-sigurtà tal-enerġija u tal-prezzijiet tal-materja prima), u tnaqqis tal-emissjonijiet.

4.6.4 Dawn il-kontributi, li huma wkoll ta' natura finanzjarja, bl-appoġġ tal-Bank Ewropew tal-Investiment fil-każ tal-Mediterran u tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD) għal xi pajjiżi li huma fil-kompetenza tiegħu, jistgħu jagħmlu parti mill-għajnuniet ekonomiċi li l-Unjoni għandha timpenja ruħha li tipprovdi għall-ekonomiji inqas żviluppati biex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw b'mod sostenibbli u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju.

4.7 Fil-futur qarib, il-linja strateġika li fuqha l-Komunità ser tappoġġja lill-pajjiżi msieħba ser tkun magħmula minn programmi mmirati biex itejbu sostanzjalment l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Dan il-proġett jorbot ukoll mal-kooperazzjoni ambjentali u l-objettivi l-ġodda ta' wara Kyoto.

4.8 L-għanijiet ta' "diplomazija dwar l-enerġija" ġdida li għandha titwettaq mal-pajjiżi produtturi, dawk ta' tranżitu u dawk konsumaturi, għandhom jidħlu f'qafas istituzzjonali Ewropew ġdid u inkorporati fi ftehimiet u trattati mfassla fuq il-mudell tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll dwar l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija: dawn l-istrumenti ta' kooperazzjoni u tar-riżoluzzjoni tal-kontroversji internazzjonali, li issa ilhom jeżistu għoxrin sena, ma kinux partikolarment effikaċi.

4.9 L-Unjoni Ewropea għandha tippromovi Karta u Protokoll ġodda mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran u terġa' tniedi reviżjoni u tisħiħ tal-Karta attwali, bil-għan li l-Istati Membri jintrabtu b'politika ta' solidarjetà fil-qasam tal-enerġija. F'dan id-dawl, jikseb importanza partikolari l-iżvilupp tal-integrazzjoni tal-Pajjiżi Baltiċi.

4.10 Il-Baħar Baltiku u l-Baħar Barents ser isiru waħda mill-aktar żoni dinamiċi fl-iżvilupp ekonomiku tal-UE, u żona ta' importanza kruċjali għan-Norveġja, ir-Russja, l-Istati Uniti u l-Kanada. L-interessi ta' dan ir-reġjun, kemm lokalment kif ukoll globalment, huma kwistjoni Ewropea li tista' tiġi indirizzata biss bħala parti minn politika b'saħħitha u realistika min-naħa tal-UE.

4.11 L-unilateraliżmu naqqas drastikament il-potenzjal tal-piż tal-Unjoni u għamilha possibbli li l-pajjiżi fornituri, speċjalment ir-Russja, teżerċita influwenza determinanti fuq l-għażliet demokratiċi ta' xi wħud mill-ġirien tagħhom. Fil-fatt, l-Unjoni hija d-destinatarja ta' aktar minn 67 % tal-esportazzjoni Russa ta' prodotti tal-enerġija u, għal raġunijiet ovvji ta' viċinanza u ta' politika, diffiċli ssib swieq oħra aċċessibbli daqs tagħna.

4.12 Ir-Russja għandha titħalla tidħol fid-WTO, bil-kundizzjoni li din tagħti garanziji preċiżi fir-rigward tal-imġiba monopolistika tagħha fl-enerġija, spiss ispirata u appoġġjata mis-setgħat politiċi, u, ovvjament, li ssolvi l-kunflitti tagħha mal-Ġeorġja permezz ta' ftehim bilaterali.

## 5. Sħubijiet strateġiċi mal-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Brażil, l-Indja u ċ-Ċina

5.1 Ser ikun ta' importanza fundamentali li jiġu żviluppati sħubijiet strateġiċi mal-partijiet ewlenin tas-suq tal-enerġija dinji: l-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Brażil, l-Indja u ċ-Ċina. Il-kooperazzjoni u l-ftehim għandhom jinkludu s-suġġett speċifiku tal-provvista garantita u bi prezzijiet ġusti, il-prijorità fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet b'effett ta' serra.

5.2 Is-suġġett tas-sigurtà tal-provvista li għandu riperkussjonijiet ovvji fuq is-suġġett tas-sigurtà inġenerali, fuq l-iżvilupp sostenibbli u fuq il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, jitlob kunsens multilaterali wiesa'. Il-kompetizzjoni ekonomika ma tistax tipperikola l-istabbiltà u l-paċi u jeħtieġ li nħabirku biex nilqgħu kontra l-possibbiltà li t-tensjonijiet internazzjonali li diġà jikkaratterizzaw bosta żoni li huma fornituri tal-idrokarburi jiggravaw.

5.3 L-enerġija ilha għal ħafna żmien parti mid-diskussjonijiet tal-G20. Hemm bżonn li dawn id-diskussjonijiet, li ta' sikwit jibqgħu lista ta' intenzjonijiet tajba, jiġu tradotti fi ftehimiet u sħubijiet strateġiċi. X'aktarx l-approċċ l-aktar realistiku huwa dak tal-ftehimiet bilaterali. L-Unjoni ta' sikwit tinsa li hija l-ewwel żona ekonomika tad-dinja u ma jirnexxilhiex timponi l-aġenda

tagħha fuq l-imsieħba tagħha. Din l-aġenda hija maħsuba biex issaħħaħ il-linji ewlenin tal-politika estera Ewropea li għandha tkompli tipprova xxerred il-prinċipji demokratiċi, ir-rispett tad-drittijiet umani, tal-awtodeterminazzjoni taċ-ċittadini, tar-rifjut tal-użu tal-gwerra bħala mezz għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti bejn il-popli, li jridu jissolvew billi jissaħħu l-istituzzjonijiet internazzjonali.

5.4 L-ekonomiji emerġenti l-ġodda huma interessati daqs l-Unjoni li jistabbilixxu qafas internazzjonali ta' provvisti stabbli u garantiti, bi prezzijiet raġonevoli. L-azzjoni tal-Unjoni għandha tkopri wkoll it-twaqqif ta' sħubijiet strateġiċi ma' dawn il-pajjiżi, billi titħeġġeġ sistema ta' regoli fl-ambitu ta' ekonomija tas-suq li jsaħħu l-kooperazzjoni u li jevitaw tiġrijiet inutli u li jiswew il-flus biex jiġu kkapparrati l-materji primi.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

*APPENDIĊI*

għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emenda li ġejja, inċaħdet waqt id-diskussjoni iżda rċiviet mill-inqas kwart tal-voti:

**Punt 1.1.12**

Ħassar tmiem is-sentenza:

*"li tingħata prijorità lill-proġetti ta' diversifikazzjoni enerġetika mwettqa fil-pajjiżi ġirien, bħall-kuritur enerġetiku tal-UE li jmur mill-Baħar Kaspju sal-Baħar l-Iswed, u b'mod partikolari l-pajp tal-gass Nabucco, l-infrastruttura tal-gass naturali f'forma likwida (LNG), l-interkonnessjoni tan-netwerks tal-elettriku u għat-tlestija tal-konnessjonijiet Ewro-Mediterranji tal-infrastruttura elettrika (Med-ring) u tal-gass, kif ukoll it-twettiq ta' proġetti ġodda ta' infrastruttura taż-żejt ta' interess Ewropew, bħall-proġetti Odessa-Gdańsk, Costanza-Trieste u n-'Nord Stream'~~, li huwa pajp importanti ħafna għall-Finlandja, u li għalih ser ikun hemm bżonn ta' negozjar mill-ġdid tal-possibbiltajiet ta' interkonnessjoni mal-pajjiżi Baltiċi u l-Polonja~~;"*

**Raġuni**

Let national politicians and economists decide the importance of these projects for the abovementioned countries, especially as the route of Nord Stream is still the subject of dispute in connection with access to the port of Świnoujście.

**Riżultat tal-votazzjoni**

| | |
|---|---|
| Favur: | 33 |
| Kontra: | 46 |
| Astensjonijiet: | 17 |

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Postijiet tax-xogħol innovattivi bħala sorsi ta' produttività u ta' impjiegi ta' kwalità tajba" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2011/C 132/05)

Relatur: **is-Sinjura KURKI**

Korelatur: **is-Sur MANOLIU**

Nhar is-16 ta' Settembru 2010, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

*Postijiet tax-xogħol innovattivi bħala sorsi ta' produttività u ta' impjiegi ta' kwalità tajba*

Nhar l-20 ta' Ottubru 2010, il-KESE ddeċieda li jibdel il-grupp ta' studju f'sottokumitat.

Is-Sottokumitat dwar Postijiet tax-Xogħol Innovattivi, inkarigat sabiex jipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adotta l-opinjoni tiegħu nhar it-23 ta' Frar 2011. Ir-relatur kienet is-Sinjura Leila Kurki u l-korelatur kien is-Sur Mihai Manoliu.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'94 vot favur, vot wieħed kontra u 2 astensjonijiet.

## 1. Rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jemmen li huwa dmir l-Unjoni Ewropea li tappoġġja lill-Istati Membri u 'l-kumpaniji kollha fl-isforzi tagħhom biex iżidu l-innovazzjoni fil-post tax-xogħol. L-innovazzjoni fil-post tax-xogħol tintuża biex jitfasslu mill-ġdid l-attivitajiet organizzattivi b'mod sostenibbli filwaqt li fl-istess ħin jitjiebu kemm il-produttività kif ukoll il-kwalità tax-xogħol. Oqsma potenzjali għal titjib jinkludu l-proċessi tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-metodi u l-għodda tax-xogħol, l-ambjent fiżiku tax-xogħol, il-ħiliet professjonali u l-prattiki tax-xogħol, u l-maniġment u t-tmexxija.

1.2 Il-KESE jirrakkomanda li l-kunċett bażiku ta' "post tax-xogħol innovattiv" jiġi definit b'mod ċar. In-nuqqas ta' kunċett rikonoxxut b'mod wiesa' jista' jkun wieħed mir-raġunijiet għala l-innovazzjoni fil-post tax-xogħol ingħatat attenzjoni limitata f'ħafna mid-dokumenti ta' politika tal-UE fil-passat. L-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jridu jifhmu l-importanza tal-innovazzjonijiet u l-mezzi li jintużaw biex dawn jitwettqu, b'mod speċjali fil-livell tal-kumpanija u dak organizzattiv.

1.3 Il-KESE jemmen li għalkemm il-kunċett ta' "post tax-xogħol innovattiv" ma jissemmiex fid-dokument tal-Kummissjoni, huwa fil-qalba tal-Istrateġija Ewropa 2020, peress li huwa wieħed mill-prerekwiżiti ewlenin għas-suċċess ta' din l-istrateġija, u għaldaqstant jirrakkomanda li l-kunċett ta' "post tax-xogħol innovattiv" jiġi inkorporat fl-Istrateġija.

1.4 Il-KESE jirrakkomanda li jittejjeb il-bilanċ tal-Istrateġija Ewropa 2020, billi l-Kummissjoni tniedi proġett pilota dwar postijiet tax-xogħol innovattivi bħala parti tal-inizjattiva ewlenija "Unjoni tal-Innovazzjoni". Il-prinċipju ewlieni tal-proġett għandu jkun it-titjib tal-kwalità tal-ħajja tax-xogħol. Il-KESE jemmen li għandhom jitwettqu mingħajr dewmien aktar studji dwar ir-relazzjoni bejn il-kwalità tal-ħajja tax-xogħol, l-innovattività u l-produttività, u li jiġi introdott indiċi Ewropew li jiddeskrivi l-kwalità tal-ħajja tax-xogħol u l-effetti tiegħu fuq l-innovattività u l-produttività. Irridu nkejlu l-progress b'indikaturi affidabbli li jiffokaw mhux biss fuq il-kontribut ta' kull ħaddiem iżda b'mod speċjali fuq ir-riżultati.

1.5 Il-KESE huwa mħasseb li l-finanzjament tal-UE huwa ffokat fuq il-ħolqien ta' innovazzjonijiet ta' prodotti tat-teknoloġija avvanzata, filwaqt li innovazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol ma jingħatawx l-attenzjoni li jisthoqqilhom. Fil-fehma tiegħu, il-politika tal-innovazzjoni għandha tikkonċentra iżjed fuq kif l-imsieħba differenti jistgħu jaħdmu flimkien b'mod iktar effettiv biex jippromovu postijiet tax-xogħol innovattivi u b'dan il-mod iżidu l-kompetittività u l-benesseri tal-UE. Il-KESE jirrimarka li l-finanzjament tal-UE jista' jintuża biex tissaħħaħ l-innovazzjoni fil-post tax-xogħol u jipproponi li l-Kummissjoni tistudja l-istrumenti ta' finanzjament kollha tagħha u tagħmel l-aġġustamenti neċessarji mill-iktar fis (pereżempju l-Fondi Strutturali, b'mod partikulari l-fondi soċjali, il-programmi qafas għar-riċerka u l-iżvilupp, u inizjattivi edukattivi).

1.6 Il-KESE huwa tal-fehma li meta tiġi vvalutata l-politika tal-innovazzjoni, huwa importanti li ssir enfasi fuq kif jintużaw u jiġu żviluppati l-ħiliet fil-post tax-xogħol, u mhux biss fuq il-provvista ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg u l-ambjent tax-xogħol hija importanti wkoll. Jinħtieġ approċċ ġdid u multisettorjali fil-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet sabiex jissaħħu l-attivitajiet. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jirriflettu sew dwar liema tipi ta' politiki u ta' organizzazzjoni tax-xogħol kienu effettivi fit-tisħiħ tal-innovattività permezz ta' investiment fil-ħiliet. Sabiex tkun taf x'qed jaħdem u mhux fil-livell tal-kumpanija u dak organizzattiv, il-Kummissjoni għandha tappoġġja r-riċerka u t-tixrid tas-sejbiet tar-riċerka.

Il-KESE jemmen ukoll li huwa punt kritiku għall-Kummissjoni li tivvaluta l-istrateġiji tal-innovazzjoni attwali biex taċċerta ruħha li lkoll ikollhom definizzjoni tal-innovazzjoni fil-post tax-xogħol.

1.7 Il-KESE jemmen li huwa importanti li s-suq uniku tal-UE jiffunzjona b'mod li joħloq ambjent li fih il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet ikunu mmotivati biex jiżviluppaw l-innovattività. Il-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji trid tkun ibbażata fuq il-kwalità tal-prodotti u s-servizzi u l-politika ekoloġika tagħhom, u mhux biss fuq il-prezzijiet. Hawnhekk, l-akkwist pubbliku jaqdi rwol importanti illustrattiv u ta' gwida.

1.8 Il-KESE jinnota li l-gvernijiet tal-Istati Membri jaqdu rwol strateġiku f'dan il-qasam: l-investiment fi proġetti ta' innovazzjoni u inċentivi ekonomiċi differenti huma ta' importanza kbira hawnhekk. L-użu effiċjenti tal-fondi biex jiġu promossi sejħiet għall-innovazzjoni jitlob perspettiva fit-tul, approċċ metodiku u appoġġ fil-forma ta' pariri u gwida fir-rigward tat-tnedija u t-twettiq ta' proġetti ta' titjib. F'dan ir-rigward, l-imsieħba soċjali għandhom responsabbiltà prinċipali fit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-proġetti. Irid jissaħħaħ ir-rwol li jaqdu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-organizzazzjoni tat-taħriġ u l-preżentazzjoni tal-aqwa prattiki.

1.9 Huwa importanti li wieħed jiftakar li l-politika tal-innovazzjoni tinsab fi stadji differenti ta' żvilupp fl-Istati Membri differenti. Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tipprovdi opportunitajiet għal bini ta' kapaċitajiet ġodda (pereżempju permezz ta' proġetti tal-aqwa prattika u ta' tagħlim reċiproku) għal dawk il-pajjiżi li għad m'għandhomx l-esperjenza fil-ħolqien tal-innovazzjoni fil-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet. Ikun utli li f'inizjattivi tal-UE fil-qasam tal-innovazzjoni u t-taħriġ, jiġu enfasizzati l-innovazzjoni fil-post tax-xogħol u tipi ġodda ta' ħiliet professjonali (minbarra l-għarfien tekniku u professjonali, dawn jistgħu jinkludu l-ħila li wieħed jikkomunika, il-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni) u l-prattiki ġestjonali. Il-Kummissjoni tista' wkoll tislet mill-ħidma taċ-ċentri ta' żvilupp f'għadd ta' Stati Membri li jippromovu l-innovazzjoni, il-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-produttività.

1.10 Il-KESE jinnota kemm hu importanti li jitkompla d-dibattitu dwar postijiet tax-xogħol innovattivi fil-forums varji Ewropej, fl-Istati Membri, fil-kumpaniji u fl-organizzazzjonijiet. Il-KESE għandu rwol ewlieni x'jaqdi biex l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u dawk li jfasslu l-politika inġenerali jkunu iktar konxji tal-ħtieġa biex jiżviluppaw politiki li jsaħħu l-innovazzjoni fil-post tax-xogħol. Xogħol il-KESE huwa li, fid-dokumenti tiegħu u fid-dokumenti ta' politika tal-UE b'mod iktar ġenerali, jippromovi l-integrazzjoni tal-innovazzjoni bħala aspett ewlieni tal-politika, b'mod partikulari billi jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar il-politika tal-innovazzjoni fl-opinjonijiet tiegħu dwar kwistjonijiet ta' politika ekonomika, tal-impjieg u tal-innovazzjoni, u billi juża l-kuntatti mill-qrib tiegħu mal-kunsilli ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri.

## 2. Postijiet tax-xogħol innovattivi – l-importanza tagħhom għat-tkabbir ekonomiku, il-produttività sostenibbli u impjiegi ta' kwalità tajba

2.1 L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE impenjaw ruħhom biex isegwu strateġija li se tgħin lill-Ewropa toħroġ iktar b'saħħitha mill-kriżi u tibdel lill-UE f'ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklużiva li tilħaq livelli għoljin ta' impjieg, produttività u koeżjoni soċjali. L-Istrateġija Ewropa 2020 toffri viżjoni tal-ekonomija tas-suq soċjali tal-Ewropa għas-seklu 21 [1].

2.2 Din l-opinjoni hija parti mill-kontribut tal-KESE lejn l-Istrateġija Ewropa 2020 u hija marbuta b'mod partikulari mal-inizjattivi ewlenin "Unjoni tal-Innovazzjoni" u "Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda" [2], u mal-promozzjoni tal-kwalità tal-impjieg u t-tagħlim tul il-ħajja [3].

2.3 F'din l-opinjoni, l-innovazzjoni hija definita f'konformità mal-kunċett wiesa' tat-terminu: "*L-innovazzjoni*: vantaġġ kompetittiv applikat u msejjes fuq il-kompetenza, li jista' joħroġ mir-riċerka xjentifika, it-teknoloġija, il-mudelli tan-negozju, soluzzjonijiet fl-għamla ta' servizzi, id-disinn, il-marki jew il-metodi tal-organizzazzjoni tax-xogħol u l-produzzjoni, u t-titjib fl-ambjent tax-xogħol. Tipikament, l-innovazzjoni tinħoloq permezz ta' taħlita ta' kompetenzi differenti, u tippromovi l-progress tan-negozji u tas-soċjetà u t-titjib tal-benesseri."

2.4 Il-kunċett tal-innovazzjoni jinkludi innovazzjonijiet ta' prodotti u servizzi, u dawk tekniċi, soċjali u funzjonali fis-setturi kollha u f'kull tip ta' organizzazzjoni. Bis-saħħa ta' dan l-approċċ, il-kumpaniji, l-organizzazzjonijiet volontarji u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku jaqdu rwol ta' innovaturi.

2.5 L-innovazzjoni fil-post tax-xogħol tintuża f'tentattiv biex titjieb b'mod sostenibbli l-prestazzjoni tal-organizzazzjonijiet, waqt li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tax-xogħol. Il-postijiet tax-xogħol innovattivi jappoġġjaw tibdil soċjali u organizzattiv, jinkorporaw approċċi integrati u sostenibbli, itejbu l-prestazzjoni tal-impjegati u jnaqqsu l-ispejjeż operattivi fit-tul. Oqsma potenzjali għal titjib jinkludu l-proċessi tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-metodi tax-xogħol, l-ambjent fiżiku tax-xogħol u l-għodod li jintużaw, il-ħiliet professjonali u l-prattiki tax-xogħol, u l-maniġment u t-tmexxija.

---

(1) L-Istrateġija Ewropa 2020 tinkludi tliet prijoritajiet li jirrinforzaw lil xulxin b'mod reċiproku:
— Tkabbir intelliġenti: l-iżvilupp ta' ekonomija msejsa fuq l-għarfien u l-innovazzjoni.
— Tkabbir sostenibbli: il-promozzjoni ta' ekonomija aktar effiċjenti fl-użu ta' riżorsi, aktar ekoloġika u aktar kompetittiva.
— Tkabbir inklużiv: it-trawwim ta' ekonomija b'rata għolja ta' nies jaħdmu li tikseb koeżjoni soċjali u territorjali.

(2) Opinjoni tal-KESE dwar "Ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda" (ĠU C 128, 18.5.2010, p. 74).

(3) Opinjoni tal-KESE dwar "Linji gwida dwar l-impjiegi" (ĠU C 107, 6.4.2010, p. 77).

2.6 Abbażi tad-definizzjoni tal-innovazzjoni mogħtija hawn fuq, l-investimenti li jsiru fil-kuntest tal-politika tal-innovazzjoni għandhom jiġu mmirati lejn innovazzjonijiet organizzattivi u dawk li jitmexxew mill-impjegati fil-post tax-xogħol, sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-kumpaniji u ta' organizzazzjonijiet pubbliċi u oħrajn, tissaħħaħ il-kompetittività, jinħolqu iktar impjiegi u impjiegi ta' kwalità aħjar (tipi ġodda ta' impjiegi f'setturi eżistenti u impjiegi ġodda f'setturi ġodda), u jiżdied it-tkabbir sostenibbli tal-produttività u l-kwalità tal-impjieg. Investimenti bħal dawn jippromovu l-effikaċja ta' min iħaddem, tal-ħaddiema u tas-soċjetà inġenerali.

## 3. Elementi ġodda ta' tkabbir ġodda u tibdil fil-kultura tax-xogħol

3.1 L-Ewropa teħtieġ elementi ġodda ta' tkabbir għall-ekonomija u l-benesseri tagħha. Neħtieġu żieda fil-produttività fis-setturi kollha. Jekk dan jintlaħaq b'mod sostenibbli jista' jservi biex jippromovi l-innovazzjoni u biex jinħolqu iktar impjiegi ta' kwalità tajba. It-titjib tal-produttività sostenibbli u l-kwalità tal-ħajja tax-xogħol huwa msejjes fuq l-ikkombinar tat-teknoloġija u l-ħiliet tal-impjegati, l-impenn u l-motivazzjoni tal-persunal, kif ukoll fuq it-tip ta' tmexxija biex jinħolqu prodotti, servizzi u prattiki tax-xogħol ġodda. Il-kapaċità mtejba għall-innovazzjoni tal-organizzazzjoni toħloq ċirku virtuż fejn l-innovazzjoni toħloq il-produttività, u tagħmilha possibbli li l-investiment jiġi dirett lura lejn l-organizzazzjoni sabiex tiġi appoġġjata l-innovazzjoni ([4]).

3.2 Il-ħajja tax-xogħol se tgħaddi minn trasformazzjoni kulturali kbira ħafna fis-snin li ġejjin. Dan minħabba fatturi bħat-tibdil fid-daqs tal-forza tax-xogħol minħabba żviluppi demografiċi, il-livell tal-edukazzjoni ogħla tal-ħaddiema, l-impatt tal-avvanzi fir-riċerka (b'mod speċjali l-mediċina) fuq l-istennija tal-ħajja u t-tul tal-ħajja tax-xogħol, il-penetrazzjoni tad-diġitizzazzjoni fil-produzzjoni u s-servizzi, il-kompetizzjoni globali u l-esiġenzi tal-iżvilupp sostenibbli.

3.3 Kwistjoni ewlenija għall-kompetittività futura nazzjonali u Ewropea hija kif se jiġi organizzat ix-xogħol u kif se jiġu ġestiti n-nies fil-post tax-xogħol. Kulma jmur, in-nies qed jitolbu li xogħolhom ikun jagħmel sens għalihom u japprezzaw is-sinifikat li x-xogħol jagħti lil ħajjithom, filwaqt li d-domanda qiegħda dejjem tikber għal rikonċiljazzjoni bejn il-ħin tax-xogħol u l-ħin għar-rekreazzjoni u l-familja. Hemm talbiet ukoll biex il-ħinijiet tax-xogħol u s-sistemi ta' rimunerazzjoni jirrispettaw il-bżonnijiet individwali tan-nies. Il-postijiet tax-xogħol qed isiru ambjenti dejjem iżjed diversifikati, li fi ħdanhom iridu jiġu ġestiti ħaddiema ta' etajiet differenti u ta' nazzjonalitajiet u minoranzi differenti. Il-progress teknoloġiku għandu impatt kritiku fuq l-ambjenti u l-għodod tax-xogħol. Il-post tax-xogħol fl-2020 jista' jiġi deskritt l-aħjar bħala: kooperattiv, awtentiku, personali, innovattiv, u ffokat fuq il-kuntatti soċjali ([5]).

([4]) Opinjoni tal-KESE dwar "Il-promozzjoni tal-produttività sostenibbli fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa" (ĠU C 10, 15.1.2008, p. 72-79).

([5]) Max Mickelsson, preżentazzjoni waqt workshop, Ħelsinki, 25.1.2011.

3.4 Il-bidliet fil-kultura tax-xogħol joħolqu pressjoni biex isiru bidliet fil-prattiki tax-xogħol u l-maniġment. Aktar sensittività lejn is-sostenibbiltà hija xejra li kulma jmur se ssawwar dejjem iktar in-natura tax-xogħol, hekk kif il-kumpaniji jibdew ikejlu s-suċċess u jieħdu deċiżjonijiet operattivi b'referenza għal parametri ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Prinċipju ta' gwida għall-ħolqien ta' post tax-xogħol sostenibbli huwa li jinħolqu postijiet tax-xogħol li mhumiex biss tajbin għas-saħħa u produttivi, iżda jsaħħu l-ispirtu tal-bniedem u jtejbu l-benesseri wkoll.

## 4. Postijiet tax-xogħol innovattivi

4.1 Il-kapaċità tal-innovazzjoni ta' organizzazzjoni tiddependi fuq il-motivazzjoni u l-impenn ta' dawk li jmexxuha u tal-persunal biex iġeddu xogħolhom u l-organizzazzjoni. Ir-riżultat huwa mudelli mġedda ta' prodotti u servizzi jew proċessi organizzattivi li joħolqu valur miżjud għall-klijenti. Iktar ma organizzazzjoni tapplika prattiki avvanzati fl-attività tagħha ta' innovazzjoni, iktar ikollha ħila timplimenta innovazzjonijiet ([6]).

4.2 Studji juru li għadd ikbar tal-innovazzjonijiet ta' organizzazzjoni li jagħmlu suċċess joriġinaw minn innovazzjoni fil-post tax-xogħol u mhux mill-innovazzjoni teknoloġika ([7]). Huwa importanti wkoll li wieħed jifhem l-aspetti differenti tal-proċess ta' tiġdid: f'ħafna każi, l-innovazzjoni tal-prodotti u s-servizzi tista' tagħmel suċċess biss jekk ikun hemm innovazzjoni b'rabta mal-ambjent organizzattiv u tax-xogħol ([8]).

4.3 Huwa importanti wkoll li jsiru investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku. Is-suċċess huwa ddeterminat mhux billi jkollok l-aħħar teknoloġija, iżda dik l-iktar produttiva, li tista' tintuża fl-akbar ammont ta' applikazzjonijiet. Huwa importanti wkoll li wieħed jikseb il-massimu mill-opportunitajiet li tipprovdi t-teknoloġija żviluppata mkien ieħor (pereżempju l-ICT, id-diġitizzazzjoni) u l-ambjent regolatorju (pereżempju l-istandardizzazzjoni). Madankollu, is-sejbiert tar-riċerka u t-teknoloġija ma jsarrfux b'mod awtomatiku f'attivitajiet ġodda tan-negozju jew fil-produttività. L-applikazzjoni tat-teknoloġija ġieli tesiġi livell għoli ta' ħiliet interni. Il-kapital intellettwali ([9]) u l-investiment li jippromovih iridu jintużaw b'mod iktar effettiv. Ġeneralment dawn ikunu l-ħolqiet l-iżjed dgħajfa fl-applikazzjoni ta' teknoloġija ġdida.

([6]) Bessant, John (2003): "High-Involvement Innovation (Innovative capability's eight dimensions)".

([7]) Frank Pot, Università ta' Radboud u Assoċjazzjoni Ewropea ta' Ċentri Nazzjonali tal-Produttività, "Workplace innovation for better jobs and performance", Novembru 2010, Antalya.

([8]) Pereżempju: Terhi Arvonen / Lumene, preżentazzjoni waqt workshop, Ħelsinki, 25.1.2011; u Laura Seppänen u Annarita Koli / "Social services in the city of Helsinki", preżentazzjoni waqt workshop, Ħelsinki, 25.1.2011.

([9]) Ħafna mill-investiment fil-kapital intellettwali huwa investiment fl-innovazzjoni, l-iktar l-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (R&D). Il-marki kummerċjali (trademarks), ir-riżorsi umani, l-istruttura organizzattiva, l-investiment fis-softwer u l-għarfien diġitali, it-tiswir tal-identità kummerċjali (branding), il-metodi tan-negozju u d-disinn huma importanti wkoll. Il-kapital intellettwali jenfasizza l-ħiliet tal-impjegati u l-importanza għall-ekonomija u l-produttività tal-ħolqien, l-applikazzjoni u l-użu ta' għarfien ġdid.

4.4 Meta qed tiġi vvalutata l-politika tal-innovazzjoni hija ta' importanza partikulari li l-enfasi tkun fuq kif jintużaw il-ħiliet attwali u kif jiġu żviluppati f'organizzazzjoni, u mhux biss fuq il-provvista ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Hemm evidenza li s-sehem fl-ekonomija tal-organizzazzjonijiet li jippromovu, fil-prattiki ġestjonali tagħhom, tagħlim individwali u fi ħdan l-organizzazzjoni kollha huwa indikatur b'saħħtu ħafna tal-kapaċità tal-innovazzjoni fl-ekonomija kollha kemm hi ([10]) ([11]).

4.5 Il-kumpaniji għadhom ma ndunawx liema benefiċċji jistgħu jinkisbu mill-innovazzjoni msejsa fuq it-titjib tal-ħiliet professjonali tal-persunal tagħhom. Sfortunatament, skont stħarriġ tal-Eurofound dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol ([12]), u studju tas-Cedefop (Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali) ([13]), il-kumpaniji Ewropej għadhom jinvestu ftit wisq fil-kapital intellettwali. 26 % biss tal-kumpaniji li jħarrġu l-persunal tagħhom qed ibassru liema ħiliet professjonali ser ikunu meħtieġa fil-ġejjieni.

4.6 Fil-prattika, l-innovazzjonijiet kollha huma l-frott ta' innovazzjonijiet preċedenti, l-esperjenza miksuba u kompetenzi professjonali u dawk relatati mat-tagħlim. Meta wieħed iqis kemm hu importanti r-rwol li jaqdu l-impjegati fil-kumpanija bħala sorsi ta' għarfien u ta' ideat, huwa ta' stagħġib kemm ftit minn dan jintuża jew jitqies fil-politiki u d-diskussjonijiet dwar il-ħolqien tal-innovazzjoni ([14]).

4.7 L-innovazzjoni bbażata fil-post tax-xogħol tirrappreżenta l-potenzjal biex jiġu integrati l-ideat, il-kompetenzi u l-għarfien imsejjes fuq l-esperjenza tal-gruppi kollha tal-impjegati. Teżisti evidenza empirika li l-probabbiltà ta' innovazzjoni fil-post tax-xogħol tikber meta jkun hemm relazzjonijiet, ambjent u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin ([15]) ([16]). Skont studji ta' każi speċifiċi ([17]), din għandha għadd ta' vantaġġi u impatt pożittiv fuq il-prestazzjoni globali mil-lat ta' profitti tal-kumpaniji. Uħud mill-effetti sekondarji pożittivi huma titjib fis-sodisfazzjon fix-xogħol u tnaqqis fl-assenzi minħabba mard. Attivitajiet tal-innovazzjoni bbażati fil-post tax-xogħol jistgħu wkoll joħolqu modi effiċjenti għall-iffrankar tal-enerġija u r-riżorsi, kif ukoll għat-titjib tal-mod kif jopera l-ambjent fiżiku tax-xogħol. B'hekk, l-investimenti li jsiru jrendu lura lill-kumpanija jew 'l-organizzazzjoni ħafna drabi iktar.

4.8 L-interess tal-ħaddiema fix-xogħol, fil-ħiliet kreattivi u fis-sens tal-inizjattiva (80 %) huma ta' importanza kruċjali għas-suċċess u l-pożizzjoni tal-kumpaniji u tal-organizzazzjonijiet. Għadu kmieni wisq biex nifhmu dawn l-attributi u nużawhom bħala vantaġġ kompetittiv, billi d-diriġenti mhumiex informati biżżejjed dwar l-importanza tagħhom. L-importanza tal-attributi tradizzjonali tal-ħaddiem, bħall-ubbidjenza, id-diliġenza u l-intelliġenza tiftiehem, iżda f'dinja globalizzata u fil-kuntest tal-progress teknoloġiku, ir-rwol tagħhom bħala valuri kompetittivi naqas ħafna ([18]).

4.9 Studji juru li n-nuqqas ta' motivazzjoni min-naħa tad-diriġenti tal-kumpanija jew l-organizzazzjoni, fejn ma jiġix ipperċepit il-bżonn għal miżuri ta' titjib, huwa l-iktar ostaklu komuni għall-innovazzjoni fil-post tax-xogħol. Ostakli oħrajn huma n-nuqqas ta' informazzjoni korretta, kapaċità fqira fejn tidħol il-promozzjoni tat-tibdil u r-riskji potenzjali għan-negozju assoċjati mat-tibdil ([19]). Il-biża' tal-ħaddiema fil-konfront tat-tibdil qed isir ostaklu wkoll, b'mod partikulari f'każi fejn il-post tax-xogħol ma jħaddanx kultura ta' parteċipazzjoni.

4.10 Il-ġestjoni tat-tibdil u l-ħolqien ta' proċessi innovattivi għaldaqstant jibqgħu sfida konsiderevoli għal ħafna kumpaniji u organizzazzjonijiet, u t-taħriġ f'dawn il-ħiliet mhuwiex adegwat ([20]). Il-ġestjoni tar-riżorsi umani għandha titqies bħala aspett strateġiku tal-maniġment. Ħiliet bħal dawn jistgħu jservu bħala tip ta' stimolu ġdid għat-tkabbir ekonomiku. Huma meħtieġa inċentivi friski li permezz tagħhom id-diriġenti u l-impjegati jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet ta' titjib u ta' teħid tad-deċiżjonijiet, flimkien ma' kultura tan-negozju li timmotiva n-nies biex jikkooperaw u li tinvolvihom fit-tisħiħ tal-organizzazzjoni tagħhom.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

---

([10]) Dirk van Damme, Ċentru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Edukazzjoni fi ħdan l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), waqt seduta tal-LMO tal-KESE li saret fil-15 ta' Diċembru 2010.

([11]) OECD, "Postijiet tax-Xogħol Innovattivi", 2010: "… organizzazzjoni tax-xogħol li tappoġġja l-innovazzjoni permezz tal-użu tal-awtonomija u d-diskrezzjoni tal-impjegati, appoġġjati minn opportunitajiet ta' tagħlim u taħriġ".

([12]) Eurofound, Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol – 2010.

([13]) Cedefop, "Encouraging continuing training by enterprises – time for a rethink?" Nota ta' informazzjoni, Marzu 2010.

([14]) Tarmo Lemola, "Innovaation uudet haasteet ja haastajat" ("L-isfidi l-ġodda tal-innovazzjoni"), WSOYpro Oy 2009.

([15]) Pereżempju, Andreas Crimmann, Ċentru għar-Riċerka dwar l-Impjieg (Institut für Arbeitsmarkt- und Berufsforschung – IAB), Ġermanja, seduta tal-LMO tal-15 ta' Diċembru 2010.

([16]) Tuula Eloranta, preżentazzjoni waqt workshop, Ħelsinki, 25.1.2011.

([17]) LO (Konfederazzjoni Daniża ta' Trejdjunjins), "L-innovazzjoni mmexxija mill-impjegati", 2008.

([18]) Tuomo Alasoini (ibbażat fuq idea ta' Hamel, 2007), workshop, 25.1.2011, Ħelsinki.

([19]) Tuomo Alasoini, preżentazzjoni waqt workshop, Ħelsinki, 25.1.2011.

([20]) Dirk Ameel, Ameel D&C bvba, seduta tal-LMO fil-15.12.2010.

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## L-470 SESSJONI PLENARJA FIL-15 U S-16 TA' MARZU 2011

### Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi"

*COM(2011) 11 finali*

(2011/C 132/06)

Relatur Ġenerali: **Is-Sur SMYTH**

Nhar it-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi*

COM(2011) 11 finali.

Nhar it-18 ta' Jannar 2011, il-Bureau tal-Kumitat ta istruzzjonijiet lill-Kumitat ta' Tmexxija dwar l-Ewropa 2020 sabiex jipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu tal-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu 2011) li jaħtar lis-Sur Symth bħala relatur ġenerali, u adotta din l-opinjoni b'164 voti favur, 8 voti kontra u 7 astensjonijiet.

**L-EWWEL PARTI: L-ISTĦARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR JITLEF L-OPPORTUNITÀ LI JIPPROVDI PROPOSTI TA' POLITIKA MMIRATI DIRETTAMENT LEJN IT-TKABBIR INTELLIĠENTI, SOSTENIBBLI U INKLUŻIV**

1. Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ l-Istrateġija Ewropa 2020 kif ukoll il-progress lejn il-koordinazzjoni ex-ante tal-politika fiskali fis-Semestru Ewropew, u jittama li, għall-inqas fil-każ tal-pajjiżi fiż-żona tal-euro, il-proposti leġislattivi attwali għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika Ewropea jkunu l-ewwel pass lejn politika ekonomika komuni ġenwina u l-koordinazzjoni sħiħa tal-politiki fiskali.

2. Il-Kumitat huwa mħasseb dwar il-fatt li fid-diskussjoni dwar il-governanza ekonomika fl-Ewropa teżisti t-tendenza preokkupanti li jsiru proposti intergovernattivi limitati u mhux iffokati minflok ma jintuża l-metodu Komunitarju.

3. Għalhekk, il-Kumitat jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja l-integrazzjoni Ewropea billi tressaq proposti kuraġġużi, bilanċjati u inklużivi li jgħinu lill-Ewropa taqbad it-triq tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-ispirtu tal-Istrateġija Ewropa 2020 li għadha kemm tnediet.

4. F'dan il-kuntest, il-Kumitat jenfasizza li l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (AGS) għandu jaqdi rwol importanti immens sabiex tavvanza r-riforma tal-politika inklużiva fl-Istati Membri u fil-livell Ewropew. Il-Kumitat ifaħħar lill-Kummissjoni talli għażlet format komprensiv għall-AGS b'lista ta' għaxar prijorijatiet taħt tliet intestaturi wisgħin, bil-għan li ssir diskussjoni preċiża dwar il-kwistjonijiet involuti.

5. Madankollu, il-Kumitat jiddispjaċih li f'dan l-ewwel Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, il-Kummissjoni Ewropea tilfet l-opportunità li tissokta bl-ispirtu tal-Ewropa 2020, jiġifieri li tiffoka b'mod dirett fuq it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u minflok iffokat fuq il-konsolidazzjoni fiskali f'sens

dejjaq, flimkien ma' proposti rigward is-swieq tax-xogħol li ħafna drabi huma żbilanċjati u m'għandhomx id-dimensjoni Ewropea tas-suq uniku li hu bbażat fuq il-muturi tat-tkabbir orjentati lejn il-futur.

6. Rigward il-konsolidazzjoni fiskali, il-Kumitat jiddispjaċih li l-proposti għall-konsolidazzjoni huma ffokati fuq l-infiq biss – flimkien ma' proposta biex possibbilment jitqies it-twessigħ tal-bażi tat-taxxi indiretti f'xi Stati Membri. Billi l-kriżi attwali tad-dejn sovran oriġinat minn kriżi finanzjarja, u fid-dawl tal-appoġġ finanzjarju pubbliku enormi li kellu jingħata biex isalva lis-settur milli jwaqqaf is-sistema għalkollox, il-Kumitat kien qed jistenna sensiela ta' proposti bil-għan li s-settur finanzjarju jgħin biex il-baġits pubbliċi jerġgħu jsiru sostenibbli. Barra minn hekk, il-proposti konkreti u ambizzjużi għall-kontroll tas-swieq finanzjarji huma prekundizzjoni sabiex tinħoloq il-fiduċja u jiġi evitat it-taqlib.

7. Il-Kumitat jenfasizza li mhux ser ikun possibbli li jiġu kkonsolidati l-baġits pubbliċi mingħajr rata suffiċjenti ta' tkabbir ekonomiku. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx xenarju tat-tkabbir li jimmassimizza l-potenzjal tas-suq uniku, u minflok tikkonċentra fuq il-konsolidazzjoni fiskali drastika bħala *l-prerekwiżit* għat-tkabbir. Għandha tingħata ħafna aktar attenzjoni lill-muturi tat-tkabbir li bis-saħħa tagħhom l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jikkonsolidaw il-baġits filwaqt li jkunu fit-triq tat-tkabbir sostenibbli. Sabiex iseħħ dan, il-KESE jemmen li politika makroekonomika bilanċjata li tikkombina b'mod adegwat kemm l-aspetti tal-provvista kif ukoll dawk tad-domanda għandha tkun parti integrali minn kwalunkwe strateġija ekonomika orjentata lejn il-futur. Dan jinkludi li l-Istati Membri b'surplus fuq il-kont kurrenti jiġu inkoraġġuti jissoktaw b'approċċ espansiv u jindirizzaw in-nuqqas ta' domanda domestika tagħhom.

8. Approċċ li jħares 'il quddiem għas-swieq tax-xogħol, għar-riforma tal-pensjonijiet, għall-qgħad u għall-flessigurtà ser jibni fuq il-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli u ta' opportunitajiet tal-impjieg, filwaqt li jisfrutta l-potenzjal tas-setturi ekonomiċi ġodda u l-enerġija nadifa. Il-KESE jemmen li d-djalogu soċjali għandu rwol vitali f'kull politika relatata mas-suq tax-xogħol. Is-sistemi tas-sigurtà soċjali wkoll huma kruċjali bħala stabbilizzaturi soċjali u ekonomiċi awtomatiċi li jappoġġjaw l-iżvilupp u l-produttività, inaqqsu l-faqar u jippromovu l-koeżjoni ekonomika u soċjali: dan kollu huwa meħtieġ biex jinkiseb l-appoġġ tal-pubbliku għall-proġett Ewropew. Fir-rigward tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, huwa importanti li nibbażaw fuq dawn l-istituzzjonijiet prinċipali li jifformaw is-sisien tal-ekonomija soċjali tas-suq fl-Ewropa. Għalhekk, il-Kumitat jinsisti li l-proposti tal-Kummissjoni maħsuba għall-Istati Membri, li jidher ċar li jfixklu s-sistemi tan-negozjar kollettiv u l-prattiċi tas-sigurtà tal-impjieg tagħhom, mhumiex f'lokhom.

9. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li l-Kummissjoni Ewropea għandha tikkjarifika l-pożizzjoni tagħha rigward il-kwoti u s-sħubijiet obbligatorji li huma ta' piż fuq is-setturi professjonali. Fil-fatt, jeħtieġ li ssir distinzjoni mingħajr diskriminazzjoni bejn dak li jagħmel parti mill-missjonijiet tas-servizz pubbliku u tas-servizzi ta' interess ġenerali u dak li jista' verament ikun ostaklu għall-potenzjal tas-suq uniku. Fir-rigward tar-regoli dwar il-kummerċ, jeħtieġ ukoll li jiġu studjati l-konsegwenzi tagħhom fil-qasam tal-impjieg għas-settur u li jiġi applikat il-prinċipju tas-sussidjarjetà għal ċerti kwistjonijiet, bħat-tqassim f'żoni (zoning) jew il-ħinijiet tal-ftuħ, li essenzjalment jagħmlu parti mill-kundizzjonijiet lokali, kulturali, klimatiċi jew oħrajn.

10. Fl-istess ħin, il-Kumitat iħoss li l-AGS ma jagħtix biżżejjed attenzjoni lill-potenzjal tat-tkabbir Ewropew fis-suq uniku, u jagħmel sempliċement referenza ċkejkna għall-Att dwar is-Suq Uniku li huwa deċiżiv, u ma jiżviluppax l-aspetti prinċipali tiegħu li jwasslu għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, bħall-privattivi tal-UE, il-"karta professjonali" Ewropea, il-proġetti infrastrutturali Ewropej, is-self transkonfinali, is-swieq integrati għall-kreditu ipotekarju, l-intraprenditorija soċjali u l-fondi tal-investiment soċjali.

11. Fil-parti li jmiss, il-Kumitat jippreżenta fid-dettall il-proposti speċifiċi tiegħu dwar l-għaxar punti mressqa mill-Kummissjoni Ewropea. B'dan il-mod jittama li jorjenta d-diskussjoni aktar lejn il-kwistjonijiet li huma verament rilevanti.

## IT-TIENI PARTI: IL-PROPOSTI TAL-KUMITAT DWAR L-GĦAXAR PUNTI MRESSQA MILL-KUMMISSJONI EWROPEA

### 1. L-implimentazzjoni ta' konsolidazzjoni fiskali rigoruża

1.1 Il-KESE jemmen li l-kwistjoni qed tibbilanċja mill-ġdid il-finanzi pubbliċi filwaqt li tevita li tnaqqas id-domanda, għaliex dan iwassal għal riċessjoni li tiġġenera aktar defiċits u timbotta l-ekonomija Ewropea 'l isfel.

1.2 Il-KESE jirrakkomanda li, sabiex ma jiġux mhedda l-għanijiet tal-programm għall-Irkupru Ekonomiku Ewropew, għandhom jiġu stabbiliti programmi għat-tnaqqis tad-dejn b'mod kompatibbli mal-irkupru ekonomiku u mal-għanijiet fil-qasam soċjali u tax-xogħol li huma stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020 ([1]).

([1]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-implikazzjonijiet tal-kriżi tad-dejn sovran għall-governanza tal-UE*, ĠU C 51, 17.2.2011, p.15.

1.3 Il-bażi fiskali tal-Istati Membri ser ikollha titwessa', b'mod partikolari billi jingħalqu r-rifuġji fiskali (tax havens), tintemm il-kompetizzjoni fiskali u jittieħdu miżuri kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi fiskali ([2]).

1.4 Il-piż fiskali għandu jiġi trasferit lejn sorsi oħra ta' dħul, bħat-taxxi fuq it-transazzjonijiet finanzjarji, it-taxxi fuq l-enerġija, l-imposti fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-imposti fuq l-emissjonijiet tas-$CO_2$ (li jiddependu mir-riorganizzazzjoni tas-suq tal-iskambju tal-karbonju), eċċ. Taxxi bħal dawn jistgħu jnaqqsu l-pressjoni minn fuq il-baġits pubbliċi u jgħinu biex ir-riżorsi jerġgħu jiġu diretti lejn l-investiment sostenibbli fl-ekonomija reali. Jistgħu jgħinu wkoll biex jipprovdu riżorsi proprji ġodda għall-baġit tal-Unjoni Ewropea ([3]). It-taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji timplika wkoll li s-settur finanzjarju ser iħallas lura xi ftit mis-sussidji pubbliċi ([4]).

1.5 Il-KESE jemmen li s-sanzjonijiet għandhom jiġu bilanċjati b'solidarjetà Ewropea akbar fil-ġestjoni tad-dejn sovran ([5]).

## 2. Il-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi

2.1 Il-KESE jemmen li politika makroekonomika bilanċjata li tikkombina b'mod adegwat kemm l-aspetti tal-provvista kif ukoll dawk tad-domanda għandha tkun parti integrali minn kwalunkwe strateġija ekonomika orjentata lejn il-futur. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu d-differenzi kbar fil-bilanċi tal-kontijiet kurrenti. Il-KESE jittama li, għall-inqas fil-każ tal-pajjiżi fiż-żona tal-euro, il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika Ewropea tkun l-ewwel pass lejn politika ekonomika komuni ġenwina u l-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji ([6]).

2.2 Il-KESE jenfasizza r-rwol ta' fatturi mhux marbuta mal-prezzijiet, bħad-divrenzjar tal-prodott, il-kontenut teknoloġiku, il-kwalità tal-prodott, il-kwalità tas-servizzi relatati mal-prodott (servizzi ta' wara l-bejgħ), eċċ., fil-ħolqien tal-iżbilanċi makroekonomiċi. Għandhom jiġu identifikati l-varjabbli li jistgħu jindikaw il-livell u l-evoluzzjoni tagħhom fi ħdan l-Istati Membri tal-Unjoni Eknomika u Monetarja.

2.3 Il-politiki tal-pagi adegwati għandhom rwol ċentrali x'jaqdu fil-ġestjoni tal-kriżi. Li l-pagi jiżdiedu bl-istess ritmu tat-tkabbir tal-produttività u b'mod immirat lejn l-ekonomija nazzjonali kollha ser jiżgura, mil-lat makroekonomiku, li jinsab bilanċ adatt bejn tkabbir suffiċjenti fid-domanda u l-kompetittività tal-prezzijiet. L-imsieħba soċjali, għalhekk, għandhom jaħdmu biex jevitaw it-tnaqqis fil-pagi b'politika tat-tip "beggar-thy-neighbour" u biex il-politika tal-pagi tkun immirata lejn il-produttività ([7]).

2.4 Jekk il-koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika ekonomika ma tinkludix biss il-politika fiskali u monetarja, iżda testendi ruħha anke għal politika tal-pagi iktar stretta fiż-żona tal-euro, l-awtonomija tan-negozjar kollettiv trid tiġi rispettata – mhuwiex aċċettabbli li l-gvernijiet jistabbilixxu l-miri tan-negozjar kollettiv, u inqas u inqas li jiddettaw it-tnaqqis fil-pagi, u dan għandu jiġi rrifjutat ([8]).

## 3. L-iżgurar tal-istabbiltà fis-settur finanzjarju

3.1 Il-Kumitat jemmen li hemm bżonn ta' ħidma aktar intensiva biex titfassal is-sistema finanzjarja ta' wara l-kriżi, li trid tkun trasparenti, soċjalment u etikament responsabbli, ikkontrollata aħjar, u innovattiva, bi tkabbir bilanċjat, kompatibbli mal-bqija tas-sistema ekonomika, u orjentata lejn l-ħolqien tal-valur għal żmien medju u fit-tul u lejn it-tkabbir sostenibbli ([9]).

3.2 Il-Kumitat jipproponi li tiġi ffaċilitata l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali favur l-utenti tal-prodotti u s-servizzi finanzjarji (konsumaturi, intrapriżi, eċċ.), mingħajr ħsara għall-kompetenzi tal-Istati Membri li jżommu standards nazzjonali ogħla. Jista' jiġi previst ukoll li fl-awtoritajiet Ewropej tas-superviżjoni (issa s-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji – SESF) ikun hemm rappreżentant wieħed jew aktar tal-konsumaturi magħżul/in mill-imsieħba soċjali u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi ([10]).

3.3 Il-Kumitat jipproponi li jiġi inkoraġġut b'mod wiesa' n-netwerk ta' produzzjoni tal-informazzjoni finanzjarja, favur il-pluralità tal-atturi u t-tfassil ta' regoli ġodda maħsuba biex ikun hemm aktar trasparenza u effikaċja fil-metodi tal-assessjar, b'mod partikolari rigward id-derivati ([11]).

([2]) Ara l-ktejjeb tal-KESE *Programm għall-Ewropa: Proposti tas-soċjetà ċivili*, CESE 593/2009, Fiche 1, it-tieni punt.
([3]) F'punt 8 jsiru aktar proposti ta' politika rigward it-tassazzjoni.
([4]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar it-*Taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji*, ĠU C 44, 11.2.2011, p. 81.
([5]) ĠU C 51, 17.2.2011, p.15, op. cit.
([6]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-Istrateġija ta' Lisbona wara l-2010*, ĠU C 128, 18.5.2010, u dik dwar *L-irkupru ekonomiku: is-sitwazzjoni attwali u l-inizjattivi prattiċi*, ĠU C 48, 15.2.2011, p. 57.
([7]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar ir-*Riżultati tas-Summit dwar l-Impjiegi*, ĠU C 306, 16.12.2009, p. 70.
([8]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika għall-istabilità, it-tkabbir u l-impjiegi – Għodda għal governanza ekonomika tal-UE isħaħ*, ĠU C 107, 6.4.2011, p. 7.
([9]) Ara l-opinjoni tal-KESE *Wara l-kriżi: sistema finanzjarja ġdida għas-suq intern*, ĠU C 48, 15.2.2011, p. 38.
([10]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu*, ĠU C 54, 19.2.2011, p. 37.
([11]) ĠU C 54, 19.2.2011, p. 37, op. cit.

3.4 Il-Kumitat jipproponi li titwarrab, anke f'livell internazzjonali, is-sistema preżenti tal-awtoregolamentazzjoni. Jeħtieġ li jitkompla l-proċess ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti differenti, b'regoli stretti li jgħoddu għall-pajjiżi kollha u ċ-ċertezza li dawn jiġu infurzati. L-UE għandha tagħmel kull sforz biex tikseb dan l-għan fil-korpi internazzjonali ([12]).

3.5 Il-Kumitat jilqa' l-inizjattivi leġislattivi maħsuba biex isaħħu r-regolamentazzjoni u t-trasparenza tas-suq finanzjarju, fosthom it-titjib tas-superviżjoni tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, il-governanza korporattiva u l-politiki dwar il-paga u r-remunerazzjoni tad-diretturi ([13]).

3.6 Il-Kumitat jilqa' l-Proposta għal Regolament dwar il-Bejgħ bin-Nieqes (short selling) u ċerti aspetti tas-Swaps ta' Inadempjenza tal-Kreditu (credit default swaps), li ser tgħin biex jiġu eliminati s-sistemi konfliġġenti u biex ikun hemm ċarezza f'dan il-qasam tas-swieq finanzjarji ([14]).

3.7 Minħabba r-rwol li kellhom l-aġenziji tal-klassifikazzjoni fil-kriżi reċenti tas-swieq tat-titoli u finanzjarji, il-KESE jilqa' l-fatt li tnieda programm bi tliet fażijiet sabiex jiġu rregolati l-funzjonijiet li dawn l-aġenziji jwettqu f'isem l-investituri u l-konsumaturi. Il-KESE jilqa' l-inklużjoni tad-dejn sovran fil-konsultazzjoni pubblika li qiegħda ssir bħalissa ([15]).

3.8 Il-Kumitat jipproponi li, fuq bażi regolari, jiġi ppublikat rapport ta' segwitu dwar l-għajnuna mill-Istat li jiġbor fih informazzjoni dettaljata dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-miżuri u li jikkwantifika l-effetti tagħhom fuq is-swieq, bil-għan li jitfassal pjan biex jiġi massimizzat il-potenzjal tas-settur industrijali permezz tat-tisħiħ tal-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs, u l-impjiegi, pjan li huwa indispensabbli għall-irkupru tal-ekonomija tal-UE ([16]).

3.9 Il-Kumitat jemmen li flus il-kontribwenti m'għandhomx jerġgħu jintużaw biex ikopru t-telfiet bankarji u, fil-prinċipju, jappoġġja l-istabbiliment ta' netwerk armonizzat ta' fondi nazzjonali ta' riżoluzzjoni bankarja (FRB) ex-ante b'rabta ma' sensiela ta' arranġamenti għall-immaniġġjar ta' kriżi nazzjonali. Madankollu, sabiex tiġi stabbilita skema ta' fondi ta' riżoluzzjoni bankarja fattibbli, l-Istati Membri għandhom preferibbilment jaqblu minn qabel fuq l-adozzjoni ta' metodi komuni u regoli uniformi sabiex jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

3.10 Il-fatt li xi kapital bankarju jinżamm pubbliku sabiex ikun hemm fehim dwar is-settur bankarju jista' jkun parti effiċjenti minn politika finanzjarja Ewropea ([17]).

## 4. **Nagħmlu x-xogħol iktar attraenti**

4.1 Fil-fehma tal-Kumitat, hija meħtieġa azzjoni sabiex it-transizzjonijiet isiru vijabbli u jitjieb l-aċċess għall-impjiegi, partikolarment għal xi gruppi speċifiċi bil-problemi. Dan għandu jinkiseb billi jiżdiedu l-opportunitajiet tal-impjieg, jitnaqqsu d-diżinċentivi għax-xogħol, titjieb l-istruttura tat-taxxa u tal-benefiċċji sabiex ix-xogħol ikun iħallas mil-lat finanzjarju, inkluż il-piż tat-taxxa fuq it-tieni dħul, u billi jkun żgurat l-aċċess għas-servizzi meħtieġa li jippermettu l-parteċipazzjoni. Għal dawk li ma jistgħux jaħdmu, għandu jiġi pprovdut appoġġ ta' dħul adegwat u għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' interess ġenerali ([18]).

4.2 Il-Kumitat jappoġġja l-aċċess wiesa' għall-kura tat-tfal ta' kwalità għolja bħala opportunità biex tiżdied il-kwalità tal-ħajja u r-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol, il-ħajja privata u dik tal-familja, kif ukoll biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u jiġi ġġenerat aktar dħul finanzjarju għall-familji ([19]).

4.3 Il-Eurostat għandu jiffoka aktar fuq ix-xogħol mhux iddikjarat kemm f'sitwazzjonijiet nazzjonali speċifiċi, li jeħtieġu azzjoni min-naħa tal-Istati Membri, kif ukoll fin-netwerks kriminali b'rabtiet mal-immigrazzjoni illegali, li jistgħu jiġġustifikaw kooperazzjoni ġudizzjarja akbar u rwol usa' għall-UE, speċjalment fir-rigward tal-impatt fuq is-suq intern u l-kompetizzjoni. Għandha tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE sabiex l-imsieħba soċjali fl-Istati Membri jiġu mħeġġa jniedu proġetti nazzjonali u settorjali bejniethom stess u flimkien mal-awtoritajiet sabiex jiġi miġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat u titnaqqas l-ekonomija informali. L-imsieħba soċjali jistgħu wkoll jaħdmu flimkien fil-livell tal-UE sabiex janalizzaw u jxerrdu l-prattiki tajba fl-Istati Membri. Il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat tirrikjedi miżuri transkonfinali effettivi ta' kooperazzjoni u sorveljanza mill-Istati Membri u t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-pieni imposti ([20]).

4.4 Huwa importanti li mhux biss jiġu kkoordinati l-istrutturi tat-taxxi tax-xogħol u l-kontribuzzjonijiet soċjali fl-UE, imma wkoll li fl-analiżi jiddaħħlu l-aspetti marbutin mal-kummerċ bejn l-UE u l-bqija tad-dinja ([21]).

([12]) ĠU C 54, 19.2.2011, p. 37, op. cit.
([13]) Ara l-opinjoni tal-KESE *Wara l-kriżi: sistema finanzjarja ġdida għas-suq intern*, ĠU C 48, 15.2.2011, p. 38.
([14]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Bejgħ bin-Nieqes u ċerti aspetti tas-Swaps ta' Inadempjenza tal-Kreditu*, ĠU C 84, 17.3.2011, p. 34.
([15]) ĠU C 54, 19.2.2011, p. 37, op. cit.
([16]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar ir-*Rapport tal-Kummissjoni – Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2009*, ĠU C 84, 17.3.2011, p. 7.
([17]) ĠU C 48, 15.2.2011, p. 57, op. cit.
([18]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-inklużjoni soċjali*, ĠU C 128, 18.5.2010, p. 10.
([19]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Kura u l-Edukazzjoni fl-ewwel snin tat-tfulija*, ĠU C 339, 14.12.2010, p. 1.
([20]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Green Paper li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol sabiex taffaċċa l-isfidi tas-seklu 21*, ĠU C 175, 27.7.2007, p. 65.
([21]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-impatt tat-territorjalità tal-liġi fiskali fuq il-bidliet industrijali*, ĠU C 120, 16.5.2008, p. 51.

## 5. Ir-riforma tas-sistemi tal-pensjonijiet

5.1 Il-KESE huwa tal-fehma li l-projezzjonijiet demografiċi għandhom jiġu analizzati u ssorveljati fuq bażi regolari biex ikun jista' jsir tibdil adegwat u f'waqtu fis-sistemi tal-pensjonijiet skont il-kundizzjonijiet ġodda. Madankollu, dawn il-projezzjonijiet, inkluża n-nefqa pubblika futura fuq il-pensjonijiet, għandhom jintużaw u jitqiesu b'attenzjoni peress li dan jistgħu jinkludu bosta ipotesi li huma diffiċli tbassarhom fuq perjodu twil ta' żmien ([22]).

5.2 Il-mekkaniżmi ta' aġġustament awtomatiku għall-età tal-pensjoni, ibbażati jew fuq l-istennija ta' tul ta' ħajja itwal jew fuq il-bidliet demografiċi, mhumiex appoġġjati mill-KESE. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-mekkaniżmi jżidu awtomatikament l-età tal-irtirar b'korelazzjoni mal-estensjoni tal-istennija tal-ħajja u parametri oħra tal-ekonomija jew tas-suq tax-xogħol. Deċiżjonijiet daqshekk fundamentali dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien għandhom jittieħdu mill-parlamenti, u mhux mill-kompjuters, wara dibattitu pubbliku wiesa', li jinkludi l-imsieħba soċjali u partijiet interessati importanti oħra. Barra minn hekk, kwalunkwe Stat Membru li jintroduċi dan il-mekkaniżmu għandu jqis il-fatt li, minkejja li dan inaqqas il-pressjoni pubblika kontra r-riformi, fl-assenza ta' opportunitajiet reali tal-impjieg għall-ħaddiema mdaħħla fl-età, dan jista' jċaqlaq l-appoġġ finanzjarju għal dawn il-ħaddiema lejn pilastri oħra tas-sigurtà soċjali. Għalhekk, jista' jagħti l-każ li l-implimentazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu sabiex il-pensjonijiet isiru adegwati u sostenibbli ma jirnexxilhiex tagħti l-benefiċċji mwiegħda. Iż-żieda fl-età effettiva tal-irtirar m'għandhiex tkun miżura li tittieħed waħidha iżda għandha tittieħed flimkien ma' miżuri li jtejbu l-opportunitajiet tal-impjieg għal persuni li jkunu waslu biex jirtiraw ([23]).

5.3 Il-Kumitat jappoġġja l-promozzjoni tal-impjieg ta' ħaddiema mdaħħla fl-età, iżda jemmen li l-iskoraġġiment tal-iskemi tal-irtirar bikri jitlob diskussjoni dettaljata dwar il-kundizzjonijiet qafas, l-iskop, il-miżuri politiċi ta' akkumpanjament, eċċ., sabiex ma jinħolqux problemi soċjali għall-anzjani b'mod partikolari ([24]).

5.4 Il-KESE jiddubita li sempliċiment żieda fl-età legali tal-irtirar tista' ssolvi l-problemi marbuta mal-isfidi demografiċi. Għall-kuntrarju, huwa jemmen li din tista' titfa' miljuni ta' persuni anzjani taħt il-linja tal-faqar, speċjalment in-nisa. Li huwa meħtieġ huwa li tiżdied l-età effettiva tal-irtirar billi jintużaw inizjattivi li jippromovu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, li jkunu appoġġjati wkoll minn politiki effettivi tat-tkabbir u l-impjieg. Hija biss politika ġenwina ta' "tixjiħ attiv", maħsuba għal parteċipazzjoni miżjuda fit-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, li tista' tipproduċi żieda sostenibbli fir-rata tal-impjieg ta' nies imdaħħla fiż-żmien li jieqfu mix-xogħol kmieni minħabba problemi ta' saħħa, intensità tax-xogħol, tkeċċija mix-xogħol qabel iż-żmien, u nuqqas ta' opportunitajiet għal taħriġ jew dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, l-esperjenza ta' xi Stati Membri turi li ż-żieda fl-età legali tal-irtirar tista' żżid il-pressjoni fuq il-pilastri l-oħra tas-sigurtà soċjali, bħalma huma l-pensjonijiet tal-invalidità jew id-dħul minimu, tant li l-progress li jkun sar lejn finanzji pubbliċi b'saħħithom ikun falz. Flimkien mat-taħriġ vokazzjonali tul il-ħajja, il-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, l-inċentivi finanzjarji biex l-impjegati jibqgħu fl-impjieg, inklużi l-ħaddiema indipendenti, u l-bidla fl-approċċ tal-intrapriżi lejn l-impjegati mdaħħlin fiż-żmien, għandhom jiġu promossi wkoll dawn il-miżuri li ġejjin sabiex il-ħaddiema mdaħħlin fiż-żmien jiġu offruti għażliet ġodda:

— tiġi emendata l-leġislazzjoni li, f'ċerti Stati Membri, ma tippermettix li s-salarji u l-pensjonijiet ikunu kkombinati għall-pensjonanti jew il-benefiċjarji ta' pensjonijiet ta' invalidità li jixtiequ jaħdmu;

— tiġi introdotta sistema ta' bonus biex il-ħaddiema jitħeġġu jibqgħu jaħdmu wara l-età legali tal-irtirar: il-benefiċċji akkumulati wara li l-impjegati jilħqu l-età tal-irtirar għandhom ikunu aktar attraenti minn dawk akkwistati qabel;

— l-Istati Membri jitħeġġu jaħdmu mal-imsieħba soċjali fuq il-kwistjoni ta' impjieg oneruż;

— jingħataw pariri u appoġġ komprensivi għal min qiegħed ifittex ix-xogħol u miżuri għar-riabilitazzjoni għall-integrazzjoni mill-ġdid fit-tul fis-suq tax-xogħol;

— jiġu implimentati inċentivi li huma soċjalment aċċettabbli għall-irtirar iktar fit-tard u, fejn ikun mixtieq, jiġu żviluppati mudelli attraenti għal transizzjoni flessibbli mill-ħajja tax-xogħol għall-irtirar;

— miżuri li jtaffu l-piż fiżiku u mentali tax-xogħol li jippermettu l-impjegati jdumu iktar fl-impjieg;

— il-ħaddiema mdaħħla fiż-żmien jitħeġġu jtejbu l-ħiliet tagħhom;

— is-sensibilizzazzjoni fost il-ħaddiema mdaħħla fiż-żmien u l-kumpaniji, b'mod speċjali l-SMEs, dwar ġestjoni tal-persunal u organizzazzjoni tax-xogħol innovattivi li huma favorevoli għall-ħaddiema mdaħħla fiż-żmien ([25]).

5.5 Il-KESE jemmen li l-iskemi obbligatorji "Pay-As-You-Go" għandhom ikomplu jaqdu rwol fundamentali fl-iżgurar ta' pensjonijiet futuri u għalhekk għandha tingħatalhom attenzjoni speċjali sabiex tinqaleb it-tendenza osservata f'ħafna pajjiżi tal-UE lejn rati ta' sostituzzjoni mnaqqsa ([26]).

([22]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Green Paper – lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri*, ĠU C 84, 17.3.2011, p. 38.

([23]) ĠU C 84, 17.3.2011, p. 38, op. cit.

([24]) ĠU C 128, 18.5.2010, p. 10, op. cit.

([25]) ĠU C 84, 17.3.2011, p. 38, op. cit.

([26]) ĠU C 84, 17.3.2011, p. 38, op. cit.

5.6 Il-Kumitat jieħu nota tal-possibbiltà ta' skemi ta' pensjonijiet privati individwali addizzjonali volontarji, li jaħdmu flimkien mas-sistemi ta' pensjoni attwali. F'dan il-kuntest tista' tiġi studjata l-possibbiltà ta' garanziji Ewropej għall-benefiċċju tal-ħaddiema transkonfinali. Peress li l-pagi tal-individwi u l-istennija tal-ħajja jiddeterminaw il-pensjonijiet futuri u dan jippenelizza b'mod partikolari lin-nisa, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-iskemi ta' pensjonijiet privati li ġew stabbiliti f'xi pajjiżi sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-faqar fost in-nisa anzjani ([27]).

5.7 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tevalwa d-Direttiva 2003/41/KE dwar l-attivitajiet u l-monitoraġġ tal-istituzzjonijiet għad-dispożizzjoni dwar l-irtirar mix-xogħol biex jiġi żgurat li:

— l-impjegati u r-rappreżentanti tat-trejdjunjins jiġu kkonsultati dwar l-investimenti tal-pensjonijiet u r-riskji assoċjati u li l-fehmiet tagħhom jiġu rrispettati;

— l-Istati Membri jużaw l-aħjar prattika biex jiżguraw li l-pensjonijiet tal-kumpaniji akkwistati mill-impjegati jkunu mħarsa mill-falliment ([28]).

5.8 Il-monitoraġġ tal-livell ġenerali tal-obbligi marbutin mas-sistemi tal-pensjonijiet huwa ta' importanza fundamentali. Il-qafas Ewropew attwali jista' jiġi komplut permezz ta' monitoraġġ u rappurtaġġ dwar l-obbligi ta' pensjoni impliċiti bl-użu ta' metodoloġija approvata. Tista' tiġi kkunsidrata r-reviżjoni tar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biex ikun żgurat li r-riżultati tar-riformi (inkluża l-bidla minn sistemi ta' pensjoni totalment "Pay-As-You-Go" għal dawk finanzjati parzjalment) li jwasslu għal bidla fil-finanzjament tas-sistemi tal-pensjoni – li jżidu l-obbligi espliċiti u jnaqqsu dawk impliċiti – jiġu riflessi b'mod adatt. Jekk dan isir, dawn ir-riformi, immirati li jsolvu l-isfidi tas-sostenibbiltà fit-tul, ma jiġux ippenalizzati f'qasir żmien minħabba dejn pubbliku espliċitu ogħla. Madankollu, il-promozzjoni attwali ta' riformi effettivi fuq il-bażi tal-projezzjonijiet għall-2060 tista' twassal biex ma tintlaħaqx il-mira tal-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-pensjonijiet. Il-KESE jirrakkomanda li s-sistemi ta' pensjoni "Pay-As-You-Go" jiġu ssupplimentati b'fondi ta' lqugħ fuq il-bażi ta' każ b'każ sabiex jiġu evitati r-riskji ta' aġġustamenti rapidi li jistgħu jaffettwaw lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli ([29]).

## 6. Ir-riabilitizzazzjoni tal-qiegħda fis-suq tax-xogħol

6.1 Fil-fehma tal-Kumitat, l-"attivazzjoni" tan-nies sabiex ifittxu xogħol l-ewwel u qabel kollox għandha ssir billi jiġu pprovduti servizzi effiċjenti miċ-ċentri tal-impjieg u mhux daqstant permezz tas-suppost "inċentivi" bil-benefiċċji għall-qgħad. Fid-dawl tal-kriżi b'mod partikolari, il-Kumitat jemmen li m'hemmx bżonn li r-regoli tal-assigurazzjoni tal-qgħad isiru iktar stretti. Fis-sitwazzjoni attwali ta' livelli rekord ta' persuni qiegħda, il-problema tas-suq tax-xogħol mhix in-nuqqas ta' forza tax-xogħol b'mod ġenerali iżda n-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati f'xi Stati Membri, kif ukoll in-nuqqas kbir ta' impjiegi disponibbli. Għandu jiġi kkunsidrat aktar l-iżvilupp ta' politika tal-provvista intelliġenti, li tippromovi t-tkabbir u l-innovazzjoni u li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' aktar impjiegi ([30]).

6.2 Il-benefiċċji soċjali għandhom jitqiesu bħala investiment produttiv li hu ta' benefiċċju għal kulħadd. Il-benefiċċji tal-qgħad marbuta ma' politiki dinamiċi tas-suq tax-xogħol jistgħu jistabbilizzaw l-ekonomija u jippromovu l-adattament attiv għat-tibdil permezz tat-titjib tal-kompetenzi u ta' inizjattivi effikaċi fil-qasam tat-tfittxija tal-impjiegi u tat-taħriġ mill-ġdid. Huwa rakkomandat li tibqa' tingħata attenzjoni lill-miżuri maħsuba biex il-kriterji tal-eliġibbiltà jsiru aktar stretti. Hemm riskju li l-persuni esklużi jiġu marġinalizzati aktar u dan huwa ostakolu kbir f'termini ta' integrazzjoni (mill-ġdid) fil-qasam tax-xogħol. Dawn il-politiki ta' eliminazzjoni jista' wkoll ikollhom effet negattiv peress li jistgħu jipprovokaw ċaqliq lejn setturi oħra tal-protezzjoni soċjali, bħal pereżempju l-għajnuna soċjali jew l-inkapaċità għax-xogħol, u dan mhuwiex mixtieq ([31]).

6.3 Ix-xogħol mhux neċessarjament protezzjoni kontra l-faqar; għaldaqstant, il-ħolqien tal-impjiegi għandu jiffoka fuq impjiegi aktar siguri u mħallsin b'mod adegwat. Huwa essenzjali li x-xogħol isir aktar attraenti u li jipprovdi l-flus f'but kulħadd, inklużi l-persuni żvantaġġati, jiġifieri għandu jinsab mod kif jiġi żgurat bilanċ effikaċi bejn is-sistemi fiskali u s-sistemi tal-benefiċċji ([32]).

6.4 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ġie ġustament estiż biex jgħin lill-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba l-kriżi ekonomika internazzjonali attwali ([33]).

([27]) CESE 72/2011, op. cit., u ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Il-pjan direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2006-2010) u l-istrateġija ta' segwitu*, ĠU C 354, 28.12.2010, p. 1.

([28]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-impatt tal-fondi tal-private equity, il-hedge funds u l-fondi sovrani fuq il-bidliet industrijali fl-Ewropa*, ĠU C 128, 18.5.2010, p. 56.

([29]) Op. cit. ĠU C 84, 17.3.2011, p. 38.

([30]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri – it-Tieni Parti tal-Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020*, ĠU C 21, 21.1.2011, p. 66.

([31]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-iżvilupp tal-benefiċċji soċjali*, ĠU C 44, 11.2.2011, p. 28, CESE 977/2010.

([32]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Ix-xogħol u l-faqar: lejn l-approċċ olistiku meħtieġ*, ĠU C 318, 23.12.2009, p. 52.

([33]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*, ĠU C 228, 22.9.2009, p. 103.

6.5 Il-Kumitat appoġġja l-isforzi li saru fis-summit dwar l-impjiegi fi Praga sabiex tittieħed azzjoni fil-livell nazzjonali u Ewropew fuq il-bażi tad-djalogu soċjali, il-ħolqien tal-impjiegi u l-miżuri meħtieġa sabiex tkun stimulata d-domanda ([34]).

6.6 Il-Kumitat enfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-attività intraprenditorjali u ta' mentalità intraprenditorjali sabiex jiġi inkoraġġut it-tkabbir ekonomiku meħtieġ biex jinżamm b'suċċess il-mudell soċjali tal-Ewropa. Għandha ssir distinzjoni bejn l-intraprenditorija reali u l-ħaddiema għal rashom li huma ekonomikament dipendenti. F'ħafna każijiet, il-bidla fl-istatus ta' ħaddiem għal rasu u ekonomikament dipendenti mhijiex strettament għażla volontarja, iżda waħda li saret bilfors b'riżultat ta' fatturi esterni bħall-esternalizzazzjoni (outsourcing) tal-produzzjoni jew ir-ristrutturar ta' kumpanija bis-sensji li jirriżultaw minn dan ([35]).

6.7 Is-sistemi tal-protezzjoni soċjali mhux biss ipproteġew lill-Ewropej mill-aktar konsegwenzi gravi tal-kriżi finanzjarja iżda wkoll kellhom rwol kontraċikliku fl-istabbilizzazzjoni tal-ekonomija. Fin-nuqqas ta' politiki ambizzjużi ta' konverġenza, dawn is-sistemi jistgħu jitqiegħdu f'periklu b'mod partikolari permezz ta' prattiki ta' kompetizzjoni żviluppati minn ċerti Stati Membri li għalihom it-tnaqqis tal-infiq soċjali huwa lieva biex jiġbdu l-investiment barrani. Dan il-proċess, li diġà huwa realtà fil-livell fiskali u dak tal-pagi, għandu tendenza li jespandi fil-qasam tal-affarijiet soċjali ([36]).

6.8 Il-Kumitat laqa' l-fatt li, fil-bidu tal-kriżi tal-impjiegi preżenti, ħafna pajjiżi tal-UE implimentaw strumenti attivi ta' politika tal-impjieg b'sussidji pubbliċi, li għenu sabiex l-impjegati jibqgħu impjegati u jipparteċipaw f'taħriġ addizzjonali minflok jitkeċċew. Il-mudelli li jippermettu lill-kumpaniji biex jibqgħu jħaddmu lill-impjegati tagħhom waqt il-kriżi, flimkien ma' appoġġ b'saħħtu għad-dħul tal-impjegati li tnaqqsilhom il-ħin tax-xogħol, huma mod ħafna aktar intelliġenti kif tiġi ttrattata l-kriżi milli sempliċiment jitkeċċew impjegati tas-sengħa malli jonqsu l-ordnijiet, peress li dan jiżgura li dawn l-impjegati se jkunu disponibbli malli l-ekonomija tirkupra. Dawn il-mudelli għandhom jiġu żviluppati anke f'dawk il-pajjiżi tal-UE fejn għalissa għadhom ma jeżistux u għandhom jiġu estiżi għal impjegati li għandhom kuntratti mhux standard ([37]).

## 7. L-ibbilanċjar tas-sigurtà u l-flessibbiltà

7.1 Il-flessigurtà m'għandhiex tinfiehem bħala mod kif il-ħaddiema li bħalissa għandhom xogħol ikunu jistgħu jitkeċċew aktar faċilment jew miżura li tpoġġi fil-periklu s-sigurtà soċjali b'mod ġenerali jew ta' dawk li mhux qed jaħdmu b'mod speċifiku. Il-miżuri maħsuba biex itejbu l-aspett tas-"sigurtà" tal-flessigurtà bħalissa għandhom jingħataw l-ogħla prijorità ([38]).

7.2 L-użu ta' mudelli ta' impjieg fuq medda qasira ta' żmien juri li f'bosta pajjiżi hemm biżżejjed flessibbiltà fis-swieq tax-xogħol biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jirreaġixxu malajr meta jkun hemm tnaqqis fl-ordnijiet. M'hemmx raġunijiet validi għat-talbiet biex jitnaqqsu r-regoli eżistenti għall-protezzjoni tal-impjieg ([39]).

7.3 Il-bidliet fis-suq tax-xogħol wasslu għal żieda fix-xogħol part-time u dak b'kuntratt fiss. Jista' jkun li dawn it-tipi ta' impjieg għamluha iktar faċli sabiex in-nies isibu impjieg u b'hekk żdiedu r-rati tal-impjieg fl-Ewropa. Iżda l-ħaddiema fl-impjieg temporanju għandhom tendenza li jkunu inqas produttivi, jirċievu inqas taħriġ appoġġjat minn min iħaddimhom u għandhom iktar ċans li jkollhom inċidenti relatati max-xogħol. Dawn jirriskjaw ukoll li jeħlu f'impjieg temporanju. Għandhom jitqiesu r-riskji ġodda u t-transizzjonijiet għandhom ikunu kumpensati fl-implimentazzjoni tal-flessigurtà, iżda l-kuntratti permanenti m'għandhomx jitneħħew sistematikament. L-imsieħba soċjali Ewropej ħeġġu li jkun hemm sigurtà adegwata għall-ħaddiema b'kull xorta ta' kuntratt ([40]).

7.4 Il-flessigurtà taħdem biss jekk l-impjegati jkunu mħarrġa tajjeb. Hemm rabta mill-qrib bejn il-kompetenzi ġodda u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Huwa kompletament fl-interess tal-kumpaniji li jinvestu fit-taħriġ kontinwu tal-persunal tagħhom, filwaqt li hija r-responsabbiltà tal-ħaddiema li jkomplu jieħdu t-taħriġ ([41]).

7.5 Strateġija tal-impjieg ibbażata fuq ekonomija sostenibbli tista' tinbena fuq l-għarfien u n-know-how żviluppati tajjeb fl-Istati Membri. L-UE għandha bżonn l-impjiegi tas-sengħa u għandha tuża dawn il-punti b'saħħithom għall-benefiċċju tagħha. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jinvestu iktar fis-sistemi edukattivi u ta' taħriġ kontinwu tagħhom, kif ukoll fil-promozzjoni tax-xjenzi, t-teknoloġija u l-inġinerija. Il-livell attwali ta' investiment pubbliku fl-edukazzjoni huwa għalkollox inadegwat u għandu jagħmel parti minn strateġija koerenti ta' tagħlim tul il-ħajja ([42]).

([34]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-impatt tal-kriżi dinjija fuq is-setturi ewlenin Ewropej tal-manifattura u tas-servizzi*, ĠU C 318, 23.12.2009, p. 43.

([35]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona: Inkattru inklinazzjonijiet intraprenditorjali bl-edukazzjoni u t-tagħlim*, ĠU C 309, 16.12.2006, p. 110 (mhux disponibbli bil-Malti); u l-opinjoni tal-KESE dwar *Tendenzi ġodda fil-qasam tax-xogħol indipendenti: il-każ speċifiku tax-xogħol indipendenti ekonomikament dipendenti*, ĠU C 18, 19.1.2011, p. 44.

([36]) ĠU C 44, 11.2.2011, p. 28, op. cit.

([37]) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 70, op. cit.

([38]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Kif il-flessigurtà tista' tintuża għar-ristrutturar fil-kuntest tal-iżvilupp dinji*, ĠU C 318, 23.12.2009, p.1.

([39]) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 70, op. cit.

([40]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà: Aktar impjiegi u impjiegi aħjar permezz tal-flessibbiltà u s-sigurtà*, ĠU C 211, 19.8.2008, p. 48.

([41]) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 1, op. cit.

([42]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-impatt tal-bidliet industrijali kkawżati mill-isfidi relatati mal-ekoloġija, l-enerġija u l-klima fuq l-impjiegi*, ĠU C 44, 11.2.2011, p. 40.

7.6 Il-miżuri temporanji tas-suq tax-xogħol għandhom jiżguraw li l-impjieg għal perjodu qasir ikun marbut ma' taħriġ adatt, l-aktar rigward is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u b'livelli garantiti ta' pagi ([43]).

7.7 Huwa urġenti u fundamentali li ż-żgħażagħ jiġu orjentati mill-ġdid lejn is-suġġetti teknoloġiċi u xjentifiċi fil-livelli edukattivi u ta' taħriġ kollha, sabiex jagħmlu tajjeb għat-tnaqqis mogħti lill-valur tal-attivitajiet tal-produzzjoni favur dawk finanzjarji u spekulattivi ([44]).

7.8 Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex issaħħaħ il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u biex iżżid il-viżibbiltà tal-ħiliet li jinkisbu barra mis-sistema ta' edukazzjoni formali (pereżempju permezz tal-Passaport Ewropew tal-Ħiliet).

7.9 Il-KESE jappella għal ġestjoni professjonali aħjar fl-innovazzjoni edukattiva. Huwa essenzjali li jsir titjib fis-sistemi edukattivi u ta' taħriġ tal-UE sabiex tiżdied l-impjegabilità u titnaqqas l-inugwaljanza. Il-bidliet istituzzjonali fl-edukazzjoni bilkemm jistgħu jżommu l-pass mal-ħtiġijiet tas-soċjetà. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-ħtieġa ta' relazzjoni mill-qrib bejn il-bidliet, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ ([45]).

7.10 Il-KESE jappella għall-integrazzjoni mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-ħajja reali, biex tkun eqreb tal-ħtiġijiet tal-pubbliku u tad-drawwiet ta' ġenerazzjonijiet ġodda ta' nies li qed jitħarrġu u jitgħallmu ([46]).

7.11 Il-Kumitat jappoġġja l-idea li jitwaqqfu kunsilli settorjali għall-impjiegi u l-ħiliet f'livell Ewropew, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-ġestjoni tal-bidliet settorjali u fit-tbassir tal-impjiegi u l-ħtiġijiet il-ġodda li jkunu adattati għall-provvista u d-domanda ([47]).

7.12 Il-kunsilli settorjali Ewropej jistgħu jappoġġjaw il-ġestjoni tal-bidliet settorjali u jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-inizjattiva "ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda" u jistgħu jkunu utli meta jittieħdu deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-bidliet settorjali fil-livell Ewropew ([48]).

([43]) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 43, op. cit.
([44]) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 43, op. cit.
([45]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Tqabbil ta' ħiliet mal-ħtiġijiet tal-industrija u s-servizzi li qed jgħaddu minn tibdil – B'liema mod it-twaqqif ta' kunsilli settorjali għall-impjiegi u l-ħiliet f'livell Ewropew jista' jikkontribwixxi għal dan il-għan?* ĠU C 347, 18.12.2010, p. 1.
([46]) ĠU C 347, 18.12.2010, p. 1, ibid.
([47]) ĠU C 347, 18.12.2010, p. 1, ibid.
([48]) ĠU C 347, 18.12.2010, p. 1, ibid.

## 8. **L-isfruttar tal-potenzjal tas-suq uniku**

8.1 Suq uniku dinamiku huwa prerekwiżit u jservi ta' sostenn għal Strateġija Ewropa 2020 li jkolha suċċess. Għaldaqstant, il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni tal-UE u lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi neċessarji importanti u deċiżivi bilgħan li jitlesta s-suq uniku, filwaqt li jiġu mħarsa u żviluppati aktar l-istandards ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Il-KESE huwa tal-fehma li r-regoli professjonali tal-professjonijiet liberi huma regoli għall-protezzjoni tal-konsumatur li bis-saħħa tagħhom kemm is-suq uniku Ewropew kif ukoll is-swieq internazzjonali jibqgħu operattivi, u li jevitaw id-distorsjonijiet tas-suq, speċjalment dawk li wasslu għall-kriżi finanzjarja internazzjonali ([49]).

8.2 Huwa importanti li d-Direttiva dwar is-Servizzi tiġi implimentata b'konformità sħiħa mal-ispirtu u r-regoli tas-suq uniku. Hemm bżonn regoli implimentattivi ċari u effettivi għall-applikazzjoni adatta u t-twettiq tal-għanijiet tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema, jiġifieri l-kompetizzjoni ġusta bejn l-intrapriżi, ir-rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema u li jiġi evitat id-dumping soċjali ([50]).

8.3 Ir-rwol importanti li jaqdi s-settur tas-servizzi fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali għandu jiġi rikonoxxut bħala kwistjoni urġenti. Il-prijoritajiet għandhom jiġu stabbiliti f'din l-ordni:

— *Azzjoni dwar il-politiki b'rabta mas-servizzi lin-negozju u Grupp ta' Livell Għoli.* Għandu jitwaqqaf Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Servizzi lin-Negozju biex jagħmel analiżi iktar profonda tas-settur;

— *Politika tas-suq tax-xogħol fis-servizzi lin-negozju.* Minn perspettiva soċjali, huwa meħtieġ studju profond fil-livell settorjali tal-isfidi li qed joħolqu t-tipi ġodda ta' impjiegi ġenerati mill-interazzjonijiet bejn is-servizzi lin-negozju u l-industrija tal-manifattura. Din l-analiżi għandha tinkludi l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema, inklużi dawk involuti fil-proċessi ta' esternalizzazzjoni. Biex jintlaħaq dan l-objettiv, l-aġenda għad-djalogu soċjali għandha tiġi estiża biex tanalizza l-bidliet speċifiċi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-opportunitajiet ta' impjieg li jirriżultaw minn bidliet strutturali li jaffettwaw is-servizzi lin-negozju;

— *Servizzi lin-negozju fil-politiki marbuta mal-innovazzjoni.* Il-programmi fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni u l-azzjonijiet maħsuba għall-innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi għandhom jiġu promossi bil-qawwa;

([49]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-Aġenda ta' Lisbona u s-Suq Intern*, ĠU C 347, 18.12.2010, p. 8.
([50]) ĠU C 347, 18.12.2010, p. 8, ibid.

— *Żvilupp tal-istandards tas-servizzi lin-negozju.* L-intrapriżi għandhom jitheġġu jagħtu l-kontribut tagħhom għat-twaqqif ta' standards permezz tal-awtoregolazzjoni wara konsultazzjoni intensiva mal-utenti tas-servizzi lin-negozju;

— *Promozzjoni tax-xjenza tas-servizzi* bħala dixxiplina ġdida fl-edukazzjoni u t-taħriġ;

— *Is-suq intern u r-regolamentazzjoni li taffettwa s-servizzi lin-negozju.* Ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt tad-Direttiva dwar is-Servizzi fuq is-servizzi lin-negozju. Dan jisthoqqlu sforz kbir, speċjalment ġaladarba d-direttiva tkun trasposta fil-leġislazzjoni nazzjonali.

— *Iktar titjib fl-istatistika b'rabta mas-servizzi lin-negozju.* L-Istati Membri huma mitluba jikkollaboraw aktar biex l-istatistika dwar is-servizzi lin-negozju tittejjeb ([51]).

8.4 L-aspirazzjonijiet għall-ħarsien tal-konsumatur fis-suq intern tas-servizzi għandhom jaqdu rwol ikbar. L-inċertezza evidenti fir-rigward tas-sitwazzjoni legali tas-servizzi transkonfinali għandha tiġi indirizzata permezz ta' strateġija ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE. Ix-xewqa għal infomazzjoni eżatta dwar is-servizzi u l-fornituri m'għandhiex tiġi ssottovalutata ([52]).

8.5 Fir-rigward tal-industrija tal-bejgħ bl-imnut, huwa importanti li s-suċċess kummerċjali ma jiġix penalizzat, ħlief f'każijiet fejn ikunu involuti prattiki li mhumiex kompatibbli mal-kompletar tas-suq intern, b'mod partikolari meta jkun hemm provi ċari ta' abbuż tal-poter tas-suq jew ħsara lill-konsumaturi bi ksur tal-Artikolu 81 tat-Trattat tal-UE ([53]).

8.6 Fir-rigward tal-qafas Ewropew tal-proprjetà intellettwali, il-Kumitat jappoġġja l-istabbiliment ta' Osservatorju Ewropew tal-Falsifikazzjoni u l-Piraterija, li jiġbor u jxerred l-informazzjoni utli dwar il-prattiki tal-falsifikaturi u jagħti appoġġ speċifiku lill-SMEs u l-SMIs. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport b'mod regolari dwar id-data miġbura mill-Osservatorju u dwar l-attivitajiet tiegħu ([54]).

([51]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-iżviluppi fis-settur tas-servizzi lin-negozju fl-Ewropa*, ĠU C 27, 3.2.2009, p. 26.

([52]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Is-suq intern għas-servizzi – ħtiġijiet fir-rigward tas-suq tax-xogħol u l-ħarsien tal-konsumaturi*, ĠU C 175, 27.7.2007, p. 14.

([53]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-iżviluppi fl-industrija tal-bejgħ bl-imnut u l-impatt fuq il-fornituri u l-konsumaturi*, ĠU C 175, 28.7.2009, p. 57.

([54]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: Li ssaħħaħ l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fis-suq intern*, ĠU C 18, 19.1.2011, p. 105.

8.7 Il-Kumitat jirrifjuta l-idea ta' kwalunkwe sett ta' regoli speċjali bħal dawk introdotti fil-leġislazzjoni ta' xi Stati Membri fir-rigward tal-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur fuq l-internet, li jistgħu jiksru l-privatezza tal-individwu. Minflok, jirrakkomanda li jittieħdu miżuri attivi ta' edukazzjoni u taħriġ għall-konsumaturi, speċjalment iż-żgħażagħ ([55]).

8.8 B'mod speċjali għax-xogħlijiet orfni, il-Kumitat jirrakkomanda sistema armonizzata ta' reġistrazzjoni tad-dritt tal-awtur u tad-drittijiet relatati, li tiġġedded kull tant żmien, sabiex ikunu jistgħu jinsabu b'mod faċli dawk li jkollhom dawn id-drittijiet. Din is-sistema għandha tispeċifika n-natura, it-titolu tax-xogħol u d-diversi detenturi tad-drittijiet. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja l-fattibbiltà ta' idea bħal din ([56]).

8.9 Il-Kumitat itenni t-talba tiegħu li tinħoloq il-privattiva tal-Unjoni Ewropea u tiġi implimentata b'mod adatt fl-Istati Membri kollha ([57]).

8.10 Id-dimensjoni globali tas-suq intern teħtieġ aktar sforzi konġunti. Pjan ta' Azzjoni tal-UE xieraq għandu jkun immirat lejn:

— l-iżvilupp tal-politiki esterni tal-UE u l-aspetti esterni tal-politiki l-oħrajn tagħha skont loġika strutturali li ssaħħaħ il-koerenza ġenerali tagħhom u żżid l-unità li biha jaġixxu l-Istati Membri;

— l-iżgurar ta' ftuħ bilanċjat tas-swieq, inkluż ir-rispett tal-istandards tax-xogħol prinċipali tal-ILO permezz tal-konklużjoni taċ-ċiklu ta' Doha u djalogu strutturat mal-imsieħba ewlenin tagħha;

— it-tisħiħ tar-rwol tal-UE bħala setgħa regolatorja internazzjonali u s-segwitu tal-politika internazzjonali fuq il-bażi tal-promozzjoni tad-drittijiet;

— il-ħarsien tal-interess tal-ħaddiema, konsumaturi u produtturi lokali fis-swieq tal-imsieħba kummerċjali;

— it-tisħiħ tad-dimensjoni internazzjonali tal-euro;

— l-adozzjoni tal-objettiv li tinbena żona wiesgħa ta' żvilupp u tkabbir ekonomiku speċjali, bl-involviment tal-kompletar malajr tat-tkabbir tal-Unjoni, il-Politika tal-Viċinat, l-Unjoni għall-Mediterran, u sħubija iktar b'saħħitha mal-Afrika ([58]).

([55]) ĠU C 18, 19.1.2011, p. 105, ibid.

([56]) ĠU C 18, 19.1.2011, p. 105, ibid.

([57]) ĠU C 18, 19.1.2011, p. 105, op. cit.

([58]) ĠU C 347, 18.12.2010, p. 8, op. cit., u l-opinjoni tal-KESE dwar *Id-dimensjoni esterna tal-istrateġija ta' Lisbona mġedda*, ĠU C 128, 18.5.2010, p. 41.

8.11 Għadhom jeżistu xi impedimenti għall-iżvilupp tal-kunsinna diġitali li għandhom jiġu investigati fil-fond u għandhom jinsabu soluzzjonijiet għalihom sabiex l-intrapriżi Ewropej li joperaw fis-settur tas-servizzi lin-negozju jkunu aktar aggressivi u jespandu aktar lil hinn mill-fruntieri tal-UE. Impedimenti ta' dan it-tip jinkludu n-nuqqas ta' standards, ta' interoperabbiltà, ta' fiduċja u sigurtà fil-kummerċ elettroniku, in-nuqqas ta' investiment fl-intrastruttura fissa u mobbli tal-broadband, l-użu li għadu baxx tal-ICT (Teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni) mill-SMEs ([59]).

8.12 L-ostakli l-kbar għall-inklużjoni elettronika għandhom jiġu indirizzati permezz ta' konnettività veloċi mal-internet, ta' ħiliet fl-ICT u tal-iżvilupp ta' prodotti u servizzi li huma adatti għall-bżonnijiet ta' soċjetà li qed tixjieħ u għall-persuni b'diżabbiltà, ta' finanzjament għat-titjib tal-koordinazzjoni tal-innovazzjoni tal-ICT, ta' appoġġ għall-prodotti u s-servizzi tal-ICT fuq il-bażi ta' standards miftuħa, tal-programm Galileo fl-Aġenda Diġitali, u tal-iżvilupp u d-disponibbiltà ta' kontenut u servizzi onlajn siewja, filwaqt li tiġi garantita l-privatezza u li d-data personali tinħażen b'mod sikur ([60]).

8.13 L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi nazzjonali ta' Riċerka u Żvilupp b'saħħithom u tagħhom stess fl-oqsma tal-ICT u tal-FET (Teknoloġiji Futuri u Emerġenti) sabiex isiru msieħba b'saħħithom għall-kooperazzjoni Ewropea u internazzjonali. Għandha tiġi investita parti akbar mill-Fondi Strutturali għal dan il-għan ([61]).

8.14 Fir-rigward tal-SMEs, il-Kumitat itenni l-proposti tiegħu għal Att Ewropew dwar in-Negozji ż-Żgħar ambizzjuż li jinkludi:

— strument legali vinkolanti li jirregola l-prinċipju *"Aħseb l-ewwel fiż-Żgħir"* sabiex tiġi żgurata, bl-aktar mod obbligatorju possibbli, implimentazzjoni effettiva u konkreta ta' dawn il-prinċipji ta' governanza fil-livell tal-UE kif ukoll fl-Istati Membri u fir-reġjuni;

— *pjan direzzjonali* b'kalendarju preċiż u mezzi adegwati għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet konkreti b'firxa wiesgħa tal-Att Ewropew dwar in-Negozji ż-Żgħar;

— impenji ċari biex jitnaqqas il-piż burokratiku, b'mod partikolari rigward il-prinċipju ta' *"darba biss"* għall-formalitajiet amministrattivi kollha;

— riorganizzazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea sabiex l-SMEs ikollhom imsieħeb ġenwin u strumenti li jgħinu lill-intrapriżi *jsiru dejjem iżjed Ewropej* (l-"Ewropanizzazzjoni" tal-intrapriżi);

— għodod Ewropej li jservu ta' lieva biex jippromovu l-kapitalizzazzjoni, in-networking, l-investimenti u t-tagħlim tul il-ħajja fl-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju;

— qafas politiku koerenti għall-politiki kollha tal-UE sabiex l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju jitqiesu bħala r-regola u mhux bħala l-eċċezzjoni;

— l-interpretazzjoni nazzjonali tal-objettivi tal-Att Ewropew dwar in-Negozji ż-Żgħar, inkluż permezz tal-leġislazzjoni; u

— l-użu mill-ġdid tal-konsultazzjoni permanenti mal-organizzazzjonijiet intermedjarji u l-imsieħba soċjali ([62]).

8.15 Il-Kumitat isejjaħ għall-introduzzjoni ta' bażi fiskali korporattiva komuni u konsolidata (CCCTB) ([63]), bil-għan li l-prattiki fiskali fl-Istati Membri kollha jsiru aktar sempliċi, ekwi u trasparenti. Huwa importanti wkoll li tiġi kkunsidrata l-estensjoni tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni dwar it-taxxa fuq il-kumpaniji ([64]).

8.16 Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa ta' sistema tat-taxxa indiretta armonizzata u sempliċi, li tnaqqas il-piż amministrattiv u li ġġib benefiċċji ċari għall-intrapriżi u l-individwi, li tiggarantixxi tassazzjoni ġusta u dħul ċert għall-finanzi pubbliċi, li tnaqqas ir-riskju ta' frodi fiskali u li tikkontribwixxi għall-kompletar tas-suq intern ([65]).

---

([59]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Is-servizzi u l-industrija Ewropea tal-manifattura: Interazzjonijiet u impatti fuq l-impjieg, il-kompetittività u l-produttività*, ĠU C 318, 23.12.2006, p.26 (mhux disponibbli bil-Malti).

([60]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Aġenda Diġitali għall-Ewropa*, ĠU C 54, 19.2.2011, p. 58.

([61]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Inħarrku l-fruntieri fit-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) – strateġija għar-riċerka fit-teknoloġiji ġodda u tal-ġejjieni fl-Ewropa*, ĠU C 255, 22.9.2010, p. 54.

([62]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir": "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa*, ĠU C 182, 4.8.2009, p. 30.

([63]) Ara l-Komunikazzjoi reċenti mill-Kummisjsoni dwar *L-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju għat-tisħiħ tat-tkabbir u l-impjieg u għat-titjib tal-kompetittività tan-negozju UE: Aktar Progress matul l-2006 u l-passi li jmiss lejn proposta għal Bażi Fiskali Korporattiva Komuni u Konsolidata (CCCTB)* (COM(2007) 223 finali, 2.5.2007).

([64]) ĠU C 120, 16.8.2008, p. 51, op. cit.

([65]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KEE dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu ta' obbligu li tiġi rispettata r-rata standard minima*, ĠU C 51, 17.2.2011, p.67.

8.17 Fir-rigward tal-frodi tal-VAT, ir-reżistenza għall-bidla qed tħalli effetti negattivi fuq il-finanzi tal-Istati Membri u tal-UE; l-interessi partikolari qed jieħdu preċedenza fuq il-ġid komuni ([66]).

## 9. L-attrazzjoni ta' kapital privat biex jiffinanzja t-tkabbir

9.1 Il-proposti tal-Kummissjoni maħsuba biex jattiraw aktar kapital privat biex jiffinanzja t-tkabbir huma daqsxejn tentattivi. Fi żmien meta ħafna mill-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri huma jew ristretti b'mod sever jew inkella qed jitnaqqsu, il-bżonn li jinsabu sorsi alternattivi ta' finanzjament biex jiġi stimolat it-tkabbir għandhom jingħataw prijorità ħafna akbar. Il-proposta li jiġu introdotti bonds ta' proġetti tal-UE (EU project bonds) ser tgħin f'xi investimenti infrastrutturali importanti, iżda għandu jkun hemm ukoll sforz aktar sistematiku biex jiġi mobilizzat l-investiment f'fond tal-pensjoni Ewropew. Dan jista' jinkiseb billi l-Istati Membri jiġu inkoraġġuti jinċentivizzaw il-fondi tal-pensjoni tagħhom biex jiġu investiti fl-infrastrutturi nazzjonali u biex jikkofinanzjawhom.

9.2 Jekk il-BEI jitħalla joħroġ il-Eurobonds, jew aħjar bonds tal-UE li jkopru s-27 Stat Membru, jista' jinħoloq kapital ġdid għas-settur pubbliku mingħajr id-dipendenza għalkollox mis-settur finanzjarju privat. Ir-riżorsi finanzjarji għandhom jinstabu iktar 'il fuq fil-katina (upstream), pereżempju fl-Istituzzjonijiet li jipprovdu Irtirar Okkupazzjonali (IORP), sabiex il-BEI jsir l-interfaċċja bejn dawn ir-riżorsi kapitali u l-investimenti tiegħu. Il-Eurobonds huma strumenti li jistgħu jintużaw ukoll għat-tfaddil privat fit-tul. Il-Kumitat jilqa' l-introduzzjoni rapida tal-bonds ta' proġetti, iżda din m'għandhiex tkun alternattiva jew sostitut għall-ħolqien tal-Eurobonds ([67]).

9.3 Fir-rigward tal-istrutturi tal-finanzjament għall-SMEs fil-kuntest tas-sitwazzjoni finanzjarja attwali, il-proposta li jiġu liberalizzati l-fondi tal-kapital ta' riskju (venture capital) biex ikunu jistgħu joperaw madwar l-Unjoni hija apprezzata iżda jmissha ilha ħafna li saret. Għandha ssir riflessjoni wkoll biex jinsabu modi kif tiżdied il-provvista tal-finanzjament ta' riskju hekk kif is-suq Ewropew qed jikber. Pereżempju, il-ħolqien ta' pjattaformi żgħar reġjonali kkoordinati minn netwerk Ewropew joħloq strument ġdid li jista' jintuża biex jiżdied il-kapital ġdid għall-kumpaniji żgħar. Dan iħeġġeġ aktar finanzjament fil-forma ta' kapital ta' riskju, u jgħin ukoll lill-investituri żgħar ta' kapital ta' riskju biex jassistu lin-negozji żgħar ([68]).

9.4 Huwa rikonoxxut li s-suq ma rnexxilux jipprovdi l-kapital bikri għall-ispin outs u l-istart-ups fil-qasam tat-teknoloġija. L-isforz li sar biex jirrimedja din is-sitwazzjoni permezz ta' inizjattivi bħall-investituri privati (business angels) u l-fondi għall-kapital inizjali għenhom, iżda l-universitajiet u ċ-ċentri tar-riċerka fl-Ewropa għad qed ikollhom id-diffikultajiet biex jittrasferixxu l-għarfien lejn is-suq. It-talba għall-kapital bikri qed tikber, iżda l-provvista għadha sa ċertu punt l-istess. Għandu jsir sforz akbar biex jiġu inċentivizzati l-individwi u l-istituzzjonijiet li għandhom ħafna kapital biex jipprovdu aktar finanzjament ta' riskju għall-istart-ups fil-qasam tat-teknoloġija u għall-attività prototipika.

9.5 Metodi prattiċi għall-għajnuna tal-SMEs, bħall-medjazzjoni, ħelsien mit-taxxa, ħlas fil-pront u miżuri li jiffaċilitaw it-tixrid malajr ta' fondi permezz ta' eżenzjonijiet għall-għajnuna mill-Istat għandhom jitħeġġu, b'mod partikolari għal dawk is-setturi li huma esposti l-iktar għall-globalizzazzjoni u l-effetti attwali tal-kriżi ekonomika u finanzjarja ([69]).

## 10. Il-ħolqien ta' aċċess kosteffikaċi għall-enerġija

10.1 Il-miżuri li jinsabu fit-Tielet Pakkett tal-Enerġija għandhom jiġu implimentati sabiex jistabbilixxu suq ġenwin tal-enerġija bbażat fuq il-kooperazzjoni bejn l-Istati, interkonnessjoni mtejba bejn in-netwerks u l-operaturi u aktar setgħat għar-regolaturi nazzjonali ([70]).

10.2 L-effiċjenza fil-qasam tal-enerġija tiġi qabel il-qabża teknoloġika li tippermetti t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. Diġà sar progress, madankollu l-Istati Membri jridu jaħdmu iktar sabiex jiżviluppaw is-sorsi rinnovabbli tal-enerġija fil-pjani ta' investiment tagħhom sabiex jiżguraw li l-kumpaniji privati li jaħdmu fuq il-prodotti u s-servizzi relatati mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jkollhom il-qafas stabbli adatt ta' regolamentazzjoni u inċentivi ([71]).

10.3 Il-Kumitat ressaq proposta lill-Kunsill tal-Enerġija tal-4 ta' Frar 2011 biex jiġu stabbiliti għanijiet fil-qafas tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija għal setturi prinċipali speċifiċi bħat-trasport u l-industrija tal-bini, inklużi miżuri bħal:

— l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tal-forom kollha tal-enerġija sabiex is-suq, b'mod naturali, idur fuq il-forom li jipproduċu l-inqas emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju;

— spinta fil-qasam tal-informazzjoni u t-taħriġ fejn jidħlu teknoloġiji ġodda u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, eż. fis-settur tal-bini, ix-xogħlijiet pubbliċi u t-trasport;

([66]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-koperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud*, ĠU C 347, 18.12.2010, p. 73.
([67]) Op. cit. ĠU C 48, 15.2.2011, p. 57.
([68]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Strutturi ta' finanzjament għall-SMEs fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja attwali*, ĠU C 48, 15.2.2011, p. 33.
([69]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Kif għandhom jiġu appoġġjati l-SMEs biex jadattaw għall-bidliet fis-swieq globali*, ĠU C 255, 22.9.2010, p. 24.
([70]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Il-faqar fl-enerġija fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni u l-kriżi ekonomika*, ĠU C 44, 11.2.2011, p. 53.
([71]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-Istrateġija tal-Enerġija għall-2011-2020*, ĠU C 54, 19.2.2011, p. 1.

— l-użu iktar effettiv tal-potenzjal tal-ICTs sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija f'kull livell tal-produzzjoni u l-konsum;

10.4 Il-Kumitat ifakkar li l-bini, li jgħodd għal 40 % tad-domanda aħħarija għall-enerġija fl-Unjoni Ewropea, jirrappreżenta l-ikbar konsumatur uniku tal-enerġija. Daqs nofs il-potenzjal għall-qligħ mill-effiċjenza tal-enerġija jista' jiġi assigurat mill-bini u bi spiża ekonomika negattiva. B'dan l-iffrankar biss, l-UE tista' tissodisfa l-impenji tagħha fil-Protokoll ta' Kjoto. Barra minn hekk, dan l-iffrankar tal-enerġija jista' jinkiseb bl-użu ta' teknoloġiji li jeżistu diġà. B'żieda ma' dan, it-titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini jkollu biss effetti pożittivi, li joħloq l-impjieg utli, inaqqas l-ispejjeż operattivi, iżid il-kumdità u joħloq ambjent iktar nadif. Dan għandu jkun prijorità assoluta għall-Unjoni Ewropea. Il-Kumitat jagħraf ukoll l-importanza ta' materjali bażiċi ġodda u iktar żviluppati fit-tagħmir li jintuża fid-djar u l-uffiċini kif ukoll l-importanza ta' setturi oħra bħall-enerġija u t-trasport ([72]).

10.5 L-industriji li jużaw ħafna enerġija għandhom tabilħaqq jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-politika dwar il-klima u l-enerġija. L-istrumenti tal-politika tal-ambjent u l-enerġija għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa u għandhom jitfasslu f'termini ta' kemm għandhom impatt fuq il-kompetittività ta' dawn l-industriji ([73]).

10.6 Il-prestazzjoni ambjentali eċċellenti ta' ħafna prodotti tal-ħġieġ u taċ-ċeramika (materjali tal-insulazzjoni, twieqi bi ħġieġ doppju, eċċ.) għandha tiġi promossa bħala valur ta' referenza tal-iffrankar tal-enerġija fl-industrija tal-kostruzzjoni fl-UE. Barra minn hekk, din it-teknoloġija għandha tiġi inkluża f'kull trasferiment previst tat-teknoloġija għal dawk il-pajjiżi li huma barra mill-UE b'potenzjal kbir għall-iffrankar tal-enerġija ([74]).

10.7 Il-Kumitat jipproponi li jiġi studjat jekk, fil-kuntest tal-kriżi attwali u fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi adottat approċċ sostenibbli, id-dispożizzjonijiet attwalment fis-seħħ (fis-setturi tat-telekomunikazzjoni, is-servizzi tal-posta, l-elettriku) humiex biżżejjed biex jiġu evitati t-tnaqqis tal-kwalità tas-servizzi offruti u l-iżvilupp ta' fenomeni bħall-esklużjoni, il-frammentazzjoni soċjali u l-faqar. Bl-istess mod ikun utli li jiġi stabbilit jekk hemmx bżonn li l-oqsma ġodda jridu jiġu koperti minn "livell għoli f'termini ta' kwalità, sigurtà u affordability, it-trattament indaqs u l-promozzjoni ta' aċċess universali u tad-drittijiet tal-utenti", definiti bħala prinċipji Komunitarji mill-Protokoll Nru. 26, anness mat-Trattat ta' Lisbona ([75]).

10.8 Għandhom isiru studji dwar il-fattibbiltà ta' servizz ta' interess ġenerali Ewropew tal-enerġija li jista' jintuża mill-politika komuni tal-enerġija. Minħabba li huma maqbuda bejn differenzi nazzjonali u l-ħtieġa komuni li jitwaqqaf suq uniku Ewropew, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-gvernijiet nazzjonali jew l-Istati Membri, madankollu, qed ibatu biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-idea ta' servizzi Komunitarji ta' interess ġenerali (ekonomiċi jew le). Pereżempju, l-idea li jinħolqu servizzi Ewropej tal-enerġija għadha ma ntlaqgħetx tajjeb minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi. Madankollu, is-SIĠ Komunitarji huma neċessarji biex jitkompla l-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Is-servizzi ta' dan it-tip ser ikunu t-turija tas-solidarjetà Ewropea biex tilqa' l-isfidi li qed ikollha tiffaċċja l-Unjoni. Għandhom jiġu stabbiliti "Grilja Unika Ewropea" kif ukoll strutturi u proġetti konġunti biex din tiġi ppjanata u amministrata. Il-grilja trid ikun kapaċi tamministra u topera b'mod intelliġenti fil-livelli kollha sabiex tqabbel bl-aħjar mod il-provvista mad-domanda ([76]).

10.9 L-industriji li jużaw ħafna enerġija jeħtieġu provvisti tal-enerġija sikuri, imfassla minn taħlita xierqa tal-enerġija Ewropea, li m'għandha teskludi l-ebda sors tal-enerġija (il-faħam, l-enerġija rinnovabbli u l-enerġija nukleari), u li tkun ibbażata fuq kompetizzjoni effiċjenti fis-swieq tal-gass u l-elettriku, li fl-aħħar mill-aħħar tirriżulta fi prezzijiet raġonevoli tal-provvista tal-enerġija. L-interessi tal-politiki nazzjonali tal-enerġija għandhom jintisġu aħjar f'kunċett Ewropew integrat billi s'issa s-suq tal-enerġija ma żammx l-istess ritmu mas-suq uniku tal-prodotti industrijali. Għalkemm xi Stati Membri għażlu li ma jużawx l-enerġija nukleari, il-preservazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata fuq il-fissjoni fl-UE tfisser ukoll iż-żamma tan-know-how dwar din it-teknoloġija fl-Ewropa. Ovvjament, it-tkomplija tal-għażla nukleari teħtieġ livell għoli ta' sigurtà u impjegati mħarrġa sewwa ([77]).

10.10 Fir-rigward tal-iżvilupp ta' standards tal-UE għal prodotti effiċjenti fl-użu tal-enerġija, il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-inizjattivi tal-Kummissjoni bħar-Regolament tal-"Energy Star", li l-istandards tiegħu issa saru obbligatorji għall-akkwist pubbliku tat-tagħmir għall-uffiċċji, l-istandards armonizzati dwar il-konsum tal-enerġija tal-bini u l-poteri miżjuda tar-regolaturi nazzjonali fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija. Huwa jqis li l-ftehimiet volontarji mal-operaturi nazzjonali tal-enerġija huma siewja, iżda l-ftehimiet li jiġu approvati għandhom juru biċ-ċar li jekk l-objettivi ma jintlaħqux, jiġu imposti standards obbligatorji ([78]).

([72]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *L-impatt tal-iżvilupp kontinwu tas-swieq tal-enerġija fuq il-ktajjen tal-valur industrijali fl-Ewropa*, ĠU C 77, 31.3.2009, p. 88.
([73]) ĠU C 77, 31.3.2009, p. 88, ibid.
([74]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Kompetittività tal-industrija Ewropea tal-ħġieġ u taċ-ċeramika, b'referenza partikolari għall-pakkett tal-klima u l-enerġija tal-UE*, ĠU C 317, 23.12.2009, p. 7.
([75]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Liema servizzi ta' interess ġenerali għandna bżonn sabiex nikkumbattu l-kriżi?*, ĠU C 48, 15.2.2011, p. 77.
([76]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali: kif għandhom jinqasmu l-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri?*, ĠU C 128, 18.5.2010, p. 65.
([77]) ĠU C 77, 31.3.2009, p. 88, op. cit.
([78]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-ewwel valutazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija kif meħtieġ mid-Direttiva 2006/32/KE dwar effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija - Nimxu 'l quddiem flimkien għal użu aktar effiċjenti tal-enerġija*, ĠU C 77, 31.3.2009, p. 54.

10.11 Fl-istess kuntest, il-Kumitat iqis essenzjali li jiġu evalwati bir-reqqa l-impatti ta' prezzijiet għalja tal-enerġija fuq familji ifqar u persuni vulnerabbli, u li l-politiki tal-UE u tal-Istati Membri jitfasslu skont il-ħtieġa. Dawn id-djar għandhom ikunu l-kandidati ta' prijorità għall-għajnuna għall-istallazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija ([79]).

10.12 Il-KESE jappoġġja l-isforzi li saru favur komodalità effikaċi u t-titjib u l-inklużjoni tal-modi differenti tat-trasport f'netwerk wieħed sabiex tinkiseb sistema tat-trasport integrata u tiġi żgurata fluwidità massima tat-trasport ([80]).

10.13 Il-KESE jagħraf li s-settur tat-trasport jiddependi mill-karburanti fossili u li dan għandu konsegwenzi rigward l-emissjonijiet u s-sigurtà u l-indipendenza tal-provvista. Il-Kumitat jaf ukoll li r-riżorsi, b'mod partikolari ż-żejt, huma limitati. Għaldaqstant, jemmen li, filwaqt li tħares il-kompetittività tas-settur fil-qafas tal-istrateġija għall-2020, il-politika Ewropea tat-trasport tal-ġejjieni għandha tindirizza erba' objettivi ewlenin: il-promozzjoni tal-modi tat-trasport b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, is-sigurtà u l-indipendenza tal-provvista kif ukoll it-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku ([81]).

10.14 L-isfidi ewlenin li għandhom jiġu ffaċċjati u l-kwistjonijiet li għandhom jiġu integrati f'politika sostenibbli tat-trasport huma: (i) l-urbanizzazzjoni dejjem tikber u d-domanda għall-kumdità fil-vjaġġi li jsiru kuljum, (ii) il-ħarsien tas-saħħa pubblika li jitlob tnaqqis tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu u tal-gassijiet b'effett ta' serra, (iii) iż-żamma ta' ekonomija tal-iskambji li tinkludi l-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet, (iv) id-definizzjoni ta' territorji omoġeni biex titfassal politika verament integrata tat-trasport, (v) l-inklużjoni tal-atturi ekonomiċi u l-pubbliku inġenerali biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' politiki ġodda u għal imġiba ġdida fil-qasam tal-mobbiltà ([82]).

10.15 Il-Kumitat appoġġja wkoll l-inizjattivi tal-UE għal vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u rrakommanda azzjonijiet oħra. Huwa jenfasizza li hemm kompetizzjoni ħarxa bejn l-operaturi tal-industrija fis-settur tal-karozzi, tal-batteriji u tal-provvista tal-enerġija biex jiżviluppaw l-aħjar teknoloġiji bl-aħjar prezzijiet. Fiha nnifisha, din il-kompetizzjoni hija xprun b'saħħtu għall-innovazzjoni u m'għandhiex titrażżan, iżda hemm bżonn ta' inċentivi tas-suq sabiex nimxu 'l quddiem b'mod deċiżiv lejn il-ġenerazzjoni li jmiss ta' ibridi rikarikabbli (plug in hybrids) u vetturi totalment elettriċi ([83]).

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

([79]) ĠU C 54, 19.2.2011, p. 1, op. cit.
([80]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Politika Ewropea tat-trasport fil-qafas tal-Istrateġija ta' Lisbona wara l-2010 u tal-Istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli*, ĠU C 354, 28.12.2010, p. 23.
([81]) ĠU C 354, 28.12.2010, p. 23, ibid.
([82]) ĠU C 354, 28.12.2010, p. 23, ibid.
([83]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *Lejn użu aktar mifrux tal-vetturi elettriċi*, ĠU C 44, 11.2.2011, p. 47.

# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 – Unjoni tal-Innovazzjoni"

*COM(2010) 546 finali*

(2011/C 132/07)

Relatur: **is-Sur WOLF**

Korelatur: **is-Sur SVENSSON**

Nhar is-6 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 – Unjoni tal-Innovazzjoni*

COM(2010) 546 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-4 ta' Marzu 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'184 vot favur, vot wieħed kontra u 2 astensjonijiet.

## 1. Sommarju

1.1 L-innovazzjonijiet iwasslu għall-progress, it-tkabbir, il-prosperità, is-sigurtà soċjali, il-kompetittività internazzjonali u l-impjieg. Huma għandhom jgħinu sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali l-kbar. Huma jirrikjedu u jappoġġjaw klima soċjali ta' assigurazzjoni u ta' fiduċja fl-individwi li fid-dawl tas-sitwazzjoni globali tal-kompetizzjoni jistgħu jwasslu għal iktar progress u dinamika kostruttiva. Sabiex l-innovazzjonijiet jikbru sew, hemm bżonn approċċ Ewropew u suq uniku Ewropew fejn iż-Żona Ewropea tar-Riċerka bi Programm ta' Qafas tar-Riċerka u l-Iżvilupp b'saħħtu taqdi rwol ċentrali.

1.2 Għalhekk il-Kumitat jilqa' u jappoġġja b'mod ġenerali l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-għanijiet tagħha flimkien mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetittività tal-25 u s-26 ta' Novembru 2010 u tal-4 ta' Frar 2011. Il-kunċett ta' "Unjoni tal-Innovazzjoni" huwa element essenzjali tal-Istrateġija Ewropa 2020.

1.3 Il-Kumitat jilqa' b'mod partikolari l-fatt li l-innovazzjoni qed tinfiehem u tiġi definita b'mod komprensiv u interkonness, u li dan joħloq ċertu rabtiet li mhumiex ibbażati biss fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u l-prodotti iżda anki fuq ir-relazzjonijiet interpersonali involuti kollha u l-forom ta' organizzazzjoni, bħas-servizzi soċjali, prattiki tan-negozju, mudelli tan-negozju, disinn, branding, proċessi tal-produzzjoni u servizzi kif ukoll il-bosta relazzjonijiet ta' skambju ta' bejniethom. Fir-rigward tal-"innovazzjoni soċjali", il-Kumitat jissuġġerixxi wkoll li jiġu kkonsultati l-imsieħba soċjali.

1.4 Il-Kumitat jappoġġja l-kunċett ta' partenarjati tal-innovazzjoni, jekk dawn – fuq il-bażi ta' governanza definita tajjeb – ikunu kompatibbli mal-proċessi u l-istrumenti li jeżistu u jkomplu jibnu fuqhom, u jekk jikkonformaw mal-armonizzazzjoni u mas-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi. Huwa jirrakkomanda li tinkiseb l-esperjenza f'dan il-qasam billi nibdew b'parterarjat tal-innovazzjoni mixtieq wieħed, "Ix-xjuħija attiva u f'saħħitha". Dan iservi wkoll ta' eżempju tajjeb ta' kollaborazzjoni bejn innovazzjonijiet soċjali, xjentifiċi u teknoloġiċi.

1.5 Il-Kumitat jirrakkomanda li l-miżuri ta' appoġġ, l-appoġġ finanzjarju u l-kriterji tal-prestazzjoni jiġu adattati għaż-żewġ tipi ta' innovazzjonijiet: kemm dawk inkrimentali li jirrispondu għall-forzi prevalenti tas-suq u l-bżonnijiet soċjali, kif ukoll dawk iktar radikali li jinfluwenzaw il-forzi tas-suq u joħolqu bżonnijiet soċjali ġodda, iżda li l-ewwel ikollhom jgħaddu minn perjodi partikolarment diffiċli.

1.6 Fid-dawl tal-bżonn urġenti ta' privattiva tal-UE, il-Kumitat jilqa' u jappoġġja bis-sħiħ il-proposta reċenti tal-Kummissjoni Ewropea dwar dan. Din ser tippermetti li jitnaqqsu b'mod drastiku l-ispejjeż tal-privattivi fl-Istati Membri parteċipanti u hija pass deċiżiv sabiex jintlaħaq l-għan finali ta' privattiva tal-UE.

1.7 Il-Kumitat jenfasizza r-rwol importanti li jaqdu l-SMEs u l-mikrointrapriżi fil-proċess tal-innovazzjoni u jirrakkomanda wkoll li dawn jingħataw appoġġ u jkollhom miżuri mfassla b'mod speċifiku sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet partikolari tagħhom. Barra minn hekk, huwa jissuġġerixxi li jiġi kkunsidrat jekk u kif il-kumpaniji li jkunu għadhom jibdew (start ups) jistgħux għal perjodu adatt ta' żmien jiġu eżentati mill-biċċa l-kbira tal-kundizzjonijiet u l-obbligi tas-soltu u jekk jistgħux jinħolqu inċentivi addizzjonali speċjali għalihom. Dan jgħodd ukoll għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

1.8 Il-ħidma politika prinċipali li għandha ssir hija li fl-Ewropa kollha jinħolqu kundizzjonijiet affidabbli li jiffavorixxu l-innovazzjoni u oqsfa bi flessibbiltà suffiċjenti li jeħilsu lill-inventuri potenzjali u l-proċessi tal-innovazzjoni mill-piż tal-frammentazzjoni u l-ammont eċċessiv ta' xogħol attwali marbut mal-oqsfa regolatorji u l-burokraziji differenti fis-27 Stat Membru u l-Kummissjoni. L-iskoraġġiment u l-posponimenti li jirriżultaw minn dan u li jtellfu l-ħolqien ta' innovazzjonijiet minn ideat ġodda u tajba joħolqu żvantaġġ għall-Ewropa fil-kompetizzjoni globali li għandu jiġi eliminat malajr. Sabiex dan ikun jista' jseħħ hemm bżonn ta' mentalità li ma tqisx il-progress u l-innovazzjoni bħala riskju iżda bħala opportunità u bżonn, li għandhom jiġu appoġjati u implimentati bl-użu tal-mezzi soċjali li jeżistu kollha.

1.9 Għalhekk il-Kumitat jirrakkomanda li ssir iktar enfasi fuq li jitneħħew l-ostakli li jopponu jew ifixklu l-implimentazzjoni rapida tal-innovazzjonijiet u t-twettiq tal-Unjoni tal-Innovazzjoni. Filwaqt li l-Kumitat huwa kuntent bl-opportunità ta' progress serju fil-qasam tal-kwistjoni tal-privattiva, jifdal ostakli li jfixklu t-twettiq tas-Suq Uniku u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Jeħtieġ li l-UE ma taqtax qalbha f'li tkompli tissemplifika, tarmonnizza u tipprovdi affidabbiltà u flessibbiltà. Il-Kumitat jilqa' l-isforzi li saru f'din id-direzzjoni fil-Green Paper li ppublikat reċentement il-Kummissjoni ([1]) u li dwarha ser jieħu pożizzjoni separata. b'rabta ma' dan il-Kumitat jappella b'mod partikolari lill-Istati Membri u lill-atturi tas-soċjetà ċivili organizzata sabiex jieħdu din il-ħidma f'idejhom u jagħtu l-kontribut tagħhom sabiex tinstab soluzzjoni.

## 2. Il-kontenut tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

2.1 Fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020, il-Kummissjoni tipproponi kunċett ġenerali msejjaħ "Unjoni tal-Innovazzjoni" bħala waħda mis-seba' inizjattivi ewlenin. Skont din l-inizjattiva, l-UE għandha tieħu r-responsabbiltà kollettiva għal politika ta' riċerka u innovazzjoni strateġika, inklużiva u orjentata lejn in-negozju, biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà, tiżdied il-kompetittività u jinħolqu impjiegi ġodda. Dan jikkumplementa inizjattivi ewlenin oħra bħall-inizjattiva ewlenija "Politika Industrijali għall-Era tal-Globalizzazzjoni" bil-għan li tiżgura katina tal-valur b'saħħitha, kompetittiva u diversifikata fil-qasam tal-manifattura, b'enfasi partikolari fuq l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.

2.2 Id-diversi azzjonijiet li għandhom jittieħdu huma elenkati f'lista ta' 10 punti li tinkludi miżuri f'dawn l-oqsma: it-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien, il-ħolqien ta' ideat ġodda għas-suq, il-massimizzazzjoni tal-koeżjoni soċjali u territorjali, titjib tal-politiki fil-qasam estern, l-evalwazzjoni u r-riforma tas-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni u t-tnedija tal-Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropej.

2.3 Sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, il-Komunikazzjoni tressaq programm ta' 34 punt – li jifforma l-maġġoranza tal-Komunikazzjoni – li jelenka l-obbligi tal-Istati Membri u l-miżuri pjanati mill-Kummissjoni.

2.4 Tliet annessi jindirizzaw dawn is-suġġetti u jressqu dawn il-miżuri:

— fatturi ta' sistemi tal-innovazzjoni u r-riċerka nazzjonali u reġjonali li jiffunzjonaw sew

— tabella li turi l-Progress tal-Prestazzjoni fil-qasam tar-Riċerka u l-Iżvilupp

— il-Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropej.

## 3. Kummenti ġenerali

3.1 **Ir-rilevanza tas-suġġett:** L-innovazzjonijiet iwasslu għall-progress, it-tkabbir, is-sigurtà soċjali, il-prosperità, il-kompetittività internazzjonali u l-impjieg. Huma għandhom jgħinu sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali l-kbar. Huma jirrikjedu u jappoġġjaw klima soċjali ta' assigurazzjoni u ta' fiduċja fl-individwi li fid-dawl tas-sitwazzjoni globali tal-kompetizzjoni jistgħu jwasslu għal iktar progress u dinamika kostruttiva. Għalhekk il-kunċett ta' "Unjoni tal-Innovazzjoni" huwa element essenzjali tal-Istrateġija Ewropa 2020, li hija importanti ħafna għall-futur tal-Ewropa. Dan għandu jgħin ukoll sabiex tinkiseb il-mira li l-UE stabbilixxiet fl-Istrateġija ta' Lisbona: "il-kisba tal-mira tagħna li nonfqu 3 % tal-PDG tal-UE fuq ir-R&Ż sal-2020 tista' toħloq 3,7 miljun impjieg u żżid il-PDG annwali bi kważi EUR 800 biljuni sal-2025." Għalhekk, l-UE u l-Istati Membri, fi żminijiet ta' baġits limitati, għandhom jinvestu iktar fl-edukazzjoni, fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni.

3.2 **L-innovazzjonijiet u l-ambjent tagħhom:** Fil-firxa sħiħa tagħhom l-innovazzjonijiet jimplikaw l-aspetti u l-attivitajiet soċjali, ekonomiċi, edukattivi, xjentifiċi, tekniċi, fuq il-post tax-xogħol, organizzattivi u kulturali kollha. Dan il-kunċett estiż tal-innovazzjoni jiġbor fih l-innovazzjonijiet relatati mal-prodott u s-servizz kif ukoll innovazzjonijiet tekniċi, soċjali u funzjonali fis-setturi kollha u f'kull tip ta' organizzazzjoni, inklużi l-intrapriżi, l-organizzazzjonijiet karitattivi, il-fundazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku. L-innovazzjonijiet mhumiex bilfors riżultat ta' proċessi lineari iżda jinħolqu permezz tan-networking u l-integrazzjoni ta' bosta sitwazzjonijiet differenti u, għalhekk, huma jirnexxu f'"ekosistema ekonomika u soċjali" b'saħħitha permezz ta' taħlita ta' kunċetti u kompetenzi differenti u r-rabtiet bejniethom.

3.3 **Gruppi ta' ħidma tal-Kunsill dwar il-kompetittività u r-riċerka:** Għalhekk huwa importanti li l-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill dwar il-kompetittività u r-riċerka jaħdmu flimkien u jaslu għal konklużjoni konġunta b'konformità ma' oqsma ta' politika relatati oħra bħall-politika industrijali, l-edukazzjoni, l-enerġija u s-soċjetà tal-informazzjoni. Barra minn hekk, hemm bżonn ukoll ta' rabta mill-qrib ma' inizjattivi ewlenin oħra b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg.

([1]) COM(2011) 48 finali tad-9 ta' Frar 2011.

3.4 **Approvazzjoni u appoġġ ġenerali:** Għalhekk il-Kumitat jilqa' u jappoġġja b'mod ġenerali l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u l-għanijiet tagħha flimkien mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetittività tal-25 u s-26 ta' Novembru 2010 u tal-4 ta' Frar 2011.

Dan jgħodd b'mod partikolari:

— għat-twaqqif ta' definizzjoni tal-innovazzjoni [2] li tkopri x-xjenza u t-teknoloġija iżda anki l-mudelli u l-proċessi fin-negozju u t-tħaddim, is-soluzzjonijiet ta' disinn, it-trademarks u s-servizzi;

— għall-indirizzar ta' kundizzjonijiet ħżiena, it-tneħħija tal-ostakli, is-semplifikazzjoni tal-proċeduri u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni Ewropea;

— għall-parteċipazzjoni tal-imsieħba rilevanti u r-reġjuni kollha fiċ-ċiklu tal-innovazzjoni;

— għall-kunsiderazzjoni tal-akkwist pubbliku bħala qasam ieħor b'potenzjal sinifikanti għall-innovazzjonijiet;

— għall-użu sħiħ tal-fond reġjonali u strutturali Ewropew għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni;

— għall-użu tal-Fond Soċjali Ewropew għall-appoġġ tal-innovazzjonijiet soċjali;

— għall-iffaċilitar tal-aċċess tal-SMEs u l-mikrointrapriżi għall-programm ta' qafas u l-mezzi finanzjarji;

— għall-promozzjoni tal-eċċellenza fl-edukazzjoni u fl-akkwist tal-ħiliet;

— għall-ħolqien ta' universitajiet ta' livell dinji;

— għat-twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka sal-2014: il-promozzjoni ta' sistemi ta' riċerka miftuħin, ta' kwalità u atraenti;

— għall-ħolqien ta' suq uniku tal-innovazzjoni;

— għal ftehim dwar il-privattiva tal-UE;

— għall-indirizzar tal-isfidi soċjali.

3.4.1 **L-enfasi tal-opinjoni:** Il-Komunikazzjoni hija vasta wisq biex kull aspett tagħha jiġi indirizzat hawn. Għalhekk din l-opinjoni ser tindirizza prinċipalment il-punti li jirrikjedu attenzjoni partikolari jew iktar kjarifika. Madanakollu, dan m'għandux inessi l-fatt li l-Kumitat laqa' b'mod ġenerali l-għanijiet prinċipali u ħafna mill-miżuri individwali proposti tal-Komunikazzjoni,

3.5 **L-inklużjoni tal-proċessi u s-suċċessi ta' qabel:** Il-Komunikazzjoni fiha elementi u proposti ġodda u toħloq rabtiet bejn oqsma ta' politika differenti. Hija timmira lejn politika olistika u koerenti. Madanakollu, bosta analiżijiet tal-istat u miri jkopru problemi u għanijiet li ilhom li ġew indirizzati f'ħafna komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, opinjonijiet tal-KESE u deċiżjonijiet tal-Kunsill (eż. il-Proċess ta' Ljubljana). Dwar dan diġà ttieħdu miżuri komprensivi u nbdew proċessi [3]. Dawn għandhom jitqiesu b'mod iktar ċar, jitkomplew u jiġu rikonoxxuti sabiex ma jitnaqqasx dak li diġà bdew il-Kummissjoni u partijiet interessati oħra, iżda jiġi sfruttat u jkompli jinbena fuqu. Il-miżuri u l-istrumenti l-ġodda għandhom jiġu armonizzati mal-proċessi li diġà nbdew sabiex ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet u duplikazzjonijiet oħra u sabiex jiġu rispettati l-kontinwità, iċ-ċertezza legali u l-istabbiltà meħtieġa [4].

3.6 **Armonizzazzjoni:** Konsegwentement, il-miżuri ġodda proposti bħall-partenarjati tal-innovazzjoni (ara punt 4.4) għandhom joħolqu valur miżjud meta mqabbla ma' miżuri eżistenti. Dan ifisser li l-istrumenti tal-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni għandhom jiġu armonizzati u semplifikati (ara punt 3.8.2), l-aċċess għall-programmi semplifikat filwaqt li l-eċċellenza tibqa' l-prinċipju gwida. Ir-riżultati tar-riċerka għandhom ikunu iktar aċċessibbli u disponibbli b'mod mifrux, pereżempju permezz tat-titjib tat-trasferiment tal-għarfien u n-know-how [5] (ara wkoll punt 3.8.3 u nota 12 f'qiegħ il-paġna).

(2) COM(2009)442 finali tat-2 ta' Settembru 2009.

(3) It-tema tal-innovazzjoni ġiet koperta b'mod estensiv fir-Rapport Aho (Rapport tal-Grupp ta' Esperti Indipendenti dwar ir-R&Ż u l-Innovazzjoni wara s-Summit ta' Hampton Court, li tmexxa mis-Sur Esko Aho, Jannar 2006, EUR 22005) u fl-opinjoni tal-KESE "Investiment fl-għarfien u l-innovazzjoni (Strateġija ta' Lisbona)" (ĠU C 256, 27.10.2007, p. 17). L-appoġġ ikkoordinat mill-Istati Membri u l-miżuri bbażati fuq is-sħubija jiġu diskussi fil-Proċess ta' Ljubljana (RECH 200 COMPET 216 – "*Il-Proċess ta' Ljubljana huwa sħubija estiża bejn l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati, il-partijiet interessati u l-Kummissjoni sabiex ir-riċerka Ewropea ssir iktar effettiva*"), f'bosta inizjattivi ERA-NET (taħt Artikolu 181), f'"Inizjattivi Konġunti tat-Teknoloġija", fil-Komunitajiet tal-Għarfien u Innovazzjoni (KICs) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (tal-EIT), fl-Ippjanar Konġunt tal-Programmi u fl-opinjoni tal-KESE dwar "il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Lejn programmazzjoni konġunta tar-riċerka: naħdmu flimkien biex nindirizzaw l-isfidi komuni b'mod aktar effettiv" (ĠU C 228, 22.9.2009, p. 56). L-opinjoni tal-KESE dwar "Il-Kooperazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien bejn l-organizzazzjonijiet ta' riċerka, l-industrija u l-SMEs – prerekwiżit importanti għall-innovazzjoni" (ĠU C 218, 11.9.2009, p. 8) tittratta l-kooperazzjoni bejn ir-riċerka u l-industrija, l-opinjoni tal-KESE dwar "il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Qafas strateġiku Ewropew għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija" (ĠU C 306, 16.12.2009, p. 13) tittratta l-kooperazzjoni internazzjonali u l-opinjoni tal-KESE dwar "il-Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni - Is-semplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi qafas tar-riċerka" (ĠU C 48, 15.2.2011, p. 129) tittratta s-semplifikazzjoni.

(4) ĠU C 48, 15.2.2011, p. 129.

(5) ĠU C 218, 11.9.2009, p. 8 (punt 1.2).

3.7 **Il-flessibbiltà:** In-natura tal-ideat, il-kunċetti u l-iskoperti li huma l-bażi tal-innovazzjonijiet hija waħda imprevedibbli. Sabiex jirnexxu u sabiex jinħolqu l-innovazzjonijiet, hemm bżonn flessibbiltà suffiċjenti kif ukoll kundizzjonijiet stimolanti u affidabbli. Il-libertà, l-appoġġ u r-rikonoxximent huma l-pilastri tal-kreattività u l-innovazzjoni, bħalma huma l-promozzjoni tal-azzjoni indipendenti, l-ispirtu intraprenditorjali u r-rieda li jittieħdu u jiġu aċċettati r-riskji. Konsegwentement, il-ħidma politika essenzjali li għandha ssir hija li tinħoloq "ekosistema ekonomika u soċjali" li tiffavorixxi l-innovazzjoni, u li jiġu żgurati dawn il-kundizzjonijiet fl-Ewropa sabiex jitħarsu l-inventuri u l-proċessi tal-innovazzjoni potenzjali minn qafas regolatorju u burokrazija kumplikati u diversifikati (ara wkoll punti 3.12 u 3.13).

3.7.1 **Mira u skop mifrux:** Jeżistu ċerti għanijiet tal-iżvilupp li jistgħu jiġu definiti b'mod ċar, bħas-sejba ta' soluzzjoni għall-problema tal-enerġija u l-klima ([6]), li jistgħu jirrikjedu konċentrazzjoni tar-riżorsi disponibbli. Madanakollu, hija importanti wkoll "ekosistema ekonomika" mifruxa biżżejjed magħmula minn diversi punti ta' żvilupp u r-rabta possibbli bejniethom. Jekk dan ma jseħħx, jeżisti l-periklu li jiġu esklużi *a priori* s-soluzzjonijiet li filwaqt li huma fundamentalment ġodda u innovattivi, il-potenzjal tagħhom, fil-bidu, ma jiġix rikonoxxut, l-anqas mill-esperti. F'dal-każ ikun hemm ir-riskju li minflok insiru pijunieri u noħolqu aħna stess l-aħħar modi, naqgħu lura wara l-oħrajn u nitilfu mill-kompetizzjoni globali. Din hi karatteristika ta' ekonomija ċentralizzata. Għalhekk, l-elementi ta' dan it-tip ta' ekonomija għandhom jiġu evitati filwaqt li jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

3.7.2 **Il-forzi tas-suq**: Il-proċess regolari tal-innovazzjoni jeħtieġ orjentazzjoni mill-forzi dominanti tas-suq u d-domanda tal-konsumatur u jimmira għas-sodisfazzjon tagħhom. Għall-kuntrarju, madanakollu, hija karatteristika tal-ikbar innovazzjonijiet li huma stess jiffurmaw il-forzi tas-suq u joħolqu domandi ġodda fost il-konsumaturi u oqsma tas-suq ġodda ([7]). Dawn it-tipi ta' innovazzjonijiet jeħtieġu għajnuna partikolari matul il-perijodu kritiku qabel ma jiksbu rikonoxximent u suċċess ekonomiku u qabel ma juru l-impatt ekonomiku kbir tagħhom.

3.8 **Frammentazzjoni**. Il-Kummissjoni targumenta mill-ġdid li l-ambjent Ewropew tar-riċerka u l-innovazzjoni huwa frammentat. Filwaqt li din l-istqarrija tikkonċerna bosta aspetti importanti, mhijiex deskrizzjoni korretta sa barra u teħtieġ iktar preċiżjoni.

3.8.1 **Netwerks eżistenti ta' kooperazzjoni**. Kemm fil-qasam industrijali u tar-riċerka ([8]) kif ukoll fil-qasam tal-industriji soċjali u kreattivi ilhom jeżistu rabtiet u netwerks ta' kooperazzjoni ([9]) kemm Ewropej kif ukoll dinjija li l-fruntieri tagħhom fir-relazzjoni bejn il-kooperazzjoni u l-kompetizzjoni jiġu adattati u definiti mill-ġdid kontinwament. Dawn huma proċessi importanti ta' organizzazzjoni awtonoma mill-parijiet interessati rispettivi u l-organizzazzjonijiet tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tinnutahom, tirrikonoxxihom, tappoġġjahom u tkompli tibni fuqhom. Huwa b'mod partikolari sabiex jiġu appoġġjati dawn il-bosta tipi ta' proċessi li għandhom jiġu eliminati l-ostakli tas-suq intern għall-benefiċċju taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

3.8.2 **Ir-regoli – is-semplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni**. Jeħtieġ li jinkisbu semplifikazzjoni u armonizzazzjoni gradwali tar-regoli legali, amministrattivi u finanzjarji ([10]) kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll bejnhom u bejn il-Kummissjoni bħala pass importanti favur it-tlestija tas-Suq Intern Ewropew, iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-għan tal-Kummissjoni li tinħoloq Żona Ewropea tal-Innovazzjoni. Jekk id-diverità, regolazzjoni żejda, l-irduppjar bejn ir-regoli u kumplessità tagħhom ifissru frammentazzjoni, il-Kummissjoni għandha l-appoġġ sħiħ tal-Kumitat.

3.8.3 **Opinjonijiet preċedenti:** Madanakollu, il-frammentazzjoni u l-konfużjoni tar-regoli u l-istrumenti ma teżistix bejn l-Istati Membri biss iżda teżisti wkoll fil-Kummissjoni stess. Il-Kumitat diġà adotta opinjoni ([11]) dwar din il-kwistjoni speċifika u jafferma mill-ġdid ir-rakkomandazzjonijiet li kien għamel. Barra minn hekk, il-Kumitat appoġġja dawn l-għanijiet importanti permezz tal-opinjonijiet dwar l-ippjanar konġunt tal-programmi bejn l-Istati Membri, ([12]) dwar il-Programm ta' Qafas R&Ż, dwar il-politika tal-innovazzjoni f'dinja li qegħda tinbidel ([13]) u dwar il-kooperazzjoni bejn l-industrija u l-SMEs u r-riċerka pubblika ([14]). Il-Kumitat ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar it-tixrid, it-trasferiment u l-użu tar-riżultati tar-riċerka u b'mod partikolari l-iżvilupp ta' magna tat-tiftix speċifika fuq l-internet dedikata għal dan il-għan ([15]).

3.8.4 **Infrastrutturi tar-riċerka:** Barra minn hekk, infrastrutturi għaljin jistgħu jkunu eżempju ta' frammentazzjoni jekk ma jintużawx u ma jiġux finanzjati minn komunità internazzjonali. Uħud minnhom jista' jkun li ma jaqgħux taħt l-iskop ta' Stat Membru individwali kemm għar-raġuni tal-investimenti u r-riżorsi meħtieġa kif ukoll minħabba l-isfruttament ottimu u l-użu. Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ il-fehma tal-Kummissjoni kwotata hawn taħt. ([16]) Għalhekk, approċċ Komunitarju f'dawn il-każijiet jista' jirriżulta f'valur miżjud ċar ([17]) u konsegwentement għandu jkun hemm finanzjament konġunt mill-Istati Membri u l-UE.

---

([6]) ĠU C 21, 21.1.2011, p. 49.

([7]) Pereżempju, l-ajruplan, is-suċċessi revoluzzjonarji tat-televiżjoni, ir-radar, il-laser, il-kompjuter personali, l-oġġetti mikroelettroniċi, il-cables tal-fibra tal-ħġieġ, l-internet/e-mail (inklużi l-magni tat-tiftix, il-kummerċ elettroniku, eċċ.), il-kameras tar-ritratti diġitali, is-satelliti (rocket-launched), il-GPS, li lkoll huma marbuta flimkien u kollha jdakkru lil xulxin.

([8]) Pereżempju permezz tal-istrumenti ta' riċerka kollaborattiva, ara punt 4.6.

([9]) Ara, pereżempju, "Forschung und Lehre 11/10" (Riċerka u Taħriġ 11/10), p 788 – 796, stqarrijiet tad- "Deutscher Hochschulverband", Novembru 2010.

([10]) ĠU C 48, 15.2.2011, p.129 (punti 3.5 sa 3.7).

([11]) ĠU C 48, 15.2.2011, p. 129 (punt 1.4).

([12]) ĠU C 228, 22.9.2009, p. 56.

([13]) ĠU C 354, 28.12.2010, p. 80.

([14]) ĠU C 218, 11.9.2009, p. 8.

([15]) ĠU C 218, 11.9.2009, p. 8 (punt 3.2.4).

([16]) Ara COM(2010) 546 finali tas-6 ta' Ottubru 2010.

([17]) ĠU C 182, 4.8.2009, p. 40.

3.9 **Privattiva tal-UE:** In-nuqqas ta' privattiva tal-UE huwa sors ta' frammentazzjoni mhux aċċettabli, tiswa l-flus, huwa ta' ħsara, u jeħtieġ li jiġi eliminat sabiex tiżdied il-kompetittività tal-UE u jintbagħat sinjal pożittiv lill-oqsma kollha l-oħra tal-Unjoni tal-Innovazzjoni. Din il-problema fil-politika industrijali u tal-innovazzjoni tal-Ewropa rriżultat f'diversi sforzi mill-Kummissjoni favur is-sejba ta' soluzzjoni aċċettabbli. Konsegwentement, il-Kumitat ifaħħar lill-Kummissjoni għall-proposta reċenti tagħha (14 ta' Diċembru 2010) dwar kooperazzjoni mtejba bejn l-Istati Membri parteċipanti, –sabiex b'konformità mat-Trattati tasal għal soluzzjoni parzjali deċiżiva fit-triq lejn privattiva tal-UE finali (użata mill-Istati Membri kollha). Il-Kumitat jappella lill-Parlament ([18]) u lill-Kunsill sabiex jadottaw il-proċedura proposta bħala pass deċiżiv u sinifikanti lejn l-għan finali tal-ħolqien ta' privattiva tal-UE. Il-Kumitat jaqbel ([19]) li dan huwa "ekonomikament indispensabbli u politikament aċċettabbli".

3.10 **Relazzjoni interpersonali u forom ta' organizzazzjoni**: Hemm potenzjal kbir għall-innovazzjonijiet fl-ispettru sħiħ tal-interazzjonijiet umani u l-forom ta' organizzazzjoni. Il-Kumitat jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni li tippromovi dan it-tip ta' innovazzjonijiet fl-aspetti u l-attivitajiet soċjali, ekonomiċi, edukattivi, xjentifiċi, tekniċi, fuq il-post tax-xogħol u organizzattiviu kulturali kollha tagħhom. Dan jiġbor fih l-aħħar mudelli u proċessi fil-qasam tan-negozju u organizzattivi, is-servizzi privati, is-servizzi pubbliċi u s-servizzi ta' interess ġenerali, edukazzjoni u taħriġ, mezzi tax-xandir, arti u d-divertiment, kull aspett tal-attività umana u l-koeżistenza.

3.10.1 **Il-kumpaniji u l-postijiet tax-xogħol – ir-rwol tal-impjegati:** L-organizzazzjoni ottima tax-xogħol hija ass kompetittiv importanti. Postijiet tax-xogħol innovattivi jikkontribwixxu sabiex itejbu l-prestazzjoni tal-impjegati u l-prestazzjoni tan-negozju. L-innovazzjoni ta' kumpanija u tal-ħaddiema tagħha hija riflessa fil-ħila li jiżviluppaw jew itejbu kunċetti ta' prodotti u servizzi, kunċetti soċjali u funzjonali sabiex joħolqu valur miżjud għall-konsumaturi. It-tagħlim tul il-ħajja u l-esperjenzi kumulattivi jaqdu rwol importanti hawn. L-impjegati ta' kumpanija jaqdu rwol importanti bħala sorsi ta' għarfien u ideat u, għalhekk, dan il-potenzjal għandu jintuża aħjar. Permeabbiltà mtejba bejn il-bosta livelli ġerarkiċi tista' tgħin sabiex ikunu jistgħu jiġu kkomunikati ideat u proposti ġodda.

3.10.2 **Kooperazzjoni bejn l-imsieħba soċjali**: Fil-livell tal-kumpaniji, iċ-ċwievet huma l-fiduċja u l-kooperazzjoni bejn l-imsieħba soċjali, viżjoni għall-ġejjieni, il-kompetenza, il-motivazzjoni, l-impenn u l-kapaċità ta' ġestjoni effiċjenti tal-innovazzjoni.

3.10.3 **Is-servizzi u l-akkwist pubbliku:** Is-settur pubbliku wkoll jista' jkun katalist tal-innovazzjonijiet. Il-Kumitat jappoġġja l-istqarrija tal-Kummissjoni (Anness I) li s-settur pubbliku jipprovdi inċentivi li jistimulaw l-innovazzjoni fi ħdan l-organizzazzjonijiet tiegħu u fil-provvista tas-servizzi pubbliċi. Dan jinkludi s-setturi tas-servizzi (privati u pubbliċi) stess iżda anki l-industriji tal-manifattura li qed jippruvaw isibu vantaġġi kompetittivi ġodda bil-għajnuna ta' dawn is-servizzi. L-Unjoni tal-Innovazzjoni għandha tibgħat messaġġ ċar li l-UE determinata li tuża dan il-potenzjal (privat u pubbliku).

3.10.4 **Innovazzjonijiet soċjali:** L-innovazzjonijiet soċjali għandhom iqisu l-bżonnijiet li mhumiex indirizzati b'mod adegwat mis-suq jew mis-settur pubbliku. Dawn jikkonċernaw imġiba ġdida, interazzjonijiet, arranġamenti istituzzjonali u netwerks. Fl-innovazzjonijiet soċjali, l-applikazzjonijiet tekniċi u nontekniċi ħafna drabi jiġu kombinati u jistgħu jintrabtu mat-tisħiħ tal-interazzjonijiet bejn min jipproduċi u min juża l-prodott, l-iżvilupp tal-istrutturi u l-appoġġ tal-metodi u t-teknoloġija. L-użu versatili tat-teknoloġiji (eż. ICT) jippermetti metodi ġodda fil-qasam tal-kooperazzjoni, tal-organizzazzjoni u tal-ġestjoni. Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni se taħdem mal-imsieħba soċjali biex teżamina kif l-ekonomija tal-għarfien tista' tinfirex fil-livelli kollha tax-xogħol u s-setturi kollha.

3.11 **Il-kunċett tal-Unjoni tal-Innovazzjoni:** Il-Kumitat jemmen li l-kunċett tal-Unjoni tal-Innovazzjoni huwa adatt sabiex jiġbor f'taqsira u jirrappreżenta l-għanijiet li elenkat il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha. Huwa għandu jiġi implimentat flimkien u bl-istess mod mal-kunċetti eżistenti tas-Suq Intern u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Il-Kumitat jappoġġja għalhekk punt 2.2 tal-Komunikazzjoni mingħajr riservi. Il-Kumitat jilqa' l-fatt li ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tiegħu jiġu indirizzati fit-test.

3.12 **It-tneħħija tal-ostakli:** Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Kummissjoni huwa li telimina l-ostakli għall-innovazzjoni fil-livell Ewropew. Filwaqt li l-Kumitat japprezza li dan huwa kompitu kbir u kumpless li huwa relatat mal-progress li jsir fit-twettiq tas-suq intern, jenfasizza madanakollu li fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni jeżisti nuqqas ta' informazzjoni dettaljata dwar dak li qed tippjana li tagħmel il-Kummissjoni b'mod konkret dwar din il-kwistjoni. Il-Kumitat jilqa' l-isforzi li saru f'din id-direzzjoni fil-Green Paper li ppublikat reċentement il-Kummissjoni ([20]) u li dwarha ser jieħu pożizzjoni separata.

([18]) Il-Parlament Ewropew sadattant adotta dan b'mod pożittiv fir-Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizza kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja.

([19]) L-istqarrija tal-President Nilsson (7 ta' Jannar 2011) fid-djalogu tiegħu mal-membru tal-Kummissjoni Barnier.

([20]) Ara nota f'qiegħ il-paġna nru 1.

3.13 **Ħidma politika essenzjali u rakkomandazzjoni ta' prijorità.** Il-ħidma politika prinċipali li għandha ssir u r-rakkomandazzjoni ta' prijorità hija li fl-Ewropa kollha jinħolqu kundizzjonijiet qafas affidabbli li jiffavorixxu l-innovazzjoni u flessibbiltà suffiċjenti sabiex l-inventuri potenzjali u l-proċessi tal-innovazzjoni jinħelsu mill-piż tal-frammentazzjoni, ir-regolamentazzjoni u l-ammont eċċessiv ta' regoli u burokraziji differenti fis-27 Stat Membru u l-Kummissjoni. Dan ma jħeġġiġx l-inizjattivi u jtellef u jitfa' lura l-proċess bżonnjuż li minn ideat ġodda u tajba fil-fatt jinħolqu u jiġu implimentati l-innovazzjonijiet. Dan żvantaġġ kbir għall-Ewropa fil-kompetizzjoni globali u għandu jiġi eliminat malajr. Sabiex dan ikun jista' jseħħ hemm bżonn ta' mentalità li ma tqisx il-progress u l-innovazzjoni bħala riskju iżda bħala opportunità u bżonn li għandhom jiġu appoġġjati u implimentati bl-użu tal-mezzi soċjali li jeżistu kollha. B'rabta ma' dan il-Kumitat jappella lill-Istati Membri u lill-atturi tas-soċjetà ċivili organizzata sabiex jieħdu din il-ħidma f'idejhom u jagħtu l-kontribut tagħhom sabiex tinstab soluzzjoni.

3.14 **Taħriġ u rikonoxximent imtejba:** Il-Kumitat jappoġġja l-Kummissjoni fl-għan tagħha li timmodernizza s-sistemi edukattivi fil-livelli kollha. Sabiex dan ikun jista' jseħħ hemm bżonn ta' universitajiet ta' livell dinji u għandu jogħla l-livell tal-kwalifiki. Jeħtieġ li jiġi appoġġjat b'mod effikaċi l-fehim tal-professjonijiet xjentifiċi u tekniċi u hemm bżonn li dawn il-professjonijiet jiġu rikonoxxuti aħjar.

3.15 **Skeda stretta:** Fid-dawl tal-kumplessità u l-bosta aspetti koperti fil-Komunikazzjoni, is-sinifikat tal-għanijiet studjati u l-fehmi espressi fid-dokument, l-iskeda proposta mill-Kummissjoni hija pjuttost limitata. Il-Kumitat jirrakkomanda għalhekk li ssir distinzjoni bejn l-urġenza tal-għanijiet fundamentali u l-iżviluppp tal-miżuri u l-istrumenti partikolari proposti.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 **SMEs bħala atturi prinċipali**: Il-Kumitat jaqbel mal-Kummissjoni li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju huma atturi ċentrali tal-ekonomija u għandhom jibbenefikaw mill-inizjattiva tal-innovazzjoni u l-miżuri ta' appoġġ tagħha. Madanakollu jeħtieġ li d-definizzjoni u l-klassifikazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għandhom jerġgħu jiġu kkunsidrati peress li opportunijiet ġodda ta' netwerking permezz tal-ICTs ifissru li l-mikrointrapriżi u anki l-intrapriżi magħmulin minn persuna waħda qed jiksbu iktar importanza. Din għandha forsi tingħata wkoll lil-linja ta' bejn dawn u l-professjonijiet liberali. Il-Kumitat jenfasizza l-importanza tal-innovazzjonijiet fis-servizzi u l-post tax-xogħol, b'mod partikolari l-kompetittività u l-produttività tal-SMEs (ara punti 3.10.1 u 3.10.2).

4.1.1 **L-iżvantaġġi li jiffaċċjaw l-SMEs.** Ħabfa mill-ostakli burokratiċi għall-innovazzjoni li ssemmew hawn fuq ipoġġu fi żvantaġġ b'mod partikolari lill-SMEs u n-negozji li jkunu għadhom kemm jiftħu meta mqabbla ma' kumpaniji ikbar, li bilfors ikollhom struttura iktar tqila bis-servizzi legali b'saħħithom tagħhom, l-uffiċċji esterni, eċċ. Dan jista' jkun waħda mir-raġunijiet għalfejn l-Ewropa kważi tilfet il-pożizzjoni mexxejja tagħha fis-suq fejn jidħlu prodotti innovattivi tal-ICT ([21]), pożizzjoni li ttieħdet mill-Istati Uniti.

4.2 **Indikaturi ta' valutazzjoni:** Il-Kumitat f'opinjoni preċedenti tiegħu ([22]) diġà ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-UE diġà għandha bosta strumenti ta' valutazzjoni f'dan il-qasam u kien irrakkomanda għalhekk li għal raġunijiet ta' koerenza jinħoloq "*Osservatorju Ewropew tal-Innovazzjoni*" *uniku, li jkun jiġbor fih l-istrumenti eżistenti kollha, iżda jagħmilhom aktar koerenti u viżibbli.* Il-Kumitat josserva wkoll li:

— bosta kriterji soċjali u ekonomiċi jinkludu s-sostenibbiltà,

— il-kriżi wriet li l-ippjanar fuq perjodu qasir tal-għanijiet u l-kriterji tal-evalwazzjoni jistgħu jwasslu għal riżultati mhux mixtieqa u saħansitra kriżi,

— it-tkabbir bil-mod iżda stabbli ħafna drabi jwassal għal suċċess ġenerali u benefiċċju ekonomiku ikbar;

— SMEs żgħar li jkunu għadhom jibdew ħafna drabi jinxtraw jew jittieħdu minn kumpaniji kbar meta jiksbu suċċess u għalhekk ma jibqgħux jidhru fl-istatistika,

— l-innovazzjonijiet kbar ħafna drabi jkollhom bżonn perjodu twil biex jibdew jagħmlu suċċess ekonomiku u juru l-impatt ekonomiku tagħhom,

— l-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE għandhom kundizzjonijiet differenti fil-qasam tal-innovazzjonijiet (pereżempju fejn jidħlu klima, mezzi tat-trasport u riżorsi) u għandhom jiġu evalwati abbażi tal-punti b'saħħithom u d-dgħjufijiet speċifiċi tagħhom.

4.2.1 Il-Kummissjoni għandha tkompli għaddejja bil-kooperazzjoni tagħha mal-OECD u tiżviluppa pakkett uniku iżda koerenti ta' indikaturi komprensivi u bilanċjati li jqis l-elementi msemmija hawn fuq u anki s-suċċess fit-tul tal-innovazzjonijiet. Il-Kumitat jemmen li l-"Fatturi ta' sistemi tal-innovazzjoni u r-riċerka nazzjonali u reġjonali li jiffunzjonaw sew" deskritti mill-Kummissjoni f'Anness 1 huma ta' għajnuna f'dan il-kuntest.

4.3 **Aċċessibbiltà:** Eżempju ieħor ta' qasam b'potenzjal kbir għall-innovazzjoni hija l-aċċessibbiltà tal-prodotti u s-servizzi sabiex anki n-nies b'diżabilità jkunu jistgħu jiġu integrati b'mod sħiħ fis-soċjetà tal-UE mhux biss bħala ċittadini iżda anki bħala konsumaturi. Dan huwa potenzjal ekonomiku u soċjali kbir li għadu ma ġiex sfruttat.

([21]) Google, Apple, Facebook, ċellulari.

([22]) ĠU C 354, 28.12.2010, p. 80 (Punt 3.2.2).

4.4 **Partenarjati tal-Innovazzjoni:** Il-Partenarjati tal-Innovazzjoni Ewropea (PIE) proposti mill-Kummissjoni jistgħu joffru fatturi attraenti. Li l-isfidi soċjali jintlaqgħu bl-għajnuna tal-partenarjati tal-innovazzjoni jista' jkun fattur li jipprovdi opportunitajiet ġodda, minkejja l-inċertezzi dwar id-dettajli tagħhom u r-riservi msemmija f'punti 3.5 u 3.6. L-UE, billi tuża l-istrumenti tal-politika tal-innovazzjoni simultanjament kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll min-naħa tad-domanda, u billi tgħaqqad il-forzi tar-riċerka u t-teknoloġija mal-forzi tas-suq, ser tikseb vantaġġi kompetittivi ġodda. Sabiex tirrealizza dan il-potenzjal, huwa importanti li l-UE tiffoka fuq il-fatturi fejn il-PIE jistgħu joffru valur miżjud meta mqabbla ma' miżuri eżistenti. Għalhekk il-PIE m'għandhomx jiġu introdotti bħala qafas ta' azzjoni obbligatorju, riġidu u applikabbli fuq livell universali mill-partijiet interessati Ewropej fl-innovazzjoni (inklużi l-korpi li jipparteċipaw fil-finanzjament fil-livell reġjonali u nazzjonali). Għandhom jiġu żgurati l-prinċipju tal-azzjoni volontarja, il-ġeometrija varjabbli, it-trasparenza u forma ta' governanza ċara u faċli tiġi amministrata. Konsegwentement wara li tiġi definita l-istruttura ta' governanza meħtieġa, huwa rakkomandabbli li l-proċess jibda b'PIE wieħed u magħżul bir-reqqa u li jintuża l-għarfien miġbur fl-għażla tal-partenarjat li jmiss.

4.4.1 **Ix-xjuħija attiva u f'saħħitha:** Il-Kumitat jirrakkomanda li nibdew b'partenarjat tal-innovazzjoni partikolarment utli u mixtieq "Ix-xjuħija attiva u f'saħħitha". Dan jista' jkun ukoll eżempju tajjeb ta' kollaborazzjoni bejn innovazzjonijiet soċjali, xjentifiċi u teknoloġiċi. Għal dan il-qasam b'mod partikolari, il-Kumitat jixtieq jenfasizza l-importanza tal-prekummerċjalizzazzjoni u l-akkwist pubbliku għas-servizzi innovattivi. Dan jista' jaqdi rwol deċiżiv fil-ftuħ ta' swieq ġodda u fit-titjib tal-prestazzjoni u l-kwalità tas-servizz pubbliku.

4.4.2 **Ewropa bi provvista effiċjenti tal-ilma:** Wieħed mill-partenarjati tal-innovazzjoni proposti f'Anness III tal-Komunikazzjoni huwa "Ewropa effiċjenti fl-ilma". Dwar dan il-Kumitat jirrakkomanda approċċ iktar flessibbli li jiddistingwi aħjar bejn ir-reġjuni fl-UE fejn in-nuqqas tal-ilma huwa problema serja kbira u r-reġjuni fejn l-ammont ta' xita u l-provvista tal-ilma huma kbar u suffiċjenti. Il-Kumitat jipproponi għalhekk sottotitlu differenti, "**Ġestjoni Sostenibbli tal-Ilma".**

4.5 **Approċċ orjentat fuq ir-riżultat**: Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-partenarjati tal-innovazzjoni għandhom jiġu appoġġjati, skont il-Kummissjoni, abbażi tar-riżultati. Peress li l-Kumitat esprima tħassib kbir dwar id-definizzjoni ta' dan il-kunċett fl-opinjoni tiegħu dwar is-semplifikazzjoni (punti 1.8 u 4.8) ([23]) tal-Programm ta' Qafas dwar ir-R&Ż, huwa jirrakkomanda li hawn jiġi ċċarat x'qed jinftiehem mil-lat proċedurali. Il-Kumitat jisħaq mill-ġdid li fejn jidħlu invenzjonijiet importanti, l-aspett fuq perjodu twil u s-sostenibbiltà jistgħu jkunu essenzjali.

([23]) ĠU C 48, 15.2.2011, p. 129.

4.6 **Ir-rwol ċentrali tal-Programm ta' Qafas dwar ir-R&Ż**: Il-programmi qafas tar-R&Ż tal-UE taw kontribut sinifikanti għas-suċċessi li nkisbu s'issa u fil-futur għandhom ikomplu jissaħħu u għandha titpoġġa enfasi fuq l-importanza partikolari ta' kull wieħed minnhom. Jekk inpoġġu ftit fil-ġenb il-bżonn ta' iktar semplifikazzjoni, il-Programm ta' Qafas dwar ir-R&Ż joffri firxa ta' strumenti ta' suċċess għall-istrutturar taż-Żona Ewropea tar-Riċerka li huma rikonoxxuti fid-dinja kollha, użati ħafna u li l-proċeduri tagħhom huma mifhuma u aċċettati. Għalhekk l-importanza partikolari tal-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Programm ta' Qafas għal-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) li jakkumpanjah għandhom jiġu mpoġġija fuq quddiem, fid-dawl tal-għanijiet tal-"Unjoni tal-Innovazzjoni". L-istrumenti ta' riċerka kollaborattiva għenu sabiex jinħolqu konsorzji Ewropej iktar effiċjenti u għandhom jinżammu sabiex jiżguraw il-kontinwità neċessarja ([24]). Barra minn hekk, fid-dawl tal-politika tal-innovazzjoni diskussa hawn, għandu jissaħħaħ ukoll l-appoġġ għar-riċerka soċjoekonomika.

4.7 **Ir-rwol ċentrali taż-Żona Ewropea tar-Riċerka – Suq Uniku għar-Riċerkaturi:** Ir-rwol ċentrali (ara wkoll punt 3.11) taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-bżonnijiet għat-twettiq tagħha ġew indirizzati b'bosta opinjonijiet preċedenti. Il-Kumitat ifakkar f'dan ir-rigward li l-mobbiltà u r-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi u tar-riċerka huma kwistjonijiet ċentrali, bħas-sigurtà soċjali, salarji adegwati u skemi tal-pensjonijiet. Is-sitwazzjoni attwali għada bħal qabel mhix sodisfaċenti u ta' qtigħ il-qalb b'mod partikolari għax-xjentisti u r-riċerkaturi żgħażagħ. Il-Kumitat jilqa' u jappoġġja bis-sħiħ il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ([25]) (tat-2 ta' Marzu 2010) dwar il-mobbiltà u l-karrieri tar-riċerkaturi Ewropej u dwar it-twettiq tas-suq intern għar-riċerkaturi; l-UE għandha bżonn suq uniku atraenti u li jaħdem tajjeb għar-riċerkaturi!

4.8 **Kapital ta' riskju:** Minkejja l-iżviluppi pożittivi li ġab miegħu l-BEI - u hawnhekk il-Kumitat jilqa' b'mod speċjali l-Faċilità għall-Finanzjament bil-Kondiviżjoni tar-Riskju bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-BEI, għad hemm nuqqas ta' kapital ta' riskju suffiċjenti rapidu biżżejjed biex jinbdew intrapriżi ġodda u biex jirnexxilhom isalvaw. Dan jgħodd kemm għall-perjodu tat-twaqqif tagħhom u b'mod partikolari wkoll għall-perjodu ta' qabel ma jkollhom l-ewwel suċċess ekonomiku. Hawnhekk hawn bżonn ukoll ta' krediti żgħar u mikrokrediti sabiex jippermettu li jittaffew ir-riskji iżda jippermettu wkoll parteċipazzjoni fis-suċċess.

4.9 **Clusters:** Il-Kumitat jenfasizza mill-ġdid il-potenzjal kbir li jispira l-innovazzjoni li ġej mill-clusters u mill-gruppi tal-innovazzjoni. Dan ma jikkonċernax biss ir-rabta tradizzjonali bejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-intrapriżi iżda anki n-netwerk addizzjonali u produttiv li jiżviluppa bejn il-kumpaniji speċjalizzati. Il-Kumitat jirrakkomanda li r-riżorsi tal-fondi strutturali jintużaw sabiex ikomplu jappoġġjaw dan.

([24]) ĠU C 48, 15.2.2011, p. 129 (punt 3.12).

([25]) L-2999 laqgħa tal-Kunsill tal-Kompetittività, 2 ta' Marzu 2010, Brussell.

4.10 **Għajnuna u inċentivi għall-kumpaniji li jkunu għadhom jibdew:** Il-Kumitat jissuġġerixxi l-possibbiltà li titfassal klawżola ta' deroga għall-kumpaniji li jkunu għadhom jibdew li teskludihom għal perjodu ta' żmien biżżejjed minn ħafna mill-piżijiet u r-regoli amministrattivi normali ta' kull tip u li jinħolqu wkoll inċentivi addizzjonali (pereżempju inqas taxxi). Dan jipprovdi żmien u flessibbiltà li permezz tagħhon ikun jista' jintwera l-potenzjal ekonomiku u tekniku tas-suċċess. Il-Kumitat huwa konxju li din il-proposta tirrikjedi valutazzjoni tar-riskju u tal-interessi delikata u differenzjata, iżda li jista' jkun utli li tiġi implimentata.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Lejn Att dwar is-Suq Uniku – Għal ekonomija tas-suq kompetittiva ħafna – 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma' xulxin"**

*COM(2010) 608 finali*

(2011/C 132/08)

Relaturi: is-Sinjura **FEDERSPIEL**, is-Sur **SIECKER** u s-Sur **VOLEŠ**

Nhar is-27 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Lejn Att dwar is-Suq Uniku għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna – 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma' xulxin*

COM(2010) 608 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, responsabbli sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-4 ta' Marzu 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'108 voti favur, l-ebda vot kontra u 12-il astensjoni.

1. **Kummenti ġenerali**

1.1 Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li terġa' tniedi u tagħti impetu ġdid lis-Suq Uniku, iżda jinnota li ma inkludietx għalkollox ir-rapporti Monti, Lamssoure, Gonzales, Grech u Herzog bil-għan li s-Suq Uniku jitpoġġa fis-servizz tal-konsumaturi u taċ-ċittadini hekk kif talab il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2010.

1.2 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ilu jsegwi s-Suq Uniku mill-qrib mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili u waqqaf l-Osservatorju tas-Suq Uniku (SMO) fl-1994 għal dan il-għan. Għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tassoċja lill-SMO bħala waħda mill-partijiet interessati ewlenin f'inizjattivi bħalma hu l-Forum dwar is-Suq Uniku.

1.2.1 Il-KESE jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkunsidra bħala prijoritajiet il-konsultazzjoni u d-djalogu mas-soċjetà ċivili fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' miżuri ġodda, u b'konsegwenza ta' dan jispera li l-KESE, bħala r-rappreżentant istituzzjonali tas-soċjetà ċivili, jiġi kkonsultat fl-istadju bikri tat-tfassil u t-tħejjija ta' dawn il-miżuri kif ukoll fil-valutazzjoni tal-impatt tagħhom, kemm *ex ante* kif ukoll *ex post*.

1.3 Il-kontribut tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa element indispensabbli sabiex tingħata attenzjoni adatta lill-miżuri meħtieġa għat-tnedija mill-ġdid tas-Suq Uniku, peress li dawn l-organizzazzjonijiet jirrappreżentaw lill-utenti tas-Suq Uniku. Il-ħamsin proposta li qed jiġu eżaminati huma biss il-bidu ta' proċess fit-tul immirat biex jagħti ħajja ġdida lis-Suq Uniku. Dan il-proċess m'għandu jieqaf qatt għax is-Suq Uniku huwa xogħol li dejjem għaddej.

1.4 Il-KESE identifika għadd ta' miżuri li huma nieqsa mill-Att dwar is-Suq Uniku u se jagħmel proposti fi żmien adatt; dan għandu jikkontribwixxi għall-fiduċja taċ-ċittadini wkoll. Dawn il-miżuri jinkludu d-drittijiet tal-awtur, ir-reviżjoni tad-direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, in-newtralità tan-netwerk, il-protezzjoni tad-data, il-ħarsien tal-investitur, il-protokoll dwar il-progress soċjali, l-istatuti Ewropej dwar il-kumpaniji privati, l-akkwist elettroniku, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu Ewropej, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-mikronegozji u n-negozji tal-familji, il-miżuri favur l-appoġġ għat-twaqqif ta' kumpaniji ġodda u l-estensjoni ta' dawk li diġà jeżistu, il-karti ta' kreditu u ta' debitu, il-ħlasijiet elettroniċi, il-kreditu tal-konsum u d-dejn żejjed, it-trasferimenti interbankarji, iż-żgħażagħ, l-implimentazzjoni sħiħa tal-euro u t-titjib tal-funzjonament taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA), eċċ.

1.5 F'din l-opinjoni, il-KESE mhux qed jippreżenta studju fil-fond tal-proposti kollha dwar l-Att dwar is-Suq Uniku. Uħud minnhom diġà ġew ittrattati f'opinjonijiet tal-Kumitat. Dan ser joħroġ pożizzjonijiet aktar dettaljati meta joħorġu l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea wara l-Komunikazzjoni, inklużi l-proposti relatati mal-inizjattivi ewlenin tal-UE 2020. Il-KESE identifika prijoritajiet, li qablu dwarhom il-komponenti bażiċi

tas-soċjetà ċivili Ewropea rrappreżentata fil-KESE. Il-KESE jiddispjaċih li l-Kummissjoni m'għamlitx l-integrazzjoni neċessarja tal-kummenti u l-konklużjonijiet tar-"Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE: Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE" ([1]). Dawn il-prijoritajiet għandhom jagħmluha possibbli għall-atturi kolla involuti mill-qrib fis-Suq Uniku li jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tiegħu. Il-KESE jisħaq fuq il-bżonn ta' approċċ olistiku li jmur lil hinn mill-qsim artifiċjali tal-Att dwar is-Suq Uniku fi tliet pilastri. Il-Kumitat għandu l-għan li jirrimedja għan-natura eklettika tal-proposti billi jissuġġerixxi aktar koerenza u interdipendenza reċiproka bejn miżuri individwali. Il-proposti huma komplementari peress li jinteraġixxu bejniethom u għandhom impatt fuq is-soċjetà inġenerali: il-ħaddiema, il-konsumaturi, in-negozji u ċ-ċittadini. Ma hemm l-ebda Suq Uniku speċifiku għal kull waħda minn dawn il-kategoriji. Skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Art. 3.3), "*[l]-Unjoni għandha tistabbilixxi suq intern. Hija għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' mpjieg u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent. Hija għandha tippromwovi l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku*". Il-Kumitat jinsisti fuq il-garanzija ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

1.6 Komunikazzjoni miftuħa dwar il-valur miżjud u l-isfidi hija ta' importanza liema bħalha sabiex jinkiseb appoġġ mill-pubbliku. Kemm il-miri politiċi fuq perjodu qasir, li spiss iwasslu għal nuqqas ta' konsistenza u/jew proposti żbilanċjati, kif ukoll il-kriżijiet funanzjarji, ekonomiċi, politiċi u soċjali, ma jikkontribwixxux għat-trawwim tal-fiduċja taċ-ċittadini fl-UE. Huwa importanti li kemm ir-realtà fuq il-post u kemm it-tħassib reali taċ-ċittadini jiġu kkunsidrati.

1.7 Il-Kummissjoni Ewropea ma tistax terfa' waħedha r-responsabbiltà li tissensibilizza dwar il-kwistjonijiet relatati mas-Suq Uniku u tinforma lill-pubbliku dwar l-għodod ([2]) li huma disponibbli għal kulħadd. Il-kontribut tas-soċjetà ċivili organizzata huwa indispensabbli, bħalma hija l-parteċipazzjoni tal-gvernijiet nazzjonali li għandhom jikkunsidraw li s-Suq Uniku jifforma parti integrali mill-ekonomiji nazzjonali. Il-partiti politiċi, il-mezzi tax-xandir, l-istituzzjonijiet edukattivi u l-partijiet interessati kollha għandhom responsabbiltà storika fir-rigward tal-kapaċità tal-UE li tiffaċċja b'suċċess l-isfidi tad-dinja globali fuq il-bażi tal-valuri li s'issa dejjem ikkaratterizzaw l-ekonomiji soċjali tagħna tas-suq. Id-dinja mhijiex ser tistenniena. Il-frammentazzjoni, il-protezzjoniżmu, in-nazzjonaliżmu u n-nuqqas ta' viżjoni tal-Ewropa mhumiex ser iħalluna nikkompetu mal-potenzi globali l-ġodda.

1.8 Is-Suq Uniku jinsab fil-qalba tal-integrazzjoni Ewropea u tal-Istrateġija UE 2020. Il-monitoraġġ, il-ġestjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni dwar is-Suq Uniku huma kruċjali. Biex dan il-għan jintlaħaq, il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri permezz ta' użu aħjar tatTabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.

([1]) COM(2010) 603 finali.

([2]) Bħal pereżempju s-SOLVIT, il-EURES, iċ-Ċentri Ewropej għall-Konsumaturi u n-Netwerk Ewropew tal-Intrapriżi, fost l-oħrajn.

## 2. **Kummenti speċifiċi**

Il-prijoritajiet li ġejjin ma huma kklassifikati skont l-ebda ordni speċifiku ta' preferenza. In-numerazzjoni tal-proposti tal-Att dwar is-Suq Uniku hija indikata fil-parenteżi.

### 2.1 *Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali bħala parti integrali tas-Suq Uniku (29)*

Il-Kummissjoni trid tiżgura li d-drittijiet iggarantiti mill-Karta, inkluż id-dritt li tittieħed azzjoni kolletiva, jiġu kkunsidrati. Issostni mill-ġdid id-dmirijiet li jridu jaqdu l-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll il-fatt li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali issa saret legalment vinkolanti. Kif ikkwotat hawn fuq, l-Artikolu 3.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara b'mod ċar ħafna li l-libertajiet ekonomiċi għandhom jinsabu f'bilanċ marrispett tad-drittijiet soċjali fundamentali. Il-Professur Monti jirrikonoxxi din il-problema u jipproponi li s-Suq Uniku jiġi bbilanċjat mill-ġdid permezz tad-drittijiet trejdjunjinistiċi fundamentali. Il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea li tintegra l-Karta bis-sħiħ fis-Suq Uniku u li tistieden lil dawk l-Istati Membri li għandhom klawżola "opt-out" biex jadottawha.

### 2.2 *Is-servizzi (4 u 43)*

Aktar żvilupp tas-Suq Uniku tas-servizzi għandu jistimola l-użu tal-potenzjal sħiħ tas-servizzi sabiex dan iwassal għal tkabbir ġdid u impjiegi ġodda, kif ukoll għal aktar għażla u kompetizzjoni fis-suq, għall-benefiċċju tal-konsumaturi. Dan ikun ta' benefiċċju wkoll għall-fornituri kollha tas-servizzi, b'mod speċjali dawk li huma żgħar jew ta' daqs medju, kemm dawk li joperaw madwar is-Suq Uniku kif ukoll dawk li joperaw lokalment, bis-saħħa tas-semplifikazzjoni legali u t-tneħħija tal-ostakoli għad-dħul. Il-KESE qed isejjaħ għal aktar sikurezza, kwalità u prezzijiet affordabbli fir-rigward tas-servizzi għall-konsumaturi u n-negozji. Jeħtieġ ukoll li tittejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, li jiġu żviluppati l-attivitajiet ta' punti uniċi ta' kuntatt u li titwessa' l-provvista tal-informazzjoni tradotta għal lingwi oħrajn, filwaqt li tittejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri u li ssir sensibilizzazzjoni dwar il-possibbiltà li jiġu pprovduti servizzi transkonfinali.

jilqa' wkoll il-proposta tant mistennija għal regolament rivedut dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fid-dawl ta' avvenimenti reċenti u ta' każ partikolari fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

#### 2.2.1 Is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur (40 u 41)

Wieħed mill-oqsma fejn instab l-ikbar għadd ta' problemi fittwettiq tas-suq uniku huwa dak tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur. Minbarra l-kreditu ipotekarju, għadd ta' aspetti oħra msemmija f'opinjonijiet tal-KESE u mill-Kummissjoni jistħoqqilhom li jiġu indirizzati bi prijorità assoluta.

Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva biex jitjiebu l-aċċess għas-servizzi bankarji bażiċi kif ukoll it-trasparenza u l-komparabilità tal-miżati tal-banek.

2.3 *Is-Servizzi ta' Interess Ġenerali – SIĠ (25)*

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li sal-2011 tadotta Komunikazzjoni kif ukoll sensiela ta' miżuri dwar is-servizzi ta' interess ġenerali. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva li tiġi appoġġjata l-valutazzjoni tas-servizzi pubbliċi u li jitneħħew l-ostakoli għall-aċċess universali, u jtenni s-sejħa tiegħu għal direttiva qafas vinkolanti ([3]). L-għan tal-Komunikazzjoni u miżuri oħra dwar is-servizzi pubbliċi għandu jkun li jappoġġjaw lill-Istati Membri fl-iżvilupp u t-titjib tas-servizzi pubbliċi tagħhom b'konformità mal-protokoll dwar is-SIĠ. Il-valutazzjoni tas-servizzi pubbliċi għandha tinkludi analiżi kritika u fil-fond tal-liberalizzazzjonijiet preċedenti u għandha ssir bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati ewlenin kollha. Il-KESE jinsab partikolarment imħasseb dwar iż-żamma tal-istandards ta' kwalità u aċċessibbiltà inkluża u ta' tibdil faċli sabiex tiżdied il-kompetizzjoni. L-UE għandha tiżviluppa għarfien speċjalizzat fil-kapaċità tagħha li tivvaluta l-impatt tal-inizjattivi kollha relatati mas-Suq Uniku u inizjattivi oħra tal-UE relatati mas-servizzi pubbliċi, b'konformità mal-protokoll dwar is-SIĠ.

2.4 *L-iżvilupp sostenibbli (10, 11 u 27)*

Il-KESE jilqa' l-idea ta' pjan għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija sabiex il-potenzjal għal iffrankar sinifikanti tal-enerġija jiġi sfruttat. Għandna bżonn Suq Uniku għall-enerġija li jiffunzjona biex jiżgura provvisti affordabbli, siguri u sostenibbli għall-konsumaturi tiegħu. Suq Uniku għall-enerġija li jiffunzjona bis-sħiħ ikun ta' benefiċċju għall-konsumaturi billi joffrilhom għażla usa' u prezzijiet aktar baxxi, iżda jeħtieg li l-istandards minimi komuni jissaħħu. L-iżvilupp tal-kejl intelliġenti tal-konsum (l-hekk imsejjaħ "smart metering"), bil-għan li jissensibilizza dwar it-tendenzi tal-konsum u l-ispejjeż assoċjati, jirrikjedi aktar miżuri regolatorji sabiex jiġi żgurat l-adozzjoni bla dewmien ta' teknoloġiji ġodda u effiċjenza akbar permezz tal-kompetizzjoni fis-servizzi tal-enerġija. Barra minn hekk, il-KESE huwa interessat fir-riżultati tal-fattibbiltà ta' inizjattiva dwar l-impronta ekoloġika ([4]).

2.5 *L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u forom oħra ta' intraprenditorija* ([5]) *(12, 13, 14 u 37)*

2.5.1 L-aċċess tal-SMEs għall-fondi jista' jitqies bħala kwistjoni ċentrali għall-SMEs, speċjalment wara l-kriżi. L-SMEs jistrieħu prinċipalment fuq is-self mill-banek għax m'għandhom l-ebda aċċess għas-swieq kapitali u sorsi oħra ta' finanzjament. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-proposta li jitjieb l-aċċess tal-SMEs għas-swieq kapitali. Il-ftuħ tas-Suq Uniku għall-fondi ta' kapital ta' riskju jista' wkoll itejjeb il-finanzjament tal-SMEs speċjalment fil-qasam tal-innovazzjoni u t-teknoloġiji ġodda.

2.5.2 L-aċċess għall-fondi huwa biss parti mill-problema. L-SMEs kif ukoll l-ekonomija soċjali jeħtieġu wkoll tnaqqis ġenwin u kontinwu ta' piżijiet amministrattivi mhux neċessarji, li jagħmlu pressjoni fuqhom b'mod sproporzjonat minħabba ċ-ċokon tagħhom. Għalhekk, huwa kruċjali li s-Small Business Act jiġi implimentat aħjar, sabiex fl-aħħar jagħti l-frott mistenni, inkluż pereżempju l-istatut tal-kumpanija privata Ewropea. Għall-istess raġuni, is-semplifikazzjoni tad-direttivi dwar il-kontabbiltà għall-SMEs għandha tingħata prijorità għolja. Il-miżuri meħtiega biex jippromovu l-iżvilupp sostenibbli u l-protezzjoni tal-ambjent għandhom jiġu abbozzati b'mod li jgħaddi mit-test tal-SMEs dwar l-impatti mistennija.

2.5.3 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni li tadotta regolament dwar l-istatut tal-Fondazzjoni Ewropea u li tagħmel studju dwar l-assoċjazzjonijiet mutwi. Fil-fehma tal-KESE, studju ta' dan it-tip għandu jwassal għal Statut tal-Assoċjazzjonijiet Mutwi Ewropej. Barra minn hekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-passi meħtiega ħalli jiżguraw li l-Istatut tal-Assoċjazzjonijiet Ewropej jitwettaq ukoll.

2.6 *Il-kompetittività (19, 20 u 21)*

Il-promozzjoni tal-intraprenditorija hija s-sors ewlieni ta' tkabbir u impjiegi. Dan jimplika li l-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Intelliġenti jiġu applikati. L-interkonnessjoni bejn ir-reġistri tan-negozji tista' ssir l-ewwel pass lejn it-titjib tal-ambjent tan-negozji u tikkontribwixxi għal funzjonament aħjar tas-Suq Uniku. Il-KESE jilqa' wkoll miżuri oħra għat-titjib tal-ambjent tan-negozji u tal-governanza tas-Suq Uniku u l-metodi ta' komunikazzjoni. L-implimentazzjoni mgħaġġla tas-CCCTB (Bażi Fiskali Korporattiva Komuni u Konsolidata) u r-reviżjoni tad-direttivi dwar il-VAT għandhom itejbu l-attivitajiet transkonfinali tal-kumpaniji.

2.7 *L-istandardizzazzjoni (6)*

L-istandards huma mezz importanti biex jinbena s-Suq Uniku u l-KESE jappoġġja l-miżuri maħsuba sabiex il-proċess ta' standardizzazzjoni jsir aktar effiċjenti. Fl-istess ħin, jenfasizza l-importanza ta' parteċipazzjoni akbar tal-konsumaturi u l-SMEs, filwaqt li jiġi żgurat b'mod kontinwu u sostenibbli li l-fatturi ta' spiża li jillimitaw il-parteċipazzjoni tagħhom f'dan il-proċess jingħelbu. L-istandards m'għandhomx jiġu ddettati minn atturi speċifiċi. L-istandards tal-UE għandhom jaqdu rwol ferm akbar fil-kummerċ globali u għandhom jiġu promossi fin-negozjati kummerċjali li jmiss fil-livell bilaterali u multilaterali.

---

([3]) ĠU C 221, 08.09.2005, p. 17.

([4]) L-impronta ekoloġika hija bbażata fuq l-idea li l-konsum individwali jista' jiġi kkonvertit fl-art kollha meħtieġa biex jiġi prodott. Fl-2008, kienu disponibbli 1,8 ha għal kull ras filwaqt li ntużaw 2,2 ha għal kull ras.

([5]) Il-kunċett tal-SMEs u r-referenza għall-intrapriżi jridu jitwessgħu biex jinkludu kull forma ta' aċċess għas-Suq Uniku, kemm għal profitt kif ukoll jekk mhux. Dan għandu jsir sabiex ikollna fehim aktar komplet u ddettaljat tas-Suq Uniku bid-diversità ta' atturi li fih. Kull miżura fil-qasam tal-SMEs hija rilevanti b'mod indaqs għal kull tip ta' attur fl-ekonomija soċjali, bħall-bżonn li tinqata' l-burokrazija u li jitneħħew l-ostakoli u piżijiet amministrattivi mhux neċessarji.

2.8 *Suq Uniku Diġitali (2, 5 u 22)*

2.8.1 Il-kummerċ elettroniku jidher li huwa l-vittma ewlenija tal-frammentazzjoni tas-Suq Uniku, li huwa kkaratterizzat mill-assenza ta' armonizzazzjoni tar-regoli, nuqqas ta' interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni u kwistjonijiet mhux solvuti relatati mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Għaldaqstant, il-KESE jemmen li jekk dawn il-problemi jiġu solvuti, dan ma jdumx ma jikkontribwixxi għat-twessigħ tal-ambitu tal-attivitajiet tan-negozji, żieda fl-għażla tal-prodotti u s-servizzi għall-konsumaturi u titjib fil-kuntentizza taċ-ċittadini rigward is-Suq Uniku, mingħajr ma l-protezzjoni tal-konsumaturi tiġi mxekkla. Għalhekk, il-proposta dwar il-kummerċ elettroniku hija ta' importanza liema bħalha.

2.8.2 L-interoperabbiltà elettronika hija waħda mill-prijoritajiet sabiex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet kollha fis-Suq Uniku. Il-ħolqien ta' Suq Uniku diġitali ġenwin irid ikun ibbażat fuq ir-rikonoxximent reċiproku, pereżempju, tal-firem elettroniċi, iċ-ċertifikati elettroniċi, l-awtentifikazzjoni elettronika u l-formoli elettroniċi. It-twessigħ tal-ambitu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) ikun jista' jikkontribwixxi għal kooperazzjoni amministrattiva msaħħa u skambju ta' data, li jkunu ta' siwi għall-amministrazzjoni, in-negozji u ċ-ċittadini ([6]).

2.8.3 Jeħtieġ li jkun hemm ikklerjar u ġestjoni tad-drittijiet tal-awtur permezz tal-iffaċilitar tal-ħruġ tal-liċenzji għal kontenut pan-Ewropew u l-iżvilupp ta' regoli mifruxa mal-UE rigward id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jikkunsidraw l-interessi kollha. F'dan il-qasam, l-Att dwar is-Suq Uniku mhuwiex proattiv biżżejjed – jista' jsir aktar għall-konsumaturi.

2.9 *Il-Governanza Korporattiva u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema (36, 37 u 38)*

Il-Kumitat jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għat-tnedija tal-konsultazzjoni pubblika dwar il-governanza korporattiva u l-appoġġ tagħha għall-proġetti soċjali innovattivi. Il-Kummissjoni għandha tqawwi l-impenn tal-UE biex issaħħaħ il-governanza korporattiva bl-għan li tkompli tiżviluppa l-parteċipazzjoni tal-impjegati u li tittejjeb it-trasparenza tal-informazzjoni pprovduta min-negozji. Id-dritt tal-impjegati għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni ġie integrat bħala dritt fundamentali skont it-Trattat f'forom differenti ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema: TFUE Art. 151.1 *"Id-djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema"* u 153.1(f), li jgħid li l-Unjoni għandha ssostni u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tar-*"rappreżentanza u d-difiża kollettiva tal-interessi tal-ħaddiema u s-sidien, inkluża t-tmexxija konġunta"*. Għaldaqstant, il-konsultazzjoni pubblika għandha tħares sew lejn kif tista' tittejjeb it-trasparenza fl-informazzjoni pprovduta mill-intrapriżi dwar l-aspetti soċjali, ambjentali u dawk relatati mad-drittijiet tal-bniedem. Il-KESE ser jivvaluta l-Inizjattiva tan-Negozji Soċjali, inkluża l-possibbiltà li tinżamm il-bażi volontarja tar-responsabbiltà soċjali korporattiva meta tasal talba konkreta għal opinjoni għand il-Kumitat.

2.10 *Il-moviment ħieles tal-ħaddiema u l-libertajiet ekonomiċi (30)*

Il-Kummissjoni qed tippjana li tadotta proposta leġislattiva biex ittejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, li se tinkludi jew tkun kompletata permezz ta' kjarifika dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet soċjali fundamentali fil-kuntest tal-libertajiet ekonomiċi tas-Suq Uniku. Mhijiex qed tipproponi reviżjoni iżda qed tissuġġerixxi att legali ieħor dwar l-implimentazzjoni mtejba tad-Direttiva. Il-kontradizzjonijiet fl-applikazzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu kkjarifikati u l-kompetenza tal-Istati Membri li jinfurzaw l-istandards tax-xogħol u s-sistemi ta' relazzjonijiet industrijali tagħhom, inkluż ir-rwol kruċjali tan-negozjar kollettiv fil-forom differenti tiegħu, għandha tiġi definita b'mod adatt. Ir-riżultat ta' din il-kjarifika għandu juri jekk tkunx meħtieġa reviżjoni tad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema. Dan m'għandux isir għad-detriment tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fuq il-bażi taċ-ċittadinanza. Kull reviżjoni tal-leġislazzjoni eżistenti jew kull att leġislattiv ġdid għandu jkun imsejjes fuq konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u l-bilanċ bejn standards tax-xogħol għolja u l-libertajiet ekonomiċi ([7]).

2.11 *Il-leġislazzjoni dwar l-akkwisti pubbliċi (17)*

2.11.1 Fl-2012, il-Kummissjoni ser tagħmel proposti leġislattivi biex tissemplifika u taġġorna r-regoli tal-UE sabiex l-għoti tal-kuntratti jsir aktar flessibbli u sabiex il-kuntratti pubbliċi jkunu jistgħu jitqiegħdu f'użu aħjar ta' politiki oħrajn. L-akkwisti pubbliċi jistgħu jappoġġjaw tkabbir innovattiv u ekoloġiku fil-qafas legali eżistenti. Kull proposta ġdida m'għandhiex ixxekkel il-parteċipazzjoni tal-kompetituri minn Stati Membri oħra fuq il-bażi tar-regoli approvati fl-2004. Il-prinċipju tat-trattament ugwali għandu jiġi rrispettat.

2.11.2 L-inizjattiva tal-Kummissjoni fil-qasam tal-akkwisti pubbliċi għandha tagħti aktar attenzjoni lill-iżbilanċ persistenti fil-ftuħ tas-swieq tal-akkwisti pubbliċi bejn l-UE u l-imsieħba kummerċjali ewlenin tagħha. Għandu jitqies sa liema punt is-swieq tal-akkwisti pubbliċi tal-UE jistgħu jibqgħu miftuħin b'mod sostenibbli filwaqt li pajjiżi terzi jżommu sitwazzjoni fejn il-kundizzjonijiet mhumiex ugwali għal kulħadd. F'dan ir-rigward, il-konvenzjonijiet ratifikati tal-ILO u d-drittijiet tal-bniedem iridu jiġu rrispettati mill-atturi kollha, kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-pajjiżi terzi.

([6]) ĠU C 128, 18.05.2010, p. 103.

([7]) ĠU C 44, 11.02.2011, p. 90.

2.11.3 Minn mindu beda l-proġett tas-Suq Uniku f'nofs is-snin tmenin, ġiet diskussa l-integrazzjoni ta' klawżola soċjali fundamentali fir-regoli. Dawn it-talbiet intlaqgħu waqt ir-reviżjoni tar-regoli dwar l-akkwisti pubbliċi fl-2004. Ir-reviżjoni tad-direttivi tal-UE dwar l-akkwisti pubbliċi għandha tagħti lok għall-isfruttar sħiħ tal-qafas attwali għall-integrazzjoni tal-kriterji soċjali u ambjentali fil-kuntratti pubbliċi, bil-kundizzjoni li dawn il-kriterji jkunu bbilanċjati fir-rigward tal-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-UE ([8]).

2.12 *Id-dimensjoni esterna (24)*

Il-KESE jqis il-proposta li tiġi żgurata l-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej fis-swieq globali bħala waħda mill-prijoritajiet il-kbar peress li s-Suq Uniku ma jistax jiġi iżolat mill-kompetizzjoni globali. Jeħtieġ li tittieħed pożizzjoni ferm aktar b'saħħitha fin-negozjati mal-imsieħba kummerċjali ewlenin sabiex jiġu promossi konverġenza regolatorja u l-adozzjoni ta' standards internazzjonali bbażati fuq l-istandards tal-UE. Id-dimensjoni esterna tas-Suq Uniku u l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kummerċ ġust huma kruċjali mhux biss għall-kompetittività tal-kumpaniji, iżda wkoll għall-ħarsien tal-mudell soċjali u ambjentali tagħna mid-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni. Madankollu, il-kompetittività globali m'għandhiex tiġi promossa għad-detriment taż-żamma tad-drittijiet bażiċi tal-konsumaturi u ċ-ċittadini.

2.13 *Aċċess għall-ġustizzja / Rimedju kollettiv (46)*

L-aċċess għall-ġustizzja huwa element ewlieni għall-konsumaturi biex ikollhom fiduċja fis-Suq Uniku. Il-konsultazzjonijiet attwali dwar l-ADR (Soluzzjoni Alternattiva Tat-Tilwim) u r-rimedju kollettiv – li ntalbu mill-Parlament Ewropew ([9]) u r-Rapport Monti – għandhom iwasslu għal proposti leġislattivi mill-Kummissjoni. Il-KESE jilqa' l-proposta leġislattiva dwar l-ADR prevista fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2011 u jappoġġja l-adozzjoni rapida tagħha. Madankollu dan ma joffrix garanzija li l-proposti ser jitressqu fil-ħin jew li ser jassiguraw implimentazzjoni effettiva ta' mekkaniżmi tajbin u effikaċi li joffru lill-konsumaturi u lill-intrapriżi firxa ta' strumenti adegwati u jevitaw tilwim mhux iġġustifikat.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

([8]) Ara l-premessi nru 1 u 4 tad-Direttiva 2004/18 dwar il-kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi.

([9]) Rapport dwar il-forniment ta' Suq Uniku lill-konsumaturi u liċ-ċittadini (Louis Grech, MEP).

*APPENDIĊI*

għall-OpinjonI tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emenda li jmiss inċaħdet fid-diskussjoni iżda rċeviet iktar minn kwart tal-voti:

**Ibdel il-punt 2.3 kif ġej:**

"**2.3** ***Is-Servizzi ta' Interess Ġenerali – SIĠ (25)***

*Il-Kummissjoni timpenja ruħha li sal-2011 tadotta Komunikazzjoni kif ukoll sensiela ta' miżuri dwar is-servizzi ta' interess ġenerali. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva li tiġi appoġġjata l-valutazzjoni tas-servizzi pubbliċi u li jitneħħew l-ostakoli għall-aċċess universali~~, u jtenni s-sejħa tiegħu għal direttiva qafas vinkolanti~~* (1). *Hawnhekk qed issir referenza għall-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali, mehmuż mat-Trattati Ewropej. L-għan tal-Komunikazzjoni u miżuri oħra dwar is-servizzi pubbliċi għandu jkun li jappoġġjaw lill-Istati Membri fl-iżvilupp u t-titjib tas-servizzi pubbliċi tagħhom b'konformità mal-protokoll dwar is-SIĠ. Il-valutazzjoni tas-servizzi pubbliċi għandha tinkludi analiżi kritika u fil-fond tal-liberalizzazzjonijiet preċedenti u għandha ssir bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati ewlenin kollha. Il-KESE jinsab partikolarment imħasseb dwar iż-żamma tal-istandards ta' kwalità u aċċessibbiltà inkluża u ta' tibdil faċli sabiex tiżdied il-kompetizzjoni. L-UE għandha tiżviluppa għarfien speċjalizzat fil-kapaċità tagħha li tivvaluta l-impatt tal-inizjattivi kollha relatati mas-Suq Uniku u inizjattivi oħra tal-UE relatati mas-servizzi pubbliċi, b'konformità mal-protokoll dwar is-SIĠ."*

**Raġuni**

Efficient, cost-effective and high-quality public services are essential for European society; they improve our quality of life and make a substantial contribution to promoting territorial and social cohesion in Europe.

A new horizontal legal framework for services of general interest in the form of a binding framework directive is no longer needed following the 2009 entry into force of the Lisbon treaty, which attached Protocol 26 on services of general interest to the European treaties. These new arrangements obviate the need for a reference to the EESC's 2005 opinion.

**Riżultat tal-vot**

| | |
|---|---|
| Voti favur: | 42 |
| Voti kontra: | 53 |
| Astensjonijiet: | 19 |

(1) ~~Opinjoni CESE 121/2005, ĠU C 221 p. 17, 8.9.2005 (relatur: is-Sur Hencks, korelatur: is-Sur Hernández Bataller).~~

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/25/KE għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-istadji tal-emissjonijiet għal tratturi b'karreġġjata dejqa"**

*COM(2011) 1 finali – 2011/0002 (COD)*

(2011/C 132/09)

Relatur Ġenerali: **is-Sur BURNS**

Fit-2 ta' Frar 2011 u fl-20 ta' Jannar 2011, il-Kunsill u l-Parlament rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar

*Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/25/KE għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-istadji tal-emissjonijiet għal tratturi b'karreġġjata dejqa*

COM(2011) 1 finali – 2011/0002 (COD).

Nhar it-18 ta' Jannar 2011 il-Bureau tal-Kumitat ta istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-470 Sessjoni Plenara tiegħu tal-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tas-16 ta' Marzu 2011) li jaħtar lis-Sur Burns bħala relatur ġenerali, u adotta din l-Opinjoni b'147 vot favur u 7 astensjonijiet.

1. **Sommarju u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) huwa konvint li t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' ħsara tal-monossidu tal-karbonju, l-ossidu tan-nitroġenu, l-idrokarburi u l-partikolati mill-magni ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija huwa indispensabbli biex jintlaħqu l-livelli ta' kwalità tal-arja mixtieqa mill-UE.

1.2 Il-KESE jemmen li l-leġislazzjoni mmirata lejn it-titjib tas-saħħa u l-ambjent trid tinbena fuq valutazzjonijiet tekniċi, ekonomiċi u soċjali sodi.

1.3 Il-KESE jqis li l-istudji indipendenti u d-data miġbura mill-Kummissjoni juru li hemm bżonn li jitħalla biżżejjed żmien għall-iżvilupp ta' sistemi ta' wara t-trattament u l-installazzjoni tagħhom fuq tratturi speċjalizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kultivazzjoni ta' prodotti tar-raba' ta' kwalità, b'enfasi partikolari fuq id-dwieli.

1.4 Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li d-dati mniżżla fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/25/KE għall-approvazzjoni tat-tip u d-dħul inizjali fis-servizz tal-istadji IIIB u IV jiġu posposti bi tliet snin għall-kategoriji ta' tratturi T2, C2 u T4.1.

1.5 Barra minn hekk il-KESE jemmen li r-riċerka li wasslet għat-tfassil ta' din il-proposta ma writetx b'ċertezza suffiċjenti li huwa possibbli li dawn it-tratturi jikkonformaw mal-Istadju IV.

1.6 Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea twettaq – bi żmien ta' tħejjija suffiċjenti (ir-rakkomandazzjoni hija l-aħħar tal-2014) – riċerka addizzjonali dwar il-fattibbiltà tal-Istadju IV ladarba t-teknoloġija tkun żviluppat biżżejjed u, jekk ikun rilevanti, li tipproponi emendi addizzjonali għar-rekwiżiti jew l-iskadenzi tal-Istadju IV tat-tratturi b'karreġġjata dejqa.

1.7 Il-KESE jirrakkomanda li kull żvilupp futur fil-leġislazzjoni tal-emissjonijiet tal-exhaust għall-NRMM u t-tratturi jkun soġġett għal valutazzjoni ta' impatt dettaljata u li l-leġislazzjoni ma tiġix estiża għal tipi oħra ta' tagħmir mingħajr analiżi adegwata tar-reviżjoni possibbli.

1.8 Billi kull żvilupp fil-leġislazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-exhaust mill-muturi NRMM fid-Direttiva 97/68/KE huwa awtomatikament traspost fid-Direttiva ekwivalenti dwar it-tratturi (2000/25/KE), il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra l-aspetti speċifiċi tat-tratturi b'mod ġenerali u tat-tratturi b'karreġġjata dejqa b'mod partikolari f'kull valutazzjoni ta' impatt, anke jekk ma jkunux inklużi fl-iskop tad-Direttiva 97/68/KE.

2. **Introduzzjoni**

2.1 Id-Direttiva 2000/25/KE hija dwar il-magni li jitqabbdu bil-kompressjoni (compression ignition), b'qawwa bejn it-18 kW u l-560 kW intiżi biex jitpoġġew fi tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija. Din tistabbilixxi l-limiti għall-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju, l-ossidi tan-nitroġenu, l-idrokarburi u l-partikolati. Għad-diversi stadji, id-Direttiva tistabbilixxi valuri għal limiti ta' emissjonijiet dejjem aktar stretti, previsti għall-adattament tal-livelli massimi tal-gassijiet tal-exhaust u tal-partikolati. L-istadji li jmiss huma IIIB (li jibda fl-1.1.2011) u IV (li jibda fl-1.1.2014).

2.2 Ir-regoli dwar l-emissjonijiet tal-exhaust tat-tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija ġew emendati fl-2005. Dak iż-żmien id-dispożizzjonijiet iddefiniti għall-muturi NRMM (Direttiva 97/68/KE, emendata mid-Direttiva 2004/26/KE) ġew trasposti għat-tratturi agrikoli mingħajr valutazzjoni ta' impatt

li tikkonċerna l-fattibbiltà teknika ta' dawk ir-rekwiżiti. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 4(8) tad-Direttiva jitlob studju ta' fattibbiltà li għandu jitwettaq qabel ma l-Istadji IIIB u IV jsiru obbligatorji.

2.3 It-tratturi speċjalizzati ġew żviluppati fl-Ewropa matul dawn l-aħħar erbgħin sena sabiex jiggarantixxu tħaddim mekkanizzat fuq l-art speċifika u fil-kuntest tal-karatteristiċi ta' tipi ta' kultivazzjonijiet bħad-dwieli, il-ġonna tal-frott u oħrajn simili, b'mod partikolari fiċ-ċentru u n-nofsinhar tal-Ewropa. Dawn ir-rekwiżiti operattivi huma esklużivi għall-kultivazzjoni Ewropea u t-tratturi speċjalizzati ġew żviluppati għal dan is-suq biss. It-tratturi agrikoli u tal-foresterija użati f'dan it-tip ta' kultivazzjoni huma kklassifikati mid-Direttiva Qafas 2003/37/KE bħala T2, C2 u T4.1 u ġeneralment jissejħu tratturi b'karreġġjata dejqa (narrow-track tractors – NTT).

2.4 B'mod parallel għall-iżviluppi fit-tratturi, il-kultivazzjoni speċjalizzata ġiet ristrutturata ([1]) sabiex tottimizza r-rendiment u l-kwalità tal-uċuħ tar-raba'. Din ir-ristrutturazzjoni kienet marbuta mill-qrib mad-disponibbiltà tal-NTTs, b'tali mod li llum hemm interdipendenza totali bejn it-tratturi u wħud mill-prodotti tar-raba' tal-ogħla kwalità u rendiment.

2.5 Ir-rekwiżiti stretti tal-Istadji IIIB u IV ifissru li l-muturi jridu jitgħammru b'sistemi ta' wara t-trattament li huma kbar ħafna kkumparat mad-daqs tal-mutur fih innifsu u li l-installazzjoni tagħhom hija limitata ħafna mir-rekwiżiti operattivi tagħhom. Il-muturi użati f'dawn it-tratturi huma l-istess bħal dawk ta' tipi oħra ta' tratturi; id-differenza prinċipali hija d-daqs tal-kompartiment tal-mutur disponibbli u l-limitu fiż-żona globali madwar il-kompartiment tal-mutur fih innifsu.

2.6 Il-manifatturi tat-tratturi ma jistgħux jinstallaw il-muturi bis-sistemi ta' wara t-trattament u fl-istess ħin ikomplu jirrispettaw ir-rekwiżiti operattivi f'termini ta' daqs u faċilità ta' użu, li huma l-karatteristiċi fundamentali ta' dawn il-magni.

2.7 Dawn il-konklużjonijiet ġew ikkonfermati permezz ta' ħafna studji li saru għall-Kummissjoni li ssuġġerew eżenzjoni totali ta' dawn it-tratturi mill-Istadji IIIB u IV jew intervall ta' ħames snin.

2.8 Madwar 26 000 trattur ta' dan it-tip jinbiegħu kull sena. Dan jirrappreżenta madwar 16 % tas-suq tat-tratturi ġodda fl-UE. Jekk ma tittieħidx azzjoni, it-tratturi moderni tal-Istadju IIIA mhux ser jitħallew jitpoġġew fis-suq. Dan ifisser li t-titjib ambjentali li jipprovdu jintilef. Ifisser ukoll riskji iktar gravi għas-saħħa tat-80 000 persuna impjegati fl-agrikoltura, billi t-tratturi iktar antiki m'għandhomx ħafna mill-miżuri ta' sigurtà li huma disponibbli llum. 3 000 impjieg, kollha kemm huma fl-UE, jistgħu jintilfu fl-industrija tal-manifattura tat-tratturi u l-katina ta' provvista tal-komponenti tagħha.

## 3. Il-proposta għall-emendar tad-Direttiva

3.1 Il-proposta għandha temenda d-Direttiva 2000/25/KE biex jiġu posposti bi tliet snin ir-rekwiżiti kollha tal-Istadji IIIB u IV għat-tratturi kklassifikati T2, C2 u T4.1.

## 4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni bbażat fuq is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali (COM(2001) 31 finali) ([2]), li jikkonferma l-bżonn ta' titjib tal-kwalità tal-arja permezz ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-exhaust fis-sors, kif ukoll il-bżonn li jikiseb għarfien xjentifiku sod u valutazzjonijiet ekonomiċi u data fjabbli u aġġornata u informazzjoni dwar id-definizzjoni ta' dan it-tnaqqis.

4.2 Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li tapplika dawn il-prinċipji għall-Istadji IIIB u IV.

4.3 Min-naħa l-oħra, il-KESE jemmen li għad mhuwiex ċar jekk hux ser ikun tassew possibbli li l-muturi tal-Istadju IV jiġu installati fuq it-tratturi NTT u fl-istess ħin iżommu r-rekwiżiti operattivi tagħhom. Fil-fatt, il-Kummissjoni tqis li huwa importanti li jkun hemm monitoraġġ tal-iżviluppi tekniċi fl-industrija matul iż-żmien sabiex jiġi segwit il-progress lejn l-ilħuq tal-limiti tal-Istadji IIIB u IV.

4.4 Il-KESE jirrakkomanda li bħala parti mill-proċess ta' monitoraġġ issuġġerit mill-Kummissjoni jinħareġ rapport qabel ma l-Istadju IV jsir obbligatorju, li juri l-fattibbiltà tal-Istadju IV għat-tratturi NTT u li jipproponi emendi possibbli għad-Direttiva.

4.5 Il-KESE jemmen li l-estensjoni tal-Istadji IIIB u IV mill-NRMM għat-tratturi tal-agrikoltura u tal-foresterija b'mod ġenerali u għat-tratturi speċjalizzati b'mod partikolari permezz tal-emenda tal-2005 għad-Direttiva 2000/25/KE ma saritilha l-ebda valutazzjoni tal-impatt u kien minħabba f'hekk li wara kien hemm bżonn ta' din l-emenda.

Brussell, 16 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

([1]) B'appoġġ ekonomiku konsiderevoli mill-Komunità bħala parti mill-politika agrikola ġenerali tagħha.

([2]) ĠU C 154 E, 29.5.2001, p. 218.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni Żgħażagħ mobbli Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażagħ biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inkluživ fl-Unjoni Ewropea"**

*COM(2010) 477 finali*

(2011/C 132/10)

Relatur: **is-Sur TRANTINA**

Korelatur: **is-Sur MENDOZA CASTRO**

Nhar il-15 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni – Żgħażagħ mobbli (Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażagħ biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inkluživ fl-Unjoni Ewropea)*

COM(2010) 477 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-24 ta' Frar 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'mod unanimu.

## 1. **Sinteżi tar-rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jagħraf li hemm bżonn li ssir enfasi fuq iż-żgħażagħ li huma milquta b'mod serju mill-kriżi ekonomika attwali. Jagħraf ukoll is-siwi tal-inizjattiva "Żgħażagħ mobbli (*sic.*, attivi)" bħala parti integrali mill-miżuri tal-Ewropa 2020 u jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-Komunikazzjoni. Il-KESE huwa lest jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tagħhom billi jingħaqad mal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jsaħħaħ il-viżibbiltà tal-inizjattiva fosthom, u billi jgħin biex jiġu identifikati l-lakuni eżistenti fl-inizjattiva koperti mill-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ.

1.2 Il-KESE jenfasizza li l-objettivi proposti mill-inizjattiva "Żgħażagħ attivi" għandhom jiġu mmonitorjati u l-progress tal-implimentazzjoni għandu jitkejjel permezz ta' indikaturi ċari biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jħabirku aktar jekk dawn l-objettivi ma jinkisbux fiż-żmien meħtieġ.

1.3 Fi żmien meta l-kriżi ekonomika ġiegħlet li jiġu eżaminati mill-ġdid il-prijoritajiet baġitarji, il-KESE jenfasizza l-importanza li, fejn ikun possibbli, jinżammu u jiżdiedu r-riżorsi allokati fil-livell nazzjonali u tal-UE għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg taż-żgħażagħ. Il-politiki ta' rkupru ekonomiku għandhom iħeġġu l-ħolqien ta' impjiegi stabbli u jimpedixxu kwalunkwe interruzzjoni tal-istudji.

1.4 Il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta' qafas ta' kwalità tajba għat-traineeships u japprova l-miżuri mmirati lejn it-tneħħija tal-ostakli legali u amministrattivi għall-moviment liberu taż-żgħażagħ fil-qasam tal-edukazzjoni u bil-għan li jieħdu sehem fi traineeships u apprendistati.

1.5 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex issaħħaħ il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u biex iżżid il-viżibbiltà tal-ħiliet li jinkisbu barra mis-sistema ta' edukazzjoni formali (pereżempju permezz tal-Passaport Ewropew tal-Ħiliet). Id-diskussjonijiet dwar il-modi tal-validazzjoni għandhom jiffokaw ukoll fuq il-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ provdut u s-superviżjoni u l-monitoraġġ tiegħu. Fl-istess ħin, il-KESE ifakkar li kulħadd għandu jibbenefika mill-miżuri intiżi biex itejbu t-tagħlim mhux formali, u mhux biss iż-żgħażagħ b'anqas opportunitajiet.

1.6 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-iżvilupp ta' strumenti fil-livell nazzjonali, bħall-"Garanzija għaż-Żgħażagħ", li jgħinu liż-żgħażagħ fit-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li jeħtieġ li uħud mill-inizjattivi l-oħra jiġu analizzati aktar bir-reqqa qabel ma jiġu implimentati. Dan jikkonċerna l-aktar it-tqabbil tar-riżultati tal-edukazzjoni għolja, l-iżvilupp ta' karta taż-"Żgħażagħ Attivi", l-istabbilment tal-inizjattiva "L-ewwel impjieg EURES tiegħek" u l-ħidma fuq il-futur tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament PROGRESS.

1.7 Il-KESE jappoġġja l-ħidma tal-Kummissjoni biex tidentifika l-aktar miżuri effettivi għall-appoġġ tal-impjieg taż-żgħażagħ. Dawn jinkludu l-programmi ta' taħriġ, il-miżuri u l-benefiċċji ta' sigurtà u ta' attivazzjoni, is-sussidji ta' reklutaġġ u arranġamenti adatti għal pagi u għas-sigurtà soċjali, kif ukoll l-għoti ta' pariri dwar il-karriera. Il-KESE jenfasizza li dawn il-passi għandhom jittieħdu billi jintuża u jissaħħaħ id-djalogu soċjali u d-djalogu mas-soċjetà ċivili.

1.8 L-inizjattiva fil-fatt tenfasizza l-edukazzjoni u l-impjieg iżda ma tenfasizzax biżżejjed l-iżvilupp tal-kapital soċjali u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fis-soċjetà ċivili Ewropea. Barra minn hekk, it-tkabbir inklużiv għandu jiġi inkluż b'mod prijoritarju fl-istrateġiji għaż-żgħażagħ u għandhom jiġu introdotti l-mezzi neċessarji għall-implimentazzjoni bħaż-żamma u t-tisħiħ tal-programm eżistenti "Żgħażagħ fl-azzjoni".

1.9 Il-KESE jiddispjaċih li l-attivitajiet li jsaħħu u jibnu d-dimensjoni soċjali u ċivika taż-żgħażagħ fl-Ewropa tħallew barra mill-inizjattiva. It-titolu "Żgħażagħ attivi" għandu jiġi rifless fil-Komunikazzjoni li m'għandhiex tkun biss "dwar" jew "għaż-żgħażagħ" iżda pjuttost "maż-żgħażagħ", b'mod li ssir enfasi fuq il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet proposti. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid l-attivitajiet neċessarji fl-inizjattiva.

1.10 Il-KESE jissuġġerixxi li tiġi inkluża informazzjoni ġdida dwar is-sit tal-internet speċjali tal-inizjattiva fis-sorsi eżistenti ta' informazzjoni bħall-PLOTEUS, YOUTH u portali eżistenti oħra. L-integrazzjoni ta' informazzjoni ġdida f'websajts eżistenti tista' tirnexxi aktar u tista' tiffaċilita l-aċċess għaż-żgħażagħ.

1.11 It-traineeships għandhom ikunu aktar attraenti u għandhom jirriflettu l-interessi ta' kull min hu kkonċernat u l-Istati Membri għandhom, permezz ta' tipi differenti ta' inċentivi, iħeġġu lil min iħaddem biex joħolqu aktar opportunitajiet għat-trainesships u b'hekk aktar impjiegi ta' kwalità aħjar għaż-żgħażagħ.

1.12 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-importanza li qed tingħata lill-użu tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Hi u tinnegozja mal-Istati Membri dwar id-dispożizzjonijiet baġitarji fi ħdan il-perspettiva finanzjarja l-ġdida, il-Kummissjoni għandha tenfasizza b'mod partikolari fuq jekk hemmx biżżejjed fondi għall-inizjattivi tal-FSE, b'mod partikolari dawk relatati maż-żgħażagħ.

1.13 Il-KESE ser janalizza fil-fond il-kontribut potenzjali tas-sistema Ewropea ta' self għall-istudenti b'konformità mal-possibbiltajiet u l-istrumenti li jeżistu diġà.

## 2. **Sintenżi tal-inizjattiva tal-Kummissjoni**

2.1 L-Istrateġija Ewropa 2020 tistabbilixxi objettivi ambizzjużi għal tkabbir intelliġenti, inkluživ u sostenibbli fl-UE. Iż-żgħażagħ huma atturi ewlenin biex dan jinkiseb. L-edukazzjoni ta' kwalità tajba u t-taħriġ għal kulħadd, l-integrazzjoni b'suċċess u sostenibbli fis-suq tax-xogħol, l-impjiegi deċenti u b'pagi xierqa u l-opportunitajiet għal aktar mobbiltà huma elementi essenzjali biex "**jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażagħ kollha**" [1] **u b'hekk jinkisbu** l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020. Għaldaqstant, l-għadd ta' miżuri fl-inizjattiva "**Żgħażagħ attivi**" jagħmluha waħda mill-proposti ewlenin tal-istrateġija.

2.2 L-inizjattiva "Żgħażagħ attivi" ser issaħħaħ l-objettivi u l-prijoritajiet li jiddefinixxu l-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020") u ser timplimenta miżuri bil-għan li jinkisbu l-għanijiet li ġejjin:

— jitjiebu l-prospetti għaż-żgħażagħ biex jirnexxilhom jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol;

— aktar żgħażagħ ikollhom aċċess għall-edukazzjoni għolja;

— l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jiġu adattati biex jissodisfaw aktar il-bżonnijiet taż-żgħażagħ;

— jiġi żgurat li, sal-2020, kull ċittadin Ewropew ikun jista' jistudja jew jitħarreġ barra minn pajjiżu jekk jixtieq;

— jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ u jiżdiedu l-impjiegi aċċessibbli għaż-żgħażagħ, it-traineeships tal-kumpaniji għall-istudenti u l-esperjenzi li jrawmu spirtu intraprenditorjali fost iż-żgħażagħ;

— tiġi pprovduta aktar informazzjoni ta' kwalità aħjar dwar l-istrumenti tal-UE li jappoġġjaw il-mobbiltà, b'mod partikolari l-korsijiet, it-taħriġ u traineeships barra mill-pajjiż, eċċ.

2.3 Għal kull waħda minn dawn l-oqsma ta' prijorità, tfasslu għadd ta' **azzjonijiet ewlenin ġodda.** Dawn l-azzjonijiet jinkludu proposti mfassla bil-għan li jikkontribwixxu speċifikament għall-ksib ta' dawn il-prijoritajiet.

(1) COM(2010) 477 finali.

3. **Kummenti ġenerali tal-Kumitat dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni**

3.1 L-inizjattiva ewlenija "Żgħażagħ attivi" tikkonforma mal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Hija tenfasizza l-approċċ olistiku l-ġdid, li jissejjes fuq l-idea li l-politika fil-qasam tal-edukazzjoni u l-impjieg taż-żgħażagħ hija marbuta mill-qrib ma' inizjattivi ewlenin oħrajn u l-5 miri ewlenin fil-livell tal-UE. Il-KESE jenfasizza l-bżonn ta' koerenza bejn il-politiki fil-livell tal-UE u dawk nazzjonali, kif ukoll il-bżonn li l-partijiet interessati nongovernattivi jaqdu rwol ewlieni.

3.2 Il-KESE jixtieq jenfasizza li l-inizjattiva għandha titpoġġa fil-kuntest tal-ikbar kriżi ekonomika li l-Ewropa ilha ma tesperjenza għal snin twal. Din il-kriżi ma tistax tiġi injorata peress li l-għan tal-Komunikazzjoni huwa li "jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażagħ biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea". Ta' min jistaqsi kif, attwalment, il-kriżi qed taffettwa s-sigurtà tal-impjiegi, id-drittijiet soċjali u l-pjani u l-proġetti kollha għall-mobbiltà tal-istudenti u tax-xogħol. Il-KESE jemmen li huwa importanti li jiġu enfasizzati r-rabtiet li jeżistu bejn il-miżuri orjentati lejn l-ekonomija li qed jiġu adottati u l-impatt li jista' jkollhom fuq il-pjani u l-programmi Ewropej li diġà jeżistu u li huma ta' valur kbir għaż-żgħażagħ. Kwalunkwe tnaqqis għandu jiġi evitat. Għall-kuntrarju, ir-riżorsi disponibbli għandhom jiġu mmirati aħjar u jekk possibbli jiżdiedu b'mod sinifikanti.

3.3 Il-KESE jagħraf is-siwi tal-inizjattiva "Żgħażagħ attivi " bħala parti integrali mill-miżuri tal-Ewropa 2020 u jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-Komunikazzjoni. L-ewwel u qabel kollox, l-inizjattiva għandha torbot b'mod aktar effettiv il-varji miżuri u proġetti li jeżistu u dawk futuri bil-għan li ttejjeb l-opportunitajiet għall-ksib tal-għanijiet hawn fuq imsemmija. Il-KESE jiddispjaċih li l-attivitajiet li jsaħħu u jibnu d-dimensjoni soċjali u ċivika fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa ma ġewx inklużi fl-inizjattiva. It-titolu "Żgħażagħ attivi" għandu jiġi rifless fil-Komunikazzjoni li m'għandhiex tkun biss "dwar" jew "għaż-żgħażagħ" iżda pjuttost "maż-żgħażagħ", b'mod li ssir enfasi fuq il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fl-impimentazzjoni tal-azzjonijiet proposti. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid l-attivitajiet neċessarji fl-inizjattiva.

3.4 Peress li l-inizjattiva tkopri żewġ oqsma ewlenin, l-edukazzjoni u l-impjieg, il-KESE japprezza l-fatt li tenfasizza l-mobbiltà, l-attrazzjoni u l-kwalità u għaldaqstant hija marbuta mal-ET 2020, b'mod partikolari mal-Objettivi Strateġiċi 1 u 2. Huwa importanti li din l-inizjattiva tenfasizza b'mod partikolari mobbiltà akbar għal finijiet edukattivi, l-immordenizzar tal-edukazzjoni għolja, it-titjib u l-validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali u li jiġi ggarantit investiment effettiv u dejjiemi fl-edukazzzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

3.5 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-fatt li l-inizjattiva tenfasizza r-rabtiet bejn l-objettivi u l-implimentazzjoni kontinwa tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, is-sistemi ta' edukazzjoni aktar miftuħa, servizz imtejjeb għall-għoti ta' pariri u s-sħubija bejn il-korpi edukattivi u min iħaddem ([2]). Fl-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva, il-KESE jirrakkomanda li l-enfasi ssir l-aktar fuq il-ftuħ u l-adattament tas-sistemi edukattivi għall-bżonnijiet tas-soċjetà u tas-suq tax-xogħol, billi l-inizjattiva "Żgħażagħ attivi" tiġi integrata b'mod effettiv mal-istrumenti eżistenti għall-mobbiltà għal finijiet edukattivi, bħall-Europass u s-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS), u fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn iċ-ċentri tal-edukazzjoni u min iħaddem, it-trejdjunjins, l-istudenti u partijiet interessati oħrajn.

3.6 L-inizjattiva fil-fatt tenfasizza l-edukazzjoni u l-impjieg iżda ma tenfasizzax biżżejjed l-iżvilupp tal-kapital soċjali u l-promozzjoni taż-żgħażagħ fis-soċjetà ċivili Ewropea. F'dan ir-rigward, l-inizjattiva "Żgħażagħ attivi" ma tissodisfax biżżejjed l-objettivi tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar iż-Żgħażagħ "Investiment u Responsabbilizzazzjoni" adottata fl-2009, u lanqas l-objettivi tat-Trattat ta' Lisbona (Artikolu 165(2)) li jsaħħaħ id-dimensjoni taċ-ċittadinanza u l-bżonn li ż-żgħażagħ jitħeġġu jipparteċipaw fil-ħajja demokratika, u l-attivitajiet immirati lejn iż-żgħażagħ. Il-ħiliet ewlenin relatati direttament mad-dinja tal-kummerċ (bħall-innovazzjoni u l-ispirtu intraprenditorjali), l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza, is-solidarjetà u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali – jiġifieri l-parteċipazzjoni sħiħa miż-żgħażagħ fl-aġenda soċjali kollha kemm hi – għandhom jiġu inklużi filwaqt li l-miżuri neċessarji ta' appoġġ għandhom jitfasslu u jiddaħħlu fl-inizjattiva.

3.7 Barra minn hekk, it-tkabbir inklużiv għandu jiġi inkluż b'mod prijoritarju fl-istrateġiji mfassla għaż-żgħażagħ u għandhom jiġu introdotti l-mezzi neċessarji għall-implimentazzjoni tagħhom bħaż-żamma u t-tisħiħ tal-programm eżistenti "Żgħażagħ fl-azzjoni".

3.8 Xi aspetti relatati man-nondiskriminazzjoni għandhom jiġu inkorporati b'mod aktar ċar fl-inizjattiva. Il-KESE jissuġġerixxi li jiġu inklużi miżuri li jindirizzaw il-problema tad-differenza fil-pagi bejn iż-żgħażagħ nisa u rġiel. Id-differenzi bejn l-impjegati lokali u l-migranti u d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom biex jiksbu kundizzjonijiet u kwalifiki ugwali għandhom jiġu indirizzati. L-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' żgħażagħ żvantaġġati għandha tingħata attenzjoni xierqa wkoll.

3.9 L-objettivi proposti fl-inizjattiva għandhom jiġu mmonitorjati u l-progress tal-implimentazzjoni għandu jitkejjel permezz ta' indikaturi ċari biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jħabirku aktar jekk dawn l-objettivi ma jinkisbux fiż-żmien meħtieġ.

3.10 Fit-taqsima li jmiss, il-KESE ser jeżamina l-oqsma ta' prijorità stabbiliti fil-Komunikazzjoni u ser jesprimi ruħu u jagħti informazzjoni addizzjonali dwar kull waħda mill-azzjonijiet ewlenin ġodda proposti.

([2]) Dan il-kunċett għandu jinfiehem fl-aktar sens wiesa' u jirreferi għal kull min jimpjega lil xi ħadd ieħor u fis-setturi kollha – fis-settur privat, pubbliku jew nongovernattiv.

4. **Żvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ modern li jwasslu għal kompetenzi ewlenin u għall-eċċellenza**

4.1 *Jiġi propost abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola (2010)*

4.1.1 It-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola huwa kwistjoni partikolarment importanti b'mod partikolari għal xi Stati Membri. Huwa wkoll wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020 u huwa spirat direttament mis-sensiela ta' bench-marks fil-qafas strateġiku ET 2020. Fi żmien meta l-kriżi ekonomika wasslet għal tnaqqis fil-baġits, il-KESE jenfasizza l-importanza li jinżammu u jiżdiedu, fejn possibbli, dawk ir-riżorsi allokati fil-livell nazzjonali li huma intiżi għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola.

4.2 *Jitwaqqaf Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Litteriżmu (2010)*

4.2.1 Il-KESE jappoġġja l-metodi li taw prova tal-effettività tagħhom biex itejbu l-kapaċitajiet tat-tfal tal-iskola u tal-istudenti u biex jeliminaw l-illitteriżmu fl-UE. Barra minn hekk, jenfasizza l-importanza ta' programmi li jinvolvu liż-żgħażagħ li ġejjin minn familji soċjalment żvantaġġati u familji migranti. Huwa importanti li l-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli jipprovdi opportunitajiet għal djalogu u konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

4.3 *Tingħata spinta lill-attrazzjoni, il-provvediment u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali*

4.3.1 Wara konsultazzjonijiet mas-CEDEFOP, il-KESE jenfasizza l-bżonn li l-istrateġiji tagħna dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim, inkluża dik dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) jiġu eżaminati mill-ġdid. Hemm bżonn:

— edukazzjoni u taħriġ aktar immirati;

— li tiġi promossa u valutata firxa usa' ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi,

— li l-għarfien u l-ħiliet jissodisfaw aktar id-domanda tas-suq;

— li jiġu appoġġjati ambjenti ġodda għat-tagħlim;

— li jinfetħu strutturi u istituzzjonijiet ġodda għall-edukazzjoni u t-taħriġ;

— li jitqiesu l-bżonnijiet inidivdwali.

4.3.2 Il-KESE għaldaqstant jilqa' l-Communiqué ta' Brugges, li għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni Ewropea fil-ETV, li tistabbilixxi 11-il objettiv strateġiku fit-tul għall-għaxar snin li ġejjin (2011-2020). Il-KESE jappoġġja t-titjib tal-kwalità tat-taħriġ vokazzjonali fil-livell tal-UE. L-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali għandha tkun waħda mill-ewwel oqsma ġodda mmirati li tibbenefika minn mobbiltà akbar.

4.4 *Jiġi propost qafas għat-traineeships*

4.4.1 Il-KESE japprova l-miżuri li jneħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-moviment liberu taż-żgħażagħ bil-għan li jieħdu sehem fi traineeships. Djalogu strutturat maż-żgħażagħ identifika problema ewlenija oħra: il-kwalità tat-traineeships f'kull Stat Membru. Il-qafas Ewropew għalhekk għandu jniedi dibattitu nazzjonali dwar it-traineeships, l-apprendistati u l-kwalità tal-kuntratti tal-impjiegi li jiġu offruti liż-żgħażagħ. It-traineeships għandhom jagħmlu parti mill-kurrikulu tal-edukazzjoni u jinkludu element edukattiv b'saħħtu, li jagħmilha possibbli għaż-żgħażagħ li wara jakkwistaw impjiegi stabbli, ta' kwalità għolja, b'pagi adatti u mhux diskriminatorji.

4.4.2 Il-ħtieġa ta' qafas ta' kwalità għat-traineeships għandha tapplika għall-forom kollha ta' tagħlim f'ambjent ta' xogħol reali, irrispettivament mill-fatt jekk dawn jagħmlux parti minn programmi ta' edukazzjoni formali jew jekk jitwettqux b'mod volontarju barra mill-qafas ta' tagħlim formali. It-traineeships fihom innifishom m'għandhomx jissostitwixxu l-impjiegi iżda għandhom jagħtu lit-trainees il-ħiliet meħtieġa għal tranżizzjoni bla xkiel fid-dinja tax-xogħol. It-trainees żgħażagħ għandhom jirċievu kumpens finanzjarju għal kwalunkwe xogħol professjonali reali li jagħmlu u għandhom ikunu koperti wkoll mis-sigurtà soċjali. Biex dawn it-traineeships ikunu effiċjenti u rilevanti fis-suq tax-xogħol huwa importanti li l-**imsieħba soċjali** jiġu involuti fit-tfassil, l-organizzazzjoni, it-twettiq u l-finanzjament tagħhom.

4.4.3 It-traineeships għandhom ikunu aktar attraenti u għandhom jirriflettu l-interessi ta' kull min hu kkonċernat, u l-Istati Membri għandhom, permezz ta' tipi differenti ta' inċentivi, iħeġġu lil min iħaddem biex joħolqu aktar opportunitajiet għat-traineeships u b'hekk aktar impjiegi ta' kwalità aħjar għaż-żgħażagħ, filwaqt li jqisu l-"Ftehim Qafas dwar is-Swieq tax-Xogħol Inklużivi" adottat mill-imsieħba soċjali Ewropej.

4.5 *Jiġi propost abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (2011)*

4.5.1 Il-KESE ilu jqis li din il-kwistjoni hija ta' importanza kbira u għalhekk jappoġġja t-teħid ta' miżuri addizzjonali f'dan ir-rigward. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon b'mod partikolari l-enfasi qawwija fuq il-validazzjoni tar-riżultati tat-tagħlim mhux formali. Id-diskussjonijiet dwar il-modi ta' validazzjoni għandhom jiffokaw ukoll fuq il-kwalità tal-edukazzjoni mhux formali u s-superviżjoni u l-monitoraġġ tagħha. Kulhadd għandu jibbenefika mill-miżuri intiżi biex itejbu t-tagħlim mhux formali, u mhux biss iż-żgħażagħ żvantaġġati (kif indikat fil-Komunikazzjoni). It-tagħlim mhux formali, ipprovdut l-aktar mill-NGOs permezz ta' attivitajiet volontarji, huwa mezz importanti għaż-żgħażagħ biex jakkwistaw il-ħiliet meħtieġa fid-dinja tal-lum, b'mod partikolari fir-rigward tal-kreattività, il-ħidma f'tim, ir-riżoluzzjoni tal-problemi, il-ħiliet lingwistiċi, il-it-trawwim ta' kuxjenza multikulturali, l-empatija, u s-sens ta' inizjattiva u ta' responsabbiltà.

4.5.2 Fir-rigward tal-validazzjoni tat-tagħlim informali, min iħaddem ser jaqdi rwol ewlieni fl-aċċettazzjoni tiegħu, u r-rwol tal-istabbilimenti vokazzjonali u tal-edukazzjoni għolja ser ikun kruċjali.

4.5.3 Fir-rigward tar-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali u informali, diġà jeżistu għadd ta' prattiki tajba fil-livell nazzjonali bħall-"Profilpass" fil-Ġermanja u "ċ-ċwievet għall-ħajja" fir-Repubblika Ċeka. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati meta titħejja r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tikkontribwixxi għat-tixrid u l-analiżi tal-prattiki tajbin, filwaqt li tikkunsidra l-varjazzjoni wiesgħa fl-iżvilupp, it-tradizzjonijiet u r-realtajiet madwar l-UE.

## 5. Il-promozzjoni tal-attrazzjoni tal-edukazzjoni għolja għall-ekonomija tal-għarfien

5.1 *Jiġu appoġġjati r-riforma u l-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja, billi tiġi ppreżentata Komunikazzjoni (2011) li ser tistabbilixxi aġenda msaħħa ġdida għall-edukazzjoni għolja*

5.1.1 Ir-riforma tal-edukazzjoni għolja għandha taqdi rwol aktar importanti fil-ksib tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 li għandhom l-għan li jqiegħdu lis-soċjetà tal-UE fuq quddiem nett fil-qasam tal-għarfien, l-innovazzjoni u l-iżvilupp. L-immodernizzar tas-sistemi tal-edukazzjoni terzjarja – it-twettiq ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja u l-għanijiet tal-proċess ta' Bolonja, parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà ċivili u s-settur privat, reviżjoni u tisħiħ tas-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni u r-rikonoxximent tal-importanza tad-dimensjoni soċjali fl-edukazzjoni għandhom jgħinu lill-gradwati żgħażagħ jirnexxilhom jidħlu fis-suq tax-xogħol u jneħħu l-ostakli għal parteċipazzjoni ugwali fl-edukazzjoni li għadhom jeżistu fir-rigward tal-inugwaljanzi soċjali, il-ġeneru, in-nazzjonalità, eċċ.

5.2 *Jitqabblu r-riżultati tal-edukazzjoni għolja*

5.2.1 Filwaqt li wieħed mill-għanijiet huwa li jiġu definiti benchmarks biex jitkejlu r-riżultati u l-kisbiet tal-edukazzjoni għolja, il-KESE jenfasizza l-importanza li l-kriterji jintgħażlu bir-reqqa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti fil-qasam tal-edukazzjoni, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-settur privat, peress li dan huwa qasam sensittiv ħafna. Il-KESE jaqbel mat-tħassib dwar l-estrapolazzjoni possibbli ta' metodi ta' valutazzjoni jew ta' klassifikazzjoni li jintużaw f'oqsma oħra u għandu d-dubji tiegħu kemm il-ħolqien ta' sistema jew ta' skala ġdida u multidimensjonali għall-klassifikazzjoni tal-universitajiet hija fil-kompetenza tal-UE.

5.3 *Tiġi proposta Aġenda Strateġika multiannwali ta' Innovazzjoni (2011)*

5.3.1 Fir-rigward tal-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (2011), il-KESE jirreferi lill-Kummissjoni għall-bosta opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet li saru dawn l-aħħar snin dwar dan is-suġġett [3].

## 6. Appoġġ għal żvilupp b'saħħtu ta' tagħlim transnazzjonali u mobbiltà taż-żgħażagħ marbuta mat-tfittxija ta' impjieg

6.1 *Titwaqqaf websajt iddedikata għaż-"Żgħażagħ attivi" li tagħti informazzjoni dwar it-tagħlim u l-opportunitajiet ta' mobbiltà fl-UE (2010)*

6.1.1 Il-KESE jipproponi li tiġi inkluża informazzjoni ġdida fis-sorsi eżistenti bħall-PLOTEUS, il-YOUTH jew portali eżistenti oħrajn peress li l-integrazzjoni ta' informazzjoni ġdida f'websajts li diġà jeżistu tista' tirnexxi aktar u tista' tiffaċilita l-aċċess għaż-żgħażagħ. Barra minn hekk, għandha tiġi żviluppata bażi tad-data waħdinija li tiġbor fiha l-postijiet vakanti għat-traineeships u x-xogħol volontarju u għandha tiġi inkluża f'dawk il-websajts.

6.2 *Jiġi propost abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-mobbiltà taż-żgħażagħ għal finijiet edukattivi (2010)*

6.2.1 Il-KESE jappoġġja t-tisħiħ ta' miżuri speċifiċi għall-ksib ta' mobbiltà akbar għat-tagħlim u l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-proposti tal-Green Paper dwar "Il-promozzjoni tal-mobilità taż-żgħażagħ għal finijiet edukattivi (*sic*.)", li fiha qeda rwol attiv fl-2009 u li għaliha kkontribwixxa bosta rakkomandazzjonijiet siewja [4]. Għandhom jiġu provduti miżuri ta' appoġġ qabel, matul u wara l-mobbiltà.

6.3 *Tiġi żviluppata karta "Żgħażagħ attivi"*

6.3.1 L-għanijiet tal-inizjattiva mhumiex ċari biżżejjed dwar jekk hijiex intiża biex tiżviluppa karta ġdida jew tagħti impetus ġdid lill-karta eżistenti Youth 26. Il-valur miżjud ta' kwalunkwe karta ġdida għandu jiġi identifikat b'mod ċar u jitqabbel mal-karti li diġà jeżistu.

6.4 *Tiġi ppubblikata Gwida dwar is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar id-drittijiet ta' studenti attivi (2010)*

6.4.1 Il-KESE jemmen li din hija miżura pożittiva u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-sentenzi għandhom jiġu ppubblikati f'formats flessibbli, li jkunu aċċessibbli faċilment u li jinftiehmu. Għandhom ikunu faċli wkoll għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji.

6.5 *Jiġi propost Passaport Ewropew tal-Ħiliet (2011)*

6.5.1 Il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta' Passaport Ewropew tal-Ħiliet. Huwa jemmen li l-passaporti eżistenti (Europass u l-passaport taż-żgħażagħ) għandhom jingħaqdu fi strument globali uniku li jkopri, f'formola waħda, CV tradizzjonali, edukazzjoni formali (Europass) u edukazzjoni mhux formali u informali. Iż-żgħażagħ għadhom mhumiex konvinti dwar il-fatt li għadd kbir ta' strumenti kontinwament jiġu riveduti iżda fl-aħħar mill-aħħar xorta waħda mhumiex effiċjenti ħafna.

---

[3] L-opinjonijiet tal-KESE dwar "Ir-reviżjoni tal-politika Komunitarja dwar l-innovazzjoni f'dinja li qed tinbidel", ĠU C 354, 28.12.2010, p. 80 u dwar "Investiment fl-għarfien u l-innovazzjoni (Strateġija ta' Lisbona)", ĠU C 256, 27.10.2007, p. 17.

[4] L-opinjoni tal-KESE dwar "Il-promozzjoni tal-mobilità taż-żgħażagħ – Green Paper", ĠU C 255, 22.09.2010, p. 81.

Is-suċċess tal-Passaport Ewropew tal-Ħiliet ser jiddependi, fost affarijiet oħrajn, mill-mod kif jiġi kkunsidrat minn min iħaddem u kif jintuża miż-żgħażagħ, li għalihom jeħtieġ li jibqgħu disponibbli miżuri ta' konsultazzjoni u ta' appoġġ.

6.6 *Tiġi implimentata l-inizjattiva "L-ewwel impjieg EURES tiegħek"*

6.6.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon kull forma ta' appoġġ li ssaħħaħ il-prospetti ta' impjieg għaż-żgħażagħ. Il-KESE jemmen li t-tisħiħ tal-EURES u ta' portali oħrajn u t-titjib tal-kwalità tas-servizzi tagħhom jistgħu jkunu ta' għajnuna f'dan ir-rigward.

6.7 *Fl-2010 tinħoloq sistema għall-Monitoraġġ tal-Postijiet Vakanti Ewropej*

6.7.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjoni il-pubblikazzjoni b'mod regolari tas-sistema għall-**Monitoraġġ tal-Postijiet Vakanti Ewropej** peress li din tagħti stampa siewja u aġġornata tal-iżviluppi fis-suq tax-xogħol Ewropew.

6.8 *Tiġi ssorveljata l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema*

6.8.1 Fil-prinċipju, il-KESE jaqbel li l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema hija ta' benefiċċju għaż-żgħażagħ u għandha tiġi ssorveljata b'aktar reqqa (din il-miżura ilha ftit li ġiet implimentata). Madankollu, il-Kummissjoni ma tgħidx b'mod ċar kif ser jiġu organizzati l-monitoraġġ tal-leġislazzjoni u l-applikazzjoni ta' inizjattivi għaż-żgħażagħ attivi.

## 7. Qafas għall-impjieg taż-żgħażagħ

7.1 *Jiġu identifikati l-aktar miżuri effettivi biex jappoġġjaw l-impjieg taż-żgħażagħ*

7.1.1 Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, li diġà kienet allarmanti qabel il-kriżi, issa saret waħda mill-aktar aspetti inkwetanti tas-suq tax-xogħol Ewropew. Kif tgħid l-inizjattiva, "**Il-qgħad fost iż-żgħażagħ li jammonta għal** madwar 21 %, mhuwiex aċċettabbli. **Sabiex l-għan ta' impjieg jilħaq 75 %** għall-popolazzjoni ta' bejn 20-64 sena, it-tranżizzjoni ta' żgħażagħ għas-suq tax-xogħol jeħtieġ li tittejjeb b'mod radikali." ([5]) L-importanza ta' miżuri li jgħinu biex jiggarantixxu impjieg ta' kwalità għolja, permanenti u b'paga adatta mill-bidu nett għaż-żgħażagħ ma jistgħux jiġu sottovalutati. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi proposti u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura impenn sod min-naħa tal-Istati Membri – bi qbil mal-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħrajn – fir-rigward tal-ħolqien ta' impjiegi għaż-żgħażagħ. Il-KESE jaqbel ukoll mal-istqarrija fit-test li, "**Arranġamenti tal-pagi** u **l-ispejjeż tax-xogħol mhux marbuta mal-pagi** jistgħu jipprovdu inċentiv biex jiġu impjegati ħaddiema ġodda, **iżda m'għandux *[sic.]* jikkontribwixxi għal prekarjetà**. In-negozjar kollettiv jista' wkoll ikollu rwol pożittiv fl-iffissar miftiehem tal-pagi differenzjati għall-ħaddiema ġodda", filwaqt li jiġi osservat il-prinċipju ta' paga ndaqs għall-istess xogħol jew għal xogħol ta' valur ekwivalenti.

7.1.2 L-indirizzar tas-sitwazzjoni taż-żgħażagħ fis-swieq tax-xogħol tal-lum hija element ewlieni fit-tisħiħ tal-kompetittività tal-Ewropa. Biex dan jirnexxi, fl-aħħar mill-aħħar irid jiġi żgurat li t-talenti taż-żgħażagħ tal-lum jintużaw aħjar u li ma jinħlewx.

7.1.3 Il-KESE jappoġġja l-ħidma biex jiġu identifikati l-aktar miżuri effettivi għall-appoġġ tal-impjieg taż-żgħażagħ, bħall-programmi ta' taħriġ, il-miżuri u l-benefiċċji ta' sigurtà u ta' attivazzjoni, is-sussidji ta' reklutaġġ u arranġamenti adatti għal pagi u għas-sigurtà soċjali. Kif xieraq, il-Kummissjoni tenfasizza wkoll l-għoti ta' pariri dwar il-karriera. Meta ż-żgħażagħ ikollhom jiddeċiedu dwar il-karriera futura tagħhom għandhom jirċievu l-informazzjoni neċessarja dwar id-diversi possibbiltajiet ta' edukazzjoni li huma disponibbli għalihom u għandu jkollhom ukoll idea ċara dwar il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa u informazzjoni dwar l-iżviluppi possibbli fis-suq tax-xogħol biex ikunu jistgħu jippjanaw il-futur tagħhom. Dan huwa partikolarment minnu meta jkunu fil-fażi tat-tħejjija u t-tiftix tal-ewwel impjieg.

7.2 *Jiġi stabbilit monitoraġġ sistematiku tas-sitwazzjoni taż-żgħażagħ li m'għandhomx impjieg, edukazzjoni jew taħriġ*

7.2.1 Konsegwenza oħra tal-kriżi attwali hija ż-żieda fl-għadd ta' żgħażagħ li m'għandhomx impjieg, edukazzjoni jew taħriġ. Madankollu, s'issa kien diffiċli li tinkiseb idea ġenerali dwar kemm hu serju dan il-fenomenu fil-livell tal-UE u dwar l-impatt fuq is-saħħa mentali u l-benesseri taż-żgħażagħ. Għaldaqstant, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li jitwaqqaf monitoraġġ sistematiku f'dan il-qasam.

7.3 *Jiġi stabbilit, bl-appoġġ tal-programm PROGRESS, Programm ta' Tagħlim Reċiproku ġdid għas-Servizzi Pubbliċi Ewropej ta' Impjieg (2010)*

7.3.1 Il-KESE jappoġġja din l-azzjoni u jirrakkomanda li qabel kollox tkun intiża biex tiġbor flimkien l-attivitajiet, il-finanzjament u l-iskambji ta' esperjenzi eżistenti. Huwa kruċjali li s-servizzi pubbliċi ta' impjieg ikunu effiċjenti u rilevanti. Madankollu, f'xi Stati Membri l-aġenziji privati huma responsabbli għal dawn is-servizzi: uħud minnhom mhumiex irregolati u mmonitorjati biżżejjed. Huwa importanti li jiġi offrut impjieg stabbli u ta' kwalità għolja u li jiġi żgurati d-drittijiet soċjali. F'dan il-qasam, bħal f'oqsma oħrajn, il-kontribut tal-imsieħba soċjali huwa kruċjali.

([5]) Skont ir-rapport tal-Eurostat ta' Jannar 2011, ir-rata globali tal-qgħad fl-UE ta' 27 pajjiż kienet ta' 9,6 %. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ (taħt il-25 sena) kien ta' 21 %. Il-pajjiżi bl-ogħla rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ kienu Spanja (43,6 %), is-Slovakkja (36,6 %) u l-Litwanja (35,2 %).

7.4 *Jissaħħaħ id-djalogu ta' politika bilaterali u reġjonali dwar l-impjieg taż-żgħażagħ mal-imsieħba strateġiċi tal-UE*

7.4.1 Il-KESE jaqbel mat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali mal-organizzazzjonijiet bħall-OECD u l-Unjoni għall-Mediterran, is-Sħubija tal-Lvant, il-Balkani tal-Punent u fil-kuntest tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Amerika Latina u l-Karibew u partijiet oħra tad-dinja li magħhom tista' tiġi kkunsidrata l-kooperazzjoni. Dan japplika b'mod partikolari għall-kwistjonijiet relatati maż-żgħażagħ migranti.

7.5 *L-intraprendituri żgħażagħ jiġu inkoraġġuti jużaw aktar il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament PROGRESS*

7.5.1 Il-KESE jilqa' l-faċilità ta' mikrofinanzjament bħala mezz ġdid biex jitrawwem spirtu intraprenditorjali u biex jinħolqu impjiegi fil-mikrointrapriżi [6]. Madankollu, għalkemm ma kienx hemm pjani li dan l-istrument jiġi estiż bħala parti mill-perspettivi finanzjarji ġodda tal-UE għal wara l-2013, il-KESE jemmen li għandha tiġi kkunsidrata estensjoni jekk tingħata prova tal-benefiċċju tagħha.

7.5.2 Id-djalogu strutturat li għaddej bħalissa maż-żgħażagħ juri li ż-żgħażagħ li jiddeċiedu jwaqqfu n-negozju tagħhom stess għandhom bżonn appoġġ speċjali f'żewġ oqsma li għandhom jitqiesu: i) il-kapital tal-bidu meħtieġ, u ii) taħriġ, gwida u għajnuna dwar kwistjonijiet prattiċi.

7.6 *Jiġi propost li ż-żgħażagħ kollha jkollhom impjieg, ikomplu l-istudji tagħhom jew jiġu pprovduti b'miżuri ta' attivazzjoni fi żmien erba' xhur minn meta jitilqu mill-iskola u li dan jiġi pprovdut bħala "Garanzija għaż-Żgħażagħ".*

7.6.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-idea li jiġi żviluppat strument bħal dan fil-livell nazzjonali li jista' jgħin liż-żgħażagħ jegħlbu l-ostakli involuti fit-transizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol. L-esperjenzi pożittivi ta' xi Stati Membri għandhom iservu ta' eżempju. Fil-perjodu fit-tul, il-"garanzija għaż-żgħażagħ" proposta tista' tagħti kontribut ewlieni għall-mudell soċjali Ewropew u l-objettivi tal-Ewropa 2020.

7.7 *Jiġi ggarantit bilanċ tajjeb bejn id-drittijiet għall-benefiċċji u miżuri mmirati ta' attivazzjoni fuq il-bażi ta' obbligazzjoni reċiproka*

7.7.1 Il-KESE jappoġġja l-miżura ta' obbligazzjoni reċiproka, inklużi politiki ta' attivazzjoni għaż-żgħażagħ li jinsabu fil-periklu ta' esklużjoni soċjali, u l-immodernizzar tas-sistema tal-protezzjoni soċjali, eċċ. Jappoġġja wkoll it-tisħiħ tal-funzjonijiet ta' attivazzjoni u ta' motivazzjoni tas-sistemi soċjali bil-għan li jiġi evitat li ż-żgħażagħ jiddependu mill-benefiċċji soċjali għal perjodu twil wisq.

7.8 *Fis-swieq tax-xogħol segmentati, jiġi introdott "kuntratt uniku" miftuħ b'perjodu ta' prova twil biżżejjed u żieda gradwali tad-drittijiet ta' protezzjoni*

7.8.1 Il-kunċett ta' kuntratt uniku miftuħ jista' jkun wieħed mill-miżuri li jista' jwassal għal tnaqqis fl-inugwaljanzi bejn dawk li jidħlu fis-suq tax-xogħol u dawk esklużi minnu. Il-KESE huwa konxju mid-differenzi sinifikanti li jeżistu bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol. Uħud mill-aktar sistemi riġidi jxekklu għalkollox liż-żgħażagħ milli jsibu impjieg, mentri f'oħrajn hemm aktar offerti ta' kuntratti qosra li huma flessibbli wisq u joffru aċċess limitat għall-benefiċċji soċjali. Il-KESE jenfasizza li l-miżuri li għandhom jiġu adottati għandu jkollhom l-għan li jiżguraw offerti ta' kuntratti stabbli għaż-żgħażagħ li jevitaw kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età, il-ġeneru jew kwalunkwe bażi oħra.

## 8. **L-isfruttar tal-potenzjal kollu tal-programmi ta' finanzjament tal-UE**

8.1 *Tintwera aħjar l-għajnuna li l-FSE jista' joffri liż-żgħażagħ u jsir l-aħjar użu possibbli tal-potenzjal tiegħu*

8.1.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-importanza li l-Komunikazzjoni tagħti lill-użu tal-Fond Soċjali Ewropew. Hi u tinnegozja mal-Istati Membri dwar il-qsim tal-baġit fi ħdan il-perspettiva finanzjarja l-ġdida, il-Kummissjoni għandha tenfasizza l-aktar il-fatt li għandu jkun hemm biżżejjed fondi għall-inizjattivi tal-FSE, b'mod partikolari dawk relatati maż-żgħażagħ. It-tisħiħ tad-dimensjoni taż-żgħażagħ fi programmi oħra għandu jiġi kkunsidrat ukoll.

8.2 *Jiġi żgurat li ż-żgħażagħ jibbenefikaw mill-Fond fil-futur immedjat u li l-Fond jintuża malajr biex jinkisbu l-objettivi tal-Ewropa 2020*

8.2.1 Il-KESE jemmen li għandha ssir ħidma biex il-possibbiltajiet li joffri bħalissa l-FSE jintużaw bis-sħiħ, iżda huwa tal-fehma li fondi oħra għandhom jinkludu wkoll l-għanijiet imsemmija hawn fuq bħala prijoritajiet orizzontali.

8.3 *Issir analiżi tal-programmi kollha tal-UE li jkattru l-mobbiltà għal finijiet edukattivi u l-edukazzjoni f'dan il-qasam*

8.3.1 Il-KESE jappoġġja l-proposta li jiġu organizzati konsultazzjonijiet pubbliċi bil-għan li jiġi ssorveljat il-kontribut tal-mobbiltà għal finijiet edukattivi. Ser jagħti attenzjoni mill-qrib lill-attivitajiet f'dan il-qasam, fid-dawl tal-perspettivi finanzjarji l-ġodda.

[6] L-opinjoni tal-KESE dwar "Investiment fl-għarfien u l-innovazzjoni (Strateġija ta' Lisbona)", ĠU C 256, 27.10.2007, p. 17-26.

8.3.2 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma tirreferix għar-rwol li jaqdu l-programmi Ewropej ta' tagħlim biex jappoġġjaw iċ-ċittadinanza attiva u s-sehem taż-żgħażagħ. Huwa ċar li edukazzjoni ta' kwalità tajba u suq tax-xogħol sod jikkontribwixxu għat-tkabbir fl-Ewropa però għandhom ikunu akkumpanjati minn strumenti li jippromovu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fis-soċjetà sabiex ikollhom sens ta' appartenenza u jkunu responsabbli għall-politiki rilevanti. Il-ħaddiema żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ jistgħu jaqdu rwol aktar b'saħħtu f'dan ir-rigward. Għandu jkun hemm iktar possibbiltajiet ta' attivitajiet volontarji ċiviċi.

8.3.3 Il-KESE jemmen li l-miżuri kontra l-kriżi m'għandhomx iwasslu biex jitwarrab l-appoġġ għat-tagħlim mhux formali għax ir-rwol tiegħu qiegħed isir aktar importanti u diġà huwa fattur deċiżiv fil-futur u l-iżvilupp taż-żgħażagħ.

8.4 *Tiġi eżaminata l-fattibbiltà ta' faċilità Ewropea ta' self għall-istudenti biex tiżdied il-mobbiltà transkonfinali tagħhom*

8.4.1 Il-KESE ser janalizza mill-qrib il-kontribut potenzjali ta' din l-azzjoni fir-rigward tal-possibbiltajiet u l-istrumenti li jeżistu diġà. Ir-rapporti ta' evalwazzjoni tal-programmi tal-mobbiltà juru li l-ostaklu prinċipali għaż-żieda tal-mobbiltà huwa l-finanzjament tal-istudenti. Madankollu, sabiex jiġi appoġġjat b'mod effettiv l-għan tal-mobbiltà – 20 % sas-sena 2020 – għandha tingħata prijorità lill-aċċessibbiltà u d-daqs tal-għotjiet (grants). Il-proċedura għall-għoti tas-self għandha titfassal bir-reqqa u ż-żgħażagħ għandhom jiġu informati dwarha peress li huwa importanti li kemm jista' jkun jiġi evitat li ż-żgħażagħ jinqabdu f'nassa ta' dejn.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-PAK fid-dawl tas-sena 2020: Nindirizzaw l-isfidi tal-futur fl-ambitu tal-ikel, tar-riżorsi naturali u dak territorjali"**

*COM(2010) 672 finali*

(2011/C 132/11)

Relatur: **is-Sur CHIRIACO**

Nhar it-18 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-PAK fid-dawl tas-sena 2020: Nindirizzaw l-isfidi tal-futur fl-ambitu tal-ikel, tar-riżorsi naturali u dak territorjali*

COM(2010) 672 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Frar 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tas-16 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'197 vot favur, 26 vot kontra u 17-il astensjoni.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni u jinnota li ħafna mill-kummenti li għamel il-Kumitat f'opinjonijiet preċedenti huma riflessi fil-Komunikazzjoni. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni tiċċara iktar ir-rabtiet li jeżistu bejn l-għanijiet, l-istrumenti u r-riżorsi finanzjarji tal-PAK ta' wara l-2013. Ir-riforma tal-PAK għandha tiġi implimentata b'tali mod li jiġu żgurati l-profitt tal-agrikoltura u dħul ġust għall-bdiewa fl-UE kollha kemm hi.

1.2. Il-kompitu ewlieni tal-PAK huwa li tivvalorizza r-rwol tal-bdiewa bħala produtturi tal-prodotti tal-ikel ta' kuljum u wkoll, f'ammont dejjem ikbar, tal-enerġija nadifa u sostenibbli. Barra minn hekk, l-agrikoltura u l-forestrija għandhom isaħħu l-kontribut importanti tagħhom għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali billi jippermettu li jiġu indirizzati b'mod konkret l-isfidi l-kbar tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, tal-kriżi tal-provvista tal-ilma, tal-ħarsien tal-ambjent u tal-bijodiversità [1] u tal-iżvilupp territorjali.

1.3. Il-KESE jaqbel mal-proposta li ma tibqax tintuża r-referenza storika sabiex jiġi determinat l-ammont ta' għajnuna li tingħata, u jenfasizza l-importanza tal-pagamenti diretti fil-qafas tal-PAK għas-salvagwardja tal-mudell agrikolu Ewropew. Dawn il-pagamenti għandhom importanza fundamentali bħala kumpens għall-istandards għolja li s-soċjetà tixtieq li jkun hemm fl-UE u bħala rimunerazzjoni tas-servizzi mwettqa mill-agrikoltura li s-suq ma jikkumpensax. Barra minn hekk, f'kuntest ta' swieq dejjem aktar imprevedibbli, għall-bdiewa dawn iservu ta' salvagwardja kontra r-riskji, kif ukoll ta' garanzija ta' dħul. Il-prodotti u s-servizzi pubbliċi li jingħataw lill-komunità jirrigwardaw, fil-fehma tal-KESE, l-iżvilupp sostenibbli, il-ħarsien tal-ambjent, id-dinamiżmu taż-żoni rurali, it-tnaqqis tal-faqar, is-sigurtà tal-ikel, il-ħarsien tax-xogħol u tal-konsumaturi.

1.4. Il-KESE jqis bħala indispensabbli wkoll li dan il-proċess ta' reviżjoni ma jfixkilx l-għanijiet u l-mekkaniżmi tal-funzjonament tal-PAK li huma maħsubin biex jappoġġjaw l-operaturi fil-katina agrikola, alimentari u ambjentali fil-qafas tal-programmazzjoni fuq perjodu twil u medju. F'dan ir-rigward, il-KESE jemmen li hemm bżonn ta' perjodu tranżitorju twil biżżejjed, li jkun konformi mat-tul ta' żmien tal-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni li se jintemm fl-2020, li fih il-bdiewa, b'mod partikolari dawk li jkunu investew f'kundizzjonijiet partikolari, ikunu jistgħu jadattaw għal tmiem l-applikazzjoni tar-referenza storika bħala mezz ta' kwantifikazzjoni tal-valur tal-pagament uniku. Fir-rigward tal-Istati Membri, il-Kumitat ifakkar li l-perjodu li fih tista' tintuża l-iskema ta' pagament uniku jintemm fl-2013. Fl-aħħar, il-KESE jitlob li jiġi kkonfermat strument ta' flessibilità nazzjonali u reġjonali bħal dak tal-Artikolu 68 [2] għall-għoti ta' forom speċifiċi ta' għajnuna u biex jiġi żgurat koordinament sħiħ mal-miżuri tat-tieni pilastru, l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-frott u l-ħxejjex u l-fondi ta' promozzjoni.

[1] COM(2010) 548 finali –"Il-valutazzjoni tal-2010 tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal- UE għall-bijodiversità".

[2] Regolament (KE) Nru.73/2009 tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16).

1.5. Il-KESE jaqbel mal-għan li l-għajnuniet ta' appoġġ tal-PAK jiġu limitati għall-bdiewa attivi biss u jippromovul-mudell agrikolu Ewropew permezz ta' azzjonijiet kemm fi ħdan l-ewwel kif ukoll fit-tieni pilastru. Il-pagamenti kollha tal-ewwel u t-tieni pilastru għandhom jiġu ffinalizzati meta jkunu ġew solvuti l-problemi soċjali, ambjentali u ekonomiċi. Għalhekk il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti definizzjoni ta' "bdiewa attivi" li tista' tiġi applikata fit-territorju Komunitarju kollu. Il-KESE jipproponi li d-definizzjoni ta' bdiewa attivi tinkludi r-rekwiżit tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli, inkluż permezz tal-bejgħ dirett fis-swieq lokali, u tal-ħolqien ta' prodotti u servizzi pubbliċi ta' utilità soċjali u tal-bejgħ dirett fis-swieq lokali.

1.6. Il-KESE huwa tal-fehma li d-deċiżjoni politika tal-Kunsill Ewropew li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet għall-agrikoltura fl-UE għandha tkompli tkun għan ċar tar-riforma tal-PAK. Il-KESE jemmen li m'għandux jiġi eliminat l-appoġġ li jingħata lill-bdiewa fiż-żoni bi żvantaġġi naturali u klimatiċi fil-qafas tat-tieni pilastru. L-appoġġ addizzjonali li jingħata fuq il-bażi tal-erji lill-bdiewa f'żoni żvantaġġati jista' jevita li tiġi abbandunata l-produzzjoni agrikola fit-territorju tal-UE u b'hekk ikun qed jingħata kontribut lill-għan tas-sigurtà tal-provvista tal-ikel. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippubblika mill-aktar fis possibbli l-proposta tagħha ta' reviżjoni tal-kriterji għall-identifikazzjoni taż-żoni żvantaġġati l-oħra (żoni intermedji) biex tkun tista' ssir konsultazzjoni adegwata mal-partijiet interessati kollha.

1.7. Il-KESE jaqbel li jiġi adottat limitu massimu tal-pagamenti li għandu jiġi applikat filwaqt li tiġi kkunsidrata l-istruttura agrikola tal-pajjiż jew tar-reġjun speċifiku. Il-KESE jipproponi li dan il-limitu massimu jiġi applikat b'referenza għal-livelli ta' intensità tax-xogħol imħallas u dak mhux imħallas fl-irziezet, filwaqt li jiġi kkunsidrat ix-xogħol tal-bdiewa sabiex b'hekk tiġi ggarantita wkoll ġustifikazzjoni soċjali tal-użu tar-riżorsi ekonomiċi għall-funzjonament tal-PAK. Barra minn hekk, il-KESE jqis li hemm bżonn li jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet tal-irziezet li huma ffurmati minn kooperattivi u assoċjazzjonijiet tal-produtturi agrikoli, b'mod li l-pagament imur għand l-imsieħba kollha.

1.8. Il-PAK il-ġdida ser ikollha tagħti prijorità lill-garanzija ta' settur agrikolu u alimentari kompetittiv u innovattiv fl-UE li jkun kapaċi jikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u tax-xogħol u s-sigurtà tal-ħaddiema fis-settur agrikolu billi tuża bħala referenza għall-għoti tal-għajnuniet tagħha l-konformità sħiħa mal-klawżoli soċjali b'enfasi partikolari fuq ir-rispett tal-liġi u tal-kuntratti tax-xogħol.

1.9. Il-Kummissjoni għandha tiċċara kif ser jiġi applikat komponent ekoloġiku għall-pagamenti diretti, billi tippreżenta valutazzjoni definittiva tal-konsegwenzi ta' tali proposta fuq il-programmi ambjentali tat-tieni pilastru. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-possibbiltà ta' approċċi alternattivi. Proposta tista' tkun dik li l-komponent ekoloġiku tal-pagamenti diretti jkun soġġett għall-parteċipazzjoni obbligatorja f'ċerti miżuri agroambjentali li jista' jkollhom impatt effettiv fuq l-erja kkonċernata, sakemm l-inċentivi finanzjarji jkopru bis-sħiħ l-ispejjeż il-kbar u sakemm il-proċeduri burokratiċi jkunu minimizzati. B'dan il-għan il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista ta' miżuri korrispondenti, li fosthom il-bdiewa jkunu jistgħu jagħżlu l-aktar miżuri adatti għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri għandha tkun organizzata fil-livell reġjonali b'tali mod li jkollha impatt pożittiv fuq id-dħul.

1.10. Il-KESE jsostni li huwa impossibbli li titwettaq riforma effettiva tal-PAK ta' wara l-2013 bla ma jkun hemm indikazzjonijiet ċari dwar id-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tad-daqs u l-kompożizzjoni tal-baġit tal-UE. Madankollu, il-KESE jemmen li hemm bżonn li tiġi garantita tal-anqas il-konferma tal-kwota tal-baġit allokata minn issa mill-UE għall-PAK.

1.11. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li aktar ftuħ tas-swieq agrikoli tal-UE ser iwassal għal pressjoni akbar fir-rigward tal-kompetizzjoni u biex il-prezzijiet tal-produtturi jsiru dejjem aktar influwenzati mill-volatilità tas-swieq internazzjonali. Il-KESE jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-istrumenti attwali mhumiex jiżguraw li s-swieq jiksbu stabbiltà adegwata. Dan għandu jitqies fil-qafas tar-riforma, mhux biss fir-rigward tar-riorjentazzjoni tal-pagamenti diretti iżda wkoll fit-tibdil tal-istrumenti maħsuba għall-istabbilizzazzjoni tas-swieq.

## 2. **Sinteżi tal-Komunikazzjoni**

### 2.1 *L-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni (PAK)*

2.1.1 Skont il-Kummissjoni Ewropea, il-PAK ta' wara l-2013 għandha tikkontribwixxi għall-għanijiet li ġejjin ([3]):

— produzzjoni tal-ikel ekonomikament vijabbli,

— ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u miżuri relatati mal-klima,

— żamma tal-bilanċ territorjali u tad-diversità taż-żoni rurali.

### 2.2 *L-istrumenti tal-PAK tal-futur*

2.2.1 Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-pagamenti diretti diżakkoppjati jibqgħu l-istrument prinċipali ta' appoġġ għall-agrikoltura Ewropea (pagament dirett bażiku diżakkoppjat li jkun ugwali għall-produtturi kollha minn ċertu reġjun jew Stat Membru). Sabiex jittejbu l-effettività u l-ugwaljanza, hija prevista bidla mill-pagamenti storiċi għal pagament fiss u uniformi

([3]) Kummissjoni Ewropea, stqarrija għall-istampa IP/10/1527 tat-18 ta' Novembru 2010.

abbażi tal-erja (pagament bażiku). Madankollu, il-kundizzjonijiet ekonomiċi u naturali li jvarjaw minn reġjun għal ieħor fl-UE u li huma soġġetti għalihom il-bdiewa jirrikjedu li jkun hemm tqassim ġust tal-pagamenti diretti. Dan il-pagament ser ikun ibbażat fuq titoli trasferibbli, li għandhom jiġu implimentati fuq artijiet agrikoli, soġġetti għall-ħarsien tar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità, li għandhom ikunu ssemplifikati u integrati mal-għanijiet tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Il-KESE jipproponi li titqies l-introduzzjoni ta' limitu massimu ta' għajnuna li jirċievu l-irziezet ("capping"). L-impatt ta' dan jista' jittaffa abbażi tal-livelli tal-impjiegi.

2.2.2 Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-PAK ta' wara l-2013 għandha tipprevedi żewġ tipi oħra ta' pagamenti diretti li jingħataw biex jinċentivaw agrikoltura aktar ekoloġika (għajnuna diretta aktar ekoloġika): 1) pagament għal kull ettaru, applikabbli fl-UE kollha, ipprovdut bi skambju għall-adozzjoni mill-bdiewa ta' prattiki agroambjentali, li jmorru lil hinn mill-kundizzjonalità bażika (eż. mergħat permanenti, newba (taluċuħ tar-raba'), artijiet imwarrba għal raġunijiet ekoloġiċi, eċċ.); 2) pagament ieħor abbażi tal-erja mogħti lill-bdiewa li jaħdmu f'żoni żvantaġġati u/jew bi żvantaġġi naturali speċifiċi, li jikkumplimenta l-appoġġ mogħti fl-ambitu tat-tieni pilastru tal-PAK.

2.2.3 Huma previsti xi eċċezzjonijiet b'rabta mad-diżakkoppjament. Għal xi reġjuni u għal produzzjonijiet speċifiċi, hija prevista l-possibilità li tingħata għajnuna akkoppjata fi ħdan limiti finanzjarji speċifiċi. Hija prevista sistema speċifika u ssemplifikata ta' għajnuna għall-bdiewa ż-żgħar sabiex jiġi evitat it-telf ta' impjiegi fiż-żoni rurali. B'risposta għall-kritika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-mekkaniżmi ta' funzjonament tal-pagamenti diretti, qiegħed jiġi propost li l-appoġġ jingħata lill-bdiewa attivi biss.

2.2.4 Fil-fehma tal-Kummissjoni, hemm bżonn li jinżammu xi miżuri tas-suq. Dawn l-istrumenti għandhom ikunu jistgħu jiġu attivati f'sitwazzjonijiet ta' kriżi bħala prekawzjoni kontra każijiet ta' emerġenza. Qiegħed jiġi propost b'mod partikolari li jiġi estiż il-perjodu ta' intervent, li tiġi applikata l-klawżola ta' salvagwardja u tal-ħżin privat għal prodotti oħra u, fl-aħħar, li jittejbu l-kontrolli. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tħabbar il-preżentazzjoni ta' proposti għall-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-ħalib u tenfasizza l-ħtieġa ta' diskussjoni dwar il-futur tas-settur taz-zokkor. Barra minn hekk, il-PAK ta' wara l-2013 ser tipprovdi għall-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi fir-rigward tal-funzjonament tal-katina alimentari u t-titjib tas-setgħa ta' negozjar tal-bdiewa.

2.2.5 Skont il-Kummissjoni, l-istruttura ġenerali tal-PAK ser tibqa' msejsa fuq żewġ pilastri. L-appoġġ mogħti lill-iżvilupp rurali għandu jkun immirat aktar lejn il-kompetittività, l-innovazzjoni, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ambjent u għandu jikkonforma mal-Istrateġija Ewropa 2020. F'din il-perspettiva u fil-qafas tat-tieni pilastru huwa previst li jiġu introdotti strumenti għall-ġestjoni tar-riskji li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw sabiex jiggarantixxu l-istabbilizzazzjoni tal-produzzjoni u tad-dħul agrikolu.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Il-KESE jinnota li fil-Komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni tilqa' l-osservazzjonijiet li ġejjin li saru fl-opinjonijiet tiegħu preċedenti ([4]):

— il-ħtieġa ta' distribuzzjoni bilanċjata tar-riżorsi bejn l-Istati Membri;

— il-ħtieġa li ma tibqax tintuża r-referenza storika għall-kwantifikazzjoni tal-valur tat-titoli tal-pagament uniku;

— l-introduzzjoni ta' pagament uniku aktar ekoloġiku sabiex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda, b'mod speċjali it-tibdil fil-klima, l-enerġija rinnovabbli, il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma u l-bijodiversità ([5]), biex l-għajnuna li tingħata lill-bdiewa tirrifletti aħjar il-livell tal-prodotti u u s-servizzi pprovduti mill-bdiewa lill-komunità u li normalment ma jiġux imħallsa mis-suq u sabiex jingħata kumpens għall-ispejjeż żejda tal-bdiewa li jaħdmu f'żoni bi żvantaġġi klimatiċi u naturali,

— il-ħtieġa li l-pagamenti diretti jingħataw biss lill-bdiewa attivi permezz ta' metodi li jikkunsidraw l-impjiegi li jeżistu u dawk li jinħolqu f'kull razzett, kif ukoll li jikkunsidraw b'mod partikolari l-intensità tax-xogħol imħallas u dak mhux imħallas, inklużi x-xogħlijiet kuntrattwali agrikoli u tal-foresterija.

3.2 Fl-opinjoni NAT/449 "Ir-riforma tal-PAK fl-2013", il-KESE jheġġeġ "lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex, qabel ma jindirizzaw il-kwistjoni tal-finanzjament, jibdew billi jfasslu bl-aktar mod ċar l-għan preċiż tal-PAK u jkomplu billi jindikaw il-finanzjamenti u l-istrumenti meħtieġa biex dan l-għan jintlaħaq." Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni ma ssegwix l-istess sekwenza loġika fit-test tal-Komunikazzjoni Għalhekk jitlob li l-Kummissjoni tiċċara r-rabtiet li jeżistu bejn l-għanijiet, l-istrumenti u r-riżorsi finanzjarji tal-PAK ta' wara l-2013.

([4]) Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-riforma tal-PAK fl-2013" (ĠU C 354, 28.12.2010, p. 35, punt 5.6.11).

([5]) Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19/1/2009 li timmodifika d-deċiżjoni 2006/144/KE dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall- iżvilupp rurali (Perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013) (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 112).

3.3 *Għanijiet*

3.3.1 Fl-opinjoni tiegħu NAT/449 il-KESE jfakkar li "l-PAK ta' wara l-2013 għandha tkun iggwidata […] mill-mudell agrikolu Ewropew, li għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji tas-sovranità tal-ikel, is-sostenibilità u l-ħtiġijiet ġenwini tal-bdiewa u l-konsumaturi". Il-KESE beħsiebu jenfasizza l-għanijiet ewlenin li fuqhom għandha tkun ibbażata l-PAK:

— li tikkontribwixxi għal provvista tal-ikel sigura, kwantitattiva u kwalitattiva fil-livell Ewropew u dinji ([6]);

— li tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni tas-swieq ([7]) billi tiġi limitata, b'mod partikolari, il-varjabilità tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli;

— li tappoġġja d-dħul tal-bdiewa Ewropej li jaqilgħu inqas minn operaturi attivi fis-setturi l-oħra tal-ekonomija Ewropea ([8]);

— li taqbel dwar il-ħolqien ta' sistema ta' regoli kummerċjali li jippermettu li jinżamm il-mudell agroalimentari Ewropew u li jiġu evitati d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni;

— li tippermetti lill-bdiewa li jirkupraw il-poter fis-suq mill-operaturi kummerċjali, b'mod partikolari dawk li joperaw fuq skala kbira ([9]);

— li tippromovi l-użu sostenibbli tar-riżorsi u l-konservazzjoni tal-abitat naturali u tal-bijodiversità, biex b'hekk l-agrikoltura u l-forestrija jaqdu rwol iktar attiv fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ([10]);

— li tappoġġja l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti lokali ta' kwalità fiż-żoni rurali permezz tal-promozzjoni ta' metodi alternattivi ta' distribuzzjoni ([11]);

— li toħloq il-kundizzjonijiet legali għall-ġestjoni min-naħa tal-bdiewa tal-ktajjen qosra u trasparenti;

— li tippromovi, b'referenza għall-Istrateġija Ewropa 2020, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni (tkabbir intelliġenti), l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli (tkabbir sostenibbli), kif ukoll it-tisħiħ tal-potenzjal tal-impjiegi fiż-żoni rurali (tkabbir inklużiv) fir-rispett tal-prattiki tajbin fil-qasam tal-impjiegi, tal-kuntratti tax-xogħol u tax-xogħol agrikolu staġjonali fl-Ewropa u lil hinn minnha.

3.3.2 It-tema tas-sigurtà tal-provvista tal-ikel bi prezz raġonevoli tibqa'għan prijoritarju tal-agrikoltura tal-UE, fil-kuntest ta' xenarju dinji kkaratterizzat minn pressjoni demografika u miż-żieda fil-konsum li jeħtieġu risposta politika u strateġika bbażata fuq l-iżvilupp u s-sigurtà globali tal-ikel.

3.3.3 Il-KESE jemmen li l-bdiewa Ewropej jixtiequ "jiksbu ħlas adatt għall-bejgħ tal-prodotti tagħhom fis-suq u għas-servizzi ta' utilità soċjali li jwettqu fil-qafas tal-mudell agrikolu Ewropew" ([12]). Għaldaqstant il-PAK ma tistax tillimita ruħha għat-tqassim tal-fondi. F'dan ir-rigward, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tiċċara kif il-PAK tista' tiffaċċja l-problema tal-istabbilizzazzjoni tas-swieq billi tipproponi b'mod partikolari soluzzjonijiet għall-problema tal-prezzijiet u tad-dħul agrikoli.

3.3.4 Il-politika agrikola Ewropea u l-politiki tal-iżvilupp rurali għandhom ikunu mmirati lejn l-innovazzjoni u l-kompetittività. Il-KESE jsostni li għandu jissaħħaħ il-kontribut li jagħtu l-politiki tal-UE tal-iżvilupp rurali u tal-foresterija għall-konservazzjoni tal-bijodiversità, il-ġbir tal-karbonju, il-produzzjoni u l-iffrankar tal-enerġija, l-iżvilupp u l-promozzjoni tal-prodotti tal-ikel u għall-iżvilupp ibbilanċjat tat-territorji. L-iżvilupp rurali jista' joħloq opportunitajiet kummerċjali ġodda u iktar impjiegi fiż-żoni rurali permezz tal-promozzjoni tad-diversifikazzjoni tal-opportunitajiet ta' dħul fl-agrikoltura. Fl-aħħar, hemm bżonn li wieħed ifakkar li l-attività tal-ipproċessar tal-prodotti tal-ikel hija waħda mill-attivitajiet ekonomiċi ewlenin li ssir fiż-żoni rurali. F'dan ir-rigward l-iżvilupp rurali m'għandux jittraskura l-appoġġ għall-intrapriżi agroalimentari fiż-żoni rurali li, flimkien mal-bdiewa, iwettqu azzjonijiet ta' riċerka u żvilupp, ta' taħriġ, innovazzjoni u promozzjoni tal-esportazzjonijiet u għall-intrapriżi involuti f'inizjattivi ta' kooperazzjoni bejn il-kumpaniji (pereżempju joint ventures) bil-għan li tissaħħaħ id-dimensjoni kompetittiva tagħhom fis-suq.

3.3.5 Il-KESE jfakkar li l-volatilità tal-prezzijiet fis-swieq agrikoli, minkejja li hi problema marbuta mas-settur, saret aktar serja dawn l-aħħar snin minħabba fatturi differenti fosthom il-kundizzjonijiet estremi tat-temp, il-prezzijiet tal-enerġija, il-fenomeni tal-ispekulazzjoni u ż-żjieda fit-talba dinija minħabba t-tkabbir tal-popolazzjoni. F'dan ir-rigward, il-KESE jfakkar li l-prezzijiet tal-prodotti agrikoli, wara li żdiedu b'mod sinifikanti fil-perjodu 2006-2008 u batew minn tibdil kostanti, reġgħu

([6]) Opinjoni tal-KESE dwar "Il-ġejjieni tal-Politika Agrikola Komuni wara l-2013" (ĠU C 318, 23.12.2009, p. 66, punt 2.3).
([7]) Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-riforma tal-PAK fl-2013" (ĠU C 354, 28.12.2010, p. 35, punt 5.2) u l-opinjoni tal-KESE dwar "L-evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa tal- PAK u l-ġejjieni tagħha wara l-2013" (ĠU C 44, 16.02.2008, p. 60, punt 7.4.2).
([8]) Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-riforma tal-PAK fl-2013" (ĠU C 354, 28.12.2010, p. 35, punt 3.7).
([9]) Opinjoni tal-KESE dwar "Katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar" (ĠU C 48, 15.2.2011, p. 145, punt 3.6).
([10]) Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-riforma tal-PAK fl-2013" (ĠU C 354, 28.12.2010, p. 35, punt 4.7).
([11]) Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-riforma tal-PAK fl-2013" (ĠU C 354, 28.12.2010, p. 35, punt 5.5.15).
([12]) Opinjoni tal-KEESE dwar "Ir-riforma tal-PAK fl-2013" (ĠU C 354, 28.12.2010, p. 35, punt 5.3.

bdew jiżdiedu f'dawn l-aħħar xhur Il-KESE jqis li dan it-tibdil estrem fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli għandu konsegwenzi negattivi kemm għall-produtturi kif ukoll għall-konsumaturi. Huwa mħasseb ukoll li anki fl-UE l-investituri li ma jagħmlux parti mis-settur agrikolu jippruvaw jixtru dejjem iktar artijiet għal skopijiet ta' investiment u ta' spekulazzjoni, ħaġa li żgur mhijiex konsistenti mal-mudell agrikolu Ewropew.

3.3.6 Il-PAK il-ġdida għandha tippromovi u tappoġġja l-intrapriżi l-ġodda, billi tiġbed b'mod partikolari ż-żgħażagħ lejn is-settur, sabiex tiggarantixxi ġejjieni għall-agrikoltura Ewropea. Il-bidla ġenerazzjonali fl-agrikoltura hija meħtieġa, billi 7 % biss tal-bdiewa Ewropej għandhom inqas minn 35 sena u billi f'xi Stati Membri s-sitwazzjoni hija aktar serja minn hekk. Fis-sitwazzjoni attwali, sid minn kull tlieta għandu aktar minn 65 sena fl-UE-27 u ħafna ser joħorġu bil-pensjoni fis-snin li ġejjin. F'dan ir-rigward jeħtieġ li l-PAK tikkontribwixxi għat-twettiq ta' politika b'dimensjoni Ewropea għad-dħul fl-agrikoltura fl-istess ħin li tiżviluppa politika tal-impjiegi ambizzjuża u sinerġetika fis-settur agrikolu.

3.4 *Strumenti*

3.4.1 Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-pagamenti diretti tal-PAK għall-konservazzjoni tal-mudell agrikolu Ewropew. Il-pagamenti diretti fil-fatt isostnu l-bdiewa Ewropej li joffru prodotti u servizzi pubbliċi li għandhom valur kbir għall-komunità u li, mill-banda l-oħra, ma jiġux imħallsa b'mod adegwat mill-prezzijiet li joħorġu mis-swieq agroalimentari.

3.4.2 Hemm bżonn li jiġi ssemplifikati l-metodi ta' funzjonament tal-istrumenti tal-PAK l-ġdida u, b'mod partikolari, tal-pagament uniku. Il-KESE jaqbel mal-ħtieġa li jiġu ssemplifikati l-obbligi tal-kundizzjonalità ambjentali filwaqt li jitlob li s-sistemi ta' kontroll u tal-proċeduri relatati mat-tnaqqis tal-pagamenti jiġu razzjonalizzati. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-metodi ta' aċċess għall-pagamenti diretti aktar ekoloġiċi għandhom iħaffu u jippromovu l-aċċess tal-irziezet għall-għajnuna tal-PAK. F'dan ir-rigward, kif ukoll fid-dawl tal-estensjoni possibbli tal-kundizzjonalità (pereżempju, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma), il-KESE jitlob li l-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-impatt ta' din id-dispożizzjoni filwaqt li tidentifika proċeduri ta' implimentazzjoni li ma jwasslux għal komplikazzjonijiet oħra għall-bdiewa.

3.4.3 Il-KESE jaqbel mal-prinċipju li l-pagamenti bażiċi li għandhom jiġu divrenzjati fil-livell reġjonali għandhom ikunu assoċjati b'mod obbligatorju ma' prestazzjonijiet ambjentali speċifiċi. Id-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa juru li jista' jkun diffiċli li wieħed jissepara l-element ambjentali tal-ewwel pilastru (pagamenti diretti aktar ekoloġiċi) mill-miżuri agroambjentali tat-tieni pilastru.

3.4.4 Il-KESE jaqbel mal-introduzzjoni ta' kriterju ġdid għad-definizzjoni tal-ammont tal-pagament dirett. F'dan ir-rigward, il-KESE jipproponi diskussjoni dwar l-identifikazzjoni tat-territorju ta' referenza sabiex jiġi ddeterminat il-komponent bażiku tal-pagament dirett (Ewropew, nazzjonali jew reġjonali). Barra minn hekk, il-KESE jipproponi li tiġi vverifikata l-possibilità li komponent tal-pagament dirett jiġi soġġett għal-livell ta' intensità tax-xogħol u għall-adozzjoni ta' prattiki tajba oħra għall-kompetittività, ix-xogħol u l-innovazzjoni.

3.4.5 Il-KESE jaqbel mal-għażla li tiġi introdotta skema ta' appoġġ sempliċi u speċifika għall-irziezet iż-żgħar. F'dan ir-rigward il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tiċċara r-rekwiżiti li ser jiġu adottati għall-identifikazzjoni tal-irziezet iż-żgħar. Il-KESE b'mod speċjali jħeġġeġ li jiġu kkunsidrati d-differenzi strutturali speċifiċi li jikkaratterizzaw l-agrikolutura fid-diversi Stati Membri.

3.4.6 Il-KESE jistaqsi lilu nnifsu x'ser ikunu l-konsegwenzi tal-proċess ta' adattament tal-istrumenti tas-suq (il-prezzijiet garantiti, id-dazji, is-sussidji għall-esportazzjoni, il-ħażna pubblika, il-kwoti, artijiet iimwarrba għal raġunijiet ekoloġiċi, eċċ.). F'dan ir-rigward huwa jenfasizza li n-netwerks tas-sigurtà waħedhom mhumiex biżżejjed biex jiżguraw l-istabbilizzazzjoni tas-swieq tal-prodotti agrikoli u biex isolvu, b'mod partikolari, il-problemi fis-settur tal-prodotti tal-ħalib ([13]). Bil-għan li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa produtturi fil-katina tal-valur u li tiġi miġġielda l-instabilità tal-prezzijiet u l-poter eċċessiv fis-suq tal-bejjiegħa bl-imnut li joperaw fuq skala kbira, iqis opportun li, fil-PAK ta' wara l-2013, jiġu adottati strumenti speċifiċi ġestiti direttament mill-bdiewa jew mir-rappreżentanti tagħhom għall-konċentrazzjoni tal-provvista u għat-titjib tar-relazzjonijiet kummerċjali, billi jintużaw miżuri u strumenti li diġà ġew ittestjati f'xi organizzazzjonijiet komuni tas-swieq agrikoli.

3.4.7 Il-KESE jappella biex jissaħħu l-azzjonijiet previsti mill-PAK immirati lejn il-valorizzazzjoni u l-promozzjoni tal-prodotti agroalimentari lokali u ta' kwalità fis-swieq tal-Ewropa u tal-pajjiżi terzi, anke sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-setturagroalimentari u biex jiżdied l-għarfien dwar il-varjetà tal-prodotti alimentari tal-UE u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-konsumaturi u jinfetħu swieq ġodda f'pajjiżi barranin. F'dan ir-rigward, il-KESE jixtieq ukoll li jiġu introdotti prattiki tajba ta' tikkettar tal-prodotti agrikoli anke sabiex tiġi indirizzata t-talba kollettiva dejjem tikber għall-informazzjoni u t-trasparenza.

3.4.8 Il-KESE jfakkar li fl-UE hemm aktar minn 40 miljun persuna fqira li m'għandhomx biżżejjed x'jieklu. F'dan ir-rigward, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ il-miżuri tal-PAK dwar id-distribuzzjoni tal-prodotti tal-ikel lil min hu l-aktar fil-bżonn fil-Komunità.

([13]) Opinjoni tal-KESE dwar "L-evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa tal-PAK u l-ġejjieni tagħha wara l-2013" (ĠU C 44, 16.2.2008, p. 60, minn punt 7.4.13 sa 7.4.15) u opinjoni tal-KESE dwar "Ir-riforma tal-PAK fl-2013" (ĠU C 354, 28.12.010, p. 35, Punt 5.5.9).

3.4.9 L-iżvilupp rurali jista' jagħti kontribut biex jinqdew il-ħtiġijiet tas-setturi u ż-żoni rurali. Il-KESE huwa favur iż-żamma tal-istruttura attwali tal-PAK li tiddistingwi bejn żewġ pilastri, filwaqt li tippromovi d-distribuzzjoni mill-ġdid tal-miżuri ta' kompetenza ta' kull wieħed miż-żewġ pilastri u livell ogħla ta' kumplimentarjetà tal-miżuri promossi ([14]).

3.4.10 B'konformità mal-"mudell agrikolu Ewropew", wieħed mill-kompiti essenzjali tal-PAK huwa li jżżomm il-produzzjoni agrikola fil-partijiet kollha tal-UE. B'rabta ma' dan, il-KESE jenfasizza l-importanza speċjali tal-miżuri għaż-żoni żvantaġġati fil-qafas tal-iżvilupp rurali. Fi kwalunkwe każ, il-miżuri tajbin, bħal dawk maħsuba biex jikkumpensaw l-iżvantaġġi naturali u klimatiċi, għandhom jitkomplew sabiex tinżamm l-akbar kontinwità possibbli.

3.5 *Il-baġit tal-UE u r-riżorsi finanzjarji għall-PAK*

3.5.1 Il-KESE jsostni li l-għanijiet tas-soċjetà moderna għall-agrikoltura Ewropea huma tassew ambizzjużi u diffiċli. Dawn jitolbu futur dejjiemi għall-PAK bi strumenti effikaċi biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti permezz ta' sistemi ta' implimentazzjoni effiċjenti u riżorsi finanzjarji adegwati ([15]). Barra minn hekk huwa assolutament meħtieġ li l-PAK tiġi integrata fil-politiki Komunitarji l-oħra kollha (intrapriżi, miżuri għall-klima, politiki intersettorjali, ekonomija, finanzi u fiskalità, impjiegi u drittijiet soċjali, enerġija u riżorsi naturali, ambjent, konsumaturi u saħħa, relazzjonijiet esterni u affarijiet barranin, reġjuni u żvilupp lokali, xjenza u teknoloġija).

3.5.2 Fil-fehma tal-KESE, fid-diskussjoni dwar il-PAK fl-2020 jeħtieġ li wieħed jikkunsidra l-fatt li, b'referenza għall-prospetti finanzjarji u fl-assenza ta' adattament tal-bilanċ, ser ikun diffiċli li wieħed jilħaq l-għanijiet li l-komunikazzjoni talloka lill-PAK tal-ġejjieni u jiddefendi l-mudell agrikolu Ewropew.

3.5.3 Il-KESE jqis li r-riforma tal-PAK ta' wara l-2013 hija opportunità sabiex tiġi indirizzata d-diskussjoni dwar id-distribuzzjoni mill-ġdid tar-riżorsi finanzjarji, kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni pilastru. B'mod partikolari, jeħtieġ li tinstab soluzzjoni għall-problema tad-distribuzzjoni żbilanċjata tar-riżorsi tal-PAK fuq livell nazzjonali li tippenalizza b'mod partikolari lill-Istati Membri l-ġodda. F'dan ir-rigward, sabiex tiġi eliminata r-referenza storika, jeħtieġ li jiġi identifikat kriterju ġdid għad-definizzjoni tal-limitu massimu nazzjonali għall-pagament dirett mogħti lil kull Stat Membru. F'dan ir-rigward, il-KESE jistieden li fi spirtu pragmatiku u b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri, jiġu kkunsidrati kriterji oħra minbarra dak tal-erja agrikola nazzjonali. B'mod partikolari, l-adozzjoni tal-kriterji tal-għoli tal-ħajja, tal-impjiegi u tal-valur miżjud u tad-differenzi bejn il-kundizzjonijiet agroklimatiċi u l-ispejjeż tal-produzzjoni jistgħu jżidu l-kontribut tal-agrikoltura għall-iżvilupp territorjali ([16]).

3.5.4 Il-KESE jaqbel mal-għażla tal-Kummissjoni li ma jiġux introdotti forom ta' kofinanzjament nazzjonali tal-azzjonijiet tal-ewwel pilastru. Fir-rigward tat-tieni pilastru, il-KESE jqis li hemm bżonn li jiġi kkonfermat il-kofinanzjament nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-iżvilupp rurali. Il-KESE jikkunsidra daqstant ieħor meħtieġa diskussjoni dwar id-deċiżjonijiet dwar l-ammont ta' kofinanzjament nazzjonali tal-iżvilupp ruruali sabiex jiġu kkunsidrati d-diffikultajiet baġitarji ta' bosta Stati Membri u sabiex jiġu promossi prestazzjonijiet aħjar tal-infiq għall-investiment fuq livell nazzjonali ([17]).

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 Il-KESE jissuġġerixxi li ssir diskussjoni dwar jekk għandhiex issir reviżjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja f'dak li jirrigwarda l-kompetizzjoni fis-settur agroalimentari bil-għan li jittejbu l-mekkaniżmi ta' funzjonament tas-settur agroalimentari u li jintlaħaq bilanċ mill-ġdid tal-poter fis-suq bejn id-diversi partijiet tal-katina alimentari, b'mod partikolari fir-rigward tad-distribuzzjoni.

4.2 Il-KESE jaqbel li l-istrumenti għall-ġestjoni tar-riskji fil-qafas tal-PAK jissaħħu. Il-KESE jqis li dawn l-istrumenti għandhom jikkontribwixxu biex tonqos il-varjazzjoni fid-dħul u l-instabbiltà tas-swieq. It-tisħiħ tal-istrumenti ta' assigurazzjoni u l-ħolqien ta' fondi ta' mutwalità għandhom jgħinu lill-bdiewa biex jiffaċċjaw ir-riskji tas-saħħa u dawk klimatiċi li ser jiżdiedu fil-futur qrib. Filwaqt li jfakkar fil-kriżi serja li laqtet l-istituzzjonijiet finanzjarji dinija, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara kemm jista' jkun malajr il-metodi ta' tħaddim li ser jiġu adottati għall-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti. Il-KESE esprima dubji dwar jekk il-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju għandhomx jiddaħħlu fit-tieni pilastru, filwaqt li indika li l-obbligu ta' kofinanzjament nazzjonali jista' jnaffar lill-Istati Membri milli jimplimentaw dawn l-istrumenti l-ġodda.

4.3 Il-KESE jikkunsidra b'attenzjoni l-proposta tal-Kummissjoni li jiġu promossi l-mezzi ta' distribuzzjoni alternattivi li jivvalorizzaw ir-riżorsi lokali permezz tal-azzjonijiet previsti fit-tieni pilastru ta' diffużjoni u konsolidazzjoni tal-prattiki ta' bejgħ dirett u tas-swieq lokali. Il-KESE jsostni li dawn il-prattiki kummerċjali alternattivi għandhom jiġu appoġġjati anke billi jiġi definit qafas leġislattiv Komunitarju *ad hoc*.

([14]) Opinjoni tal-KESE dwar "Il-ġejjieni tal-Politika Agrikola Komuni wara l-2013", (ĠU C 318, 23.12.2009, p. 66, punt 4.3).

([15]) Opinjoni tal-KESE dwar "Il-ġejjieni tal-Politika Agrikola Komuni wara l-2013" (ĠU C 318, 23.12.2009, p. 66, punt 2.5).

([16]) Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-riforma tal-PAK fl-2013" (ĠU C 354, 28.12.2010, p. 35, punti 5.7.4, 5.8.4 u 5.8.5).

([17]) Opinjoni tal-KESE dwar "L-evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa tal-PAK u l-ġejjieni tagħha wara l-2013" (ĠU C 44, 16.2.2008, p. 60, punt 7.6.11).

4.4 Il-KESE jispera li jitnedew mill-ġdid in-negozjati mad-WTO u li r-riżultat tagħhom ikun pożittiv, filwaqt li jfakkar fl-effetti, f'termini ta' ftuħ addizzjonali tas-swieq agrikoli, li jista' jkollhom il-ftehimiet kummerċjali, b'mod partikolari mal-Mercosur, fuq il-funzjonament effettiv tal-PAK ([18]). F'dan ir-rigward il-KESE għandu l-ħsieb li juri kif dan ser iwassal għall-intensifikazzjoni tal-kompetizzjoni u tal-volatilità tal-prezzijiet agrikoli fis-swieq internazzjonali li għandhom jiġu kkunsidrati fil-proċess ta' riforma tal-PAK kif ukoll fil-modifika tal-istrumenti ta' stabbilizzazzjoni tas-swieq u l-orjentament mill-ġdid tal-istrument tal-pagamenti diretti. Mill-banda l-oħra, il-kummerċ internazzjonali jista' jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għad-disponibbiltà tal-ikel billi jżid il-kwantità u jestendi l-varjetà tal-prodotti alimentari fis-suq ([19]). Il-KESE jfakkar fis-sitwazzjoni żvantaġġata li jinsabu fiha l-bdiewa Ewropej meta mqabbla ma' dawk mhux Ewropej minħabba l-istandards produttivi Komunitarji obbligatorji. Il-KESE jitlob li jissaħħu s-sistemi ta' monitoraġġ tal-importazzjonijiet tal-materja prima, li għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti li japplikaw għall-prodotti Ewropej; inkella jkun hemm mhux biss forom ta' kompetizzjoni inġusta u dumping soċjali, iżda wkoll tnaqqis gravi fil-kwalità tal-produzzjoni agrikola u tal-ipproċessar tal-ikel.

4.5 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tadotta miżuri utli biex tinstab soluzzjoni għall-problema tan-nuqqas ta' produzzjoni ta' pjanti b'livell għoli ta' proteini li tikkaratterizza l-agrikoltura Ewropea u li tillimita l-iżvilupp ta' xi wħud mis-setturi produttivi Komunitarji. F'dan ir-rigward il-KESE jikkunsidra b'interess l-inizjattivi ta' sinerġija bejn programmi agroenerġetiċi u azzjonijiet għall-promozzjoni tal-produzzjoni ta' proteini veġetali fl-Ewropa.

Brussell, 16 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

---

([18]) Opinjoni tal-KESE dwar "L-evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa tal-PAK u l-ġejjieni tagħha wara l-2013" (ĠU C 44, 16.2.2008, p. 60, punt 7.4.9).

([19]) COM(2010) 127 "Qafas strateġiku tal-UE biex tgħin lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jaffaċċjaw il-problemi tas-sigurtà tal-ikel."

*APPENDIĊI*

għall-Opinjoni tal-Kumitat

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċivew aktar minn kwart tal-voti:

**Punt 1.5 Ħassar l-aħħar sentenza ta' dan il-punt:**

*"Il-KESE jaqbel mal-għan li l-għajnuniet ta' appoġġ tal-PAK jiġu limitati għall-bdiewa attivi biss u jippromovul-mudell agrikolu Ewropew permezz ta' azzjonijiet kemm fi ħdan l-ewwel kif ukoll fit-tieni pilastru. Il-pagamenti kollha tal-ewwel u t-tieni pilastru għandhom jiġu ffinalizzati meta jkunu ġew solvuti l-problemi soċjali, ambjentali u ekonomiċi. Għalhekk il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti definizzjoni ta' 'bdiewa attivi' li tista' tiġi applikata fit-territorju Komunitarju kollu. ~~Il-KESE jipproponi li d-definizzjoni ta' bdiewa attivi tinkludi r-rekwiżit tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli, inkluż permezz tal-bejgħ dirett fis-swieq lokali, u tal-ħolqien ta' prodotti u servizzi pubbliċi ta' utilità soċjali u tal-bejgħ dirett fis-swieq lokali.~~"*

**Riżultat tal-votazzjoni**

| | |
|---|---|
| Voti favur: | 74 |
| Voti kontra: | 125 |
| Astensjonijiet: | 29 |

**Punt 1.7 Ħassar it-test kollu u minfloku daħħal li ġej:**

*"~~Il-KESE jaqbel li jiġi adottat limitu massimu tal-pagamenti li għandu jiġi applikat filwaqt li tiġi kkunsidrata l-istruttura agrikola tal-pajjiż jew tar-reġjun speċifiku. Il-KESE jipproponi li dan il-limitu massimu jiġi applikat b'referenza għal-livelli ta' intensità tax-xogħol imħallas u dak mhux imħallas fl-irziezet, filwaqt li jiġi kkunsidrat ix-xogħol tal-bdiewa sabiex b'hekk tiġi ggarantita wkoll ġustifikazzjoni soċjali tal-użu tar-riżorsi ekonomiċi għall-funzjonament tal-PAK. Barra minn hekk, il-KESE jqis li hemm bżonn li jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet tal-irziezet li huma ffurmati minn kooperattivi u assoċjazzjonijiet tal-produtturi agrikoli, b'mod li l-pagament imur għand l-imsieħba kollha.~~ Il-KESE ma jistax jaċċetta li jitqiegħed limitu massimu fuq l-għajnuna. Il-bdiewa kollha għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali, irrispettivament mid-daqs tar-razzett tagħhom jew mill-forma legali tiegħu. Għalhekk, il-KESE jikkunsidra li kwalunkwe limitu massimu fuq l-għajnuna jmur kontra l-prinċipju tat-trattament ugwali peress li ma jista' jkun hemm l-ebda bażi oġġettiva għat-tqegħid ta' limitazzjoni fuq l-għajnuna.'*

**Riżultat tal-votazzjoni**

| | |
|---|---|
| Voti favur: | 62 |
| Voti kontra: | 155 |
| Astensjonijiet: | 20 |

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament (KE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-fosfati u komposti ta' fosfru oħra fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ"**

*COM(2010) 597 finali – 2010/0298 (COD)*

(2011/C 132/12)

Relatur uniku: **is-Sur LIOLIOS**

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, nhar l-10 u l-24 ta' Novembru 2010 rispettivament, iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament (KE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Konsul li jemenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-fosfati u komposti ta' fosfru oħra fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ*

COM(2010) 597 finali – 2010/0198 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Frar 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'174 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 9 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet

1.1 Il-Kumitat jagħraf il-ħtieġa li jiġi rivedut ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 dwar il-limitazzjonijiet fuq l-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ, għar-raġunijiet li ġejjin:

— Minkejja li l-fosfati preżenti fid-deterġenti jagħmlu biss kontribut żgħir għall-ewtrofikazzjoni meta mqabbla ma' sorsi oħra, jidher li l-limitazzjoni tal-użu tagħhom hija l-aktar għażla ta' politika effiċjenti għat-tnaqqis tal-ewtrofikazzjoni fl-ilmijiet madwar l-Unjoni Ewropea kollha.

— Huwa assolutament essenzjali li tiġi żgurata l-eżistenza ta' suq intern armonizzat bis-sħiħ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ sabiex tiġi eliminata kwalunkwe spiża addizzjonali għall-industrija u għall-korpi amministrattivi b'rabta mal-frammentazzjoni tas-suq, kif ukoll l-obbligu ta' rikonoxximent reċiproku. Bħala effett ta' dan, sakemm dawn huma legalment kummerċjalizzati f'pajjiż tal-Unjoni Ewropea, id-deterġenti li fihom il-fosfati jistgħu jiġu importati u aċċettati għall-konsum fil-pajjiżi l-oħra kollha tal-UE anki jekk f'pajjiż minnhom ikun hemm leġislazzjoni fis-seħħ li timponi restrizzjonijiet fuq il-fosfati.

— L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li adottaw leġislazzjoni dwar l-ammont ta' fosfati fid-deterġenti sabiex tiġi miġġielda l-ewtrofikazzjoni għandhom mnejn ikollhom aktar problemi biex jimplimentaw dawn ir-regoli, li ġejjin mill-obbligi dwar ir-rikonoxximent reċiproku stipulati fir-Regolament 764/2008/KE.

— Azzjoni armonizzata fil-livell tal-UE tkun ferm aktar effettiva minn għadd ta' approċċi diversi fl-Istati Membri.

1.2 Il-KESE jilqa' l-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, fejn it-tnaqqis mixtieq tar-riskju tal-awtrofikazzjoni fl-ambjent akkwatiku huwa akkumpanjat minn analiżi tal-fattibbiltà teknika u soċjoekonomika tas-sostituzzjoni tal-fosfati minn sustanzi oħra fid-deterġenti, kif ukoll tal-effetti li din is-sostituzzjoni jista' jkollha mil-lat tal-effiċjenza u l-prestazzjoni.

1.2.1 Minħabba dawn ir-raġunijiet, il-Kumitat huwa favur l-għażla 4, li tgħid li mhux sewwa li l-limitazzjonijiet tal-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ jkunu estiżi għad-deterġenti domestiċi tal-magni tal-ħasil tal-platti jew għad-deterġenti industrijali u istituzzjonali.

1.3 Il-proposta ma tintroduċix ħafna elementi ġodda, iżda sempliċement tistipula r-rekwiżiti legali fil-livell tal-UE u tikkonsolida t-tendenza eżistenti ta' tnaqqis fl-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Il-Kumitat juri li l-Kummissjoni qed timpenja ruħha biex timminimizza l-impatt ambjentali ta' din il-kategorija ta' prodotti li qed jiġu kkunsmati fi kwantitajiet kbar. Il-proposta tagħha jkollha aktar piż jekk tqis ir-rakkomandazzjonijiet ifformulati mill-Kumitat f'din l-opinjoni. Il-Kumitat jagħraf li l-manifatturi tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ ikkontribwew sew sabiex jiġi limitat l-impatt ambjentali tal-prodotti tagħhom billi, fuq bażi essenzjalment volontarja, adottaw soluzzjonijiet alternattivi minflok il-fosfati.

1.4 Il-Kumitat jemmen li ladarba r-Regolament (KE) Nru 648/2004 jiġi rivedut fir-rigward tal-limitazzjoni tal-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ, irid jingħata żmien biżżejjed għall-adattament u għat-tħejjija meħtieġa qabel l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti. Il-Kumitat jemmen li jinħtieġu sena jew tnejn sabiex tiġi aġġustata mill-ġdid il-kompożizzjoni tal-prodotti u jiġu implimentati t-tibdiliet meħtieġa fit-tagħmir u fil-proċessi ta' produzzjoni, speċjalment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.

## 2. Daħla

2.1 Il-fosfati, u b'mod partikolari it-tripolifosfat tas-sodju, jintużaw fid-deterġenti biex jikkumbattu l-ebusija tal-ilma sabiex jippermettu tindif effiċjenti. Dawn, madankollu, jista' jkollhom effetti negattivi fl-ambjent akkwatiku kif ukoll jipproduċu xkiel fil-bilanċ ekoloġiku billi jikkontribwixxu għal tkabbir mgħaġġel ta' alka permezz tal-fenomenu li jissejjaħ ewtrofikazzjoni. Anki jekk il-fosfati li ġejjin mid-deterġenti qegħdin biss fit-tielet pożizzjoni fost il-fatturi li jikkontribwixxu għaż-żieda fil-kontenut tal-fosfati f'ambjenti idriċi, jidher li l-limitazzjoni tal-preżenza tagħhom fid-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ, mil-lat tekniku u ekonomiku, hija l-aktar miżura effiċjenti li tista' tittieħed sabiex jitnaqqsu r-riskji li jseħħ dan il-fenomenu tal-ewtrofikazzjoni.

2.2 Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 dwar id-deterġenti jarmonizza t-tqegħid fis-suq tagħhom, iżda biss fir-rispett tal-ittikkettjar tagħhom u l-bijodegradabilità tal-aġenti tensjoattivi ("surfactants") li fihom. Fid-dawl tat-tħassib dwar l-ewtrofikazzjoni, l-Artikolu 16 tar-Regolament jesiġi wkoll li sat-8 ta' April 2007 l-Kummissjoni "tevalwa, tibgħat rapport u, meta jkun ġustifikat, tippreżenta proposta leġislattiva dwar l-użu ta' fosfati bil-ħsieb li teliminahom bil-mod il-mod jew li tillimitahom biss għal applikazzjonijiet speċifiċi". Il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport [1] tagħha fl-2007 u kkonkludiet li l-istat ta' għarfien dwar il-kontribut tal-fosfati tad-deterġenti għall-ewtrofikazzjoni kien għadu mhux sodisfaċenti, iżda kien qed jiżviluppa malajr. Ix-xogħol xjentifiku li sar wara dan ir-rapport, kif ukoll xi informazzjoni dwar l-impatti ekonomiċi u soċjali tar-restrizzjonijiet possibbli servew ta' bażi għar-rapport finali ta' stima tal-impatt [2], li analizza numru ta' għażliet politiċi biex jindirizzaw l-użu tal-fosfati fid-deterġenti.

2.3 Il-Kummissjoni nediet sensiela ta' studji sabiex tistabbilixxi jekk il-limitazzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tal-fosfati fid-deterġenti humiex ġustifikati biex inaqqsu l-ewtrofikazzjoni fl-UE. Dawn l-istudji servew ta' bażi għal xi konsultazzjonijiet oħra li saru mal-Istati Membri, l-industrija u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, waqt il-laqgħat imħejjija mill-grupp ta' ħidma tal-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-implimentazzjoni tar-regolament dwar id-deterġenti, li huwa magħruf bħala "il-grupp ta' ħidma dwar id-deterġenti", u li ltaqa' f'Novembru 2006, Lulju u Diċembru 2007, Lulju 2008, Frar u Novembru 2009.

2.3.1 Fl-2009, tnediet konsultazzjoni speċifika tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju speċjalizzati fil-formulazzjoni tad-deterġenti permezz tal-Enterprise Europe Network, sabiex tingħata ħarsa profonda lejn l-użu attwali tal-fosfati u l-alternattivi waqt il-formulazzjoni tad-deterġenti, kif ukoll l-impatt tar-restrizzjonijiet potenzjali tal-użu tal-fosfati fuq dawn l-SMEs.

2.3.2 Flimkien mar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt, l-istudji u l-konsultazzjonijiet imsemmija ffurmaw bażi ta' informazzjoni li serviet għat-tfassil tal-proposta COM(2010) 597 tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (KE) Nru 68/2004, li dwarha l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew intalab iħejji opinjoni.

(1) COM(2007) 234.
(2) SEC(2010) 1278.

## 3. l-Elementi prinċipali tad-dokument tal-Kummissjoni

3.1 Il-proposta għandha l-għan li temenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 dwar id-deterġenti billi tintroduċi limitazzjoni fuq il-kontenut tal-fosfati u komposti oħra ta' fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ biex jitnaqqas il-kontribut tad-deterġenti għall-ewtrofikazzjoni tal-ilmijiet tal-wiċċ fl-UE, wara l-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet u l-istima tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 648/2004.

3.1.1 L-għan ġenerali huwa li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent mill-effetti negattivi potenzjali tal-fosfati u komposti oħra ta' fosfru li huma preżenti fid-deterġenti u li jkun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern għad-deterġenti.

3.2 Ġew eżaminati ħames għażliet politiċi mil-lat tal-impatt tagħhom:

— għażla 1: l-ebda azzjoni meħuda fil-livell tal-UE biex ir-responsabbiltà tal-azzjoni titħalla f'idejn l-Istati Membri jew f'idejn il-kooperazjzoni reġjonali (l-għażla bażika);

— għażla 2: azzjoni volontarja min-naħa tal-industrija;

— għażla 3: projbizzjoni totali tal-fosfati fid-deterġenti;

— għażla 4: restrizzjoni jew limitazzjoni tal-kontenut tal-fosfati fid-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ;

— għażla 5: l-iffissar ta' valuri ta' limiti għall-kontenut tal-fosfati fid-deterġenti.

Sabiex jiġi analizzat l-impatt tal-għażliet politiċi differenti, ġew ikkunsidrati r-riżultati tal-analiżi xjentifika tal-kontribut tal-fosfati fid-deterġenti għal riskji tal-ewtrofikazzjoni fl-UE, kif ukoll il-kriterji tal-effettività u l-effiċjenza, inklużi l-prattiċità, l-impatt soċjoekonomiku u s-sorveljanza. L-informazzjoni ġejja prinċipalment mill-istudji hawn fuq imsemmija, kif ukoll mill-konsultazzjoni diretta li twettqet direttament mal-partijiet interessati.

Il-valutazzjoni u l-analiżi tal-impatt tal-għażliet juru li l-introduzzjoni ta' restrizzjoni fil-livell Ewropew dwar l-użu tal-komposti tal-fosfati fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ se tnaqqas il-kontribut tal-fosfati tad-deterġenti għar-riskji tal-ewtrofikazzjoni tal-ilmijiet tal-UE u se tnaqqas l-ispejjeż tat-tneħħija tal-fosfru mill-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi. L-iffrankar mill-ispejjeż huwa ferm akbar mill-ispiża tar-riformulazzjoni tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ permezz tal-alternattivi għall-fosfati. B'kuntrast ma' dan, fil-preżent ma jidhirx li jistgħu jiġu ġġustifikati restrizzjonijiet fil-livell tal-UE dwar id-deterġenti tal-ħasil tal-platti jew għad-deterġenti istituzzjonali u industrijali, minħabba li l-alternattivi disponibbli ma jistgħux jissodisfaw b'mod ġenerali d-domanda teknika kbira f'dawn l-applikazzjonijiet.

4. **Kummenti ġenerali**

4.1 Il-KESE huwa sodisfatt mill-fatt li l-Kummissjoni ħejjiet din il-proposta li qed tiġi eżaminata. Minħabba li fil-kategoriji kollha tad-deterġenti, ħlief għal dawk maħsuba għall-ħasil tal-ħwejjeġ, ma teżisti l-ebda soluzzjoni alternattiva aċċettabbli, mil-lat tekniku u ekonomiku, huwa jaqbel li għalissa ma għand-homx jiġu applikati limitazzjonijiet fl-użu tal-fosfati u komposti oħra ta' fosfru ħlief għal dawn id-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Madankollu, u kif tipprevedi ġustament l-emenda li saret għall-Artikolu 16, jeħtieġ li jiġi studjat ukoll l-iffissar ta' limitazzjonijiet dwar l-użu tal-fosfati fid-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti. Ingħatat skadenza ta' żmien biżżejjed lill-mani-fatturi sabiex jeżaminaw is-soluzzjonijiet alternattivi eżistenti jew jiskopru alternattivi ġodda u sabiex dawn ikunu teknika-ment adegwati u ekonomikament aċċettabbli. Sabiex l-industrija titheġġeġ tipprogressa fid-direzzjoni ta' dan l-objettiv, ikun opportun li l-Kummissjoni tieħu l-inizjattiva li tikkoopera mal-partijiet interessati.

4.2 F'dak li jirrigwarda l-valutazzjoni tal-għażliet differenti, il-KESE jagħmel il-kummenti li ġejjin:

— L-għażliet 1 u 2: jekk ikomplu t-tendenzi attwali, dawn iż-żewġ għażliet se jwasslu biss biex l-użu tal-fosfati jonqos bil-mod il-mod, filwaqt li ma jissodisfawx l-objettiv li jkun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern għad-deterġenti. Naturalment, fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-fosfati minn sustanzi oħra, wieħed ma jistax jeskludi bidla fit-tendenza, bir-riperkussjonijiet negattivi li jistgħu jirriżultaw għall-ambjent.

— L-għażla 3: tidher bħala l-aktar għażla attraenti sabiex jitnaqqsu r-riskji tal-ewtrofikazzjoni, iżda l-KESE ma jirrak-komandax li din tiġi implimentata minħabba raġuni doppja. Minn naħa, din ser tirriżulta fi tnaqqis sproporzjonat fil-prestazzjoni tal-magni tal-ħasil tal-platti, li għalihom għadhom ma jeżistux soluzzjonijiet alternattivi vijabbli mil-lat tekniku u ekonomiku. Min-naħa l-oħra, il-mezzi biex jiġu sostitwiti l-fosfati fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ ħafna drabi jinkludu komposti kimiċi oħra li huma stess jinkludu l-fosfru, jiġifieri l-fosfonati, li anki jekk jintużaw biss f'dożi żgħar huma eċċellenti kemm biex jitrattab l-ilma kif ukoll biex jiġu stabbilizzati l-aġenti li jibbliċjaw. Għalhekk mhux possibbli li l-fosfru jiġi eliminat kompletament mid-deterġenti.

— L-għażla 4: hija aktar adatta, peress li tikkonċerna biss id-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ, li għalihom diġà jeżistu alternattivi operattivi u li jintużaw b'mod mifrux, filwaqt li fl-istess ħin tiffissa limitu massimu awtorizzat ta' kontenut ta' fosfati li jippermetti l-użu tal-fosfonati, sustanza li l-importanza tagħha diġà ġiet spjegata fil-paragrafu preċe-denti. Il-limitazzjoni tal-preżenza tal-fosfati fid-deterġenti tal-ħwejjeġ biss hija miżura inqas effiċjenti mill-għażla 3 sabiex titnaqqas l-ewtrofikazzjoni, meta wieħed iqis li dawn id-deterġenti jammontaw biss għal 60 % tal-użu ta' dawn il-komposti. B'dan il-mod, il-manifatturi tad-deterġenti tal-ħasil tal-platti ser ikollhom iż-żmien meħtieġ sabiex ifasslu, għall-prodotti ta' deterġenti ta' din il-kategorija, soluzzjonijiet alternattivi li jkunu adegwati, mil-lat tekniku u ekonomiku. Barra minn hekk, din l-inizjattiva tagħmilha possibbli li l-ispeċifikazzjonijiet jiġu armonizzati fil-livell tal-UE u li jkun żgurat il-funzjonament normali tas-suq intern għad-deter-ġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ, peress li sal-lum dan għadu fframmentat.

— Fl-aħħar nett, l-għażla 5: tidher li twieġeb sew għall-objettivi mixtieqa, jiġifieri t-tnaqqis tal-ewtrofikazzjoni u l-funzjona-ment tajjeb tas-suq intern għall-kategoriji kollha tad-deter-ġenti, permezz tal-iffissar ta' valuri ta' limitu differenti għall-preżenza ta' fosfati fid-deterġenti maħsuba għall-ħasil tal-ħwejjeġ, għall-ħasil tal-platti u għall-użu istituzzjonali u industrijali. Madankollu, mhux se jkun sempliċi li jintlaħaq ftehim f'dak li jirrigwarda t-tieni, u l-aktar, l-aħħar kategorija minħabba l-varjetà qawwija tal-esiġenzi speċifiċi, peress li dawn id-deterġenti maħsuba għall-użu istituzzjonali jew industrijali, il-manifatturi ħolquhom skont il-ħtiġijiet tal-impjanti industrijali ta' kull wieħed mill-klijenti tagħhom. Jekk wieħed jimponi valur ta' limitu partikolari, ikun li jkun, għandu jistenna wkoll avalanga sħiħa ta' talbiet għal deroga skont l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjona-ment tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-intoppi kollha ta' ġestjoni li jirriżultaw għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-Kummissjoni.

4.3 Il-KESE jifhem li mhux l-Istati Membri huma esposti għall-istess riskji ta' ewtrofikazzjoni u jifraħ li l-Kummissjoni qed tipproponi li żżomm id-dispożizzjonijiet li diġà qegħdin fis-seħħ billi temendahom b'mod adatt sabiex malli tiġi ġustifi-kata intervenzjoni bħal din fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku, u malli jkunu disponibbli soluzzjonijiet teknikament u ekonomikament adegwati, il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, fil-livell nazzjonali, ikunu jistgħu jżommu r-regola-mentazzjoni tagħhom, jew jistabbilixxu regolamentazzjoni sabiex jillimitaw il-kontenut tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru preżenti fid-deterġenti li mhumiex maħsuba għall-ħasil tal-ħwejjeġ.

5. **Kummenti speċifiċi**

5.1 Il-Kumitat jaqbel mal-proposta li jiġi ffissat limitu massimu tal-kontenut tal-fosfru fid-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ, espress f'fosfru elementari P, ta' 0,5 % tat-toqol, sabiex ikun kopert it-total tal-fosfati u tal-komposti kimiċi li jinkludu l-fosfru. Dan il-metodu ta' formulazzjoni tal-limitu jiggarantixxi li wieħed ma jkunx jista' jsib faċilment mod kif idur mal-projbiz-zjoni intiża għall-fosfati.

5.2 Il-Kumitat jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li aktar 'il quddiem (dejjem wara l-adozzjoni tal-proposta inkwistjoni) teżamina kemm id-deterġenti domestiċi tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti li fihom il-fosfati qed jikkontribwixxu għar-riskju tal-ewtrofikazzjoni, li tressaq rapport quddiem il-Parla-ment Ewropew u l-Kunsill, u jekk ikun opportun, li tipproponi restrizzjonijiet dwar il-kontenut tal-fosfati tagħhom. Madankollu huwa tal-fehma li l-perjodu previst ta' ħames snin huwa relatti-vament twil u jagħti dawn ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

— jeħtieġ li f'temp ta' tliet snin, u jekk ikun possibbli anki qabel, jitwettaq studju dwar kemm id-deterġenti domestiċi tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti li fihom il-fosfati qed jikkontribwixxu għar-riskju tal-ewtrofikazzjoni;

— jeħtieġ li s-setturi industrijali li jipproduċu deterġenti domestiċi tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti, kif ukoll materji primi alternattivi, jiġu infurmati u mħeġġa sabiex ifasslu u jiżviluppaw soluzzjonijiet alternattivi li jippermettu s-sostituzzjoni tal-fosfati. Dawn diġà jeżistu iżda żgur għad iridu jiġu pperfezzjonati b'mod li jsiru teknikament u ekonomikament applikabbli;

— jekk fl-aħħar mill-aħħar jirriżulta li l-fosfati li ġejjin mid-deterġenti domestiċi tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti jikkontribwixxu ftit biss għar-riskji tal-ewtrofikazzjoni u li, fl-istess ħin, għadha ma nstabet l-ebda soluzzjoni alternattiva li tiggarantixxi lill-konsumaturi l-effiċjenza tad-deterġenti, qed jiġi propost li jiġi applikat limitu tal-kontenut tal-fosfru – espress f'perċentwali ta' piż, jew fi grammi għal kull ċiklu ta' ħasil – li jkun baxx biżżejjed biex ma jaffettwax ħafna lill-ambjent u għoli biżżejjed biex jiggarantixxi l-effiċjenza tad-deterġenti.

5.3 Fir-rigward tal-koerenza tal-proposta tal-Kummissjoni mal-politiki ta' korpi oħra u mal-objettivi tal-Unjoni, il-Kumitat jaqbel mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, hekk kif stipulata hawn taħt, u jagħraf li l-koerenza meħtieġa laħqet livell adegwat.

5.3.1 Din il-proposta hija kompletament konsistenti mal-għanijiet tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (id-Direttiva 2000/60/KE) li tesiġi li l-Istati Membri jiksbu status ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ sal-2015. Ġew implimentati azzjonijiet ikkoordinati mill-Istati Membri kkonċernati u strateġiji ta' kooperazzjoni reġjonali f'ċerti reġjuni sensittivi tal-UE iżda s'issa dawn ftit li xejn imxew 'il quddiem. Il-proposta tal-Kummissjoni hija miżura komplementarja indispensabbli għas-suċċess tal-attivitajiet tal-inizjattiva ta' kooperazzjoni reġjonali biex tiġi miġġielda l-problema tal-ewtrofikazzjoni transkonfinali.

5.3.2 Il-proposta tikkomplementa wkoll id-Direttiva 91/271/KEE dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, li għandha l-għan li tillimita l-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti bħalma huma l-fosfru u n-nitroġenu fl-ilmijiet tal-wiċċ sabiex tiġi miġġielda l-ewtrofikazzjoni.

5.4 Il-Kummissjoni tispeċifika li l-bażi legali tal-proposta hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li għandu l-għan li jistabbilixxi suq intern filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa umana u l-ambjent.

5.4.1 Il-proposta hija wkoll konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, peress li ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

5.4.2 Il-Kummissjoni tgħid li l-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet intiżi, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif previst fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

5.4.3 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-istrument legali magħżul għandu jkun Regolament peress li l-għan huwa li jarmonizza l-kontenut tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Ir-Regolament propost jemenda r-Regolament li hemm diġà dwar id-deterġenti.

5.4.4 Il-Kumitat japprova l-approċċ tal-Kummissjoni. Sabiex il-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi applikat ukoll għas-sanzjonijiet maħsuba, il-Kumitat jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

— jekk waqt kontroll ta' deterġent tal-ħasil tal-ħwejjeġ jirriżulta li fis-suq il-kontenut tal-fosfru huwa ogħla minn 0,5 %, iżda anqas minn 2,0 %, filwaqt li l-kontenut tal-fosfru kien anqas minn 0,5 % meta l-formola ġiet ippreżentata lill-awtoritajiet kompetenti, il-prodott m'għandux jiġi rtirat mis-suq, sakemm dan ma jkunx ta' periklu għas-saħħa. Minflok, għandha tiġi imposta multa amministrattiva. Din il-multa tista' tkun waħda progressiva skont b'kemm inqabeż il-limitu awtorizzat. Jista' jagħti l-każ li l-limitu ta' 0,5 % jinqabeż b'mod involontarju, peress li l-manifattur jista' jkun qed jipproduċi legalment fl-istess bini deterġenti li fihom il-fosfati destinati għal pajjiżi barra mill-UE, u minkejja li jittieħdu l-miżuri biex jiġu iżolati l-għadd ta' produzzjonijiet differenti, huwa probabbli li jkun hemm taħlitiet żgħar. Ikun f'idejn il-Kummissjoni li tiddeċiedi jekk inċident bħal dan għandux jirrikjedi ġustifikazzjoni sħiħa mill-manifattur, sabiex dan ma jwassalx għal mod kif jittieħed vantaġġ mil-limitu ta' 0,5 %. Ta' min jinnota li l-irtirar ta' prodott bħal dan mingħajr raġuni valida (is-saħħa, is-sigurtà tal-użu) jista' eventwalment iwassal għal danni akbar għall-ambjent minħabba t-trasport doppju, l-eliminazzjoni tal-imballaġġ u r-rimi tal-prodott mingħajr ma dan ikun intuża għall-iskop li kien destinat għalih, minkejja l-fatt li kien kompletament sigur u adegwat għall-użu;

— jekk il-kontenut tal-fosfru huwa ogħla mir-rata ta' 2,0 % tal-piż, għandhom jiġu imposti s-sanzjonijiet u jittieħdu l-miżuri adatti.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Reviżjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament LIFE+"**

*COM(2010) 516 finali*

(2011/C 132/13)

Relatur: **Is-Sur RIBBE**

Nhar it-30 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Reviżjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament LIFE+*

COM(2010) 516 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar dan is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Frar 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'185 vot favur, 2 voti kontra u 7 astensjonijiet.

1. **Sommarju**

1.1 Ir-rapport ta' nofs it-terminu mressaq għall-Programm LIFE+ (perjodu: mill-2007 sal-2013) ma joffrix bażi tad-data suffiċjenti sabiex issir minn issa evalwazzjoni kwalifikata tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali, għaliex l-ewwel proġetti tal-Programm LIFE+ inbdew biss f'Jannar 2009 minħabba d-diffikultajiet marbuta mal-implimentazzjoni tagħhom.

1.2 Madankollu, il-KESE dejjem enfasizza l-importanza kbira tal-Programm LIFE – li ilu jeżisti kważi għoxrin sena – għall-iżvilupp u t-tfassil tal-politika ambjentali Ewropea. Hu jemmen li hemm bżonn u jagħmel sens li dan il-Programm jitkompla u jkompli jiġi żviluppat fil-perjodu ta' finanzjament il-ġdid (2013-2020).

1.3 Il-Programm LIFE għandu jkun strument kemm jista' jkun flessibbli, li bih il-Kummissjoni tkun tista' taġixxi b'mod effiċjenti. Bil-Programm LIFE, li jirrappreżenta madwar 0,2 % tal-baġit kollu tal-UE, jistgħu jingħataw kontributi u indikazzjonijiet siewja dwar is-soluzzjonijiet. Però bih la jistgħu jitneħħew il-problemi li jikkawżaw oqsma ta' politika oħra tal-UE, u lanqas jistgħu jiġu ffinanzjati l-istrateġiji kollha tal-UE b'rabta mal-ambjent.

1.4 Meta fil-futur jiġu biex jingħażlu l-proġetti tal-Programm LIFE, il-bżonnijiet li rriżultaw mill-problemi fl-implimentazzjoni tal-politika ambjentali tal-UE għandhom ikunu deċiżivi. Fil-futur, l-allokazzjoni proporzjonata tal-fondi m'għandha taqdi l-ebda rwol.

1.5 Il-politika ambjentali fl-Ewropa hija aktar żviluppata minn f'partijiet oħra tal-pjaneta tagħna għaliex teżisti soċjetà ċivili attiva li qed titlob dan. F'dan il-kuntest, ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tan-natura u l-ambjent huwa ġustament enfasizzat mill-Kummissjoni u apprezzat mill-KESE. Iżda għandhom jitħeġġu wkoll partijiet oħra tas-soċjetà ċivili biex fil-futur jikkollaboraw aktar fil-proġetti tal-Programm LIFE. Il-mekkaniżmi ta' finanzjament tal-Programm LIFE+ għandhom jitfasslu b'tali mod li l-proġetti tajbin ma jfallux minħabba l-kundizzjonijiet stretti tal-kofinanzjament.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1 S'issa l-istrument finanzjarju għall-ambjent LIFE kien, bla dubju ta' xejn, programm tal-UE importanti immens, li ta impulsi deċiżivi għall-implimentazzjoni u/jew għall-iżvilupp u t-tfassil tal-politika u l-leġislazzjoni ambjentali tal-Komunità. Dan il-Programm tnieda f'Mejju 1992 permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1973/92 li jistabbilixxi strument finanzjarju għall-ambjent (LIFE).

2.2 LIFE I, li kellu baġit ta' EUR 400 miljun (EUR 100 miljun kull sena), kopra l-perjodu mill-1992 sal-1995. Minħabba s-suċċess tiegħu, ir-Regolament (KE) Nru 1404/96 ta bidu għat-tieni fażi (LIFE II), li kopriet mill-1996 sal-1999 b'baġit totali ta' EUR 450 miljun (EUR 112,5 miljun kull sena). Ir-Regolament (KE) Nru 1655/2000 tal-LIFE III għall-bidu kien se jkopri mill-2000 sal-2004 (EUR 128 miljun kull sena), iżda mbagħad ir-Regolament (KE) Nru 1682/2004 estenda dan il-perjodu sa tmiem l-aħħar perjodu ta' finanzjament (jiġifieri sa tmiem l-2006).

2.3 Ir-Regolament (KE) 614/2007 ta bidu għal fażi ġdida tal-Programm LIFE, magħrufa bħala LIFE+, għall-perjodu ta' finanzjament bejn l-2007 u l-2013. Din il-fażi għandha baġit ta' madwar EUR 2,17 biljun (jiġifieri madwar EUR 340 miljun kull sena).

2.4 Bil-Programm LIFE+ l-għajnuna fil-qasam tal-ambjent ġiet ristrutturata għalkollox. Partijiet mill-programm ta' għajnuna attwali li qabel kienu taħt it-titolu baġitarju 07 ġew raggruppati (Forest Focus, l-għajnuna għall-NGOs, URBAN, l-iżvilupp ta' inizjattivi politiċi ġodda, partijiet mill-"implimentazzjoni tal-politika ambjentali", partijiet minn LIFE-Ambjent u LIFE-Natura). Barra minn hekk ġie deċiż li l-Programm LIFE mhux ser jappoġġja aktar il-proġetti ta' investiment ambjentali tradizzjonali u konkreti. Minflok, fil-futur għal dawn l-għanijiet ser jintużaw l-intestatura 1a (għall-proġetti ambjentali), u l-intestatura 1b u partijiet mill-intestatura 2 (għall-proġetti relatati mal-ħarsien tan-natura) tal-baġit tal-UE. L-għajnuna li kienet qed tingħata għall-attivitajiet internazzjonali issa ġiet trasferita mill-intestatura 4 (miżuri għall-ambjent marittimu) għall-intestatura 3.

2.5 Il-Programm LIFE+ jiffoka fuq il-promozzjoni tal-miżuri li jappoġġjaw il-politika ambjentali (b'dimensjoni esklużivament Ewropea), bħal pereżempju l-iskambju tal-aħjar prattiki, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-appoġġ għall-NGOs li joperaw madwar l-Ewropa kollha.

2.6 Għalhekk, il-Kummissjoni qed tipprevedi li l-proġetti ta' investiment matul il-perjodu ta' finanzjament attwali mhux ser isiru aktar fil-qafas tal-Programm LIFE, iżda fil-qafas tal-intestaturi (l-ġodda) 1a, 1b, 2 u 4.

2.7 Billi r-Regolament LIFE+ daħal fis-seħħ f'Ġunju 2007, is-sejħiet għall-proġetti setgħu jibdew biss f'Ottubru 2007. Għaldaqstant, l-ewwel proġetti tal-fażi l-ġdida LIFE+ ma setgħux jibdew qabel Jannar 2009. Dan ifisser li r-reviżjoni ta' nofs it-terminu mħejjija mill-Kummissjoni, li qed tiġi eżaminata f'din l-Opinjoni, tista' tipprovdi biss riflessjoni dwar numru relattivament żgħir ta' proġetti li għadhom kif jinbdew. Il-Kummissjoni tinnota tajjeb li "għalhekk hemm disponibbiltà ta' tagħrif limitat dwar ir-riżultati".

3. **Kummenti speċifiċi**

3.1 Fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu kemm-il darba jissemma kemm huwa importanti l-Programm LIFE+. Jiġi deskritt bħala "strument effettiv" li "jikseb valur miżjud", u ssir enfasi biex il-"[b]enefiċjarji flimkien ma[l-Is]tati Membri jqisu li l-Programm għandu jkompli għaliex huwa kruċjali għall-implimentazzjoni tal-politika ambjentali tal-UE".

3.2 Il-KESE jiddubita kemm dawn l-istqarrijiet jistgħu jinsiltu mir-rapport ta' nofs it-terminu li qed jiġi diskuss hawnhekk u li huwa bbażat fuq proġetti li nbdew biss f'Jannar 2009. Għalkemm il-Kumitat qatt ma xeħet dubju fuq il-fatt li hu wkoll jemmen li l-Programm LIFE huwa tassew importanti, l-ammont limitat ta' data li fuqha tfasslet ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu għalissa ma jwassal għall-ebda konklużjoni reali dwar il-fażi l-ġdida tal-Programm LIFE+.

3.3 Billi madankollu issa diġà bdew ir-riflessjonijiet dwar il-possibbiltà li jkun hemm perjodu ta' programmazzjoni ġdid wara l-2013, il-Kumitat jixtieq jieħu din l-opportunità biex jindirizza xi kwistjonijiet bażiċi u jressaq xi proposti.

3.4 Għalhekk, il-Kumitat jixtieq l-ewwel u qabel kollox jgħid li, fil-fehma tiegħu, għadha ma tistax issir reviżjoni ta' nofs it-terminu reali tal-fażi l-ġdida tal-Programm LIFE+.

3.5 Fl-Opinjoni tiegħu [1] dwar l-abbozz tar-Regolament LIFE+, li mbagħad ġie adottat, il-KESE kien ressaq xi twissijiet li issa jidher li ġew ikkonfermati.

[1] CES 382/2005, ĠU C 255, 14.10.2005, p. 52 (mhux disponibbli bil-Malti).

3.6 Il-Kumitat kien qal li m'hemmx dubju li l-Programmi LIFE li saru s'issa jistgħu jitqiesu bħala strumenti ta' tmexxija politika tal-Kummissjoni li rnexxew ħafna. Il-fatt li l-Kummissjoni setgħet tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u li kemm bejn il-proġetti kif ukoll bejn l-Istati Membri nħolqot ċerta "kompetizzjoni" għall-fondi tal-Programm LIFE wassal biex jinkisbu suċċessi notevoli b'fondi modesti. Fil-fażijiet preċedenti tal-Programm LIFE, l-Istati Membri (jew aħjar, il-promoturi privati u pubbliċi tal-proġetti fl-Istati Membri) kellhom ifasslu u jiżviluppaw proġetti innovattivi li jkunu adatti għall-qafas tal-Programm LIFE. Dawn imbagħad kienu jiġu eżaminati b'mod kritiku matul il-proċedura tal-għażla stabbilita, qabel ma jiġu approvati jew inkella rifjutati minħabba l-kwalità baxxa tagħhom u/jew in-nuqqas ta' fondi. B'hekk, b'rabta mal-allokazzjoni tal-fondi, kien hemm kemm trasparenza Ewropea kif ukoll direzzjoni ċara min-naħa tal-Kummissjoni.

3.7 Bħal qabel, il-KESE għadu jemmen li sabiex tkun tista' tappoġġja l-politika ambjentali **tagħha** li, kif inhu magħruf, f'ċerti setturi ftit li xejn qed tagħmel progress, il-Kummissjoni għandu jkollha strument li tkun tista' tfasslu hi biss, mingħajr ma toqgħod taħseb, pereżempju, dwar l-allokazzjoni proporzjonata tal-fondi bejn ir-reġjuni.

3.8 Madankollu, fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu l-Kummissjoni tinnota li l-allokazzjonijiet nazzjonali indikattivi tal-fondi introdotti fil-fażi l-ġdida tal-proġetti tejbu d-"distribuzzjoni ġeografika tal-proġetti", iżda l-evalwazzjoni tindika li l-allokazzjonijiet nazzjonali jistgħu "jwasslu għal għażla ta' proġetti ta' kwalità inferjuri".

3.9 Dan kien proprju l-biża' tal-KESE. Għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jerġgħu jikkunsidraw bir-reqqa l-approċċ tal-Programm LIFE. M'għandhiex tkun kwistjoni li jiġu ttrasferiti l-fondi lejn l-Istati Membri biex jiġu ffinanzjati l-proġetti ambjentali b'dimensjoni Ewropea. Il-Programm għandu jkun applikat f'dawk l-oqsma fejn is-servizzi tal-Kummissjoni jaraw li hemm bżonn l-aktar, sabiex il-politika ambjentali tal-UE timxi 'l quddiem.

3.10 Sadanittant, il-politika ambjentali fl-Ewropa hija determinata ħafna mir-regoli tal-UE, u l-unika ġustifikazzjoni għal dan hija li s-suq intern jiffunzjona sew. Però mhux sewwa li l-leġislazzjoni ssir fil-livell Ewropew, filwaqt li l-istrument korrispondenti għat-tfassil tal-politiki jiġi sa ċertu punt nazzjonalizzat.

3.11 Fil-fehma tal-Kumitat, il-proġetti u l-proċessi ffinanzjati mill-Programm LIFE għandhom jgħinu b'mod aktar immirat minn qatt qabel l-implimentazzjoni tal-istrateġiji deċiżi mill-UE (b'mod partikolari l-istrateġija tas-sostenibbiltà tal-UE (li ma tantx għadha tissemma), l-istrateġija tal-bijodiversità, l-istrateġija tal-ħarsien tal-klima kif ukoll l-element ekoloġiku tal-Istrateġija Ewropa 2020. Għandha tingħata importanza speċjali lin-natura eżemplari tal-proġetti. Dan ifisser li mhux kull proġett għandu bilfors ikun innovattiv, kif pereżempju qed jintalab bħalissa fil-qasam tal-"bijodiversità". Ħafna drabi mhux l-innovazzjoni tkun nieqsa, iżda sempliċement it-tixrid u l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet li jeżistu diġà.

3.12 Fl-għażla futura tal-proġetti, hemm bżonn li l-Kummissjoni tkun flessibbli ħafna kemm rigward il-kontenut kif ukoll rigward il-finanzjament. Dan tal-aħħar jikkonċerna wkoll, fost affarijiet oħra, ir-rati ta' kofinanzjament. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li għandu jkun possibbli wkoll li l-finanzjament isir 100 % mill-UE.

3.13 Il-Kummissjoni ġustament tinnota li, pereżempju, il-kontributi tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp tal-politika ambjentali huma vitali. Il-politika ambjentali tal-Ewropa ħafna drabi titqies aktar progressiva minn dik ta' partijiet oħra tad-dinja proprju għaliex id-dibattitu fis-soċjetà jsejjaħ għal aktar ħarsien tal-ambjent u tan-natura. Huwa fl-interess tal-UE li tistimola dan id-dibattitu, li m'għandux ifalli sempliċement minħabba r-rati ta' konfinanzjament stabbiliti minn qabel.

3.14 Il-KESE huwa favur li l-Programm LIFE+ jiġi implimentat f'kooperazzjoni kostruttiva mal-organizzazzjonijiet nongovernattivi kollha kemm fil-livell tal-Istati Membri (fosthom l-assoċjazzjonijiet tal-intrapriżi u t-trejdjunjins) kif ukoll fil-livell tal-UE. Il-membri ta' dawn l-organizzazzjonijiet ħafna drabi jkunu attivi f'oqsma fejn l-UE tkun tixtieq tara li jittejjeb il-ħarsien tal-ambjent u li tiġi implimentata l-politika ambjentali tal-UE. Għalhekk, is-sensibilizzazzjoni u l-impenn korrispondenti m'għandhomx ikunu responsabbiltà tal-organizzazzjonijiet ambjentali biss, iżda wkoll tal-intrapriżi.

3.15 Għaldaqstant, il-KESE jixtieq jagħmel enfasi ċara fuq il-fatt li, minbarra l-assoċjazzjonijiet tan-natura u l-ambjent tradizzjonali, għandhom jitħeġġu wkoll, pereżempju, l-assoċjazzjonijiet tal-intrapriżi u t-trejdjunjins biex jieħdu sehem b'mod attiv fil-proġetti LIFE.

3.16 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li għandu jkun hemm "aktar prijoritizzazzjoni u attenzjoni taħt kull tema … (u) l-stabbiliment ta' oqsma għall-attenzjoni annwali". Hawnhekk, għandha tingħata importanza wkoll lill-approċċi transsettorjali. Barra minn hekk, il-proġetti transkonfinali ma' pajjiżi terzi m'għandhomx jiġu esklużi b'mod kategoriku.

3.17 Għalkemm il-Programm LIFE huwa apprezzat ħafna, il-KESE jixtieq iwissi wkoll li l-possibbiltajiet tiegħu m'għandhomx jingħataw valur akbar milli jisthoqqilhom. Il-madwar EUR 340 miljun annwali disponibbli jistgħu jappoġġjaw bosta proġetti li jistgħu jipprovdu indikazzjonijiet siewja għall-approċċi pożittivi fil-politika ambjentali. Però b'dawn il-flus, li jirrappreżentaw madwar 0,2 % tal-baġit tal-UE, ma jistgħux jissolvew, pereżempju, il-problemi li nħolqu minħabba l-funzjonament ħażin ta' oqsma ta' politika oħra tal-UE.

3.18 Il-KESE huwa xi ftit xettiku dwar l-istqarrija li ssir fir-rapport ta' nofs it-terminu li l-linja tal-"bijodiversità" fil-Programm LIFE "tipprovdi l-opportunità li tkun strument ewlieni għall-iffinanzjar speċifiku tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Bijodiversità". Naturalment il-Programm LIFE ser jikkontribwixxi, kif għandu jkun, biex juri kif għandha tkun b'mod konkret il-koeżistenza tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-użu ekonomiku tar-riżorsi naturali. Madankollu, l-istrumenti reali tal-finanzjament biex jiġi garantit dan huma oħrajn.

3.19 Fil-fatt, il-Kummissjoni stess tistqarr fil-Komunikazzjoni [2] tagħha li l-"Politika Agrikola Komuni (PAK) hija l-għodda politika li għandha l-aktar impatti sinifikanti fuq il-bijodiversità fiż-żoni rurali', u li l-'Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (speċjalment taħt l-Assi 2) jibqa' l-aktar sors ta' finanzjament importanti tal-Komunità għal Natura 2000 u l-bijodiversità fl-UE", u b'hekk mhux il-Programm LIFE.

3.20 Il-fatt li llum il-ġurnata huwa kopert biss 20 % tal-finanzjament meħtieġ għall-ġestjoni tar-riżervi ekoloġiċi, inkluż in-netwerk Natura 2000, mhux ser jissolva bil-Programm LIFE, iżda bl-integrazzjoni tant imsemmija tal-ħarsien tan-natura u tal-ambjent f'oqsma ta' politika oħrajn. Dan ifisser li l-kompitu u r-rwol veri tal-Programm LIFE għandhom jerġgħu jiġu definiti b'mod ċar.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

---

[2] Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Il-valutazzjoni tal-2010 tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-bijodiversità – COM(2010) 548.

# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-Reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja dwar il-Merkurju"

*COM(2010) 723 finali*

(2011/C 132/14)

Relatur: **is-Sinjura LE NOUAIL-MARLIÈRE**

Nhar is-7 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*ir-Reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja dwar il-Merkurju*

COM(2010) 723 finali

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Frar 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'173 vot favur, 6 voti kontra u 12-il astensjoni.

## 1. Konklużjonijiet

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Merkurju 2005 qiegħda f'fażi avvanzata u tat riżultati fir-rigward ta' kważi l-azzjonijiet kollha, u żgur ser titkompla u tibqa' tissaħħaħ.

1.1 Madankollu, filwaqt li l-KESE jappoġġja l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni [1], huwa jirrakkomanda lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Imsieħba Soċjali biex:

a) jirrikonoxxu l-ħtieġa u l-importanza li l-UE għandha żżomm il-pożizzjoni avvanzata tagħha fil-livell globali billi tieħu aktar impenji biex tnaqqas l-użu, il-provvista u l-emissjonijiet tal-merkurju;

b) jikkunsidraw li objettiv globali għandu jimxi id f'id ma' tnaqqis komprensiv, l-għoti ta' derogi għal sitwazzjonijiet li jistgħu jesiġuhom (diffikultajiet tekniċi jew finanzjarji speċifiċi), minflok ma l-approċċ jiġi bbażat fuq l-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet separati għal kull prodott u applikazzjoni u għal kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tal-merkurju;

c) ikomplu u jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-implimentazzjoni ta' proġetti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u pajjiżi b'ekonomiji fi transizzjoni, fl-istess waqt mal-ħidma tal-kumitat intergovernamentali tan-negozjar, bħala parti mill-ħidma internazzjonali fl-oqsma msemmija taħt l-UNEP GC deċiżjoni 25/5, paragrafu 34;

d) jikkonkludu li l-użu tal-merkurju fis-settur tal-kloralkali għandu jasal fi tmiemu u jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta sal-1 ta' Jannar 2012, għal miżuri legalment vinkolanti inkluża l-aħħar data għall-użu tal-merkurju fis-settur mill-iktar fis u qabel l-2020;

e) tinġibidilhom l-attenzjoni li għandhom jittieħdu miżuri speċifiċi fir-rigward tal-emissjonijiet tal-merkurju minn sorsi industrijali u jistiedn lill-Kummissjoni biex tadotta malajr konklużjonijiet dwar L-Aħjar Teknika Disponibbli (BAT) kif ukoll Limiti tal-Livelli ta' Emissjonijiet Assoċjati mal-BAT għal kull proċess industrijali rilevanti tal-merkurju, sabiex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali li ġiet adottata m'ilux;

f) jevalwaw il-possibilitajiet għar-restrizzjoni tal-użu tal-merkurju fil-batteriji tat-tip "button cell" u jipproponi restrizzjonijiet fit-tqegħid tagħhom fis-suq sal-1 ta' Lulju 2012;

g) jevalwaw aktar il-possibbiltà tat-tnaqqis b'mod gradwali tal-użu tal-merkurju fid-dentistrija sal-1 ta' Lulju 2012, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-istudji kollha disponibbli u l-iżviluppi li saru kif ukoll l-alternattivi;

h) jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li jiġu installati fil-kliniki dentali kollha tal-UE separaturi tal-amalgama li huma effiċjenti ħafna;

i) jinvestigaw l-użu tal-merkurju fit-tilqim, l-alternattivi li jeżistu u l-estent safejn il-merkurju jista' jieqaf jintuża b'mod adatt sabiex is-saħħa pubblika titħares aħjar, sal-31 ta' Diċembru 2012;

j) jieħdu azzjoni u jwettqu l-ewwel programm ta' studju għall-metilmerkurju fil-ħut u jaġġornaw il-komunikazzjoni dwar ir-riskju mal-UE kollha kif inhu adatt, sal-31 ta' Diċembru 2012;

[1] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Reviżjoni tal-Istrataġija Komunitarja dwar il-Merkurju, adottati fl-14 ta' Marzu 2011 (7774/11).

k) jieħdu azzjoni biex titqawwa s-sensibilizzazzjoni u jiżdied l-għarfien dwar il-fatt li lampi effiċjenti fl-użu tal-enerġija fihom il-merkurju u għandhom jinġabru bħala skart b'mod separat u sikur biex jiġi evitat li jinkisru;

l) iħeġġu l-azzjonijiet immirati lejn l-iżgurar tat-tneħħija tar-residwi tal-merkurju fl-iskart;

m) jaraw li l-emissjonijiet mill-krematorji u minn impjanti żgħar tal-kombustjoni qed jiġu koperti mil-leġislazzjoni Komunitarja;

n) iżidu l-passi adatti sabiex tiġi zgurata s-saħħa tal-ħaddiema kollha li potenzjalment ikollhom kuntatt mal-merkurju;

o) jimplimentaw miżuri, f'qafas bħal dan, relatati mal-impatt potenzjali fuq l-impjiegi, sabiex ikun possibbli li jitnaqqsu l-effetti tat-tibdil industrijali, u li japplikaw għall-impjegati kollha jkunu xi jkunu l-kwalifiki tagħhom;

p) jieħdu miżuri biex jiżguraw il-ġbir sikur u separat ta' prodotti li jkun fihom il-merkurju u li bħalissa mhuwiex esiġenza tal-liġi, u biex iwettqu kampanji ta' informazzjoni fuq skala kbira sabiex jgħarrfu lill-utenti u lill-konsumaturi dwar in-natura speċifikament mhux stabbli u tossika tal-element tal-merkurju.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 Il-merkurju u l-biċċa l-kbira tal-komposti tiegħu huma meqjusa bħala sustanzi tossiċi ħafna li jagħmlu ħsara lill-bijodiversità, lill-ekosistemi u lis-saħħa tal-bniedem. Il-merkurju huwa wkoll sustanza bijoakkumulattiva, li jfisser li jista' jakkumula f'organiżmi u jaqsam stadji differenti tal-katina tal-ikel. Il-merkurju jevapora wkoll f'temperaturi ambjentali u jista' jiġi kkonvertit fil-metilmerkurju, li huwa l-għamla tiegħu l-iktar komuni, iżda wkoll l-iktar tossika. Għaldaqstant, il-merkurju huwa sustanza persistenti, li tista' tinfirex fuq distanzi kbar, fl-ilma, fil-ħamrija u fl-arja jew f'organiżmi ([2]).

2.2 L-oriġini ta' rilaxxi ta' merkurju antropoġeniku huwa marbut mal-applikazzjonijiet varji tiegħu, bħall-użu tiegħu f'ċerti prodotti u proċessi ta' produzzjoni, u emissjonijiet atmosferiċi jew rilaxxi aċċidentali; l-utenti ewlenin tal-merkurju huma l-impjanti tal-kloralkali, l-industrija tal-polimeri kimiċi u l-manifatturi tal-amalgama dentali, u dawn jirrappreżentaw 86 % tal-ammonti annwali.

2.3 L-emissjonijiet tal-merkurju fl-arja minn impjanti tal-enerġija termali u istallazzjonijiet tal-kombustjoni oħrajn, l-iktar impjanti tal-kombustjoni tal-faħam, jirrappreżentaw iktar minn 50 % tal-emissjonijiet totali tal-merkurju ([3]) minn sorsi industrijali.

([2]) UNEP Chemicals, Global Mercury Assessment, Diċembru 2002-2010.

([3]) http://prtr.ec.europa.eu/PollutantReleases.aspx

**Oriġini ta' rilaxxi potenzjali ta' merkurju antropoġeniku**

a) L-użu fi prodotti

— Tagħmir ta' kejl

— Amalgama dentali

— Tubi tad-dawl fluworexxenti, bozoz tad-dawl effiċjenti fl-użu tal-enerġija

— Batteriji

— Swiċċijiet

— Tilqim (tijomersali jew timerosali)

b) L-użu fil-proċessi ta' produzzjoni

— Bħala katalista għal polimeri u l-poliuretanu

— Il-manifattura tal-kloralkali

— It-tħaffir għad-deheb

c) Emissjonijiet atmosferiċi

— Impjanti tal-enerġija (tal-faħam)

— Kremazzjoni (merkurju diġerit li jsir parti mill-organiżmu u l-amalgama dentali)

— Skart mhux riċiklat u inċinerat (li jkun fih il-merkurju)

d) Rilaxxi aċċidentali

— Rilaxxi industrijali (fl-ipproċessar, fil-ħżin, eċċ.)

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Fuq livell dinji, il-Programm tal-Ambjent tan-Nazzjonijiet Uniti kkummissjona studju fl-2011 dwar il-preżenza u l-impatt tal-merkurju, li kkonkluda li l-evidenza ta' effetti negattivi sinifikanti kienet biżżejjed biex titlob li tittieħed azzjoni internazzjonali ([4]). Fi Frar 2009, il-gvernijiet tad-dinja fil-Kunsill Governattiv tal-UNEP iddeċidew li jiżviluppaw trattat legalment vinkolanti dwar il-merkurju sal-2013.

3.2 F'Diċembru 2002 il-Kummissjoni ppreżentat rapport lill-Kunsill dwar il-merkurju li jiġi mill-industrija tal-kloralkali; wara dak ir-rapport il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tħares b'mod iktar wiesa' lejn il-kwistjoni u tippreżenta "strateġija koerenti (…) li jkun fiha miżuri sabiex ikunu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mir-rilaxx tal-merkurju, ibbażata fuq approċċ ta' ċiklu tal-ħajja, u li jieħu kont tal-produzzjoni, l-użu, it-trattament tal-iskart u l-emissjonijiet."

([4]) UNEP – Chemicals, Global Mercury Assessment, Diċembru 2002.

3.3 Abbażi ta' dawn l-approċċi, l-Istrateġija Komunitarja dwar il-Merkurju ġiet adottata mill-Kummissjoni fit-28 ta' Jannar 2005. L-għan ewlieni tagħha kien li jitnaqqsu l-livelli tal-merkurju fl-ambjent u li huma esposti għalihom il-bnedmin, b'mod speċjali l-metilmerkurju fil-ħut ([5]).

3.4 Din l-istrateġija għandha sitt fergħat (u 20 azzjoni prijoritarja), bil-għan li:

— jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-merkurju,

— titnaqqas iċ-ċirkolazzjoni tal-merkurju fis-soċjetà billi jitnaqqsu l-provvista u d-domanda,

— tiġi solvuta l-problema fit-tul tal-fdalijiet u r-riżervi tal-merkurju (fi prodotti li għadhom qed jintużaw jew li huma maħżuna),

— ikun hemm protezzjoni kontra l-esponiment għall-merkurju,

— jitjieb il-fehim dwar il-problema tal-merkurju u s-soluzzjonijiet għaliha,

— tiġi appoġġjata u promossa azzjoni internazzjonali dwar il-merkurju.

3.5 Din l-istrateġija kienet tinkludi klawsola dwar l-evalwazzjoni u r-reviżjoni għall-2010: Fis-7 ta' Diċembru 2010 l-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill u lill-Parlament ir-reviżjoni attwali tal-istrateġija Komunitarja dwar il-merkurju.

3.6 Flimkien ma' dan, l-ECHA (l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi) ressqet proposti biex jiġu estiżi r-restrizzjonijiet fuq it-tagħmir ta' kejl li fih il-merkurju u li huwa maħsub għal użu professjonali jew industrijali ([6]) taħt il-klawsola tar-reviżjoni fir-regolament REACH. Fl-24 ta' Settembru 2010 saret konsultazzjoni pubblika u l-opinjonijiet tal-kumitati rilevanti taħt ir-regolament REACH huma mistennija jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni f'Settembru 2011.

3.7 Żewġ opinjonijiet tal-KESE ppubblikati dwar dawn l-iżviluppi appoġġjaw l-impenn attiv tal-Kummissjoni biex jitnaqqsu l-produzzjoni u l-użu tal-merkurju, fl-UE u madwar id-dinja, u biex jiġi ggarantit il-ħżin sikur tiegħu, u l-għan tagħha biex il-merkurju jiġi eliminat għal kollox minn ċertu tagħmir ta' kejl ([7]).

3.8 Madankollu, l-opinjonijiet tal-KESE ħeġġu lill-Kummissjoni biex "timplimenta l-elementi l-oħra tal-istrateġija tagħha dwar il-merkurju mill-iktar fis possibbli u sabiex tiżviluppa miżuri bil-għan li jitnaqqas iktar l-użu tal-merkurju fil-proċessi u fil-prodotti fl-Ewropa, u sabiex tassigura r-rimi sikur tal-merkurju fil-firxiet tal-iskart", filwaqt li jsejjaħ lill-Kummissjoni biex tassigura li l-utenti professjonali u industrijali tat-tagħmir ta' kejl li fih il-merkurju jkunu meħtieġa jikkonformaw mal-objettiv li ma jirrilaxxawx il-merkurju fl-ambjent.

3.9 L-evalwazzjoni eżawrijenti li twettqet fl-2010 ([8]) u d-dokumenti ta' appoġġ mill-partijiet differenti kkonċernati ([9]) enfasizzaw il-progress ġenwin li sar fl-implimentazzjoni tal-istrateġija Komunitarja dwar il-merkurju u l-kontribut ewlieni tal-UE għall-appoġġ tal-inizjattivi u n-negozjati internazzjonali għal trattat legalment vinkolanti taħt l-UNEP.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 L-istrateġija Komunitarja dwar il-merkurju tuża għadd ta' strumenti legali b'mod iktar ġenerali (b'mod partikulari r-RoHS ([10]), ir-REACH, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva IPPC), u f'xi partijiet tadatta dawn l-għodod għall-għan tat-tnaqqis tal-merkurju madwar l-UE:

— id-dokumenti ta' referenza tal-Aqwa Tekniki Disponibbli (BAT – "BREF") u l-adozzjoni tad-Direttiva l-ġdida dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED), aġġornaw u fformulaw mill-ġdid seba' direttivi, inkluż l-IPPC, issaħħaħ ir-rwol tal-BAT (il-konformità trid tkun obbligatorja mill-2012 'il quddiem għal istalazzjonijiet ġodda u mill-2016 għal dawk li diġà jeżistu);

— id-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, naqqset il-livell massimu awtorizzat meta mqabbel mad-direttiva preċedenti tal-1991.

4.2 L-implimentazzjoni tal-istrateġija ħolqot ukoll l-għodod u r-regoli tagħha, li permezz tagħhom l-Unjoni Ewropea saret minn ta' quddiem fid-dinja fit-tnaqqis tal-merkurju:

— projbizzjoni tal-esportazzjoni tal-merkurju metalliku u ċerti komposti u taħlitiet, u l-ħżin obbligatorju u sikur tal-merkurju metalliku (Regolament (KE) 1102/2008, 22 ta' Ottubru 2008), li tidħol fis-seħħ f'Marzu 2011;

— Direttiva dwar restrizzjonijiet dwar il-marketing ta' ċertu tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju (tagħmir bħal dan ma jistax jitqiegħed fis-suq sakemm ma tingħatax deroga; u dan jikkonċerna l-iktar il-porosimetri), adottata fil-25 ta' Settembru 2007 (issa mehmuża bħala anness mal-punt 18a tal-Anness XVII tar-regolament REACH). Bħalissa għaddej il-proċess tal-estensjoni tal-projbizzjoni biex tkopri l-użu professjonali (industrijali, medika, eċċ.).

([5]) COM(2005) 20 finali (Mhux disponibbli bil-Malti).
([6]) L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi – Anness XV tar-Rapport tar-Restrizzjoni, Ġunju 2010.
([7]) ĠU C 168, 20.7.2007, p. 44 – ĠU C 318, 23.12.2006, p. 115.
([8]) http://mercury.biois.com (p.74).
([9]) ZMWG (Grupp ta' Ħidma "Merkurju Żero") www.zeromercury.org/ + l-EEB (l-Uffiċċju Ewropew tal-Ambjent) www.eeb.org /
([10]) Id-Direttiva 2002/95/KE - ir-Restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku

Fl-aħħarnett, l-Euro Chlor qed jaħdem fuq it-tneħħija gradwali sal-2020 tal-użu tal-merkurju fl-industrija tal-kloralkali, permezz ta' ftehim volontarju.

4.3 Il-KESE jenfasizza l-importanza, fil-waqt tar-reviżjoni tar-Regolament (UE) 1102/2008, li tiġi estiża l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni biex tkopri wkoll komposti u prodotti oħrajn tal-merkurju li fihom il-merkurju, u l-ħżin sikur tal-merkurju metalliku u/jew solidifikat.

4.4 Il-KESE jenfasizza l-punti li ġejjin:

— l-istudju tal-esperti BIO-IS 2010 tad-DĠ ENV [11] ippropona li l-għan ewlieni tal-istrateġija għandu jkun l-għan globali tal-ħarsien "tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent mir-rilaxx tal-merkurju u l-komposti tiegħu, billi jiġu minimizzati, u fejn huwa fattibbli, fl-aħħar mill-aħħar jiġu eliminati għal kollox rilaxxi ta' merkurju antropoġeniku fl-arja, fl-ilma u fl-art".

— Barra minn hekk, issa hemm l-opportunità biex isir iktar progress fuq l-għan globali tat-tnaqqis tal-użu tal-merkurju, minħabba l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-prodotti u l-applikazzjonijiet għandhom alternattivi fejn ma jintużax il-merkurju (u huma ekonomikament vijabbli), kif ukoll għaliex ħafna mill-kumpaniji li jimmanifatturaw prodotti li fihom il-merkurju jipproduċu wkoll prodotti alternattivi, u dan jippermetti li:

  — jitnaqqas l-impatt ekonomiku u soċjali (f'termini ta' impjiegi) ta' tnaqqis kbir fl-użu tal-merkurju,

  — tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE fil-livell innovattiv u ekonomiku (avvanz teknoloġiku),

  — tikkonsolida l-pożizzjoni tagħha fid-diskuzzjoni internazzjonli u globali inkluż il-RIO+20 u l-inizjattiva tal-Kummissjoni tal-UE għad-dimensjoni esterna tal-politika ambjentali Ewropea.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

---

[11] http://mercury.biois.com (p. 74).

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-Abbozz ta' Regolament (UE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew"**

*COM(2010) 767 finali – 2010/0370 (COD)*

(2011/C 132/15)

Relatur uniku: **Is-Sur POLYZOGOPOULOS**

Nhar it-18 u l-20 ta' Jannar 2011, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rispettivament iddeċiedew, b'konformità mal-Artikolu 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*l-Abbozz ta' Regolament (UE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew*

COM(2010) 767 finali – 2010/0370 (COD)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Frar 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'174 vot favur, 6 voti kontra u 17-il astensjoni.

***Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet***

1. **Konklużjonijiet**

Il-KESE jilqa' dan ir-regolament billi jikkostitwixxi abbozz ta' proposta għal riformulazzjoni tar-regolament preċedenti (KE) nru 1405/2006, għar-raġunijiet imsemmija hawn taħt.

1.1 Ir-regolament preċedenti ġie emendat kemm-il darba parzjalment minħabba l-mod kif żviluppat il-leġislazzjoni Ewropea u parzjalment minħabba l-konformità mat-Trattat ta' Lisbona. Hemm bżonn ukoll li tinbidel l-istruttura tat-test leġislattiv b'tali mod li fil-verżjoni l-ġdida tar-regolament jiġi ċċarat ir-rwol ċentrali tal-programm ta' appoġġ u ssir enfasi fuq:

a) l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista u

b) l-miżuri speċifiċi favur il-produzzjoni lokali.

1.2 It-test il-ġdid tar-regolament isemmi b'mod espliċitu l-elementi essenzjali tal-arranġamenti speċifiċi għall-prodotti agrikoli ta' importanza għall-gżejjer minuri fil-baħar Eġew biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet li jirriżultaw mill-iżolament, id-distanza, l-insularità, iċ-ċokon, il-muntanji, il-klima u d-dipendenza ekonomika tagħhom fir-rigward tal-għadd żgħir ta' prodotti li jipproduċu.

1.3 L-Artikolu 2 tar-regolament il-ġdid jenfasizza l-miżuri li minn naħa jikkontribwixxu għat-twettiq tal-għanijiet biex tiġi żgurata l-provvista lill-gżejjer minuri tal-prodotti li huma essenzjali għall-konsum tal-bniedem jew għall-ipproċessar jew bħala kontribut agrikolu b'enfasi fuq l-ispejjeż addizzjonali għad-distanzi twal, l-insularità u ċ-ċokon, u min-naħa l-oħra, għaż-żamma u l-iżvilupp tal-attività agrikola fil-gżejjer minuri, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti lokali.

1.4 L-għan tar-regolament huwa li jiżgura li l-Greċja tapplika b'mod uniformi l-arranġament għall-gżejjer iż-żgħar fil-baħar Eġew bħalma jagħmlu arranġamenti oħrajn simili biex ikunu evitati d-distorzjonijiet kompetittivi jew diskriminatorji fost l-operaturi.

1.5 Ir-regolament jiżgura ġestjoni baġitarja tajba, billi fil-programm tagħha, il-Greċja għandha tindika l-lista ta' għajnuniet li jikkostitwixxu pagamenti diretti għall-prodotti lokali fejn irid jissemma b'mod partikolari l-mod kif ġie definit l-ammont.

1.6 Ir-regolament jistabbilixxi li l-limitu għall-finanzjament tas-sistema speċifika ta' allokazzjoni qiegħed jiżdied b'20 %.

1.7 Il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li timplimenta l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-iskema taċ-ċertifikati u l-impenji tal-operaturi rigward l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista, kif ukoll ta' koordinazzjoni ġenerali tal-kontrolli li l-Greċja għandha tapplika.

1.8 B'konformità mal-Artikolu 11(2), il-Kummissjoni issa ilha li drat li tadotta, permezz ta' att delegat, il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-operaturi fir-reġistru taċ-ċertifikati, timponi r-rekwiżit ta' garanzija għall-preżentazzjoni taċ-ċertifikati u tadotta l-miżuri marbuta mat-twaqqif tal-proċedura tal-adozzjoni tal-emendi għall-programm.

*Raġunijiet*

2. **Daħla**

2.1 B'konformità mar-Regolament (KE) nru 1782/2003, l-għanijiet tal-miżuri u l-prinċipji tal-programmazzjoni, tal-kompatibbiltà u tal-koerenza mal-politiki l-oħra tal-Unjoni stabbilixxew ir-regoli komuni għas-sistemi ta' appoġġ dirett, fil-qafas tal-politika agrikola komuni.

2.2 Skont l-Artikolu 291(2) tat-Trattat, il-Kummissjoni, mgħammra bis-setgħa tal-implimentazzjoni, tieħu d-dispożizzjonijiet regolamentari meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-Greċja tapplika b'mod uniformi l-arranġamenti għall-gżejjer minuri fil-baħar Eġew bl-istess mod ta' arranġamenti oħrajn simili, biex ikunu evitati d-distorzjonijiet kompetittivi jew diskriminatorji fost l-operaturi.

2.3 Ir-regolament jiżgura l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-iskema taċ-ċertifikati u l-impenn tal-operaturi rigward l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista (Artikolu 11(3)).

2.4 Ir-regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi tal-applikazzjoni tal-programm (Artikolu 6(2), Artikolu 15(3) u Artikolu 18(3)) u qafas ġenerali tal-kontrolli li għandha tapplika l-Greċja (Artikolu 7(12), Artikolu 12(2) u Artikolu 14(1)).

2.5 Il-KESE huwa tal-fehma li kemm fit-tisħiħ tal-kontenut tar-regolament li qiegħed jiġi adottat kif ukoll fit-tħejjija ta' politika integrata fiż-żona mifruxa li jokkupaw il-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, għandhom jintużaw id-dibattiti dwar il-pożizzjoni u l-proposti msemmija fil-punti 4, 5, 6 u 7 ta' din l-opinjoni.

3. **Ir-regolament propost fil-qosor**

3.1 Minħabba l-bosta modifiki u minħabba t-tħassib dwar l-armonizzazzjoni mat-Trattat ta' Lisbona, ir-regolament il-ġdid jikkanċella r-regolament preċedenti (KE) nru 1405/2006 u jissostwixxih b'test ġdid.

3.2 Il-kontenut tal-programm ta' appoġġ għall-gżejjer minuri fil-baħar Eġew (Kapitolu II, Artikolu 5), li tħejja mill-Greċja u tressaq lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni, ġie ċċarat bl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u b'konformità miegħu. Bl-istess approċċ, il-Greċja, bis-saħħa tal-awtoritajiet li ħatret hi stess, għandha l-flessibbiltà kollha biex tbiddel il-programm (Kapitolu II, Artikoli 3 u 6) bl-emendi neċessarji.

3.3 Ġew stabbiliti arranġamenti speċifiċi ta' provvista għall-prodotti agrikoli tal-Unjoni, li fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, huma essenzjali għall-konsum tal-bniedem jew għall-produzzjoni ta' prodotti oħra jew bħala kontributi agrikoli (Artikolu 3). Ġie stabbilit ukoll li l-Greċja għandha tħejji rapport dwar il-provvista biex tkopri l-ħtiġiet ta' provvista ta' dawn il-gżejjer.

3.4 Intlaħaq ftehim dwar l-appoġġ għal kull produzzjoni agrikola tal-gżejjer minuri skont il-kriterju tal-ispiża tal-kummerċjalizzazzjoni kkalkulat mill-portijiet tal-Greċja kontinentali li jwettqu l-provvista u l-ispejjeż supplimentari li jistgħu jinqalgħu b'riżultat tan-natura insulari u ċ-ċokon tagħhom.

3.5 Is-sitwazzjoni ġeografika partikolari, l-ispejjeż addizzjonali tat-trasport tal-prodotti u l-ispejjeż addizzjonali marbuta mal-iżolament iwasslu għal żvantaġġi li, biex jiġu kumpensati jfissru t-tnaqqis fil-prezz tal-prodotti konċernati, u għalhekk jinħtieġ arranġament speċifiku tal-provvista. Il-prodotti li ser ikunu soġġetti għall-arranġament speċjali tal-provvista għandhom ikunu ta' kwalità għolja u adatti għas-suq, b'tali mod li tiġi evitata l-ispekulazzjoni.

3.6 Sabiex tinżamm il-kompetittività tal-prodotti tal-Unjoni, għandhom jingħataw għajnuniet għall-provvista ta' prodotti tal-Unjoni lill-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ispejjeż addizzjonali tat-trasport.

3.7 F'każ li jinħoloq vantaġġ ekonomiku mill-arranġamenti speċjali tal-provvista, huwa projbit li l-prodotti jintbagħtu jew jiġu esportati. Madankollu, il-prodotti jistgħu jinbiegħu fis-swieq esterni sakemm il-vantaġġ ekonomiku li jinħoloq mill-arranġament speċifiku tal-provvista jiġi rimborżat. Barra minn hekk, il-prodotti konċernati mill-arranġament speċifiku tal-provvista huma soġġetti għal kontrolli amministrattivi (Artikolu 14).

3.8 L-għajnuna tingħata meta l-operaturi jippreżentaw ċertifikat li juri r-reġistrazzjoni tagħhom fir-reġistri konċernati.

3.9 Qed jitheġġu l-kummerċ tal-prodotti pproċessati bejn il-gżejjer minuri fil-baħar Eġew u l-esportazzjoni tagħhom lejn il-bqija tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi.

3.10 Qiegħed jingħata inċentiv għall-għajnuna lill-produzzjoni lokali, li ngħata bis-saħħa tal-programm ta' appoġġ li stabbilixxa għall-ewwel darba r-Regolament KE nru 1405/2006 u li jħeġġeġ il-produzzjoni, il-kummerċ u l-ipproċessar ta' sensiela sħiħa ta' prodotti, billi hemm provi li l-miżuri stabbiliti mir-regolament kienu effettivi għall-attività agrikola.

3.11 Qegħdin jiġu stabbiliti għadd ta' miżuri għall-finanzjament tal-istudji, l-abbozzi ta' demostrazzjoni, it-taħriġ u xi miżuri ta' għajnuna teknika (Artikolu 15).

3.12 Qegħdin jiġu stimulati l-produzzjoni agrikola u l-kummerċ tal-prodotti ta' kwalità.

3.13 Ir-regolament propost jiddetermina l-kompetenzi tal-Kummissjoni fl-adozzjoni tal-atti delegati, li għandhom jiġu notifikati lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

4. **Rakkomandazzjonijiet**

Il-KESE huwa tal-fehma li għandhom jiġu enfasizzati b'mod partikolari u adottati l-miżuri li ġejjin:

4.1 Il-prodotti agrikoli għandhom jiġu inkorporati fit-tħejjija ta' qafas adatt għall-iżvilupp tat-turiżmu insulari, u, b'mod partikolari, biex dawn il-prodotti jsiru punt ta' attrazzjoni Ewropew u internazzjonali għall-konsumaturi li japprezzaw il-valur nutrittiv speċifiku ta' dieta Mediterranja u tal-prodotti organiċi lokali.

4.2 Bl-istess mod, għandhom jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex il-prodotti agrikoli tradizzjonali jintużaw b'mod iktar effettiv, billi hemm talba għalihom li qed tiżdied, anke f'setturi ekonomiċi oħra, l-iktar fl-industrija tal-farmaċija, tal-kosmetiċi, tal-omeopatija, billi dawn il-prodotti għandhom ukoll proprjetajiet terapewtiċi (il-gomma ta' Chios, iż-żejt taż-żebbuġa, l-għasel, diversi ħwawar, eċċ.).

4.3 Huwa mument opportun biex il-poplu tal-gżejjer jiġi infurmat dwar il-valur nutrittiv u ekonomiku tal-prodotti tiegħu. Il-KESE jipproponi li, fuq gżira sitwata f'post strateġiku, titwaqqaf skola interreġjonali fuq l-istess linji ta' "programm Erasmus għall-istudenti u l-ħaddiema tas-settur tal-agrituriżmu, jew tal-kultivazzjoni tal-prodotti agrikoli".

4.4 Għandhom jiġu previsti miżuri biex jinħolqu programmi edukattivi bil-għan li l-universitajiet nazzjonali u internazzjonali jieħdu sehem fil-programmi ta' taħriġ biex jitwettqu l-istudji u ssir riċerka xjentifika dwar l-iżvilupp tal-potenzjal tal-prodotti insulari u l-użu tagħhom.

4.5 Għandu jiġi implimentat, b'kawtela kbira, approċċ speċifiku favur il-popolazzjoni insulari vulnerabbli, immirat b'mod speċjali lejn ir-reġjuni iżolati, li jkollu linji gwida għaż-żamma tal-popolazzjoni fil-gżejjer u għall-għoti tal-inċentivi (essenzjalment dawk finanzjarji u b'enfasi speċjali fuq iż-żgħażagħ), bit-twaqqif ta' programmi ta' sussidji għall-iżvilupp tal-attività kummerċjali fir-reġjuni mbiegħda. Dawn il-programmi, li mhumiex sottomessi għall-ħlas lura tas-surpluses, għandhom jiffokaw fuq il-possibbiltajiet għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer, filwaqt li jiġu kkunsidrati s-singularità u l-ispeċifiċità tagħhom, u b'konformità mal-karatteristiċi ġeografiċi u ġeoloġiċi tagħhom.

4.6 Għandha tiġi enfasizzata l-ħtieġa għaż-żieda fil-kwalità tal-prodotti agrikoli, li fl-istess ħin għandha tkun akkumpanjata minn tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni.

4.7 Għandhom jinħolqu diversi kriterji speċifiċi li jqisu l-ispeċifiċitajiet morfoloġiċi tal-art u l-kompożizzjoni ġeoloġika tagħha.

5. **Kummenti ġenerali**

Huwa u jirrikonoxxi l-fatturi partikolari li jillimitaw l-iżvilupp agrikolu tal-gżejjer fil-baħar Eġew, il-KESE huwa tal-fehma li dan ir-regolament jista' jittejjeb jekk iqis dawn l-elementi li ġejjin:

5.1 Billi huma limitati, ir-riżorsi essenzjali bħall-ilma, l-enerġija u l-materja prima, għandhom ikunu soġġetti għal ġestjoni rigoruża fil-gżejjer tal-baħar Eġew. Din l-osservazzjoni tgħodd b'mod partikolari għax-xhur tas-sajf minħabba l-fluss kbir ta' turisti u nies li jmorru għall-vaganzi tas-sajf, meta r-reġjuni insulari jiffaċċjaw problemi ta' disponibbiltà ta' riżorsi tal-ilma, tal-enerġija, eċċ. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-problemi msemmija hawn fuq biex jiġu indirizzati b'tali mod li tiġi żgurata ġestjoni aħjar tar-riżorsi u r-rispett tal-bilanċ fl-ambjent naturali. Għal dan il-għan, ir-regolament jista' jipprevedi politiki ta' appoġġ biex jiġu indirizzati dawn il-problemi speċifiċi kbar.

5.2 **Il-bidliet fl-użu tar-raba' fil-gżejjer**: l-artijiet agrikoli dejjem qed jonqsu fil-gżejjer minħabba li qed jintużaw għal attivitajiet oħra, billi jinbnew, jew, minħabba t-tnaqqis fl-attività agrikola, isiru artijiet mhux maħduma, sterili u abbandunati (hemm "iffriżar ta' artijiet" permanenti). Għalhekk, għandu jitħeġġeġ użu aħjar tal-artijiet bis-saħħa tal-programmi ta' appoġġ għall-produzzjoni agrikola. Ir-regolament jista' joħloq qafas ta' għajnuna.

5.3 It-tnaqqis fl-attività u l-abbandun tal-intrapriżi agrikoli, kif ukoll l-akkumulazzjoni ta' bijomassa mejta (fergħat u ħaxix mejta) li qed titħalla fil-foresti u l-ġonna taż-żebbuġ qed iħeġġu n-nirien tal-foresti li jżommu l-artijiet milli jintużaw għal żmien twil.

5.4 Barra minn hekk, hemm bżonn li jerġa' jinstab bilanċ bejn l-artijiet magħżula għall-iżvilupp tat-turiżmu u dawk dedikati għall-agrikoltura. Dawn iż-żewġ setturi għandhom ikunu kumplementari.

5.5 Għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-settur primarju, li qed jitlef ħafna impjiegi, filwaqt li fl-istess ħin l-impjieg fis-settur terzjarju qed jiżdied.

6. **Kummenti speċifiċi**

6.1 Kreta u l-Euboea għandhom jiddaħħlu fir-regolament.

6.2 Għandhom jitniedu inizjattivi mifruxa fuq sena bil-għan li jittejbu l-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-promozzjoni tal-prodotti agrikoli. Dawn l-azzjonijiet huma mmirati speċifikament biex tiżdied il-produzzjoni, iżda fl-istess ħin anke biex tittejjeb il-kwalità.

6.3 Għandha tiġi prevista għajnuna għal kull ettaru marbut mar-riabilitazzjoni u t-tqassim mill-ġdid taż-żoni rurali, għall-preservazzjoni tal-ġonna tradizzjonali taż-żebbuġ u tal-frott ċitriku tal-gżejjer minuri fil-baħar Eġew.

6.4 Għandha tiġi allokata għajnuna finanzjarja addizzjonali għall-prodotti bħall-patata li tittiekel u li tinżara', il-qaqoċċ ta' Tinos, il-pruna ta' Skopelos, it-tadam ċirasa ta' Santorini, il-frott ċitriku, il-fażola tal-ispeċi *Lathyrus sp.* u l-fażola ħadra, ix-xgħir ta' Lemnos, il-varjetà sħiħa ta' ġobon tradizzjonali – pereżempju il-graviera ta' Naxos jew il-ġobon kalathaki ta' Lemnos (denominazzjoni protetta ta' oriġini), il-likur tal-lumi, ir-rakomelo ta' Amorgos, il-biskuttini tal-lewż manifatturati f'Sifnos jew f'Lesbos, is-sardin ta' Kalloni, eċċ.

L-għasel u ż-żejt jagħmlu parti mill-prodotti ewlenin għall-identità u l-kwalità tal-produzzjoni agrikola tal-gżejjer iż-żgħar.

6.5 Għandha tiġi enfasizzata l-kultivazzjoni tradizzjonali tas-siġra tal-gomma tal-gżira ta' Chios kif ukoll il-kultivazzjoni tad-dwieli għall-produzzjoni tal-inbejjed li jibbenefikaw mill-indikazzjoni ġeografika protetta, fiż-żoni tal-kultivazzjoni tradizzjonali tal-gżejjer minuri fil-baħar Eġew.

6.5.1 Għandu jiġi previst appoġġ finanzjarju għall-artijiet kollha mikrija.

6.5.2 Jeħtieġ li jiżdied l-appoġġ għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet protetti ta' oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-ikel.

6.5.3 Għandu jiġi previst appoġġ finanzjarju rigward il-mezzi biex jittejbu l-produzzjoni, il-ħażna, l-istandards u d-distribuzzjoni tal-inbejjed u ż-żjut taż-żebbuġa prodotti fil-gżejjer.

*Kundizzjonijiet:*

6.5.4 Il-limitu massimu ta' redditu, li ġie stabbilit għall-kultivazzjoni, l-użu u l-produzzjoni għal kull ettaru, ma jistax jinqabeż.

6.5.5 Għandhom jiġu implimentati t-tekniki tal-kultivazzjoni bħal dawk previsti fil-liġi nazzjonali.

6.5.6 Il-produzzjoni għandha tinkludi d-denominazzjoni ta' oriġini protetta jew ta' kwalità superjuri.

6.5.7 Ser ikollhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi nazzjonali u l-liġi Ewropea.

## 7. **Proposti**

7.1 Fil-fehma tal-KESE, ir-regolament għandu jiffaċilita l-ħolqien ta' rabtiet ma' setturi oħra tal-ekonomija lokali (it-turiżmu, l-artiġġjanat, il-kummerċ) filwaqt li jenfasizza wkoll il-bidla fl-orjentazzjoni tal-prodott turistiku.

7.2 Il-KESE huwa tal-fehma li wieħed għandu jinsisti fuq it-taħriġ fil-metodi ta' kultivazzjoni u l-proċeduri ta' kif jinġabar il-frott, l-iskoperta ta' siti ta' interess ġeoloġiku, l-għarfien tal-ispeċi tal-annimali preżenti fl-ekosistemi agrikoli, id-dieta Mediterranja, l-ikel tajjeb għas-saħħa u l-prodotti organiċi.

7.3 Il-KESE jemmen li l-esperjenza tas-sensazzjonijiet offruti mid-dell u s-sliem tal-ġonna taż-żebbuġ jew tal-agrumi, il-kuntatt mal-art, il-paċi u n-nuqqas ta' storbju, il-vjaġġ f'qalb il-pajsaġġ rurali lokali, jew aħjar it-taħlita simultanja ta' dawn id-doni, jikkorrispondu ma' forom partikolari u oriġinali tat-turiżmu (it-turiżmu kulturali u ekoloġiku, l-agrituriżmu, it-turiżmu għat-titjib tas-saħħa, it-turiżmu tal-mixi, it-turiżmu gastronomiku, eċċ.).

B'hekk jinħoloq ukoll prodott turistiku b'differenza, b'rabta diretta mal-prodotti agrikoli li huma stess huma marbuta u assoċjati mat-turiżmu ta' kwalità, mal-gastronomija (id-dieta Mediterranja), mal-prodotti organiċi u mal-agrituriżmu. Jista' jiġi evitat ukoll it-turiżmu tal-massa, jiġifieri l-formula tradizzjonali ta' xemx u baħar. **Ir-regolament ser jikkontribwixxi għaż-żamma ta' dawn l-għażliet**.

7.4 Fil-fehma tal-KESE, fil-qafas tal-politiki tal-UE, pereżempju dwar il-prodotti organiċi, il-prodotti kosmetiċi jew tal-parafarmaċija, u fid-dawl tal-promozzjoni tal-prodotti kultivati fil-Mediterran, ser ikun possibbli li fuq waħda mill-gżejjer fil-baħar Eġew jitwaqqaf servizz jew amministrazzjoni responsabbli għall-programmi ta' taħriġ kontinwu dwar id-dieta Mediterranja tajba għas-saħħa jew il-gastronomija Mediterranja.

7.5 Il-Kumitat jirrakkomanda li titfassal politika pilota bbażata fuq il-mudell ta' għarfien tal-kooperattiva tal-Assoċjazzjoni tal-produtturi tal-gomma ta' Chios, li għandha l-għan prinċipali li, fil-Greċja u fl-Ewropa kollha, tiżviluppa netwerk ta' ħwienet ("mastihashop"), sabiex tiġi promossa u ssir sensibilizzazzjoni dwar il-gomma, id-diversi użi u proprjetajiet tagħha, ibda mill-prodotti li jitħejjew b'din is-sustanza f'Chios, fil-Greċja u fl-Unjoni Ewropea.

7.6 Il-KESE diġà ppropona, pereżempju fid-dossiers ECO/213 (10 ta' Lulju 2008) u ECO/262 (15 ta' Lulju 2010), lill-assemblea plenarja tiegħu li tingħata prijorità lill-agrituriżmu, b'rabta mal-għajnuna għall-impjieg.

7.6.1 Għalhekk, fil-fehma tiegħu, ir-regolament għandu jixpruna l-impjieg tal-abitanti tal-gżejjer fis-settur agrikolu, billi jappoġġjah b'mod konkret permezz tar-rikonoxximent tad-dritt tagħhom għall-investiment fl-agrituriżmu u d-dħul minnu. Wieħed mill-elementi essenzjali biex dawn iż-żewġ attivitajiet jgħinu lil xulxin huwa li jiġi adottat l-istatus doppju tal-artijiet, li għandu jkollhom skop agrikolu (jew ta' forestrija) u agrituristiku fl-istess ħin. Madankollu, dan id-dritt m'għandux ikun marbut ma' parti ta' art, iżda mal-użu

7.6.2 Għandhom jiġu garantiti l-kundizzjonijiet favorevoli għall-agrituriżmu, jiġifieri dawk li jikkonċernaw id-dritt li tinbena u tiġi użata ażjenda żgħira tat-turiżmu rurali fi ħdan l-agrikoltura, dritt li jingħata u jiġġedded bil-patt u l-kundizzjoni li tinżamm u tiġi segwita l-produzzjoni (taż-żebbuġ, tal-għeneb, tal-lariġ, tal-mandolin, tal-gomma, tal-għasel, tat-tin, eċċ.).

7.6.3 Fiż-żoni żvantaġġati tal-gżejjer minuri, fejn il-popolazzjoni naqset jew fejn l-artijiet agrikoli huma abbandunati, l-iżvilupp tal-agrikoltura fuq bażi part-time joffri l-iktar soluzzjoni adatta u l-iktar waħda stabbli għaż-żamma tal-popolazzjoni u l-preservazzjoni tal-ambjent insulari.

Għal dan il-għan, ir-regolament jista' jagħti kontribut filwaqt li jservi bħala katalist għall-preservazzjoni tal-ħajja, tar-rikkezzi naturali u tal-ambjent, għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha li jżuru dawn ir-reġjuni insulari, u naturalment għall-abitanti tagħhom.

7.7 Fl-aħħar nett, il-KESE jqis li s-setturi essenzjali għall-iżvilupp tal-gżejjer huma l-ewwel nett is-setturi tal-agrikoltura u tat-turiżmu. Fil-gżejjer hemm ukoll oqsma oħra ta' attività, bħat-trobbija tal-annimali, is-sajd, in-navigazzjoni u s-settur kulturali. Dawn is-setturi jistgħu jiġu użati b'mod simultanju għall-promozzjoni u l-iżvilupp tal-prodotti agrikoli lokali fis-suq. Sabiex dan jitwettaq hemm bżonn ta' appoġġ għar-riċerka, pereżempju bil-ħolqien ta' skejjel tal-agrikoltura, bi tnedija ta' strateġija ta' tkabbir ibbażata fuq l-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-għoti ta' vantaġġi kompetittivi ġodda u dinamiċi, jew bl-użu tal-potenzjal tal-gżejjer fl-Eġew fl-oqsma tal-edukazzjoni u r-riċerka. B'hekk jitfassal qafas integrat għal strateġija li tindirizza s-setturi kollha tal-ekonomija, li tmur lilhinn mill-iskema klassika tal-gżira-Stat, bħal Malta u Ċipru, jew il-mudell tal-gżejjer li għandhom identità reġjonali qawwija, bħal Sardinja u Korsika, li toħloq mudell kontemporanju ġdid ta' tkabbir insulari li jiġi applikat għall-agrikultura iżda wkoll, b'mod ġenerali, għall-gżejjer iż-żgħar fil-baħar Eġew.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 fir-rigward tar-regoli għall-implimentazzjoni ta' modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti skont il-politika agrikola komuni"

*COM(2010) 772 finali – 2010/0372 (COD)*

(2011/C 132/16)

Relatur uniku: **is-Sur MIRA**

Nhar it-18 ta' Jannar 2011, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 fir-rigward tar-regoli għall-implimentazzjoni ta' modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti skont il-politika agrikola komuni*

COM(2010) 772 finali – 2010/0372 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Frar 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu 2011), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'176 voti favur, 2 voti kontra u 14-il astensjoni.

### 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 L-allinjament tar-Regolament Nru 378/2007 (modulazzjoni volontarja tal-pagamenti diretti skont il-PAK) mat-Trattat ta' Lisbona jagħmel distinzjoni bejn is-setgħat delegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali biex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' atti leġislattivi (atti delegati), u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' atti tal-Unjoni li jorbtu bil-liġi (atti ta' implimentazzjoni). Il-KESE jemmen bis-sħiħ fil-konsultazzjoni tal-partijiet interessati u l-Istati Membri matul it-tħejjija tal-leġislazzjoni Komunitarja, u jenfasizza l-bżonn li titkompla.

1.2 Il-KESE jaqbel li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammonti netti li jirriżultaw mill-modulazzjoni volontarja permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna ta' kumitat, bil-għan li l-proċeduri jkunu rapidi u effettivi.

1.3 Il-KESE jaqbel li l-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni bl-għajnuna tal-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali bil-għan li jiġi żgurat li l-modulazzjoni volontarja tiġi inegrata fil-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali.

1.4 Il-KESE jaqbel li l-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni bl-għajnuna tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli bil-għan li tiġi żgurata l-ġestjoni finanzjarja tal-modulazzjoni volontarja.

### 2. **Kummenti**

2.1 Il-modulazzjoni volontarja hija strument fakultattiv li jinvolvi trasferiment sa massimu ta' 20 % tas-somma totali tal-għajnuna diretta fil-qafas tal-ewwel pilastru direttament lill-iżvilpp rurali, mingħar il-bżonn ta' ridistribuzzjoni. Fi kliem ieħor, is-somma modulata (meħuda mill-ewwel pilastru) hija eżattament l-istess bħas-somma li "tidħol" fit-tieni pilastru f'kull Stat Membru: ma hemm l-ebda obbligu ta' kofinanzjament. L-uniċi Stati Membri li talbu li jużaw din id-dispożizzjoni kienu l-Portugall u r-Renju Unit, għalkemm il-Portugall qatt ma applikaha fil-fatt għax diġà għandu bilanċ bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK.

2.2 Ir-Renju Unit huwa l-uniku Stat Membru li juża l-modulazzjoni volontarja biex jittrasferixxi persentaġġ tal-pagamenti diretti fil-qafas tal-ewwel pilastru għal skopijiet ta' zvilupp rurali. Dan it-trasferiment iżid l-ammont li għandu r-Renju Unit biex jiffinanzja l-iżvilupp rurali.

2.3 Il-proposti tal-Kummissjoni li jemendaw ir-Regolament Nru 378/2007 (modulazzjoni volontarja tal-pagamenti direeti skont il-PAK) jinvolvu dawn it-tipi ta' emendi:

— Emendi marbuta mal-allinjament mat-Trattat ta' Lisbona

— L-għoti ta' setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiżgura li l-modulazzjoni volontarja tiġi applikata b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha

— L-għoti ta' setgħat lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni volontarja permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, mingħajr l-għajnuna ta' kumitat.

2.4 It-Trattat ta' Lisbona jistabbilixxi żewġ kategoriji ġodda ta' atti ġudizzjarji: atti delegati u atti ta' implimentazzjoni.

2.5 Fil-każ tal-atti delegati, il-leġislatur jiddelega s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti li jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' att leġisattiv. L-atti delegati jistgħu jippreċiżaw ċerti dettalji tekniċi jew jikkonsistu f'emenda sussegwenti ta' ċerti elementi ta' att leġislattiv. Għalhekk, il-leġislatur jista' jiffoka fuq id-direzzjoni u l-għanijiet tal-politiki mingħajr ma jidħol f'dibattiti tekniċi żżejjed. Iżda, din id-delega għandha restrizzjonijiet stretti għax il-Kummissjoni biss tista' tiġi awtorizzata tadotta atti delegati. Barra minn hekk, il-leġislatur jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tad-delega. Għalhekk, l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula li l-Kunsill jew il-Parlament Ewropew jista' jirtira delega jew jillimita l-perjodu ta' applikazzjoni tagħha.

2.6 Fil-każ tal-atti ta' implimentazzjoni, it-Trattat ta' Lisbona jsaħħaħ ukoll is-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni. Fil-prinċipju, l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Iżda, ċerti miżuri tal-UE jridu jiġu applikati b'mod uniformi fl-UE, u f'dawn iż-żewġ każi l-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fuq l-applikazzjoni tagħhom.

Qabel ma daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, is-setgħa ta' implimentazzjoni kienet f'idejn il-Kunsill, li ddelega l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. L-Artikolu 291 TFUE issa jirrikonoxxi s-setgħa mogħtia lill-Kummissjoni. Għalhekk, f'każ li jeħtieġ li l-miżuri tal-UE jiġu applikati b'mod uniformi fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha l-awtorizzazzjoni diretta li tadotta atti ta' implimentazzjoni.

## 3. **Kummenti finali**

3.1 Għalkemm dan mhuwiex direttament marbut mal-allinjament mat-Trattat ta' Lisbona, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-forums rappreżentati minn gruppi konsultattivi fil-konsultazzjoni tal-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili. Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar ir-rwol ta' dawn il-forums, peress li jaqdu rwol essenzjali fit-trażmissjoni tal-għarfien speċjalizzat u l-pożizzjonijiet lill-Kummissjoni kif ukoll biex il-partijiet interessati jsiru midħla tal-leġislazzjoni li tkun qed titħejja f'fażi bikrija.

3.2 Il-KESE jinnota li d-distinzjoni bejn l-atti ta' delega u l-atti ta' implimentazzjoni hija interpretata b'mod differenti mill-Kunsill u mill-Kummissjoni. Minħabba f'hekk, il-KESE huwa tal-fehma li l-għażla tal-proċedura għal kull att trid issir fuq il-bażi ta' kriterji ċari.

3.3 Deċiżjonijiet oħra jistgħu jeħtieġu konsultazzjoni minn qabel mal-Istati Membri sabiex tinħoloq komprensjoni reċiproka tajba. Dan jippermetti wkoll li l-Kummissjoni tibbenefika mill-għarfien speċjalizzat tal-Istati Membri.

3.4 Il-KESE jaqbel li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammonti netti li jirriżultaw mill-modulazzjoni volontarja permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajnuna ta' kumitat, bil-għan li l-proċeduri jkunu rapidi u effettivi.

3.5 Il-KESE jaqbel li l-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni bl-għajnuna tal-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali bil-għan li jiġi żgurat li l-modulazzjoni volontarja tiġi integrata fil-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali.

3.6 Il-KESE jaqbel li l-Kummissjoni għanu jkollha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni bl-għajnuna tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli bil-għan li tiġi żgurata l-ġestjoni finanzjarja tal-modulazzjoni volontarja.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament (UE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS unika)"**

*COM(2010) 799 finali – 2010/0385 finali*

(2011/C 132/17)

Relatur: **Is-Sur Pedro NARRO**

Nhar it-18 ta' Jannar 2011, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, b'konformità mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iddeċidew li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament (UE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS unika)*

COM(2010) 799 finali – 2010/0385 finali

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Frar 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu 2011), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'174 vot favur, 5 voti kontra u 15-il astensjoni.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jilqa' bis-sħiħ is-semplifikazzjoni u t-trasparenza li jista' jġib miegħu l-allinjament mat-Trattat ta' Lisbona fir-rigward tal-leġislazzjoni kumplessa li tirriżulta mill-OKS unika. Madankollu, iċ-ċittadini jeħtieġu semplifikazzjoni u trasparenza ikbar.

1.2 Il-KESE jemmen bis-sħiħ fil-proċess ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati u tal-Istati Membri għat-tfassil tal-leġislazzjoni tal-UE u jixtieq li jinżamm. Fid-dawl tal-applikazzjoni tas-sistema l-ġdida ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni, huwa essenzjali li jiġu promossi t-trasparenza u d-djalogu mar-rappreżentanti tas-settur.

1.3 Il-Kummissjoni għandha tiċċara b'urġenza l-forom li għandha tieħu l-konsultazzjoni tal-esperti u l-funzjonament il-ġdid tal-Kumitat ta' Ġestjoni fir-rigward tal-atti ta' implimentazzjoni.

1.4 Il-KESE huwa favur definizzjoni ċara tal-atti delegati u jitlob definizzjoni tat-terminu "mhux essenzjali" li jikkaratterizza lil dawn l-atti, definizzjoni tat-tul tal-validità tad-delegazzjoni, kif ukoll valutazzjoni bir-reqqa "każ b'każ". Fir-rigward ta' dawn l-atti jidher li huwa fundamentali li l-Parlament u l-Kunsil jingħataw informazzjoni dettaljata mill-aktar fis possibbli dwar l-atti li għandhom jiġu adottati bil-għan li tiġi ffaċilitata t-tneħħija potenzjali tad-delega.

## 2. **Kuntest tal-opinjoni**

2.1 L-għan tal-proposta huwa li tallinja r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq Uniku mad-divrenzjar bejn is-setgħat iddelegati u dawk ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li ddaħħlu bl-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE). Għaldaqstant il-proposta tillimita ruħha għall-adattament tal-OKS unika għar-rekwiżiti l-ġodda tat-Trattat ta' Lisbona mingħajr ma taffettwa l-approċċ attwali tal-Unjoni.

2.2 L-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat ta' Lisbona jipprevedu li tinbidel il-proċedura ta' deċiżjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew f'dak li jirrigwarda r-regoli tal-implimentazzjoni tat-testi leġislattivi Komunitarji.

2.3 L-Artikolu 290 tat-TFUE jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tikkompleta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tar-regoli tiegħu. B'riżultat ta' dan, att iddelegat tal-Kummissjoni jista' jiddetermina l-elementi kumplementari u "mhux essenzjali" li huma meħtieġa biex l-organizzazzjoni komuni tas-swieq taħdem tajjeb. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati biex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-aġenti ekonomiċi fi proċedura, l-obbligi derivati mill-ħruġ ta' liċenzja, il-kriterji biex il-prodotti jkunu jistgħu jidħlu fis-swieq, id-definizzjonijiet, eċċ.

2.4 Skont l-Artikolu 291 tat-TFUE, l-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-iskema stabbilita mil-Leġislatur. Madankollu dan l-Artikolu jenfasizza l-bżonn li l-iskema tapplika għall-Istati Membri kollha b'mod uniformi. Għalhekk, il-Leġislatur jagħti lill-Kummissjoni setgħat ta' implimentazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-suq u l-qafas ġenerali tal-kontrolli li għandhom jimplimentaw l-Istati Membri.

2.5 L-Artikolu 43(3) tat-TFUE, b'mod eċċezzjonali, jipprovdi bażi awtonoma għall-adozzjoni ta' atti legali mill-Kunsill. Dan l-Artikolu jistipula li "Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, l-imposti, l-għajnuna u l-limitazzjonijiet kwantitattivi (…)". Din id-dispożizzjoni tirrappreżenta eċċezzjoni għall-Artikolu 43(2) tat-TFUE li jirrakkomanda l-użu tal-proċedura leġislattiva ordinarja għall-istabbiliment tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli.

2.6 Fil-proposta tagħha l-Kummissjoni tintegra l-kontenut ta' erba' proposti:

a) ir-Riżoluzzjoni leġislattiva dwar l-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-Monopolju tal-Alkoħol tal-Ġermanja (COM (2010) 336 finali);

b) il-Proposta għal Regolament dwar id-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni (COM (2010) 486 finali);

c) il-Proposta għal modifika tar-Regolament (KE) 1234/2007 dwar l-istandards tal- kummerċjalizzazzjoni;

d) il-Proposta għal modifika tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Filwaqt li l-bidliet fl-istruttura tal-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni mhumiex revoluzzjonarji, jirrappreżentaw tranżizzjoni importanti lejn mudell ġdid li jbiddel il-kompetenzi ta' implimentazzjoni tal-atti Komunitarji. Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni ser tillimita ruħha esklużivament għall-każijiet fejn l-armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri tkun indispensabbli għat-traspożizzjoni tat-test.

3.2 Bil-għan li tassigura funzjonament tajjeb tas-sistema l-ġdida, il-Kummissjoni trid tiżviluppa regolamentazzjoni ġdida li tispeċifika l-kompetenzi u l-funzjonament tal-korpi li jissostitwixxu lill-Kumitati fil-qafas tal-komitoloġija dderogata.

3.3 B'ħarsa lejn il-ġejjieni, huwa ferm importanti li tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri u tar-rappreżentanti tas-settur fl-adozzjoni ta' atti leġislattivi. Il-proċess ta' żmuntaġġ tas-sistema tradizzjonali tal-komitoloġija ma jistax iwassal għall-emarġinazzjoni tal-operaturi tas-settur.

3.4 Il-gruppi konsultattivi, bħall-korpi ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili, jikkostitwixxu parti fundamentali tal-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell Komunitarju. Mingħajr dubju, ma jistax jinxteħet dubju fuq dawn il-korpi billi huma meħtieġa għall-katina ta' trażmissjoni tal-għarfien u tar-realtà tas-settur lill-Kummissjoni.

3.5 L-atti delegati, riżervati għall-elementi "mhux essenzjali" tal-att leġislattiv, huma kwistjoni kontroversjali fid-dibattiti bejn il-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni. L-atti delegati huma ta' importanza kapitali; minħabba f'hekk in-natura "mhux essenzjali" tal-att leġislattiv għandha tiġi ddefinita aħjar. Għandu jiġi definit ukoll it-tul tal-validità tad-delegazzjoni, u jeħtieġ li ssir valutazzjoni bir-reqqa "każ b'każ.

3.6 Il-KESE jixtieq jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-proċess leġislattiv ordinarju għall-istabbiliment tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli. L-Artikolu 43(3) tat-TFUE jistipula li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, l-imposti, l-għajnuna u l-limitazzjonijiet kwantitattivi. Ir-rwol tal-Parlament Ewropew fil-qasam agrikolu għandu jitħares u għalhekk qiegħda tintalab interpretazzjoni restrittiva u koerenti tal-Artikolu msemmi.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 Il-Kummissjoni wettqet sforz konsiderevoli u ferm kumpless biex tallinja l-korp estensiv tal-OKS unika mal-kundizzjonijiet il-ġodda tat-Trattat ta' Lisbona. Fi ħdan dan l-eżerċizzju l-ġdid ta' semplifikazzjoni huwa ferm importanti li mhux l-amministrazzjonijiet biss jibbenefikaw mis-sistema l-ġdida iżda li dawk li jiddependu minnhom jibbenefikaw ukoll mit-tnaqqis fil-burokrazija u l-kumplessità.

4.2 Il-proposta għal regolament ta' adattament tal-OKS unika tinkludi 300 atti delegati u 294 atti ta' implimentazzjoni. B'differenza għall-allinjament ta' regolamenti oħra għat-Trattat ta' Lisbona, bħall-għajnuna għall-iżvilupp rurali via l-FAEŻR jew id-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-iskemi ta' għajnuna diretta lill-bdiewa, f'dan il-każ il-Kummissjoni llimitat ruħha għal adattament "formali" mingħajr ma nkludiet dispożizzjonijiet ġodda.

4.3 Il-KESE jemmen bis-sħiħ li, fl-interess tat-trasparenza, il-Kummissjoni Ewropea inkludiet f'diversi artikoli ċerti dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu adottati mingħajr il-Kumitat ta' Ġestjoni. Fil-passat, il-proċedura kienet simili iżda ma kenitx inkluża f'test leġislattiv. Eżempju ta' dan l-eżerċizzju fir-rigward tal-atti ta' implimentazzjoni jinsab fl-Artikoli 255 u 270 tal-proposta dwar il-ġestjoni tal-kwoti ta' importazzjoni u l-permessi ta' esportazzjoni.

4.4 F'ċerti setturi, ir-referenza għal ċerti deċiżjonijiet bħala atti delegati tista' tkun problematika. Fil-każ tas-settur tal-inbid, id-deċiżjonijiet dwar il-prattiki tal-produzzjoni tal-inbid mhux ser ikomplu jkunu kompetenza tal-Istati Membri u, billi ser jiġu kkunsidrati bħala atti delegati, il-kompetenza ser taqa' esklużivament f'idejn il-Kummissjoni. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni għandha tiċċara dawk il-punti fejn, minkejja l-fatt li l-għan kien li ssir emenda legali żgħira fit-test, fil-prattika twettqet modifika sostanzjali tal-kompetenzi.

Brusell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/75/KE fir-rigward tat-tilqima kontra l-bluetongue"**

*COM(2010)666 finali – 2010/0326 (COD)*

(2011/C 132/18)

Relatur uniku: **is-Sur JÍROVEC**

Nhar is-26 ta' Jannar 2011, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/75/KE fir-rigward tat-tilqima kontra l-bluetongue*

COM(2010) 666 finali – 2010/0126 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Frar 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'185 vot favur, 2 voti kontra u 12-il astensjoni.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kumitat jirrakkomanda li għall-istess fini jiġi modifikat ukoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 dwar regoli implimentattivi għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE fir-rigward tal-kontroll, tal-immonitorjar, tas-sorveljanza u tar-restrizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-movimenti ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli għall-bluetongue.

1.2 Il-Kumitat ifakkar fis-sitwazzjoni li nqalgħet meta waqaf it-tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u d-deni tal-ħnieżer, fejn wieħed mill-argumenti favur dan il-pass kien li l-ispejjeż tal-eradikazzjoni tal-każijiet sporadiċi jkunu ħafna inqas mill-ispejjeż tat-tilqim.

1.3 Il-Kumitat jemmen li huwa utli li tiġi enfasizzata l-possibbiltà li l-għażla titħalla f'idejn kull Stat Membru tal-Unjoni peress li s-sitwazzjoni epidemika fil-pajjiżi bi klima moderata hija differenti minn dik tal-pajjiżi tan-Nofsinhar u t-tipi ta' bluetongue ivarjaw ukoll. Il-pajjiżi li jagħżlu li ma jlaqqmux huma f'pożizzjoni aħjar li jidentifikaw il-marda. Madanakollu xorta jeżisti riskju għax forom eżotiċi ġodda tal-marda mill-Asja ser ikun iktar diffiċli biex jiġu identifikati.

1.4 Il-Kumtat huwa tal-fehma li l-emenda tad-Direttiva kkonċernata tintegra tajjeb l-aħħar evoluzzjonijiet teknoloġiċi fil-qasam tal-produzzjoni tal-vaċċini; dawn il-vaċċini jistgħu jintużaw ukoll barra miż-żoni fejn il-movimenti tal-annimali huma limitati. Din l-emenda proposta għad-Direttiva tiżgura b'mod speċifiku li l-Istati Membri ma jkollhomx spejjeż amministrattivi żejda, ħlief għal dawk relatati mal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' programm eventwali ta' tilqim. Il-proposta kkonċernata ma tipprevedix impatti soċjali importanti. Il-Kumitat jappoġġja dan il-għan b'mod sħiħ u, abbażi ta' din il-garanzija, jilqa' l-proposta kkonċernata b'mod favorevoli.

## 2. **Introduzzjoni u kontenut essenzjali tal-Komunikazzjoni**

2.1 L-għan tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill huwa li timmodifika r-regoli dwar it-tilqim li attwalment huma stipulati fid-Direttiva 2000/75/KE biex dawn isiru iktar flessibbli, bil-kunsiderazzjoni tal-fatt li llum jeżistu vaċċini inattivati u li dawn jista' jkollhom riżultati barra miż-żoni fejn il-movimenti tal-annimali huma ristretti.

2.2 Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-emenda għal-leġislazzjoni hija neċessarja biex tirrifletti l-progress teknoloġiku fil-qasam tal-iżvilupp tal-vaċċini. L-emenda proposta se tippermetti li tintgħażel strateġija ta' ġlieda kontra l-bluetongue abbażi tas-sitwazzjoni speċifika fl-Istati Membri, mingħajr intervent bla bżonn min-naħa tal-Unjoni.

2.3 Illum jeżisti qbil ġenerali li t-tilqim b'vaċċini inattivati huwa l-għodda preferuta għall-ġlieda kontra l-bluetongue u l-prevenzjoni tal-forom kliniċi tagħha fl-Unjoni. L-użu ta' dawn il-vaċċini jippermetti li jiġu evitati r-restrizzjonijiet attwali fuq it-tilqim ta' prevenzjoni barra miż-żoni fejn il-movimenti tal-annimali huma limitati.

## 3. **Kummenti**

3.1 Fit-tliet snin li għaddew, saru jeżistu vaċċini inattivati ġodda kontra l-bluetongue, li jistgħu jintużaw b'mod sikur barra miż-żoni ristretti. Għalhekk l-Istati Membri jinsabu f'pożizzjoni li jfasslu l-istrateġija tagħhom ta' prevenjoni tal-marda u tal-ġlieda kontriha mingħajr intervent bla bżonn min-naħa tal-Unjoni.

3.2 Billi żżid l-għadd ta’ alternattivi disponibbli għall-ġlieda kontra l-marda, il-proposta mistennija li tnaqqas il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali ta’ din il-marda. Madankollu, huwa diffiċli li l-vantaġġi ta’ din il-proposta jiġu kwantifikati b’mod preċiż, peress li dawn jiddependu mill-evoluzzjoni imprevedibbli tal-marda li m’għadhiex waħda eżotika fl-Ewropa.

3.3 Il-proposta kkonċernata mhux ser ikollha impatt fuq il-miżuri eżistenti tal-ġlieda kontra l-marda. Għalhekk mhux se jkollha impatt dirett fuq il-programmi annwali u multiannwali tal-UE għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta’ ċertu mard tal-annimali.

3.4 Billi tippermetti l-użu mifrux tat-tilqim fl-Unjoni, din il-proposta għandha l-potenzjal li tnaqqas it-telf dirett u indirett ikkawżat mill-bluetongue u b’hekk ittaffi l-impatt ekonomiku tal-marda.

3.5 Il-proposta se tippermetti użu iktar mifrux tat-tilqim u ser iżżid l-opportunitajiet tas-suq għall-kumpaniji farmaċewtiċi li jipproduċu l-vaċċini inattivati kontra l-bluetongue.

Brussell, 15 ta’ Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020"**

*COM(2010) 389 finali*

(2011/C 132/19)

Relatur: **is-Sur SIMONS**

Nhar l-20 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020*

COM (2010) 389 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-1 ta' Marzu 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tas-16 ta' Marzu 2011), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'158 vot favur, 2 voti kontra u 4 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jappella biex jitnaqqas l-għadd ta' vittmi tat-traffiku, fl-interess ġenerali soċjali u jaqbel mal-proposti – ambizzjużi – tal-Kummissjoni biex tul il-perjodu 2011-2020 tnaqqas dan in-numru bin-nofs meta mqabbel mal-2010.

1.2 Il-Kumitat jenfasizza li huwa rakkomandabbli li jitfasslu miri ta' tnaqqis differenti għad-diversi Stati Membri, għax ir-riskji jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

1.3 Fil-fehma tal-Kumitat, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm għandu jkun f'idejn aġenzija Ewropea stabbilita apposta għas-sikurezza tat-triq, bħala ċentru ta' osservazzjoni u monitoraġġ, li jħaddan ukoll esperti tat-traffiku maħtura mill-Istati Membri.

1.4 Din l-aġenzija, bħala ċentru ta' osservazzjoni u monitoraġġ, għandha tieħu ħsieb li darba fis-sena jsir monitoraġġ biex jiġi żgurat li l-programm qed jilħaq l-għanijiet stabbiliti.

1.5 Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu rispettati, biex jintlaħaq l-għan tal-Kummissjoni li sal-2020 l-għadd tal-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku jkun naqas bin-nofs:

— Tmexxija politika b'saħħitha

— Id-disponibbiltà ta' statistika uniformi u dettaljata

— Il-ħolqien ta' għanijiet rigward utenti tat-triq li jġarrbu feriti gravi u d-definizzjoni ta' "ferita gravi"

— Politika Komunitarja iktar stretta rigward l-armonizzazzjoni u t-twaqqif ta' miżuri tas-sikurezza tat-triq

— Iżjed attenzjoni lit-taħriġ speċjali, b'mod partikolari, għall-utenti vulnerabbli tat-triq bħat-tfal, l-anzjani, l-utenti b'diżabbiltà u s-sewwieqa tal-powered two-wheelers (PTWs), iċ-ċiklisti u l-persuni mixjin fit-triq

— L-involviment ta' kull min iħaddem, u jkollu flotta tal-karozzi proprja, fl-implimentazzjoni tal-aħjar prattika

— L-introduzzjoni ta' liġi Komunitarja li għadha nieqsa għall-kategoriji tal-utenti vulnerabbli tat-triq

— Żieda fis-sikurezza tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew u mill-inqas 25 % tal-bqija tan-netwerk tat-trasport jinġab sal-livell TEN-T

— Taħriġ speċjali għall-persunal tal-pulizija, tal-ambulanzi, tat-tifi tan-nar, tal-protezzjoni ċivili u tas-servizzi tal-irmonkar, jiġifieri dawk kollha li jagħtu għajnuna f'każ ta' inċident, sabiex il-kwalità ta' dan il-persunal tibqa' għolja u jitħarrġu b'mod professjonali u fl-istess ħin jittejbu l-proċeduri amministrattivi

— Estensjoni rapida tal-parkeġġi sikuri u mmonitorjati għas-sewwieqa professjonali

— Il-Kumitat jitlob ukoll li l-kuntratti jkunu relatati mal-għarfien professjonali tas-sewwieq u mhux relatati mal-prestazzjoni.

1.6 Minħabba l-fattur uman fit-traffiku tat-triq, il-Kumitat jaqbel mal-Kummissjoni li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-infurzar kontinwi huma kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jiffoka l-iktar fuq il-gruppi vulnerabbli.

1.7 Rigward l-aspett tal-infurzar, il-Kumitat mill-ġdid jisħaq li għandu jiġi kkunsidrat ukoll l-infurzar transkonfinali.

1.8 Il-Kumitat jappoġġja l-introduzzjoni tal-miżuri li ġejjin:

— fir-rigward tal-vetturi professjonali għat-trasport ta' tagħbija ta' inqas minn 3,5 tunnellata, it-twessigħ tal-leġislazzjoni dwar il-ħin tas-sewqan u l-ħin ta' ħidma tas-sewwieqa

— l-installazzjoni ta' kontrolluri tal-veloċità fil-vetturi kummerċjali ż-żgħar

— l-installazzjoni ta' alcohol interlock devices (tagħmir maħsub biex sewwieq xurban ma jkunx jista' jistartja l-magna tal-vettura) u mezzi biex jiġi skopert l-użu tad-drogi fil-vetturi tqal tal-merkanzija, il-vetturi kummerċjali ż-żgħar u l-vetturi privati meta persuna tinstab ħatja li kienet qed issuq taħt l-influwenza tal-alkoħol

— l-introduzzjoni ta' miżuri tas-sikurezza attivi u passivi fil-PTWs

— l-implimentazzjoni minn kull Stat Membru ta' mapep bl-hekk imsejħa "black spots" u l-aġġornament annwali ta' dawn il-mapep

— l-estensjoni tas-sistema tal-e-Call għal vetturi oħra, bħall-PTWs

— li l-orjentazzjonijiet strateġiċi ta' politika jissarrfu fi programm ta' azzjoni dettaljat.

## 2. **Daħla**

2.1 F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni qed tagħti l-viżjoni tagħha dwar l-iżvilupp tas-sikurezza tat-triq għall-perjodu bejn l-2011 u l-2020.

2.2 Bis-saħħa tal-orjentazzjonijiet ta' politika miġbura f'din il-Komunikazzjoni, l-għan tal-Kummissjoni huwa li tiżviluppa qafas ġenerali ta' governanza u li tistabbilixxi għanijiet ambizzjużi li jistgħu jiggwidaw l-istrateġiji nazzjonali u lokali. B'hekk, l-azzjonijiet deskritti jistgħu jiġu implimentati fl-iktar livell adatt, bl-iktar mezzi adatti u bl-iktar mod effiċjenti.

2.3 Skont il-Kummissjoni, l-azzjonijiet li ġejjin għandhom jingħataw prijorità assoluta:

— il-ħolqien ta' qafas ta' kooperazzjoni strutturat u koerenti li jibni fuq l-aħjar prattiki fl-Istati Membri bħala garanzija neċessarja biex l-orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq għall-perjodu 2011-2020 jiġu implimentati b'mod effettiv

— l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija għall-kura tal-persuni feruti u għall-ewwel għajnuna fl-inċidenti, biex jiġi indirizzat il-bżonn dejjem iktar urġenti tat-tnaqqis tal-għadd ta' vittmi tat-traffiku

— it-titjib tas-sikurezza tal-iktar utenti vulnerabbli tat-triq, b'mod speċjali s-sewwieqa tal-muturi, peress li fil-każ tagħhom, l-istatistika tal-inċidenti hija partikolarment inkwetanti.

2.4 Il-Kummissjoni tosserva li l-orjentazzjonijiet ta' politika proposti jikkunsidraw ir-riżultati tat-tielet programm ta' azzjoni għas-sikurezza tat-triq 2001-2010, li b'xorti ħażina urew li l-għan tat-tnaqqis bin-nofs tal-imwiet b'inċidenti tat-traffiku, mhuwiex ser jintlaħaq. Madankollu, sar progress konsistenti, speċjalment fl-aħħar snin.

2.5 Sabiex jintlaħaq l-għan li tinħoloq żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi infurzat l-għan li l-għadd ta' mwiet b'inċidenti tat-traffiku fl-Unjoni Ewropea jitnaqqas bin-nofs fil-perjodu 2011-2020, ibbażat fuq l-għadd ta' mwiet fl-2010.

2.6 Rigward il-progress li sar fil-perjodu tat-tielet programm ta' azzjoni (tnaqqis ta' bejn 35 u 40 % tal-għadd ta' vittmi li mietu), il-Kummissjoni tqis li t-tnaqqis tal-għadd tal-imwiet b'inċidenti tat-traffiku bin-nofs tul l-għaxar snin li ġejjin huwa għan ambizzjuż meta jitqies li l-għan tat-tielet programm ta' azzjoni ma ntlaħaqx.

2.7 Il-Kummissjoni qed tfittex li tilħaq l-għan għas-sena 2020 billi tiffoka b'mod intensiv fuq is-seba' għanijiet li ġejjin:

— it-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-utenti tat-triq

— it-tisħiħ tal-infurzar tar-regoli tat-traffiku

— il-bini ta' infrastruttura tat-toroq iktar sikura

— l-intenzjoni li jkun hemm vetturi aktar sikuri fit-triq

— il-promozzjoni tal-użu ta' teknoloġija moderna biex tittejjeb is-sikurezza tat-triq

— it-titjib tas-servizzi tal-emerġenza u ta' wara l-korrimenti u

— l-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-triq.

2.8 Għal kull wieħed mill-għanijiet imsemmija, il-Kummissjoni abbinat azzjonijiet konkreti bil-għan li jwasslu biex l-għadd ta' mwiet b'inċidenti tat-traffiku jonqos bin-nofs. Dawn l-azzjonijiet ser jiġu diskussi fil-parti tal-kummenti ġenerali u speċifiċi ta' din l-opinjoni.

2.9 Rigward il-mod kif dawn il-miri għandhom jinkisbu, il-Kummissjoni ma tantx hi tal-idea li tiddaħħal leġislazzjoni ġdida, iżda iktar li jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-acquis tal-UE rigward is-sikurezza tat-triq, li jinħoloq qafas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u li jiġu stabbiliti strumenti Komunitarji għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-effikaċja tal-politika tas-sikurezza tat-triq.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Il-Kumitat huwa tal-fehma li t-tnaqqis fl-għadd ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku huwa ta' importanza kbira għas-soċjetà. Dan joħroġ biċ-ċar mill-opinjonijiet li ħarġu dwar dan is-suġġett tul is-snin li għaddew ([1]). Fl-istess ħin, fl-aħħar perjodu ta' azzjoni, l-għadd ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fil-fatt naqas bil-kbir. Huwa jaqbel ukoll mal-għanijiet – mill-ġdid ambizzjużi – tal-Kummissjoni biex l-għadd ta' mwiet b'inċidenti tat-traffiku fil-perjodu 2011-2020 jonqos bin-nofs l-għadd tal-2010.

3.2 Bl-isem il-ġdid ta' "orjentazzjonijiet ta' politika" minflok "linji gwida strateġiċi", il-Kummissjoni tixtieq twassal l-idea ta' bidla fil-filosofija: l-enfasi fl-għaxar snin li ġejjin se tkun inqas fuq il-ħruġ ta' proposti għal liġijiet ġodda u iktar fuq l-iżvilupp u l-applikazzjoni tat-tliet prinċipji li ġejjin: ir-responsabbiltà konġunta, l-integrazzjoni tas-sikurezza tat-triq f'oqsma ta' politika oħra u l-ksib tal-istess livell ta' sikurezza tat-triq fil-pajjiżi kollha tal-UE.

([1]) Opinjoni tal-KESE dwar is-sigurtà fit-triq sal-2010, ĠU C 80, 30.3.2004, p. 77 (mhux disponibbli bil-Malti); Opinjoni tal-KESE dwar il-ġestjoni tas-sigurtà fl-infrastruttura tat-toroq, ĠU C 168, 20.7.2007, p. 71; Opinjoni tal-KESE dwar l-iffaċilitar tal-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq, ĠU C 77 31.3.2009, p. 70; Opinjoni tal-KESE dwar il-linji gwida strateġiċi għas-sigurtà fit-toroq sal-2020, ĠU C 48, 15.2.2011. p. 27.

3.3 Il-Kumitat josserva li hemm bidla fil-filosofija tal-Kummissjoni, għax il-biċċa l-kbira tal-qafas leġislattiv hija kompluta. Iżda, il-pjan tal-Kummissjoni waħdu, jiġifieri l-iżvilupp ta' qafas ta' governanza ġenerali u miri ambizzjużi li jiggwidaw l-istrateġiji nazzjonali u lokali, mhuwiex biżżejjed. Fil-fehma tal-Kumitat, mhux biss għandha titlesta l-leġislazzjoni li għadha nieqsa ([2]), iżda għandu wkoll jiġi mmonitorjat sew u b'mod regolari (darba fis-sena) il-progress li jkun sar.

3.3.1 Il-Kumitat huwa tal-fehma li tkun ħaġa tajba li l-orjentazzjonijiet ta' politika jissarrfu fi programm ta' azzjoni dettaljat, f'kalendarji, fi strumenti ta' segwitu u f'valutazzjoni intermedja.

3.4 Il-Kumitat jaħseb li l-aħjar mod biex dan isir huwa billi, flimkien mar-rappreżentanti maħtura mill-Istati Membri għas-sikurezza tat-triq, jinġabru d-dettalji bil-għan li jiġi implimentat ir-raba' programm ta' azzjoni ([3]) Ewropew fuq il-bażi tal-punti inklużi f'din l-opinjoni li l-Kumitat ressaq quddiem il-Parlament Ewropew, li fil-fatt inkitbet qabel ma ġiet ippubblikata l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Kemm jekk jispiċċa fil-forma ta' Aġenzija Ewropea għas-sikurezza tat-triq, kemm jekk fil-forma ta' ċentru Ewropew ta' osservazzjoni u monitoraġġ, li għadu fi stadju embrijoniku min-naħa tal-Kummissjoni, il-Kumitat jaqbel mat-tnejn. Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin tfasslu biex jiġi żgurat is-suċċess tal-programm 2011-2020:

3.4.1 Għandha tiġi żgurata tmexxija politika b'saħħitha billi r-responsabbiltà se tinqasam bejn l-UE u l-Istati Membri.

3.4.2 L-istatistika dwar is-sikurezza tat-triq fl-Istati Membri kollha għandha tkun iktar armonizzata u dettaljata.

3.4.3 Għandhom jinħolqu għanijiet rigward utenti tat-triq li jġarrbu feriti gravi u għandha tiġi stabbilita definizzjoni komuni ta' "ferita gravi".

3.4.4 Għandha tinħoloq politika Komunitarja iktar stretta biex jiġu armonizzati u stabbiliti miżuri tas-sikurezza tat-triq, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw dawn il-miżuri aħjar u iktar malajr.

3.4.5 Għandha tingħata iżjed attenzjoni lit-taħriġ speċjali għall-utenti kollha, b'mod partikolari għall-utenti vulnerabbli tat-triq bħat-tfal u l-anzjani iżda anke s-sewwieqa tal-PTWs, iċ-ċiklisti u l-persuni mixjin fit-triq.

([2]) Għal ġabra fil-qosor, ara l-punt 4.8 tal-Opinjoni tal-KESE dwar linji gwida strateġiċi għas-sigurtà fit-toroq sal-2020, ĠU C 48, 15.2.2011, p. 27.

([3]) ĠU C 48, 15.2.2011, p. 27. punt 1.5 u l-punti segwenti.

3.4.6 Kull min iħaddem għandu jiġi involut billi jieħu ħsieb il-flotta tal-karozzi proprja sabiex l-għadd ta' inċidenti tat-traffiku bejn id-dar u x-xogħol jonqos bis-saħħa ta' politika tas-sikurezza għall-flotta proprja u billi l-persunal jiġi mħeġġeġ jagħmel iktar użu mit-trasport pubbliku.

3.4.7 L-iżvilupp ta' leġislazzjoni Komunitarja għall-kategoriji tal-utenti vulnerabbli bħal rekwiżiti ġodda għall-approvazzjoni tat-tip għall-PTWs, is-sistema tal-brejkijiet antilokk (ABS) għall-PTWs b'mutur ikbar minn 150cc, l-introduzzjoni tal-obbligu tal-headlights awtomatiċi u – fil-qafas tar-reviżjoni tad-direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan – l-implimentazzjoni tat-taħriġ kontinwu u l-kontrolli tekniċi tal-vetturi.

3.4.8 Il-Kumitat huwa tal-fehma li wieħed mill-għanijiet li għandu jiddaħħal fil-programm il-ġdid huwa ż-żieda fis-sikurezza tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew u li mill-inqas 25 % tal-bqija tan-netwerk tat-trasport jinġab sal-livell tat-TEN-T.

3.4.9 Fir-rigward tal-għan ġenerali tal-programm li jitnaqqas bin-nofs l-għadd tal-imwiet b'inċidenti tat-traffiku, il-Kumitat iwissi li r-riskji jvarjaw sew minn Stat Membru għal ieħor u għalhekk huwa tal-fehma li jkun aħjar li jiddaħħlu miri divrenzjati għat-tnaqqis.

3.5 Il-Kumitat jagħraf li, minħabba d-differenzi fir-riskji tas-sikurezza fl-Istati Membri, il-miżuri jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. L-Istati Membri fejn diġà kien hemm tnaqqis sostanzjali l-għadd ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku għandhom jiffokaw l-iktar fuq il-fattur "uman": it-taħriġ, inkluż it-taħriġ kontinwu, u l-infurzar, filwaqt li l-Istati Membri fejn m'għad hemm l-ebda tnaqqis drastiku fl-għadd ta' vittmi, minbarra t-taħriġ, it-taħriġ kontinwu u l-infurzar imsemmija, għandhom jagħtu ħafna attenzjoni wkoll lill-elementi "konkreti" tal-politika tas-sikurezza tat-triq, bħat-titjib tal-infrastruttura u r-rekwiżiti tas-sikurezza tal-vetturi.

3.6 Il-Kumitat jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li fl-aħħar mill-aħħar l-imġiba tal-utent tat-triq tiddetermina l-effikaċja tal-politika tas-sikurezza tat-triq u li għalhekk l-edukazzjoni kontinwa, it-taħriġ u l-infurzar huma kruċjali.

3.7 Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-utenti "vulnerabbli", is-sewwieqa żgħażagħ u dawk b'nuqqas ta' esperjenza u s-sewwieqa anzjani, li jekk ma jkunux tħarrġu, ma jkunux jafu dwar l-aħħar bidliet fir-regolamenti tat-traffiku.

3.8 Barra minn hekk, il-Kumitat huwa tal-fehma li f'kull Stat Membru għandhom isiru kampanji ta' informazzjoni b'mod regolari biex jiġi miġġieled is-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol. Barra minn hekk, il-kampanja favur l-infurzar, inkluż l-infurzar transkonfinali, għandha tissaħħaħ.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 Il-Kumitat jirrakkomanda li, mill-iktar fis possibbli, tiġi stabbilita definizzjoni komuni għall-"feriti gravi" u l-"feriti mhux gravi" li tintuża bħala bażi komuni għat-tnaqqis tal-feriti li jirriżultaw minn inċidenti tat-traffiku sabiex din id-data tkun tista' tiġi inkorporata fil-programm minn issa sal-2020.

4.2 Il-Kumitat jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għat-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-utenti tat-triq permezz tat-tfassil ta' strateġija komuni għall-edukazzjoni u t-taħriġ dwar is-sikurezza tat-triq.

4.3 Għalhekk, l-aspett tal-"għajnuna u l-imġiba fl-inċidenti" għandu jiġi inkluż iktar fit-taħriġ dwar is-sewqan.

4.4 B'mod partikolari, il-Kumitat jisħaq fuq l-importanza tal-"edukazzjoni kontinwa" għax ir-regolamenti tat-traffiku jistgħu jinbidlu tul iż-żmien.

4.5 Dan jgħodd għall-utenti normali tat-triq, iżda b'mod partikolari għall-persunal tal-pulizija, tat-tifi tan-nar, tal-protezzjoni ċivili, tas-servizzi tal-irmonkar u tal-ambulanzi, jiġifieri l-persunal kollu b'ħiliet speċjalizzati meħtieġa f'każ ta' inċident tat-traffiku. Il-Kumitat iqis li t-taħriġ speċjali u kontinwu għal dan il-persunal, kemm fil-qasam professjonali kif ukoll dak amministrattiv, huwa ta' importanza kbira, sabiex il-kwalità ta' dan il-persunal tibqa' togħla.

4.6 Il-Kumitat jaqbel mat-tisħiħ tal-infurzar tar-regolamenti tat-traffiku, inkluż it-traffiku transkonfinali. Fl-opinjoni tiegħu dwar "il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq" ([4]) diġà stqarr li, mingħajr l-infurzar transkonfinali tar-regolamenti tat-traffiku, l-għanijiet tal-Kummissjoni, stabbiliti fit-tielet pjan ta' azzjoni għas-sikurezza tat-triq, mhumiex ser jintlaħqu. Il-Kumitat jappoġġja għalkollox il-konklużjonijiet tal-opinjoni msemmija hawn fuq.

4.7 Billi l-vetturi tqal tal-merkanzija huma diġà obbligati li jinstallaw il-kontrolluri tal-veloċità, il-Kumitat jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li dan l-obbligu għandu japplika wkoll għall-vetturi kummerċjali ż-żgħar. Dan għaliex kulma jmur dejjem qed ikun hemm iżjed minn dawn il-vetturi fit-triq, l-iktar fis-settur tal-couriers, fejn huwa importanti li l-konsenji jitwasslu fil-ħin (il-kunċett "just-in-time") u b'hekk ħafna drabi jsuqu b'veloċità għolja. Barra minn hekk, anke l-ħinijiet tas-sewqan u tax-xogħol għandhom jiġu adatti għar-regolamenti tat-trasport tal-merkanzija għal trakkijiet b'toqol globali li jisboq il-massimu ta' 3,5 tunnellati.

([4]) Opinjoni tal-KESE dwar l-iffaċilitar tal-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq, ĠU C 77, 31.3.2009, p. 70.

4.8 Billi s-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol għadu fattur ewlieni fl-inċidenti tat-traffiku, il-Kumitat jirrakkomanda li jiġu installati alcohol interlock devices fil-vetturi tqal tal-merkanzija u l-vetturi kummerċjali ż-żgħar u l-vetturi privati meta persuna tinstab ħatja li kienet qed issuq taħt l-influwenza tal-alkoħol.

4.9 Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-PTWs. Il-periklu li s-sewwieqa ta' dawn il-vetturi jġarrbu ferita gravi huwa bejn 18 u 20 darba ogħla minn dak tas-sewwieqa tal-karozzi. Il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni biex, mill-iktar fis possibbli, tressaq proposta għat-titjib tas-sikurezza attiva u passiva tal-PTWs.

4.10 Billi l-biċċa l-kbira tal-inċidenti jiġru fil-bliet u fit-toroq sekondarji u tal-kampanja, il-Kummissjoni tipproponi li jiġu allokati fondi Ewropej għall-proġetti ta' infrastruttura li jkunu konformi mad-direttivi dwar is-sikurezza tat-triq u s-sikurezza fil-mini. Il-Kumitat jaqbel ma' dan u huwa tal-fehma li l-aġenzija Ewropea li għandha titwaqqaf għas-sikurezza tat-triq tista' taqdi rwol importanti fl-għażla ta' liema toroq sekondarji jew tal-kampanja għandhom ikunu eliġibbli għal kofinanzjament Ewropew.

4.11 F'opinjonijiet preċedenti, il-Kumitat, fost affarijiet oħra, talab li:

— fil-programm għandu jiġi stabbilit li kull Stat Membru għandu jressaq mappa tal-"black spots", li tiġi aġġornata kull sena, lill-aġenzija Ewropea responsabbli;

— fir-rigward tas-sikurezza fil-qafas tal-politika tat-trasport bit-triq fl-2020, jiġu żgurati "l-armonizzazzjoni tal-kontrolli u l-multi, l-integrazzjoni ġenwina tas-suq uniku, it-titjib tal-effiċjenza partikolarment permezz ta' – meta jkunu adatti – sistemi modulari, […] u studji dwar iż-żamma tal-veloċità u t-titjib tat-tajers".

Il-Kumitat jixtieq mill-ġdid jenfasizza l-importanza ta' dawn il-punti.

4.12 Il-Kumitat jappoġġja l-użu aktar rapidu tat-teknoloġija avvanzata fil-vetturi u jħeġġeġ l-użu iktar mifrux fl-Istati Membri kollha tas-sistema tal-e-Call f'vetturi oħra, bħall-PTWs.

4.13 Il-Kumitat jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tfassal strateġija ta' azzjoni dwar il-feriti li jirriżultaw minn inċidenti tat-traffiku bil-kooperazzjoni tal-Istati Membri u l-imsieħba pubbliċi u privati.

4.14 Kif il-Kumitat diġà osserva f'opinjonijiet preċedenti dwar is-suġġett [5], il-programm għandu jipprijoritizza l-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-triq. Fil-fehma tal-Kumitat, għandha tingħata iżjed attenzjoni lis-sewwieqa tal-PTWs, lill-persuni mixjin fit-triq, liċ-ċiklisti u liż-żgħażagħ u lill-grupp dejjem jikber ta' anzjani u lill-persuni b'diżabbiltà.

4.14.1 Kif diġà semma f'opinjonijiet preċedenti [6], il-Kumitat jitlob li jiżdiedu malajr il-parkeġġi sikuri u mmonitorjati għas-sewwieqa professjonali, għal raġunijiet ta' sikurezza tat-triq u ta' kriminalità relatata mat-trasport tal-merkanzija u s-saħħa u s-sikurezza tas-sewwieqa tat-trakkijiet. Fl-istess ħin, il-Kumitat jitlob li l-kuntratti jkunu relatati mal-għarfien professjonali tas-sewwieq u mhux relatati mal-prestazzjoni.

4.15 Il-Kumitat jenfasizza li f'għadd ta' toroq transkonfinali jeżistu sitwazzjonijiet perikolużi għas-sewwieqa tal-vetturi tqal tal-merkanzija. F'xi wħud, l-iktar dawk li jinstabu fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, ħafna drabi matul spezzjonijiet tal-vettura bl-x-ray, is-sewwieqa jkollhom jibqgħu ġol-vettura jew eżatt maġenbha. M'hemmx għalfejn ngħidu li dan l-obbligu huwa ta' periklu kbir għas-sewwieqa. Waħda mis-soluzzjonijiet tista' tkun li matul dawn l-ispezzjonijiet is-sewwieqa jingħataw permess li joħorġu mill-vettura u jistennew f'distanza sikura 'l bogħod mill-vettura. Il-Kumitat jappella b'mod partikolari lill-Istati Membri biex jindirizzaw din il-problema u jsolvuha fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sikurezza fit-Triq tan-Nazzjonijiet Uniti (Working Party on Road Traffic Safety (WP.1)) li ser issir f'Ġinevra.

Brussell, 16 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

[5] Opinjoni tal-KESE dwar linji gwida strateġiċi għas-sigurtà fit-toroq sal-2020, ĠU C 48, 15.2.2011, p. 27; Opinjoni tal-KESE dwar l-iffaċilitar tal-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq, ĠU C 77, 31.3.2009, p. 70.

[6] Opinjoni tal-KESE dwar is-sikurezza fit-toroq u s-sewwieqa professjonali, ĠU C 175, 27.7.2007, p. 88, punt 1.1.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea**

*COM(2010) 475 finali 2010/0253 (COD)*

**u il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' Żona Unika Ferrovjarja Ewropea"**

*COM(2010) 474 finali*

(2011/C 132/20)

Relatur: **Is-Sur HENCKS**

Nhar l-4 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikoli 91 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea*

COM(2010) 475 finali – 2010/0253 (COD) u

*il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' Żona Unika Ferrovjarja Ewropea*

COM(2010) 474 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura, u s-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-1 ta' Marzu 2011.

Matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tas-16 ta' Marzu 2011), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'168 vot favur, 21 vot kontra u 13-il astensjoni.

## 1. **Rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE japprova li l-abbozz tad-direttiva "riformulata" dwar l-ewwel pakkett ferrovjarju huwa maħsub biex inaqqas id-differenzi fl-interpretazzjoni tat-test u li jiġu eliminati l-aspetti dgħajfa ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-ġabra ta' leġislazzjoni ferrovjarja. Madankollu, id-direttiva riformulata mhux biss temenda dispożizzjonijiet eżistenti iżda tinkludi wkoll għadd sostanzjali ta' dispożizzjonijiet regolatorji ġodda.

1.2 Il-KESE jfakkar li l-għan tal-leġislazzjoni dwar iż-żona ferrovjarja huwa li toħloq żona ferrovjarja Ewropea kapaċi tikkompeti (b'mod sostenibbli) mal-modi l-oħra tat-trasport. Għalhekk il-KESE japprova d-dispożizzjonijiet il-ġodda kollha li jservu dan il-għan, filwaqt li għandu ċertu riżerva għal dawk li jew imorru lil hinn minn dan il-għan jew li ma jwasslux għalih.

1.3 Il-KESE jiddispjaċih li l-abbozz ta' direttiva ma indirizza la l-interoperabbiltà (filwaqt li t-twaqqif ta' żona ferrovjarja unika Ewropea jiddependi sew mill-progress fl-interoperabbiltà teknika) u lanqas l-iżbilanċi fil-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju, li ta' spiss tagħti prijorità lill-ferroviji tal-passiġġieri, għad-detriment tal-ġarr tal-merkanzija.

1.4 Fi żmien ta' restrizzjonijiet baġitarji kbar, ser jeħtieġ li jinsabu sorsi ġodda ta' finanzjament għall-istruttura ferrovjarja. Minħabba li l-biċċa l-kbira tal-fondi strutturali Ewropej u l-fondi ta' koeżjoni soċjali jiffinanzjaw essenzjalment l-infrastrutturi tat-triq, filwaqt li l-fondi tat-TEN-T jingħataw l-ewwel lill-ferrovija, il-KESE jista' jappoġġja t-twaqqif ta' fond uniku tat-trasport biss jekk dan ikun newtrali u jiżgura bilanċ fost il-modi kollha tat-trasport. Il-KESE jixtieq li dan il-finanzjament ikun espliċitament previst fir-reviżjoni tal-politika ta' koeżjoni mill-2014 'il quddiem.

1.5 Fir-rigward ta' sorsi oħra ta' finanzjament, il-KESE jirreferi għall-proposti 15 u 16 tal-Komunikazzjoni "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" u jipproponi wkoll li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jitwaqqaf fond ta' kumpens simili għal dawk li diġà jeżistu f'industriji varji li jużaw netwerk.

1.6 Il-KESE jiddeplora d-dewmien fil-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-ferroviji u l-modi l-oħra tat-trasport, u l-inadegwatezza ġenerali tal-miżuri maħsuba sabiex l-ispejjeż u l-effetti esterni tat-trasport jiġu internalizzati billi jitqiesu l-ispejjeż soċjali esterni meta jiġu stabbiliti t-tariffi.

1.7 Fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-faċilitajiet tas-servizz ferrovjarju, il-KESE ma jistax jappoġġja r-rekwiżit ta' indipendenza legali, organizzattiva u tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jista' jipperikola l-istrutturi attwali li ma jistgħux jiġu sostitwiti.

1.8 Il-KESE lanqas jista' japprova li d-dispożizzjonijiet inklużi fl-annessi tal-proposta għal direttiva "riformulata", li huma ċarament ta' natura essenzjali, jistgħu jiġu emendati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati.

1.9 Fl-aħħar nett, il-KESE huwa tal-fehma li għandha tingħata prijorità assoluta lill-implimentazzjoni ġenerali tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju ERMTS flimkien mas-Sistema Ewropea għall-Kontroll tal-Ferroviji ETCS.

## 2. Il-progress fil-leġislazzjoni dwar iż-żona ferrovjarja Ewropea

2.1 Il-ħolqien ta' żona ferrovjarja unika Komunitarja li tkun kapaċi tikkompeti (b'mod sostenibbli) ma' modi oħra tat-trasport huwa l-isfida li l-Unjoni Ewropea ilha tipprova tegħleb sa mill-ewwel direttiva tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp ta' linji tal-ferrovija tal-Komunità (91/440/KEE), li ġiet segwita fl-1996 minn White Paper bit-titolu "Strateġija għar-rivitalizzazzjoni tal-ferrovija Komunitarja".

2.2 Id-Direttiva 91/440/KEE (li sussegwentement ġiet emendata u konsolidata) tittratta l-ġestjoni tal-infrastruttura tal-ferroviji u s-servizzi internazzjonali kollha tat-trasport ferrovjarju, kemm dak tal-merkanzija kif ukoll tal-passiġġieri, permezz ta' impriżi ferrovjarji li ġew stabbiliti jew għandhom jiġu stabbiliti fi ħdan l-Unjoni, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-impriżi ferrovjarji li l-attività tagħhom hija limitata għall-provvista ta' servizzi urbani, suburbani jew reġjonali.

2.3 L-UE tikkunsidra l-politika komuni tat-trasport bħala element fundamentali tas-suq uniku Ewropew u hija impenjata li tippromovi t-trasport ferrovjarju, billi tenfasizza l-vantaġġi kompetittivi tiegħu meta mqabbel mal-modi l-oħra ta' trasport fuq l-art jew bl-ajru, b'mod speċjali fir-rigward tal-konsum tal-enerġija, it-tniġġis, l-impatt ambjentali u s-sigurtà. Biex dan iseħħ, l-UE tibbaża fuq żewġ prinċipji:

— il-ftuħ tas-suq u l-kompetizzjoni ħielsa;

— l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea.

L-ewwel pakkett ferrovjarju tal-2001 ġie segwit minn żewġ pakketti oħra kif ukoll għadd kbir ta' direttivi u rakkomandazzjonijiet.

## 3. It-traspożizzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea fil-liġi nazzjonali

3.1 It-traspożizzjoni tad-direttivi tal-ewwel pakkett ferrovjarju fil-liġi nazzjonali ġabet magħha problemi sinifikanti u tardjar f'bosta Stati Membri tant li, skont il-Kummissjoni, din jew ma ġietx implimentata jew ġiet implimentata mhux bis-sħiħ jew mhux korrettament. Għaldaqstant, f'Ġunju 2008 l-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra 24 mill-25 Stat Membru kkonċernat (Malta u Ċipru m'għandhomx netwerks ferrovjarji).

3.2 Wara l-emendi li saru minn 3 Stati Membri fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, f'Ottubru 2009 l-Kummissjoni bagħtet opinjonijiet motivati lil 21 Stat Membru dwar il-ksur pendenti. Fl-24 ta' Ġunju 2010 l-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kontra 13-il Stat Membru, filwaqt li tħejjew kjarifikazzjonijiet għat-8 Stati Membri li kien fadal li kienu rċivew opinjoni motivata.

3.3 Il-Kummissjoni tilmenta qabel xejn dwar is-sitwazzjoni ta' kompetizzjoni inġusta li tirriżulta mill-iffissar ta' tariffi ta' aċċess meqjusa għoljin wisq, l-allokazzjoni diskriminatorja tal-kapaċità tan-netwerk, il-pożizzjoni (storikament) dominanti tal-maniġers tan-netwerks li jutilizzaw huma stess is-servizzi ferrovjarji, u n-nuqqas ta' korpi regolatorji indipendenti.

3.4 Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-iżvilupp ta' kompetizzjoni ħielsa fis-settur ferrovjarju qed jixxekkel parzjalment mill-ambigwità tal-ġabra tal-leġislazzjoni ferrovjarja u d-dgħufija ta' ċerti dispożizzjonijiet li għandhom bżonn jiġu kkjarifikati u aġġustati sabiex jitnaqqsu d-differenzi fl-interpretazzjoni bejn l-Istati Membri.

## 4. Il-kontenut tad-direttiva "riformulata"

4.1 Il-proposta għal direttiva riformulata dwar l-ewwel pakkett ferrovjarju hija maħsuba biex tissemplifika u tikkonsolida t-testi legali eżistenti, telimina r-referenzi trasversali, tarmonizza t-terminoloġija u ssolvi l-problemi relatati mat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri u tal-merkanzija, inkluż il-kabotaġġ.

4.2 L-abbozz ta' direttiva riformulata tinkludi wkoll dispożizzjonijiet ġodda. L-aktar li huma importanti huma dawn li ġejjin:

— indipendenza obbligatorja legali, organizzattiva u tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-ġestjoni tas-servizzi tat-trasport u l-ġestjoni tal-infrastrutturi tas-servizzi ferrovjarji anċillari (pereżempju t-tiswija, il-manutenzjoni, l-aċċess għat-terminals, l-informazzjoni dwar il-passiġġiera, il-bejgħ tal-biljetti fl-istazzjonijiet, eċċ.);

— il-projbizzjoni li l-fornituri tas-servizzi jingħataw is-setgħa li jiġbru tariffi tal-aċċess għall-infrastruttura;

— l-introduzzjoni tal-prinċipju "użaha jew itlifha" ("*Use it or lose it*") sabiex tiġi evitata s-saturazzjoni artifiċjali tal-infrastruttura;

— l-obbligu għall-Istati Membri biex jistabbilixxu pjan ta' żvilupp tal-infrastruttura fil-kuntest tal-istrateġiji nazzjonali fuq medda twila ta' żmien;

— l-introduzzjoni ta' modulazzjoni tat-tariffi għall-aċċess tal-infrastruttura li tqis il-kriterji ekoloġiċi u ta' interoperabbiltà;

— it-tisħiħ tal-indipendenza u tas-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji.

## 5. **Kummenti ġenerali dwar id-direttiva "riformulata"**

5.1 Kif tinnota ġustament il-Kummissjoni fit-titolu tal-Komunikazzjoni tagħha "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" (COM(2010) 608), it-trasport huwa s-"sistema nervuża" u wieħed mill-pilastri ewlenin tal-ekonomija moderna f'termini tal-kapaċità tiegħu li jwassal oġġetti u passiġġieri bl-aktar mod fluwidu possibbli lejn fejn iridu jew għandhom ikunu fiż-żmien mixtieq.

5.2 Madankollu, il-proposta għal direttiva ma tindirizzax l-iżbilanċ fil-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju, fejn il-prijorità ta' spiss tingħata lill-ferroviji tal-passiġġieri. F'dan il-kuntest il-KESE jirreferi għall-proposti tiegħu sabiex tiġi introdotta aktar flessibbiltà fl-allokazzjoni tal-linji tal-ferrovija għall-ġarr tal-merkanzija [1].

5.3 Il-KESE, fl-opinjonijiet tiegħu, minn dejjem appoġġja l-isforzi tal-Unjoni sabiex toħloq il-kundizzjonijiet bażiċi għal settur ferrovjarju Ewropew tat-trasport tal-passiġġieri u tal-oġġetti li joffri lill-passiġġieri, utenti u operaturi servizzi affidabbli, siguri, sostenibbli, aċċessibbli, u bi prezzijiet trasparenti, kompetittivi u li jistgħu jintlaħqu.

5.4 Il-KESE jibqa' persważ li hemm opportunitajiet ta' żvilupp għat-trasport ferrovjarju fil-kuntest ekonomiku, karatterizzat minn żieda fil-kummerċ, il-konġestjoni tat-traffiku u t-tħassib dejjem jikber dwar il-ħarsien tal-ambjent u t-tnaqqis tal-emissjonijiet b'effett ta' serra fis-settur tat-trasport.

5.5 Madankollu, jidher biċ-ċar li d-direttiva inkwistjoni, minkejja li tinkludi mezzi legali impressjonanti, mhux qed tilħaq l-objettiv li toħloq żona ferrovjarja Ewropea li tkun tista' ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha meta mqabbla mal-modi l-oħra tat-trasport.

5.6 Wara li għamel perjodu twil sejjer lura, is-sehem modali tal-ferrovija, meta mqabbla ma' modi oħra ta' trasport bl-art, sar ftit iktar stabbli tul dawn l-aħħar għaxar snin, għalkemm din il-bidla seħħet jew qed isseħħ b'ritmi li jvarjaw ħafna fl-Istati Membri. Huma biss is-servizzi fuq in-netwerks ta' veloċità kbira li jistgħu jitqiesu li għamlu żvilupp sinifikanti, bil-ħolqien, jew bil-proġetti għall-ħolqien, ta' linji addizzjonali u żieda fin-numru ta' operaturi.

5.7 F'dak li jirrigwarda l-ġarr tal-merkanzija, fin-nuqqas ta' netwerk integrat sew, l-operaturi tan-netwerk iridu jiddependu minn 15-il "kuritur internazzjonali għall-ġarr tal-merkanzija" [2], eżistenti jew ippjanati, ta' konnessjoni bejn ir-reġjuni industrijali ewlenin tal-UE, li jipprovdu soluzzjoni operattiva effettiva, minkejja li hija soluzzjoni limitata għall-kurituri internazzjonali biss.

## 6. **Diffikultajiet u ostakli tal-iżvilupp tan-netwerk u tas-servizzi ferrovjarji**

6.1 In-netwerk ferrovjarju ma rnexxilux jissodisfa l-istennijiet tal-konsumaturi u l-esiġenzi ta' kwalità b'mod li jkun jista' jikkompeti b'mod effettiv mal-modi l-oħra tat-trasport, b'mod partikolari f'termini ta' prezzijiet, flessibbiltà, ħinijiet ta' vvjaġġar u puntwalità. Madankollu, mhuwiex faċli li wieħed jibdel l-istrutturi eżistenti sabiex jissodisfa ir-rekwiżiti futuri u jidher li dan it-tibdil jieħu aktar fit-tul milli mistenni. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' aktar miżuri li jippromovu l-iżvilupp ta' infrastruttura ferrovjarja effettiva tal-UE, li jistabbilixxu suq ferrovjarju attraenti, li jneħħu l-ostakli amministrattivi u tekniċi u li jiżguraw kompetizzjoni ġusta mal-modi l-oħra tat-trasport.

6.2 Il-Kumitat josserva li 24 mill-25 Stat Membru ikkonċernati kellhom, jew għad għandhom, diffikultajiet biex jittrasponu fil-liġi nazzjonali l-leġislazzjoni Ewropea dwar il-ferrovija li kienu approvaw qabel. Naturalment, fejn meħtieġ ser tkun ir-responsabbiltà tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħaddi ġudizzju dwar jekk l-ilmenti tal-Kummissjoni għandhomx bażi soda jew le. Hija faċli li wieħed jitfa' l-ħtija kollha għall-problemi ta' żvilupp tan-netwerk u s-servizz ferrovjarju fuq il-preokkupazzjonijiet protezzjonisti li l-Istati Membri huma maħsuba li għandhom. Il-Kumitat jemmen li żgur hemm raġunijiet oħra wkoll.

6.3 L-infrastrutturi ferrovjarji għandhom il-karatteristiċi ta' monopolju naturali. Huwa importanti li din l-infrastruttura tkun soġġetta għal kontroll pubbliku reali u li jkollha l-kapaċità meħtieġa u tipprovdi koordinazzjoni transkonfinali li tippermetti servizzi tat-trasport uniformi madwar l-Ewropa kollha u mal-pajjiżi ġirien. Is-servizzi tat-trasport ferrovjarju jeħtieġu wkoll bilanċjar effettiv bejn, minn naħa, il-kundizzjonijiet ekonomiċi, soċjali, tax-xogħol, tas-sigurtà u tal-ambjent, u, min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet ekonomiċi u kompetittivi.

6.4 Barra minn hekk, il-politiki nazzjonali tal-Istati Membri huma aktar sensittivi għall-biżgħat u l-ilmenti taċ-ċittadini, b'mod speċjali, skont kif jgħid ir-Rapport Monti, minħabba li "is-sens ta' diżillużjoni li wħud iħossu fir-rigward tas-suq intern jista' jkun spjegat ukoll minħabba li teżisti l-perċezzjoni li l-liberalizzazzjonijiet suċċessivi seħħew għad-detriment tad-drittijiet soċjali akkwistati minn atturi ekonomiċi differenti".

[1] ĠU C 27 03.02.2009, p. 41.

[2] ĠU L 276 20.10. 2010, p.22.

6.5 Id-dispożizzjonijiet tat-Trattati (ara l-Artikolu 14 TFUE u l-Protokoll Nru 26) u l-leġislazzjoni sekondarja dwar is-servizzi ta' interess ġenerali, kif ukoll l-Artikolu 93 tat-TFUE, japplikaw għat-trasport ġenerali, filwaqt li r-Regolament 1370/2007 jikkonċerna speċifikament is-servizzi pubbliċi tat-trasport ferrovjarju u bit-triq tal-passiġġieri. Il-KESE jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni ma tagħmilx referenza espliċita għal dawn id-dispożizzjonijiet u ma tqiegħedx il-kwistjonijiet settorjali tat-trasport ferrovjarju f'din id-dimensjoni ġenerali.

## 7. **Kummenti speċifiċi**

### 7.1 *Il-finanzjament tal-infrastruttura*

7.1.1 Il-ħolqien ta' żona ferrovjarja unika ma jiddependix biss mir-rieda politika u d-dinamiżmu kummerċjali tal-impriżi ferrovjarji, iżda wkoll mill-estensjoni u l-modernizzazzjoni tan-netwerk, is-sostituzzjoni tat-tagħmir li m'għadux jintuża, it-tneħħija tal-ostakli li joħolqu konġestjoni, l-interoperabbiltà teknika, il-ġeneralizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà, eċċ., li jeħtieġu investimenti kbar fin-netwerk li ma jistax ikun mistenni minnhom dħul finanzjarju ħlief fuq medda twila ta' żmien.

7.1.2 Fil-klima ekonomika attwali ta' ħtiġijiet Ewropej tad-defiċits pubbliċi u l-bilanċ baġitarju, il-marġini ta' manuvra tal-Istati Membri fil-qasam tal-investimenti pubbliċi huwa limitat ħafna, u dan jiskoraġġixxi lill-investituri privati.

7.1.3 Konsegwentement, l-interess tal-investituri huwa ffokat prinċiparjament fuq l-infrastrutturi li jrendu tan-netwerks ta' veloċità kbira u n-newerks trans-Ewropej tal-ġarr tal-merkanzija, filwaqt li t-trasport ferrovjarju konvenzjonali pjuttost mhuwiex jingħata attenzjoni.

7.1.4 L-abbozz ta' direttiva jesiġi li l-Istati Membri jippubblikaw strateġija ta' żvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja bil-għan li dawn jindirizzaw il-ħtiġijiet futuri tal-mobbiltà bbażati fuq finanzjament sod u sostenibbli li jkopri perjodu ta' mill-inqas ħames snin. Fuq il-bażi ta' din l-istrateġija, il-maniġer tal-infrastruttura min-naħa tiegħu jrid jadotta pjan ta' negozju li jinkludi programmi ta' investiment u ta' finanzjament. Il-korp regolatorju tas-settur ferrovjarju huwa mistenni jressaq opinjoni mhux vinkolanti dwar din il-kwistjoni.

7.1.5 Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati, flimkien mal-impriżi ferrovjarji pubbliċi eżistenti, huma mistennija jistabbilixxu strutturi adegwati biex inaqqsu d-dejn tal-impriżi ferrovjarji li huma tal-istat jew li huma kkontrollati minnu u jġibuh f'livell li ma jfixkilx l-immaniġġjar finanzjarju tajjeb u biex itejbu l-qagħda finanzjarja tagħhom.

7.1.6 Il-KESE japprova l-obbligu introdott għall-Istati Membri li jitwaqqaf programm multiannwali ta' investiment fuq medda medja u twila ta' żmien fin-netwerks ferrovjarji, li jagħti lill-maniġers u lill-operaturi ċ-ċertezza u l-flessibbiltà tal-ippjanar li jeħtieġu. Madankollu l-KESE jemmen li dan l-obbligu għandu jiġi sostnut minn sorsi ġodda ta' finanzjament, peress li mingħajrhom hemm ir-riskju li dan l-obbligu ma jkunx effettiv. Il-KESE jixtieq li dan il-finanzjament ikun espliċitament previst fir-reviżjoni tal-politika ta' koeżjoni mill-2014 'il quddiem. Minħabba li l-biċċa l-kbira tal-fondi strutturali Ewropej u l-fondi ta' koeżjoni soċjali jiffinanzjaw essenzjalment l-infrastrutturi tat-triq, filwaqt li l-fondi tat-TEN-T jingħataw l-ewwel lill-ferrovija, il-KESE jista' jappoġġja t-twaqqif ta' fond uniku tat-trasport biss jekk dan ikun newtrali u jiżgura bilanċ fost il-modi kollha tat-trasport.

7.1.7 Il-KESE japprova l-prinċipju tal-ftehimiet kuntrattwali multiannwali (li huma r-rabta bejn il-finanzjament u r-riżultati, il-pjani ta' negozju) imposti mill-abbozz ta' direttiva, iżda jemmen li l-kontenut tagħhom għandu jkun soġġett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dawn il-ftehimiet għandhom jinkludu wkoll dispożizzjonijiet li jiżguraw li t-tnaqqis tal-ispejjeż jgħaddi lill-utenti fil-forma ta' tariffi iktar baxxi.

7.1.8 Barra minn hekk, l-UE mhux se tkun tista' timponi fuq l-Istati Membri la li jagħżlu ċerti msieħba, f'dan il-każ il-korp regolatorju għas-settur ferrovjarju, sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-programm ta' investiment tagħhom, la li jġiegħlu lil dak il-korp regolatorju jivverifika jekk il-pakkett baġitarju maħsub għall-kisba ta' miri ta' rendiment tal-infrastruttura huwiex adegwat, u lanqas li jipproduċu evidenza ġustifikata jekk Stat Membru ma jsegwix ir-rakkomandazzjonijiet tal-korp regolatorju.

7.1.9 Is-sħubijiet pubbliċi-privati jistgħu jintużaw sabiex jiġu mobilizzati, għall-inqas parzjalment, investimenti fuq medda twila ta' żmien, kemm-il darba dawn ikunu soġġetti għal leġislazzjoni li toħloq qafas Ewropew favorevoli għal dawn is-sħubijiet, jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi diverġenti tal-investituri pubbliċi u privati, u, fl-interessi tas-servizz pubbliku u tas-sigurtà, il-patrimonju tal-infrastruttura ferrovjarja jibqa' proprjetà pubblika.

7.1.10 Sabiex jinstabu sorsi ta' finanzjament adegwati, il-KESE huwa tal-fehma li jkun tajjeb li jiġu diskussi l-inċentivi ta' investiment relatati mal-proposta 15 (li "se tiffavorixxi l-ħolqien ta' self obbligatorju għall-finanzjament tal-proġetti Ewropej ('project bonds')") u l-proposta 16 (li "se tesplora miżuri li jistgħu jħeġġu l-investimenti privati – l-aktar dawk fit-tul – sabiex dan jikkontribwixxi aħjar għat-twettiq tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020") tal-Komunikazzjoni "Lejn Att dwar is-Suq Uniku".

Sors ieħor ta' finanzjament għall-infrastruttura ferrovjarja jista' jinħoloq billi jitwaqqaf fond ta' kumpens fuq l-istess linji ta' dak li hemm provvediment għalih fid-direttiva postali li għalih ikunu jikkontribwixxu l-utenti kollha tan-netwerk ferrovjarju, skont termini li jridu jiġu stabbiliti.

7.2 *Internalizzazzjoni tal-ispejjeż u tal-effetti esterni*

7.2.1 It-trasport ferrovjarju jirrikjedi inizjattivi koordinati bejn l-UE, l-Istati Membri u l-awtoritajiet sottonazzjonali li jippromovuh kull fejn jistgħu jwettqu l-vantaġġi komparattivi tiegħu.

7.2.2 F'dan ir-rigward il-Kummissjoni għandha raġun tenfasizza l-ħtieġa li jkunu żgurati l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ma' modi oħra ta' trasport, b'mod partikolari permezz ta' "miżuri sabiex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni tat-trasport b'mod koordinat u bbilanċjat għall-mezzi kollha sabiex it-tariffi jirriflettu l-livell tal-ispejjeż esterni imposti fuq is-soċjetà b'mod ġenerali". Madankollu, il-proposti tal-Kummissjoni xorta jibqgħu 'l bogħod minn dawk li l-KESE ppropona dwar din il-kwistjoni ([3]).

7.2.3 L-ewwel nett il-kwistjonijiet dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni għandhom jiġu indirizzati fil-kuntest ta' din il-kompetizzjoni intermodali, iktar milli fi ħdan is-settur ferrovjarju biss.

Sakemm it-tariffi għall-użu tal-infrastruttura tat-trasport ma jirriflettux l-ispejjeż esterni, ambjentali u soċjali, ser jibqa' jkun hemm distorsjoni fil-kompetizzjoni, għad-detriment tat-trasport ferrovjarju.

7.2.4 Il-KESE jiddispjaċih li minkejja li l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż ambjentali ġiet rakkomandata fil-White Paper tal-2001 bit-titolu "Il-politika Ewropea dwar it-trasport għall-2010: żmien li tittieħed deċiżjoni", xorta għadha ma ttiħditx deċiżjoni dwar din il-kwistjoni.

7.2.5 Sabiex l-impriżi ferrovjarji jitheġġu jinvestu f'teknoloġiji ferrovjarji aktar sostenibbli, il-proposta għal direttiva se tintroduċi imposti ddivrenzjati tal-aċċess għan-netwerk ibbażati fuq il-karatteristiċi tal-emissjonijiet tal-istorbju tar-rolling stock.

Skont il-Kummissjoni (għalkemm dan mhuwiex ippreċiżat fl-abbozz tad-direttiva) dan id-divrenzjar tal-imposti ser jiġi applikat billi jitnaqqsu l-imposti tal-aċċess għall-kumpaniji li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-istorbju mir-rolling stock tagħhom. Il-KESE huwa tal-fehma li din il-miżura ta' min ifaħħarha, iżda xorta jqis li din għandha tiġi applikata biss b'mod obbligatorju (u mhux biss fakultattiv) għall-modi l-oħra tat-trasport.

7.2.6 Il-KESE ovvjament jilqa' din bħala l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda wisq jibża' li l-impatt mil-lat ta' tnaqqis fid-distorsjoni tal-kompetizzjoni ser ikun limitat sakemm l-Istati Membri, f'konformità mal-abbozz tad-direttiva dwar l-"Eurovignette", ikunu obbligati japplikaw mhux biss tariffa tal-infrastruttura iżda tariffa għall-ispejjeż esterni kollha.

7.3 *Immaniġġjar tal-impriżi ferrovjarji skont il-prinċipji kummerċjali*

7.3.1 Skont l-abbozz ta' direttiva, jekk Stat Membru, direttament jew indirettament, għandu fil-proprjetà tiegħu jew jikkontrolla impriża ferrovjarja, id-drittijiet tal-kontroll tiegħu huma limitati għall-politika ġenerali u ma jistgħux jinterferixxu fid-deċiżjonijiet kummerċjali tal-amministrazzjoni.

7.3.2 Il-KESE jikkunsidra li d-direttiva m'għandhiex tagħmel assunzjonijiet dwar is-setgħat ta' kontroll tal-bordijiet ta' ġestjoni, peress li bħala partijiet interessati fl-impriżi ferrovjarji, l-Istati Membri la għandu jkollhom iktar u lanqas inqas drittijiet ta' kontroll minn kwalunkwe azzjonist privat ieħor.

7.4 *Kundizzjonijiet tal-aċċess għas-servizzi*

7.4.1 L-impriżi li għandhom pożizzjoni dominanti għandhom jiġu organizzati b'mod li jiżgura l-indipendenza tagħhom f'termini legali, organizzattivi u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex ikun garantit aċċess nondiskriminatorju għall-faċilitajiet ta' servizz, jiġifieri l-istazzjonijiet (stazzjonijiet tal-passiġġieri, *marshalling yards*, faċilitajiet għall-formazzjoni tal-ferrovija, *sidings* għall-ħażna), it-terminals tal-merkanzija, faċilitajiet għall-manutenzjoni, faċilitajiet tekniċi u dawk għall-irmunkar, eċċ., operati minnhom.

7.4.2 Il-KESE huwa tal-fehma li dan ir-rekwiżit fir-rigward tal-indipendenza legali, organizzattiva u ta' teħid tad-deċiżjonijiet huwa sproporzjonat meta mqabbel mal-objettiv tan-nondiskriminazzjoni u jqiegħed fil-periklu l-istrutturi u l-attivitajiet attwali li ma jistgħux jiġu sostitwiti.

7.4.3 Il-KESE jemmen li jkun biżżejjed li jiġu rispettati r-regoli attwali fejn l-operaturi ta' dawn il-faċilitajiet ta' servizz ikunu obbligati jiggarantixxu aċċess nondiskriminatorju u trasparenti. Din id-dispożizzjoni hija aktar minn biżżejjed peress li l-awtorità ta' kontroll tintervjeni biss f'każijiet ta' nonkonformità mal-leġislazzjoni rilevanti.

7.4.4 Il-KESE jfakkar li l-għan tal-finanzjament pubbliku ta' dawn il-faċilitajiet ta' servizz kien li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-pubbliku. Għaldaqstant, l-aċċess għal dawn is-servizzi għandu jiġi pprovdut biss jekk dan iservi l-interessi tal-pubbliku u meta dawn il-faċilitajiet ta' servizz jibbenefikaw minn finanzjament pubbliku.

7.5 *Monitoraġġ tas-suq*

7.5.1 Skont l-Artikolu 14 tal-abbozz ta' direttiva "riformulata", il-ftehimiet transkonfinali bejn l-Istati Membri jridu jiġu notifikati lill-Kummissjoni, iżda mhuwiex speċifikat liema ftehimiet huma kkonċernati. Il-KESE jitlob sabiex jiġi speċifikat li dan qed jirreferi biss għall-kuntratti ta' servizz pubbliku.

7.5.2 Barra minn hekk, il-proposta għal direttiva tagħti wkoll lill-Kummissjoni s-setgħa għal perjodu indefinit ta' żmien biex tadotta atti delegati li jippermettu l-emendar tad-dispożizzjonijiet inklużi fl-annessi tad-direttiva.

([3]) ĠU C 317 tat-23.12.2009, p. 80.

7.5.3 Peress li wħud minn dawn l-annessi jkopru ċerti punti essenzjali, filwaqt li t-Trattat jawtorizza biss l-użu ta' att delegat sabiex jiġu kompluti jew emendati elementi mhux essenzjali ta' att leġislattiv, il-KESE jemmen li hawnhekk għandha tintuża l-proċedura leġislattiva ordinarja pprovduta fit-trattati tal-UE.

7.5.4 Il-prinċipji bażiċi ta' ftehimiet kuntrattwali bejn awtoritajiet kompetenti u l-maniġers tal-infrastruttura, imniżżlin fl-Anness VII tal-proposta għal direttiva, jinkludu l-prinċipju li l-kuntratt għandu jispeċifika r-regoli biex jiġi ttrattat it-tfixkil kbir tat-tħaddim tas-servizzi, inkluż livell minimu ta' servizz fil-każ ta' strajk, jekk ikun hemm.

7.5.5 Sabiex ma jkun hemm l-ebda interpretazzjoni inċerta jew kwalunkwe suspett ta' interferenza fil-liġi nazzjonali tax-xogħol fl-Istati Membri (u b'hekk isir ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà), il-KESE jipproponi li jiġi stipulat li dan jinvolvi servizz minimu f'dawk l-Istati Membri fejn dan is-servizz huwa previst mil-leġislazzjoni nazzjonali.

## 8. **Il-kontenut tal-Komunikazzjoni dwar l-istrateġija ferrovjarja tal-Kummissjoni 2011-2015**

8.1 Il-komunikazzjoni tippreżenta l-istrateġija ferrovjarja tal-Kummissjoni u l-inizjattivi addizzjonali li din tista' tieħu fil-ħames snin li ġejjin, bħalma huma:

— mobilizzar ta' fondi għall-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja;

— żvilupp ta' iktar netwerks speċjalizzati;

— tneħħija tal-ostakli amministrattivi u tekniċi;

— żgurar tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta ma' modi oħra ta' trasport;

— promozzjoni tal-implimentazzjoni ġenerali tas-sistema ERMTS flimkien mas-Sistema Ewropea għall-Kontroll tal-Ferroviji ETCS.

## 9. **Kummenti rigward il-Komunikazzjoni dwar l-istrateġija ferrovjarja 2011-2015**

9.1 Il-KESE huwa tal-fehma li għandha tingħata prijorità assoluta lill-implimentazzjoni ġenerali tas-sistema ERMTS flimkien mas-Sistema Ewropea għall-Kontroll tal-Ferroviji ETCS. Peress li l-implimentazzjoni ta' din is-sistema tirrikjedi investiment sostanzjali, ser jinħtieġ finanzjament mill-fondi Ewropej.

9.2 Il-Komunikazzjoni tinnota li "minħabba li parti kbira ħafna mis-servizzi domestiċi għall-passiġġieri hija pprovduta skont kuntratti tas-servizzi pubbliċi, il-Kummissjoni se teżamina wkoll il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kuntratti tas-servizzi pubbliċi għall-ġarr bil-ferroviji fl-Istati Membri. Diġà qed issir evalwazzjoni tal-prattiki attwali skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007, li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2009".

9.3 Il-KESE huwa mistagħġeb li l-Kummissjoni ser tevalwa regolament li ilu fis-seħħ mit-3 ta' Diċembru 2009 biss, u li huwa biss parzjalment applikabbli peress li jinkludi għadd ta' dispożizzjonijiet transitorji. Wieħed ma jistax ħlief jibqa' mħasseb dwar l-għaġla tal-Kummissjoni meta tqis il-fatt li din aċċettat ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament 1370/2007 biss wara dibattiti twal u ibsin mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

9.4 Għaldaqstant, il-KESE jitlob li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament 1370/2007/KE jiġu rispettati u li l-Kummissjoni tressaq rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament fi żmien sitt xhur wara t-3 ta' Diċembru 2014. Kwalunkwe korrezzjoni għandha ssir fuq il-bażi ta' dak ir-rapport.

9.5 Il-KESE jfakkar li l-kompetizzjoni mhijiex għan fiha nnifisha iżda mezz sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-UE. It-trattati jenfasizzaw il-ħtieġa li r-regoli tal-kompetizzjoni jiġu kombinati mal-objettivi ta' interess ġenerali. Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm analiżi dettaljata mhux biss "tas-suq ferrovjarju", iżda tas-swieq l-oħra li jagħmlu parti minnu li għandhom karatteristiċi differenti u li jistgħu jeħtieġu regoli differenti skont, fost affarijiet oħra, il-partikolaritajiet lokali, reġjonali, interreġjonali, trans-Ewropej, tal-passiġġieri u tal-merkanzija, eċċ., tagħhom (ara l-Protokoll 26). In-natura speċifika tat-trasport ferrovjarju tista' tkun teħtieġ ukoll inizjattivi relatati mhux mal-kompetizzjoni, iżda mal-kooperazzjoni bejn l-impriżi ferrovjarji.

Brussell, 16 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

*APPENDIĊI*

għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti:

**Punt 7.1.9**

Ibdel kif ġej:

*"Is-sħubijiet pubbliċi-privati jistgħu jintużaw sabiex jiġu mobilizzati, għall-inqas parzjalment, investimenti fuq medda twila ta' żmien, kemm-il darba dawn ikunu soġġetti għal leġislazzjoni li toħloq qafas Ewropew favorevoli għal dawn is-sħubijiet, jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi diverġenti tal-investituri pubbliċi u privati, u, fl-interessi tas-servizz pubbliku u tas-sigurtà, jista' jiġi assigurat kontroll pubbliku tal-~~il-~~patrimonju tal-infrastruttura ferrovjarja ~~jibqa' proprjetà pubblika~~."*

**Raġuni**

Infrastructure assets such as railway track facilities etc. should be submitted for negotiation by public-private partnerships. It is important that railway service facilities be controlled as part of European and national infrastructure.

**Riżultat tal-votazzjoni**

Voti favur: 67

Voti kontra: 88

Astensjonijiet: 22

**Punt 7.2.3**

L-emenda tal-punt 7.2.3 hija marbuta ma' dik tal-punt 1.6 u saret votazzjoni taż-żewġ emendi flimkien.

Ibdel kif ġej:

*"~~L-ewwel nett il-kwistjonijiet dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni għandhom jiġu indirizzati fil-kuntest ta' din il-kompetizzjoni intermodali, iktar milli fi ħdan is-settur ferrovjarju biss.~~ B'mod ġenerali, it-trasport ferrovjarju huwa mod ta' trasport sigur, jirrispetta l-ambjent u effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Sakemm it-tariffi għall-użu tal-infrastruttura tat-trasport ma jirriflettux totalment l-ispejjeż ~~esterni,~~ ambjentali u soċjali fil-modi kollha tat-trasport, sa ċertu punt ser jibqa' jkun hemm distorsjoni fil-kompetizzjoni, għad-detriment tat-trasport ferrovjarju."*

**Raġuni**

The first sentence is in direct contradiction with EU transport policy and should be deleted. Competition in the rail sector is an integral part of the railway package. As no transport mode – including railways – has yet fully internalised its external costs, the second paragraph should be reworded accordingly.

**Punt 1.6**

Ibdel kif ġej:

*"Il-KESE jiddeplora d-dewmien fil-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta ~~bejn il-ferroviji u~~ għall-modi kollha ~~l-oħra~~ tat-trasport, u l-inadegwatezza ġenerali tal-miżuri maħsuba sabiex l-ispejjeż u l-effetti esterni tat-trasport jiġu internalizzati billi jitqiesu l-ispejjeż soċjali esterni meta jiġu stabbiliti t-tariffi."*

**Raġuni**

There are external costs in the rail sector as well, in particular noise pollution, which are not internalised and tax differences etc. which vary between transport modes.

**Riżultat tal-votazzjoni**

Voti favur: 55

Voti kontra: 103

Astensjonijiet: 23

**Punt 7.2.5**

Ibdel kif ġej:

> *"Sabiex l-impriżi ferrovjarji jitħeġġu jinvestu f'teknoloġiji ferrovjarji aktar sostenibbli, il-proposta għal direttiva se tintroduċi imposti ddivrenzjati tal-aċċess għan-netwerk ibbażati fuq il-karatteristiċi tal-emissjonijiet tal-istorbju tar-rolling stock.*
>
> *Skont il-Kummissjoni (għalkemm dan mhuwiex ippreċiżat fl-abbozz tad-direttiva) dan id-divrenzjar tal-imposti ser jiġi applikat billi jitnaqqsu l-imposti tal-aċċess għall-kumpaniji li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-istorbju mir-rolling stock tagħhom. Il-Kumitat jemmen ~~Il-KESE huwa tal-fehma~~ li din il-miżura ta' min ifaħħarha, iżda jinnota li huwa importanti li din tiġi introdotta b'tali mod li ma jagħmilx ħsara lill-kompetittività tal-impriżi ferrovjarji ~~xorta jqis li din għandha tiġi applikata biss b'mod obbligatorju (u mhux biss fakultattiv) għall-modi l-oħra tat-trasport~~."*

**Raġuni**

In view of what is stated in previous points, internalisation of noise costs should not be opposed, but on condition that it takes place without competitiveness being damaged in relation to competing transport modes.

**Riżultat tal-votazzjoni**

Voti favur: 57

Voti kontra: 110

Astensjonijiet: 16

**Punt 7.4.2**

L-emenda tal-punt 7.4.2 hija marbuta ma' dik tal-punt 1.7 u saret votazzjoni taż-żewġ emendi flimkien.

Għaqqad il-punti 7.4.2 u 7.4.3 u biddel kif ġej:

> *"Il-Kumitat iħoss li mhux evidenti fejn eżattament tista' tinġibed il-linja bejn l-infrastruttura pubblika u r-riżorsi tal-operaturi privati. Din hija kwistjoni li għandha tiġi diskussa. Madankollu, jidher ċar mill-esperjenza li l-aċċess għal, pereżempju, terminals, stazzjonijiet u marshalling yards jista' jkun kruċjali għat-twaqqif ta' operaturi ġodda u għalhekk għall-iżvilupp tas-suq.*
>
> *Il-KESE jemmen, fil-prinċipju, li għandu jkun biżżejjed li jiġu rispettati r-regoli attwali fejn l-operaturi ta' dawn il-faċilitajiet ta' servizz ikunu obbligati jiggarantixxu aċċess nondiskriminatorju u trasparenti. ~~Din id-dispożizzjoni hija aktar minn biżżejjed peress li l-awtorità ta' kontroll tintervjeni biss f'każijiet ta' nonkonformità mal-leġislazzjoni rilevanti.~~ Fid-dawl tal-esperjenza miksuba, u billi jikkunsidra l-importanza tal-aċċess miftuħ għan-nodi ta' infrastruttura ċentrali, i~~l~~l-KESE għalhekk huwa tal-fehma li dan ir-rekwiżit fir-rigward tal-indipendenza legali, organizzattiva u ta' teħid tad-deċiżjonijiet jista' jkun ġustifikat fi wħud mill-każijiet. Madankollu, huwa importanti li dan ma ~~sproporzjonat meta mqabbel mal-objettiv tan-nondiskriminazzjoni u~~ jqegħedx fil-periklu ~~l-istrutturi u~~ l-attivitajiet attwali ~~li ma jistgħux jiġu sostitwiti~~."*

**Raġuni**

See also the reason for point 1.7. Access to major intermodal terminals and marshalling yards etc. must be completely competition neutral in order for a European rail market to be created. This is one of the key demands of the emerging number of independent rail operators, together with fair allocation of track capacity.

**Punt 1.7**

Ibdel kif ġej:

> *"Fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-faċilitajiet tas-servizz ferrovjarju, il-KESE ma ~~jistax~~ jappoġġjax ir-rekwiżit ta' indipendenza legali, organizzattiva u tat-teħid ta' deċiżjonijiet li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta għall-operaturi kollha tas-suq ferrovjarju ~~jista' jipperikola l-istrutturi attwali li ma jistgħux jiġu sostitwiti~~."*

**Raġuni**

Terminal resources and marshalling yards etc are, of course, part of the common infrastructure in a free market. Experience shows that without clear independence where terminal resources etc. are concerned new rail operators cannot be guaranteed equal treatment in comparison with former national monopoly operators. The risk of abuse of a dominant position cannot be ruled out. Compare also the Commission's own assessment of the railway packages (point 3.3).

**Riżultat tal-votazzjoni**

Voti favur: 54

Voti kontra: 111

Astensjonijiet: 21

**Punt 7.4.4**

Ħassar il-punt:

"~~*Il-KESE jfakkar li l-għan tal-finanzjament pubbliku ta' dawn il-faċilitajiet ta' servizz kien li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-pubbliku. Għaldaqstant, l-aċċess għal dawn is-servizzi għandu jiġi pprovdut biss jekk dan iservi l-interessi tal-pubbliku u meta dawn il-faċilitajiet ta' servizz jibbenefikaw minn finanzjament pubbliku.*~~"

**Raġuni**

If these facilities are financed with public funds they should be regarded as infrastructure and thus be open to all rail operators who use this infrastructure.

**Riżultat tal-votazzjoni**

Voti favur: 51

Voti kontra: 119

Astensjonijiet: 20

Il-partijiet li ġejjin tal-opinjoni tas-sezzjoni nċaħdu minħabba emendi adottati mill-Assemblea iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti mitfugħa.

**Punt 6**

Titolu:

"*Diffikultajiet u ostakli* ~~*għall-aġġustament tal-bilanċ modali*~~"

**Raġuni**

Ħassar il-kliem "għall-aġġustament tal-bilanċ modali".

**Riżultat tal-votazzjoni**

Voti favur: 97

Voti kontra: 42

Astensjonijiet: 18

**Punt 6.2, l-ewwel sentenza:**

Ibdel kif ġej:

"*F'ħafna każijiet, l*~~*L*~~*-infrastruttura ferrovjarja* ~~*hija fiha nnifisha*~~ *jkollha l-karatteristiċi ta' monopolju naturali. Huwa importanti li din l-infrastruttura tkun soġġetta għal kontroll pubbliku reali u li jkollha l-kapaċità meħtieġa u tipprovdi koordinazzjoni transkonfinali li tippermetti servizzi tat-trasport uniformi madwar l-Ewropa kollha u mal-pajjiżi ġirien. Is-servizzi tat-trasport ferrovjarju* ~~*u dan*~~ *jeħtieġu wkoll bilanċjar effettiv bejn, minn naħa, il-kundizzjonijiet ekonomiċi, soċjali, tax-xogħol, tas-sigurtà u tal-ambjent, u, min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet ekonomiċi u kompetittivi.* ~~*Xorta tibqa' l-ħtieġa li jiġu żgurati kontroll pubbliku reali u evalwazzjoni tal-effikaċja tas-servizz ferrovjarju, ħaġa li timplika l-intervent u l-parteċipazzjoni demokratika tal-partijiet interessati kollha.*~~"

**Riżultat tal-votazzjoni**

Voti favur: 118

Voti kontra: 36

Astensjonijiet: 18

# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija"

*COM(2010) 726 finali*

(2011/C 132/21)

Relatur ġenerali: **is-Sur IOZIA**

Nhar it-22 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija*

COM(2010) 726 finali.

Nhar it-18 ta' Jannar 2011, il-Bureau tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew inkariga lis-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Fid-dawl tan-natura urġenti tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċali Ewropew, b'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, ħatar lis-Sur IOZIA bħala relatur ġenerali matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Marzu 2011 (seduta tas-16 ta' Marzu) u adotta din l-opinjoni b'150 vot favur u ħames astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE):

1.1 jappoġġja u japprova l-Proposta għal Regolament tal-Kummissjoni biex tippromovi miżuri kontra l-manipulazzjoni tas-swieq bl-ingrossa tal-enerġija u biex tagħmilhom aktar trasparenti. Din id-dispożizzjoni hija bbażata fuq studju konġunt li ntalab li jsir bejn il-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli (Committee of European Securities Regulators – CESR) u l-Grupp Ewropew tar-Regolaturi għall-Elettriku u l-Gass (European Regulators Group for Electricity and Gas – ERGEG), li fih ġew identifikati xi lakuni regolatorji fir-rigward tas-suq bl-ingrossa tal-gass u tal-enerġija.

1.2 jikkunsidra l-għażla tal-istrument ta' regolamentazzjoni, fuq il-bażi legali tal-Artikolu 194 tat-TFUE, bħala aċċettabbli kemm għall-ħtieġa ta' leġislazzjoni kompletament komuni, kif ukoll għall-importanza tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu l-ġdid definit fit-Trattat ta' Lisbona fir-rigward tal-enerġija inġenerali u l-iżvilupp tas-suq intern b'mod partikolari, kif stipulat fil-punt 2.

1.3 jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li jintużaw l-atti delegati, li jiċċaraw uħud mill-punti ewlenin tar-regolament, bħad-definizzjoni u l-perjodu ta' żmien stabbilit għall-ġbir tad-data, b'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE li jipprevedi dan l-istrument amministrattiv ġdid biex jitħaffef ix-xogħol tal-istituzzjonijiet Ewropej. Atti delegati bħal dawn għandhom jinħarġu b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u għandhom jiġu ppubblikati b'mod adegwat. Il-KESE jissuġġerixxi li jiġi stabbilit perjodu ta' żmien għall-adozzjoni tal-atti delegati, kif jipprevedi l-istess Artikolu, biex ir-regolament jiġi implimentat b'mod rapidu u uniformi. Mingħajr l-atti delegati, il-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tas-suq tkun diffiċli fil-ġejjieni. Jirrakkomanda li l-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili jiġu involuti fit-tħejjija tal-atti delegati u jissuġġerixi li jiddaħħlu xi eżempji fil-premessi preliminari.

1.4 huwa tal-fehma li l-effiċjenza tas-swieq transkonfinali ssaħħaħ is-sigurtà tal-provvista, l-aħjar ġestjoni possibbli tal-kriżijiet u t-tnaqqis fir-riskju ta' żidiet fl-ispejjeż, li dejjem jaqgħu fuq l-utent aħħari. It-titjib gradwali tas-suq intern tal-enerġija jippermetti li jinkiseb tfaddil sinifikanti għall-benefiċċju tan-negozji u l-utenti privati.

1.5 huwa tal-fehma li s-setgħat li għandhom jingħataw lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali huma komprensivi u penetranti u jitlob li tiġi definita proċedura bil-għan li, fi żmien raġonevolment qasir, tiġi kontrollata l-garanzija effettiva li l-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali biex ikollhom setgħat ta' spezzjoni u investigazzjoni effettivi, li għandhom jissejsu fuq elementi komuni u armonizzati. In-nuqqas ta' uniformità regolatorja kien u għadu wieħed mill-fatturi li jikkontribwixxu għad-dewmien fit-twettiq tas-suq uniku tal-enerġija.

1.6 jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li r-regolament għandu l-għan li jsaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali li jirregolaw is-swieq tal-enerġija, l-awtoritajiet li jirregolaw is-swieq finanzjarji, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija u l-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli. Il-KESE ilu żmien jitlob għal dan il-proċess gradwali ta' integrazzjoni u kooperazzjoni.

1.7 huwa konvint li jeħtieġ li tiżdied il-fiduċja fis-suq fost il-parteċipanti, li għandhom ikunu żguri li qed jaħdmu f'suq li jikkastiga l-abbuż tas-suq permezz ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni tar-regolament min-naħa tal-Istati Membri, li għandhom jaħdmu flimkien biex jiġi evitat li dak li seħħ fis-swieq finanzjarji permezz tal-arbitraġġ regolatorju jseħħ ukoll fis-suq tal-enerġija. Li ġara f'dan il-każ kien li l-operazzjonijiet finanzjarji saru f'postijiet fejn ir-regolamentazzjoni hija aktar flessibbli jew tolleranti fir-rigward tas-sistema tas-sanzjonijiet.

1.8 Il-KESE jistaqsi wkoll jekk l-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni tar-regolament għandhomx jithallsu mill-pubbliku jew jekk għandhomx jikkontribwixxu għalihom anke l-operaturi tas-suq, bħal kif pereżempju jiġri f'xi pajjiżi fil-kuntest tal-iffinanzjar tal-awtoritajiet superviżorji tas-swieq finanzjarji, li huma parzjalment iffinanzjati mill-entitajiet sorveljati.

1.9 Iqis li huwa essenzjali li tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. It-twaqqif tan-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (European Network of Transmission System Operators – ENTSO) mistenni jagħti spinta deċiżiva lill-possibilità li jinħolqu kodiċijiet tan-netwerk li jiżguraw aċċess effettiv u trasparenti għan-netwerks ta' trażmissjoni. Dawn il-kodiċijiet tan-netwerk għandhom ikunu konsistenti mal-linji gwida qafas, li mhumiex vinkolanti, li għandha toħroġ l-Aġenzija.

1.10 josserva li fis-swieq bl-ingrossa tal-enerġija tal-Unjoni għad hemm kundizzjonijiet mhux uniformi u diskriminazzjonijiet. Minħabba l-iżbilanċ strutturali fin-netwerk, iżda b'mod partikolari minħabba l-interkonnessjoni transkonfinali, l-integrazzjoni tas-swieq hija totalment inadegwata. Għad hemm ostakli kbar li jxekklu l-possibilità ta' aċċess mhux diskriminatorju għan-netwerk u għall-bejgħ tal-enerġija elettrika. Il-kontrolli mir-regolaturi għadhom ma laħqux livell ta' effettività konsistenti u wħud mis-swieq għadhom iżolati u mhux aċċessibbli għal operaturi oħra.

1.11 għalhekk, jappoġġja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tneħħi l-ostakoli għall-ħolqien ta' suq intern effiċjenti u integrat, li l-benefiċċji tiegħu għandhom jinqasmu bejn il-produtturi, l-operaturi u l-konsumaturi.

1.12 iqis li huwa essenzjali li jkomplu l-isforzi favur il-bini ta' Ewropa tal-enerġija, li fiha jitħarsu l-interessi ġenerali tal-Unjoni u tal-konsumaturi, tiġi garantitia l-provvista tal-enerġija u jiġu protetti, permezz ta' politiki adegwati li jqassmu l-benefiċċji b'mod ekwu u jiżguraw l-adegwatezza tal-ispejjeż, is-sostenibilità soċjali, ambjentali u ekonomika kif ukoll l-integrità tas-suq bħala fattur essenzjali għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali tas-suq.

1.13 konxju tal-iffinanzjar gradwali tas-swieq tal-enerġija permezz tas-swieq finanzjarji, jikkunsidra li huwa essenzjali li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn l-aġenziji differenti u l-awtoritajiet Ewropej, li huwa fl-interess tagħhom li jiddefendu u jipproteġu s-swieq u jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li r-regolament dwar il-manipulazzjoni u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija elettrika u tal-gass ġie ispirat mir-regoli ġenerali kontra l-abbuż tas-suq, li diġà huma fis-seħħ fis-settur finanzjarju u li dalwaqt se jiġu aġġornati. Għal dan il-għan iqis li jkun xieraq li dan ir-regolament jiġi kkoordinat mal-proċess ta' reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq (Market Abuse Directive – MAD).

1.14 jittama li l-prinċipji gwida li fuqhom hija bbażata l-proposta għad-direttiva l-ġdida – MAD – jiġu inklużi fit-test finali ttar-regolament li qed jiġi diskuss. B'mod partikolari, jitlob li jiġu kkunsidrati: iż-żieda fl-integrità tas-suq, it-tisħiħ tal-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni kontra l-abbuż tas-suq, it-tnaqqis fl-indiskrezzjoni nazzjonali fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet u tal-adegwatezza u l-kapaċità dissważiva tagħhom, l-introduzzjoni ta' standards armonizzati u t-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi li mhumiex meħtieġa, b'mod partikolari għall-SMEs, u l-ħtieġa għal żieda fit-trasparenza u l-effiċjenza tal-awtoritajiet superviżorji.

1.15 Il-KESE jenfasizza l-importanza tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi u jinsab sodisfatt li l-Aġenzija għandha dawn ir-relazzjonijiet u li tista' tikkonkludi ftehimiet mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-amministrazzjonijiet tal-pajjiżi terzi.

## 2. Introduzzjoni

2.1 Kien hemm bidliet sinifikanti fis-suq intern tal-enerġija elettrika u tal-gass, u waħda mill-aktar importanti minnhom hija bla dubju li ngħatat l-opportunità ta' aċċess għall-iskambji ta' enerġija lil firxa ta' partijiet interessati, u li nxtered il-kummerċ transkonfinali fl-Unjoni, li kkontribwixxa biex jiġi ottimizzat l-użu tal-produzzjoni tal-enerġija, li wassal għat-twessigħ tal-bażi tad-domanda.

2.2 Għad hemm ħafna ostakli li jxekklu l-ħolqien ta' suq intern effiċjenti, funzjonali u bi prezzijiet raġonevoli. Il-konsumaturi ma gawdew minn l-ebda benefiċċju partikolari mill-iżvilupp tas-suq intern, li qed isibha bi tqila jibda jopera minħabba r-reżistenza ta' xi operaturi diġà stabbiliti li huma appoġġati mill-gvernijiet nazzjonali tagħhom. Id-diskussjoni kollha dwar is-separazzjoni (unbundling) tal-proprjetà tal-ġenerazzjoni u dik tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni hija waħda emblematika, li llum jidher li għadha ma ġietx solvuta f'uħud mill-pajjiżi ewlenin tal-UE u li, madankollu, għandha tiġi solvuta qabel it-3 ta' Marzu 2013.

2.3 Il-ħames miżuri regolatorji fil-qasam tal-enerġija u l-gass, magħrufa bħala t-"tielet pakkett", li l-implimentazzjoni tagħhom fis-sistemi nazzjonali hija mistennija li sseħħ qabel it-3 ta' Marzu 2011, iservu biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet aħjar għall-ħolqien tas-suq intern.

2.4 Minħabba, fost affarijiet oħrajn, it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija elettrika u tal-gass, qed ikun hemm dewmien sinifikanti fil-programm ta' żvilupp tal-interkonnessjoni bejn l-Istati Membri u bejn l-Unjoni u l-imsieħba minn pajjiżi terzi. Din hija waħda mill-kawżi prinċipali li jimpedixxu l-ħolqien tas-suq intern u li l-Aġenzija għandha tissorvelja b'mod kontinwu.

2.5 Id-dewmien regolatorju ħoloq sitwazzjoni li fiha s-suq bl-ingrossa tal-enerġija elettrika u tal-gass kien espost għall-possibbiltà ta' manipulazzjoni u qed ibati minn nuqqas ta' trasparenza, li fuq perjodu twil ta' żmien idgħajjef il-kredibilità tas-suq innifsu kif ukoll il-fiduċja tal-operaturi fil-qasam, u jwassal għal ħsara oġġettiva.

2.6 L-effiċjenza tas-swieq transkonfinali ssaħħaħ is-sigurtà tal-provvista, l-aħjar ġestjoni possibbli tal-kriżijiet u t-tnaqqis fir-riskju ta' żidiet fl-ispejjeż, li dejjem jaqgħu fuq l-utent aħħari. It-titjib gradwali tas-suq intern tal-enerġija jippermetti li jinkiseb tfaddil sinifikanti għall-benefiċċju tan-negozji u l-utenti privati, fid-dawl tal-fatt li l-produzzjoni tkun inqas imxerrda, li l-provvista u d-domanda jkunu jistgħu jiġu ssodisfati faċilment f'suq fluwidu u effiċjenti u li l-provvisti jkunu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi.

2.7 F'dan il-kuntest, wara li wettqet analiżi bir-reqqa, il-Kummissjoni ħarġet il-Proposta għal Regolament dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq u l-prevenzjoni tal-manipulazzjoni tagħhom.

## 3. **Il-proposta tal-Kummissjoni**

3.1 L-Unjoni Ewropea żgur tibbenefika jekk tkun tista' tiddependi minn suq bl-ingrossa tal-elettriku u tal-gass fluwidu, ordnat u li jaħdem tajjeb u li fuq kollox ikun protett minn manipulazzjonijiet li għandhom effett sinifikanti fuq l-utent aħħari. L-għan li jiġi stabbilit suq bl-ingrossa tal-enerġija Ewropew effiċjenti sal-2015 jitlob li jiġu adottati miżuri li jiffavorixxu l-iżvilupp tiegħu b'mod ordnat u regolari.

3.2 Fl-2007 il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli (CESR) u lill-Grupp Ewropew tar-Regolaturi għall-Elettriku u l-Gass (ERGEG) jistudjaw in-nuqqasijiet fil-qafas regolatorju tas-swieq u jressqu proposti biex itejbu t-trasparenza u l-integrità tagħhom fit-tranżazzjonijiet u l-kuntratti għall-provvista ta' gass u elettriku, kif ukoll fid-derivati.

3.3 Dan l-istudju kien utli ħafna u kien il-bażi li fuqha ġiet imfassla l-proposta tal-Kummissjoni.

3.4 Il-Kummissjoni tipproponi l-adozzjoni ta' regolament li jipprojbixxi b'mod espliċitu kull forma ta' abbuż fis-swieq bl-ingrossa tal-elettriku u tal-gass, b'mod partikolari l-insider trading u l-abbuż tas-suq, b'konformità mad-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq, iżda li ma għandux japplika għall-istrumenti finanzjarji relatati, li diġà huma regolati mid-direttiva. Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 194(1)(a) tat-TFUE, li jagħti r-responsabbiltà li s-suq intern tal-enerġija jaħdem tajjeb lill-Unjoni.

3.5 Il-projbizzjoni tal-insider trading hija akkumpanjata mill-obbligu li l-operaturi tas-suq jikkomunikaw lill-pubbliku kull informazzjoni privileġġata (insider information) relatata man-negozju tagħhom disponibbli u li tirrigwarda l-kapaċità tal-istabbilimenti ta' produzzjoni, ta' ħażna, ta' konsum jew ta' trasport tal-enerġija elettrika jew tal-gass naturali.

3.6 B'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-trattat il-ġdid, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, ipprevediet l-adozzjoni ta' atti delegati, strument ġdid ta' natura leġislattiva li jippermetti lill-Kummissjoni temenda l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' direttiva jew regolament permezz ta' proċedura simplifikata.

3.7 L-ispeċifikazzjonijiet marbuta mad-definizzjoni ta' manipulazzjoni jew ta' tentattivi ta' manipulazzjoni tas-swieq se jiġu definiti fuq il-bażi ta' atti delegati tal-Kummissjoni. Dawn se jikkunsidraw il-funzjonament tas-swieq, l-impatt possibbli fuq is-swieq bl-ingrossa tal-enerġija, il-produzzjoni, il-konsum, l-użu tat-trasport jew l-użu tal-kapaċità ta' ħżin effettiv jew ippjanat, il-kodiċijiet tan-netwerks u l-linji gwida qafas adottati b'konformità mar-Regolament (KE) 714/2009 u r-Regolament (KE) 715/2009.

3.8 Ir-regolament inkwistjoni jipprevedi li l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-attività tal-kummerċ u tiġbor l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-swieq.

3.9 L-Aġenzija tiġbor ukoll informazzjoni permezz tar-reġistru tal-operazzjonijiet fis-swieq bl-ingrossa tal-enerġija, inklużi l-ordnijiet kummerċjali. Din l-informazzjoni tinqasam bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-awtoritajiet finanzjarji, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u awtoritajiet kompetenti oħra.

3.10 Ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet jagħmlu l-informazzjoni tagħhom disponibbli u l-awtoritajiet finanzjarji mbagħad jipprovdu rapporti lill-Aġenzija dwar tranżazzjonijiet relatati ma' prodotti tal-enerġija.

3.11 Ir-regolament jipprevedi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali, kemm bejniethom kif ukoll mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority – ESMA), u bejn l-Aġenzija u l-ESMA, jekk ikollha suspett li hemm jew li kien hemm aġir li jikkostitwixxi abbuż tas-suq.

3.12 Is-sanzjonijiet huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri, li għandhom jadottaw miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi (għad-definizzjonijiet, ara l-Artikolu 2 tar-Regolament).

## 4. **Kummenti tal-KESE**

4.1 Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni, li għandha l-għan li tittejjeb is-sitwazzjoni mhux trasparenti tas-suq u li, b'mod indirett, tappoġġja l-iżvilupp tas-suq intern bl-ingrossa tal-enerġija elettrika u l-gass.

4.2 Il-Kumitat jaqbel bis-sħiħ mal-bażi legali tar-regolament. L-Artikolu 194 fil-fatt jagħti mandat b'mod impliċitu lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tas-suq intern tal-enerġija. Regolament żgur li huwa l-aktar strument adattat biex jiżgura standardizzazzjoni uniformi, li jista' jiġi applikat b'mod immedjat u huwa konsistenti mal-miri ta' armonizzazzjoni li huma essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

4.3 Fis-swieq bl-ingrossa tal-enerġija fl-Unjoni għad hemm kundizzjonijiet mhux uniformi u diskriminazzjonijiet. Minħabba l-iżbilanċ strutturali fin-netwerk, iżda b'mod partikolari minħabba l-interkonnessjoni transkonfinali, l-integrazzjoni tas-swieq hija totalment inadegwata. Għad hemm ostakli kbar li jxekklu l-possibilità ta' aċċess mhux diskriminatorju għan-netwerk u għall-bejgħ tal-enerġija elettrika. Il-kontrolli mir-regolaturi għadhom ma laħqux livell ta' effettività konsistenti u wħud mis-swieq għadhom iżolati u mhux aċċessibbli għal operaturi oħra. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej min-naħa tal-Istati Membri, filwaqt li tappoġġja l-proġetti ta' interkonnessjoni u tneħħi l-ostakli, fost affarijiet oħra billi tippenalizza l-ostakli għat-twettiq tas-suq intern li huwa effiċjenti, trasparenti u bi spejjeż ġustifikati.

4.4 Il-prestazzjoni tas-suq, skont l-istimi tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, huwa limitat minħabba l-inadegwatezza tar-regoli eżistenti dwar it-trasparenza tal-aċċess għall-infrastruttura, li jagħmluha impossibbli li jkun hemm garanzija ta' suq intern effettiv, funzjonali, miftuħ u effiċjenti.

4.5 Il-miżuri proposti jiffaċilitaw l-iżvilupp tas-suq: il-ġlieda kontra l-manipulazzjoni u l-abbuż tas-suq, l-għoti lill-operaturi ta' kull informazzjoni sensittiva dwar l-effiċjenza u s-sitwazzjoni fiżika tas-sistema, fosthom il-ġenerazzjoni, il-provvista u d-domanda tal-enerġija elettrika, inkużi l-previżjonijiet, il-kapaċità tan-netwerk u tal-interkonnessjoni, il-konġestjoni mistennija tan-netwerk, il-flussi u l-manutenzjoni, l-ibbilanċjar u l-kapaċità ta' riżerva.

4.6 Id-disponibbiltà fl-istess ħin tal-informazzjoni utli kollha tippermetti lill-operaturi kollha fis-suq jivvalutaw, bl-istess strumenti, is-sitwazzjoni globali tal-provvista u d-domanda biex ikunu jistgħu jinterpretaw aħjar id-dinamika tal-prezzijiet tas-suq bl-ingrossa tal-enerġija elettrika u tal-gass.

4.7 L-Aġenzija għandha tistabbilixxi servizz ta' ġbir tad-data, iżda wkoll ta' servizz ta' spezzjoni, operati minn persunal speċjalizzat. Ir-regolament jipprevedi persunal addizzjonali biex jiffoka fuq il-ħtiġijiet marbuta mal-funzjonijiet il-ġodda mogħtija lill-Aġenzija.

4.7.1 Il-KESE jitlob li, kull sena, l-Aġenzija tippubblika komunikazzjoni dwar l-inizjattivi li ħadet, ir-riżultati miksuba mir-regolament diskuss hawnhekk u l-iżvilupp tas-suq bl-ingrossa tal-enerġija.

4.8 Il-KESE jistaqsi wkoll jekk l-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni tar-regolament għandhomx jitħallsu mill-pubbliku jew jekk għandhomx jikkontribwixxu għalihom anke l-operaturi tas-suq, bħal kif pereżempju jiġri f'xi pajjiżi fil-kuntest tal-iffinanzjar tal-awtoritajiet superviżorji tas-swieq finanzjarji, li huma parzjalment iffinanzjati mill-entitajiet sorveljati. L-interess tal-operaturi huwa evidenti u s-servizz ta' ġbir u tixrid tad-data dwar is-suq huwa strument ta' trasparenza, garantit mill-awtorità pubblika lil kulħadd, u li jwassal għal benefiċċju immedjat għall-operaturi. Barra minn hekk, suq solidu u żviluppat tajjeb jiflaħ għal dawn l-ispejjeż.

4.9 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkontrollaw ukoll, fuq bażi regolari, li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni qed josservaw ir-regoli. Il-KESE iqis li huwa essenzjali li tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-amministraturi tas-sistemi ta' trażmissjoni. It-twaqqif tal-ENTSO, li mistenni jippreżenta l-abozz ta' statut tiegħu fir-rebbiegħa tal-2011, se tagħti spinta straordinarja lill-possibilità li jinħolqu kodiċijiet tan-netwerk li jkunu jistgħu iwasslu għal aċċess effettiv u trasparenti għal netwerks ta' trażmissjoni, kif previst mir-Regolament (KE) 714/2009. Dawn il-kodiċijiet tan-netwerk għandhom ikunu konsistenti mal-linji gwida qafas li għandha toħroġ l-Aġenzija, li minnhom innifishom mhumiex vinkolanti.

4.10 L-ENTSO għandu jopera b'konformità stretta mar-regoli dwar il-kompetizzjoni u jarmonizza u jintegra gradwalment il-kodiċijiet tan-netwerk transkonfinali, mingħajr ma jaqleb għall-kodiċijiet tan-netwerk nazzjonali. Il-kooperazzjoni reġjonali tista' tiżgura l-aqwa livell ta' progress fl-integrazzjoni tas-suq uniku tal-enerġija. Il-Kumitat jappoġġja l-possibilità li l-ENTSO jkun organizzat fil-livell reġjonali, fl-ambitu tal-kooperazzjoni ġenerali.

4.11 Il-kooperazzjoni reġjonali diġà hija inkoraġġanti. L-Inizjattiva Reġjonali tal-Gass (Gas Regional Initiative – GRI) u l-Inizjattiva Reġjonali tal-Elettriku (Electricity Regional Initiative – ERI) qed jagħtu riżultati eċċellenti. Il-Kumitat jappoġġja u jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn li qed juru r-regolaturi u l-operaturi biex isolvu l-problemi kumplessi relatati mal-interkonnessjoni u l-ħolqien ta' suq trasparenti u effiċjenti.

4.12 Il-konklużjoni ta' ftehim f'dan il-kuntest, pereżempju bejn l-awtoritajiet u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-Italja u s-Slovenja, wittiet it-triq biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mal-konġestjoni u l-ibbilanċjar permezz ta' sistemi ta' twissija bikrija għall-inħawi kkonċernati u soluzzjonijiet bilanċjati u trasparenti permezz tal-metodu ta' akkoppjament tas-swieq (market coupling). dan il-metodu jiġbor flimkien il-previżjonijiet tad-omanda u l-provvista permezz ta' operatur ċentrali sabiex tkun tista' tittejjeb l-effiċjenza tas-suq ta' jum bil-quddiem (day-ahead market).

## 5. **Kummenti speċifiċi**

5.1 Il-KESE jappoġġja l-użu tal-atti delegati biex jiġu identifikati l-ispeċifikazzjoniet relatati mad-definizzjonijiet u mal-ġbir tad-data, li għandhom isiru b'konformità stretta mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE.Il-KESE jikkunsidra li d-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 huma ġeneriċi wisq għal regolament. Il-proċedura għall-adozzjoni tal-atti delegati li fihom se jkunu previsti l-ispeċifikazzjonijiet dwar id-definizzjonijiet ta' informazzjoni privileġġata u ta' manipulazzjoni tas-suq, kif stipulat fl-Artikolu 5 tar-Regolament, għandha tipprevedi perjodu ta' żmien speċifiku għall-adozzjoni tal-atti delegati, kif previst fl-Artikolu 290 tat-TFUE, u sistema li tiżgura li jiġu ppubbliċizzati b'mod adegwat.

5.2 Il-KESE jħoss li, fin-nuqqas ta' regoli uniformi ta' interpretazzjoni, hemm ir-riskju li l-implimentazzjoni tar-regolament toħloq diżordni fis-suq jekk l-awtoritajiet nazzjonali ma jiġux megħjuna jħejju proċedura komuni ta' valutazzjoni u jekk ma jiżviluppawx ġabra komprensiva u approvata ta' regoli dwar l-imġiba abużiva. Il-KESE jissuġġerixxi lill-Kummissjoni li tistabbilixxi perjodu ta' żmien għall-atti delegati biex tingħata ċertezza lis-suq. F'każ li jkun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' dejjem taġġorna l-atti.

5.3 L-Artikolu 7 jqajjem l-istess problemi msemmija. Għandha tiġi ffissata data, magħżula mill-KESE, sa meta l-Kummissjoni għandha timpenja ruħha li tadotta l-atti delegati dwar il-ġbir tad-data, u l-ħin, il-forma u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa. Aktar ma d-data tkun qrib l-adozzjoni tar-regolament mill-korpi tal-UE responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet, aktar ir-regolament ikun effettiv.

5.4 Il-KESE huwa tal-fehma li s-setgħat li għandhom jingħataw lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali huma komprensivi u penetranti, iżda anke f'dan il-każ jitlob għal aktar ċertezza fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regolament u jistaqsi jekk ikunx aħjar li l-Istati Membri jingħataw żmien raġonevolment qasir li matulu jissodisfaw l-obbligu tagħhom li "jiggarantixxu" li l-awtoritajiet jingħataw dawn is-setgħat ta' investigazzjoni. In-nuqqas ta' uniformità regolatorja kien u għadu wieħed mill-fatturi li jikkontribwixxu għad-dewmien fit-twettiq tas-suq uniku tal-enerġija.

5.5 Il-KESE jittama li l-s-sanzjonijiet huma sostanzjalment allinjati fl-Istati Membri kollha u li ma jkunx hemm sitwazzjonijiet ta' arbitraġġ regolatorju, jiġifieri li jintgħażel li l-kuntratti jiġu konklużi fil-pajjiż li jkollu riskju baxx li jimponi sanzjonijiet. Il-leġislazzjoni dwar l-abbuż tas-suq (MAD) diġà identifikat standards komuni fis-sistemi tas-sanzjonijiet u l-Kummissjoni diġà tirreferi għal dan fil-premessa 23 tar-regolament diskuss. Is-suq bl-ingrossa tal-enerġija huwa suq li fih isir skambju ta' kwantitajiet ta' enerġija maħsuba biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' importazzjoni/esportazzjoni u għalhekk il-post fejn isiru l-ftehimiet dwar il-lottijiet ta' gass jew elettriku mhuwiex importanti.

5.6 Il-KESE jenfasizza l-importanza tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi u jinsab sodisfatt li l-Aġenzija għandha dawn ir-relazzjonijiet u li tista' tikkonkludi ftehimiet mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-amministrazzjonijiet tal-pajjiżi terzi. Il-KESE jirrakkomanda li l-Artikolu 14 jinkiteb mill-ġdid b'tali mod li l-Aġenżija tingħata setgħa ġenerali ta' rappreżentazzjoni, b'rabta speċifika mal-ambitu tar-regolament diskuss.

Brussell, 16 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti" (Riformulazzjoni)**

*COM(2011) 29 finali – 2011/0011 (COD)*

(2011/C 132/22)

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, nhar il-15 ta' Frar u nhar l-14 ta' Frar 2011 rispettivament, iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti*

COM(2011) 29 finali – 2011/0011 (COD)

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m'hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul l-470 sessjoni plenarja tiegħu tal-15 u tas-16 ta' Marzu 2011 (seduta tal-15 ta' Marzu), b'180 vot favur, 2 voti kontra u 21 astensjoni, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, 15 ta' Marzu 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2011/C 132/13 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Reviżjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament LIFE+" *COM(2010) 516 finali* | 75 |
| 2011/C 132/14 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-Reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja dwar il-Merkurju" *COM(2010) 723 finali* | 78 |
| 2011/C 132/15 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-Abbozz ta' Regolament (UE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew" *COM(2010) 767 finali – 2010/0370 (COD)* | 82 |
| 2011/C 132/16 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 fir-rigward tar-regoli għall-implimentazzjoni ta' modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti skont il-politika agrikola komuni" *COM(2010) 772 finali – 2010/0372 (COD)* | 87 |
| 2011/C 132/17 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament (UE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS unika)" *COM(2010) 799 finali – 2010/0385 finali* | 89 |
| 2011/C 132/18 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/75/KE fir-rigward tat-tilqima kontra l-bluetongue" *COM(2010)666 finali – 2010/0326 (COD)* | 92 |
| 2011/C 132/19 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020" *COM(2010) 389 finali* | 94 |
| 2011/C 132/20 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea *COM(2010) 475 finali 2010/0253 (COD)* u il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' Żona Unika Ferrovjarja Ewropea" *COM(2010) 474 finali* | 99 |
| 2011/C 132/21 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija" *COM(2010) 726 finali* | 108 |
| 2011/C 132/22 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti" (Riformulazzjoni) *COM(2011) 29 finali – 2011/0011 (COD)* | 113 |


MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT